# Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

L 188

Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni

Volum 65

15 ta' Lulju 2022

Werrej

II *Atti mhux leġiżlattivi*

REGOLAMENTI


★ **Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2022/1214 tad-9 ta' Marzu 2022 li jemenda r-Regolament Delegat (UE) 2021/2139 fir-rigward tal-attivitajiet ekonomiċi f'ċerti setturi tal-enerġija u r-Regolament Delegat (UE) 2021/2178 fir-rigward ta' divulgazzjonijiet pubbliċi speċifiċi għal dawn l-attivitajiet ekonomiċi** (1) ..... 1

★ **Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2022/1215 tas-7 ta' Lulju 2022 li jistabbilixxi l-għeluq tas-sajd għall-ħalibatt ta' Greenland fl-ilmijiet Norveġiżi taż-żoni 1 u 2 għall-bastimenti li jtajru l-bandiera ta' Stat Membru tal-Unjoni Ewropea** ..... 46

★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/1216 tat-8 ta' Lulju 2022 li jidderoga fir-rigward tas-sena 2022 mir-Regolamenti ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 809/2014, (UE) Nru 180/2014, (UE) Nru 181/2014, (UE) 2017/892, (UE) 2016/1150, (UE) 2018/274, (UE) Nru 615/2014 u (UE) 2015/1368 fir-rigward ta' ċerti verifiki amministrattivi u fuq il-post, applikabbli fil-qafas tal-Politika Agrikola Komuni u li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/725** ..... 49

★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/1217 tal-14 ta' Lulju 2022 li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 185/2013 f'dak li għandu x'jaqsam mat-tnaqqis mill-kwoti tas-sajd allokati lil Spanja għall-2021, għall-2022 u għall-2023** ..... 62

★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/1218 tal-14 ta' Lulju 2022 li jemenda ċerti Annessi tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/620 rigward l-approvazzjoni tal-istatus ta' ħelsien mill-mard ta' ċerti Stati Membri jew żoni tagħhom, rigward ċertu mard elenkat u l-approvazzjoni ta' programmi ta' eradikazzjoni għal ċertu mard elenkat** (1) ..... 65

★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/1219 tal-14 ta' Lulju 2022 li jemenda l-Anness III tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/2235 fir-rigward tal-mudelli taċ-ċertifikati għad-dħul fl-Unjoni u għat-tranżitu minnha ta' kunsinni ta' ċerti prodotti komposti** (1) ..... 75


(1) Test b'rilevanza għaż-ŻEE.

MT

L-Atti b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agrikoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat.

It-titoli tal-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.

★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/1220 tal-14 ta' Lulju 2022 li jistabbilixxi standards tekniċi ta' implimentazzjoni għall-applikazzjoni tad-Direttiva 2014/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-format li fih il-ferghat ta' ditti minn pajjiżi terzi u l-awtoritajiet kompetenti għandhom jirrapportaw l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 41(3) u (4) ta' dik id-Direttiva** ([1]) ..... 98

★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/1221 tal-14 ta' Lulju 2022 li jimponi dazju anti-dumping provviżorju fuq importazzjonijiet ta' ċertu roti tal-aluminju għall-użu fit-triq li joriġinaw mill-Marokk** ..... 114

DEĊIŻJONIJIET

★ **Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2022/1222 tat-12 ta' Lulju 2022 dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fl-Assemblea tal-Unjoni Speċjali ta' Liżbona** ..... 142

★ **Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2022/1223 tat-12 ta' Lulju 2022 dwar l-allokazzjoni ta' fondi diżimpenjati minn proġetti taħt l-10 u l-11-il Fond Ewropew għall-Iżvilupp bil-għan li jiġu ffinanzjati azzjonijiet li jindirizzaw il-kriżi tas-sigurtà tal-ikel u x-xokk ekonomiku fil-pajjiżi Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku (AKP) wara l-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna** ..... 147

★ **Deċiżjoni tal-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (PESK) 2022/1224 tat-13 ta' Lulju 2022 dwar il-ħatra tal-Kmandant tal-Forza tal-UE għall-operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea bil-ħsieb ta' kontribut għad-deterrenza, il-prevenzjoni u t-trażżin tal-atti ta' piraterija u ta' serq bl-użu tal-armi 'l barra mix-xtut tas-Somalja (Atalanta), u li tħassar id-Deċiżjoni (PESK) 2022/1179 (ATALANTA/5/2022)** ..... 150

---

**Rettifika**

★ **Rettifika tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/913 tat-30 ta' Mejju 2022 li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1793 dwar iż-żieda temporanja fil-kontrolli uffiċjali u miżuri ta' emerġenza li jirregolaw id-dħul fl-Unjoni ta' ċerti oġġetti minn ċerti pajjiżi terzi, u li jimplimenta r-Regolamenti (UE) 2017/625 u (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kummissjoni** (ĠU L 158, 13.6.2022) ..... 152

---

([1]) Test b'rilevanza għaż-ŻEE.

II

*(Atti mhux leġiżlattivi)*

# REGOLAMENTI

## REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2022/1214

**tad-9 ta' Marzu 2022**

**li jemenda r-Regolament Delegat (UE) 2021/2139 fir-rigward tal-attivitajiet ekonomiċi f'ċerti setturi tal-enerġija u r-Regolament Delegat (UE) 2021/2178 fir-rigward ta' divulgazzjonijiet pubbliċi speċifiċi għal dawn l-attivitajiet ekonomiċi**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2020/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2020 dwar l-istabbiliment ta' qafas biex jiġi ffaċilitat l-investiment sostenibbli, u li jemenda r-Regolament (UE) 2019/2088 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikoli 8(4), 10(3) u 11(3) tiegħu,

Billi:

(1) Il-kriterji ta' skrinjar tekniku stabbiliti fir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2021/2139 ([2]) ikopru diversi setturi u attivitajiet ekonomiċi li għandhom il-potenzjal li jikkontribwixxu għall-objettivi tal-Unjoni għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u għall-adattament għat-tibdil fil-klima. Dawn is-setturi u l-attivitajiet ekonomiċi ntgħażlu minħabba s-sehem tagħhom fl-emissjonijiet globali tal-gassijiet serra, u l-potenzjal ippruvat tagħhom li jevitaw il-produzzjoni ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra, inaqqsu dawn l-emissjonijiet, jew jeliminawhom. Barra minn hekk, dawn is-setturi u l-attivitajiet ekonomiċi għandhom il-potenzjal ippruvat li jistgħu jevitaw, inaqqsu u jeliminaw dawn l-emissjonijiet f'setturi u attivitajiet ekonomiċi oħra, jew li jiżguraw il-ħżin fit-tul ta' dawn l-emissjonijiet għal setturi u attivitajiet oħra.

(2) L-użu totali tal-enerġija jammonta għal madwar 75 % tal-emissjonijiet diretti ta' gassijiet serra fl-Unjoni. Għalhekk, is-settur tal-enerġija għandu rwol kruċjali fit-tkomplija tat-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra. Il-kriterji ta' skrinjar tekniku stabbiliti fir-regolament Delegat (UE) 2021/2139 għaldaqstant, ikopru firxa wiesgħa ta' setturi u attivitajiet ekonomiċi relatati mal-katina tal-provvista tal-enerġija, li jvarjaw mill-ġenerazzjoni tal-elettriku jew tas-sħana minn sorsi differenti, permezz ta' networks ta' trażmissjoni u ta' distribuzzjoni sa dawk tal-ħżin, kif ukoll pompi tas-sħana u l-manifattura tal-bijogass u tal-bijofjuwils. Madankollu, ir-Regolament Delegat (UE) 2021/2139 ma fihx kriterji ta' skrinjar tekniku għall-attivitajiet ekonomiċi fis-setturi tal-gass fossili u tal-enerġija nukleari, minkejja l-potenzjal tagħhom li jikkontribwixxu għad-dekarbonizzazzjoni tal-ekonomija tal-Unjoni.

(3) Kif stabbilit fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-21 ta' April 2021 ("It-Tassonomija tal-UE, ir-Rappurtar dwar is-Sostenibbiltà Korporattiva, il-Preferenzi dwar is-Sostenibbiltà u d-Dazji Fiduċjarji: Nidderieġu l-Finanzi lejn il-Patt Ekoloġiku Ewropew") u fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-6 ta' Lulju 2021 ("Strateġija għall-Finanzjament tat-Tranżizzjoni lejn Ekonomija Sostenibbli"), l-istabbiliment ta' kriterji ta' skrinjar tekniku għall-ġenerazzjoni tal-

([1]) ĠU L 198, 22.6.2020, p. 13.

([2]) Ir-Regolament Delagat tal-Kummissjoni (UE) 2021/2139 tal-4 ta' Ġunju 2021 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2020/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill billi jistabbilixxi l-kriterji ta' skrinjar tekniku sabiex jiġu ddeterminati l-kundizzjonijiet li fihom attività ekonomika tikkwalifika bħala attività li tikkontribwixxi sostanzjalment għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima jew għall-adattament għat-tibdil fil-klima u sabiex jiġi ddeterminat jekk dik l-attività ekonomika tikkawżax ħsara sinifikanti lil xi wieħed mill-objettivi ambjentali l-oħra (ĠU L 442, 9.12.2021, p. 1).

enerġija mill-gass fossili ġie pospost fid-dawl tal-ħtieġa ta' valutazzjoni teknika ulterjuri, b'mod partikolari dwar ir-rwol tranżitorju tal-gass fossili fid-dekarbonizzazzjoni tal-ekonomija ([3]). L-istabbiliment ta' kriterji ta' skrinjar tekniku għall-attivitajiet ta' ġenerazzjoni tal-enerġija nukleari ġie pospost ukoll sakemm issir valutazzjoni esperta fil-fond, imnedija fl-2020, dwar jekk iċ-ċiklu tal-ħajja nukleari, u b'mod partikolari l-iskart nukleari, jistgħux jitqiesu kompatibbli mar-rekwiżit stabbilit fl-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852, li attività ma tistax tagħmel ħsara sinifikanti lil objettivi ambjentali oħra. Fid-dawl ta' dawn il-valutazzjonijiet, huwa meħtieġ li jiġi rikonoxxut li l-attivitajiet ta' ġenerazzjoni tal-gass fossili u tal-enerġija nukleari jistgħu jikkontribwixxu għad-dekarbonizzazzjoni tal-ekonomija tal-Unjoni.

(4) Skont l-Artikolu 10(2) tar-Regolament (UE) 2020/852 li jkopri attivitajiet ekonomiċi tranżitorji, jeħtieġ li jiġu stabbiliti l-kriterji ta' skrinjar tekniku għall-ġenerazzjoni tal-elettriku, għall-koġenerazzjoni tal-enerġija u tas-sħana/tal-kesħa ta' effiċjenza għolja, u l-produzzjoni ta' sħana/kesħa f'sistemi effiċjenti ta' tisħin u tkessiħ distrettwali mill-gass fossili, fejn l-emissjonijiet tal-gassijiet serra mill-gass fossili jkunu taħt limitu xieraq. Barra minn hekk, huwa meħtieġ li jiġu stabbiliti l-kriterji ta' skrinjar tekniku għall-użu tal-gass fossili fil-ġenerazzjoni tal-elettriku, fil-koġenerazzjoni tal-enerġija u tas-sħana/tal-kesħa ta' effiċjenza għolja, u fil-produzzjoni ta' sħana/kesħa f'sistemi effiċjenti ta' tisħin u tkessiħ distrettwali, fejn din il-ġenerazzjoni tal-elettriku, il-koġenerazzjoni tal-enerġija u tas-sħana/tal-kesħa ta' effiċjenza għolja, u l-produzzjoni ta' sħana/kesħa f'sistemi effiċjenti ta' tisħin u tkessiħ distrettwali għadhom ma jikkonformawx ma' dan il-limitu xieraq, billi minbarra l-użu ta' enerġija newtrali għall-klima u aktar investimenti f'attivitajiet u setturi ekonomiċi li diġà huma b'livell baxx ta' karbonju, it-tranżizzjoni teħtieġ tnaqqis sostanzjali fl-emissjonijiet tal-gassijiet serra f'attivitajiet u setturi ekonomiċi oħra li għalihom ma hemm l-ebda alternattiva teknoloġikament u ekonomikament fattibbli b'livell baxx ta' karbonju. Dawn l-attivitajiet ekonomiċi kollha jenħtieġ li jiġu kkwalifikati bħala tranżitorji skont l-Artikolu 10(2) tar-Regolament (UE) 2020/852, billi alternattivi teknoloġikament u ekonomikament fattibbli b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju jistgħu ma jkunux għadhom kummerċjalment disponibbli fuq skala suffiċjenti biex ikopru d-domanda għall-enerġija b'mod kontinwu u affidabbli. B'mod partikolari, għall-ġenerazzjoni tal-elettriku, huwa xieraq li jiġi previst approċċ alternattiv għal-limitazzjoni diretta tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra. Skont dan l-approċċ alternattiv, li jenħtieġ li jagħti riżultati simili fuq perjodu ta' għoxrin sena, il-faċilitajiet jistgħu jilħqu dawn ir-riżultati billi jillimitaw l-għadd ta' sigħat ta' tħaddim jew billi javvanzaw il-bidla għal gassijiet rinnovabbli jew b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju għal data aktar bikrija. Il-kriterji ta' skrinjar tekniku jenħtieġ li jiffaċilitaw l-eliminazzjoni aċċellerata minn sorsi tal-enerġija aktar intensivi fl-emissjonijiet, inklużi l-fjuwils fossili solidi. Barra minn hekk, sabiex jiġu ssodisfati r-rekwiżiti stabbiliti fil-punti (a), (b) u (c) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 10(2) tar-Regolament (UE) 2020/852, jenħtieġ li l-kriterji ta' skrinjar tekniku għall-użu tal-gass fossili jiżguraw ukoll li tkun disponibbli evidenza b'saħħitha li turi li l-istess kapaċità tal-enerġija ma tistax tiġi ġġenerata b'sorsi rinnovabbli, u li hemm stabbiliti pjanijiet effettivi għal kull faċilità, f'konformità mal-aħjar prestazzjonijiet fis-settur, biex sa data speċifika ssir il-qabża totali għal sorsi rinnovabbli jew għal gassijiet b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju. Fl-aħħar nett, jenħtieġ li l-kriterji ta' skrinjar tekniku jipprovdu rikonoxximent għal żmien limitat tal-kontribut ta' dawn l-attivitajiet għad-dekarbonizzazzjoni.

(5) Is-sorsi ta' enerġija rinnovabbli se jkollhom ir-rwol fundamentali biex jintlaħqu l-għanijiet klimatiċi u ambjentali tal-Unjoni. F'dan id-dawl, l-investimenti fis-sorsi ta' enerġija rinnovabbli jeħtieġ li jiżdiedu biex jissodisfaw il-ħtiġijiet tas-suq tal-enerġija tal-Unjoni għal enerġija aktar nadifa u rinnovabbli.

(6) L-attivitajiet relatati mal-enerġija nukleari huma attivitajiet b'livell baxx tal-karbonju, ma jikkostitwixxux enerġija minn sorsi rinnovabbli kif definit fl-Artikolu 2, it-tieni subparagrafu, il-punt (1) tad-Direttiva (UE) 2018/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([4]), u kif imsemmi fl-Artikolu 10(1), il-punt (a) tar-Regolament (UE) 2020/852, u ma jaqgħux taħt il-kategoriji l-oħra ta' attivitajiet ekonomiċi elenkati fil-punti minn (b) sa (i) ta' din id-dispożizzjoni. Dawn l-attivitajiet ekonomiċi relatati mal-enerġija nukleari jenħtieġ li jikkwalifikaw skont l-Artikolu 10(2) tar-Regolament (UE) 2020/852, fin-nuqqas ta' alternattiva teknoloġikament u ekonomikament fattibbli b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju, fuq skala suffiċjenti biex titkopra d-domanda għall-enerġija b'mod kontinwu u affidabbli. Barra minn hekk, fir-Rapport Finali tal-Grupp ta' Esperti Tekniċi dwar il-Finanzi Sostenibbli ta' Marzu 2020 ([5]) ġie ddikjarat li "l-ġenerazzjoni tal-enerġija nukleari għandha emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra qrib iż-żero fil-fażi tal-ġenerazzjoni tal-enerġija", u "l-evidenza dwar il-kontribut sostanzjali potenzjali tal-enerġija nukleari għall-objettivi ta' mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima kienet estensiva u ċara". Barra minn hekk, għadd ta' pjanijiet tal-Istati

([3]) Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-21 ta' April 2021 lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, it-Tassonomija tal-UE, ir-Rappurtar dwar is-Sostenibbiltà Korporattiva, il-Preferenzi dwar is-Sostenibbiltà u d-Dazji Fiduċjarji: Nidderieġu l-Finanzi lejn il-Patt Ekoloġiku Ewropew (COM/2021/188 final) u l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-6 ta' Lulju 2021 lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, Strateġija għall-Finanzjament tat-Tranżizzjoni lejn Ekonomija Sostenibbli, (COM/2021/390 final).

([4]) Id-Direttiva (UE) 2018/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli (ĠU L 328, 21.12.2018, p. 82).

([5]) Ir-rapport tat-TEG jinsab fuq: https://ec.europa.eu/info/sites/default/files/business_economy_euro/banking_and_finance/documents/200309-sustainable-finance-teg-final-report-taxonomy_en.pdf

Membri jinkludu l-enerġija nukleari flimkien mal-enerġija rinnovabbli fis-sorsi tal-enerġija li għandhom jintużaw biex jintlaħqu l-miri klimatiċi, inkluż l-objettiv ta' dekarbonizzazzjoni tal-2050 stabbilit bir-Regolament (UE) 2021/1119 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([6]). Fl-aħħar nett, bil-provvista stabbli ta' enerġija bażilari, l-enerġija nukleari tiffaċilita l-użu ta' sorsi rinnovabbli intermittenti u ma tfixkilx l-iżvilupp tagħhom, kif previst fl-Artikolu 10(2), il-punt (b), tar-Regolament (UE) 2020/852. L-attivitajiet relatati mal-enerġija nukleari jenħtieġ għaldaqstant, li jitqiesu konformi mal-Artikolu 10(2) tar-Regolament (UE) 2020/852.

(7) Ir-rieżami xjentifiku mwettaq minn esperti ([7]) kkonkluda li l-kriterji ta' skrinjar tekniku għal attivitajiet ekonomiċi relatati mal-enerġija nukleari jenħtieġ li jiżguraw li ma ssir l-ebda ħsara sinifikanti lil objettivi ambjentali oħra minħabba r-riskji potenzjali li jirriżultaw mill-ħżin fit-tul u mir-rimi aħħari tal-iskart nukleari. Għalhekk, jenħtieġ li dawn il-kriterji ta' skrinjar tekniku jirriflettu l-ogħla standards tas-sikurezza nukleari, tal-protezzjoni mir-radjazzjoni u tal-ġestjoni tal-iskart radjuattiv, filwaqt li jibnu fuq ir-rekwiżiti stabbiliti fit-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika ("it-Trattat Euratom") u fuq fil-leġiżlazzjoni adottata skont dan it-Trattat, u b'mod partikolari fid-Direttiva tal-Kunsill 2009/71/Euratom ([8]). Din id-Direttiva fiha objettiv ta' livell għoli għas-sikurezza nukleari li jkopri l-istadji kollha taċ-ċiklu tal-ħajja ta' kull installazzjoni nukleari, inkluż il-post, id-disinn, il-kostruzzjoni, l-ikkummissjonar, l-operat u d-dekummissjonar ta' dawn l-installazzjonijiet. B'mod partikolari, din id-Direttiva tirrikkjedi titjib sinifikanti fis-sikurezza fid-disinn ta' reatturi ġodda, inklużi l-hekk imsejħa reatturi tal-Ġenerazzjoni III+, li għalihom jenħtieġ li jintużaw għarfien u teknoloġija tal-ogħla livell, filwaqt li jitqiesu l-aħħar rekwiżiti internazzjonali tas-sikurezza. Dawn ir-rekwiżiti jipprevedu l-implimentazzjoni effettiva tal-objettiv tas-sikurezza nukleari, inkluża l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' difiża fil-fond u ta' kultura ta' sikurezza effettiva. Dawn ir-rekwiżiti jiżguraw li l-impatt ta' perikli estremi magħmula mill-bniedem u naturali, inklużi terremoti u għargħar, jiġi minimizzat u li l-aċċidenti, l-operazzjonijiet anormali u l-fallimenti jew it-telf tas-sistemi ta' kontroll jiġu evitati, fost l-oħrajn permezz ta' strutturi protettivi jew sistemi ta' riżerva għat-tkessiħ u tal-provvista tal-elettriku.

(8) Sar disponibbli fis-suq fjuwil b'tolleranza għall-aċċidenti għall-impjanti tal-enerġija nukleari li jipprovdi protezzjoni addizzjonali kontra aċċidenti li jirriżultaw minn ħsarat strutturali fil-komponenti tal-fjuwil jew tar-reatturi. Sabiex jitttieħdu inkonsiderazzjoni dawn l-iżviluppi teknoloġiċi reċenti, jenħtieġ li l-użu ta' dan it-tip ta' fjuwil jiġi stabbilit bħala rekwiżit fil-kriterji ta' skrinjar tekniku, filwaqt li jitqies l-illiċenzjar tiegħu fl-Unjoni.

(9) Fid-dinja, għaddejjin sforzi ta' riċerka u żvilupp biex jiġu żviluppati teknoloġiji ġodda għar-reatturi nukleari li jużaw, fost l-oħrajn, ċikli tal-fjuwil magħluqin jew il-kunċetti ta' awtoproduzzjoni tal-fjuwil u li jimminimizzaw il-produzzjoni ta' skart radjuattiv ta' livell għoli (ir-"reatturi tal-Ġenerazzjoni IV"). Għalkemm dawn ir-reatturi tal-Ġenerazzjoni IV għadhom mhumiex kummerċjalment vijabbli, jenħtieġ li jiġu stabbiliti kriterji ta' skrinjar tekniku għal dawn ir-reatturi fid-dawl tal-kontribut potenzjali tagħhom għall-objettiv tad-dekarbonizzazzjoni u tat-tnaqqis tal-iskart radjuattiv.

(10) L-enerġija nukleari hija parti mis-sorsi tal-enerġija futuri f'għadd ta' Stati Membri, bħala parti mill-isforzi ta' dekarbonizzazzjoni tagħhom. Ix-xenarji vvalutati mill-Kummissjoni jwasslu għal sistema tal-enerġija dekarbonizzata bbażata fuq sorsi tal-enerġija rinnovabbli fil-biċċa l-kbira tagħha u fuq l-enerġija nukleari b'kapaċità installata stabbli apparagun tal-livelli attwali. Hekk kif l-installazzjonijiet nukleari li qed jiġu sfruttati bħalissa qed jiqdiemu, dawn jeħtieġu aġġornamenti fis-sikurezza biex il-ħajja operattiva titwal kif ukoll installazzjonijiet nukleari mibnija ġodda biex jissostitwixxu l-installazzjonijiet skaduti. Dan huwa proċess kontinwu li jenħtieġ li jiżgura d-disponibbiltà tal-kapaċità meħtieġa għad-dekarbonizzazzjoni tas-sistema tal-enerġija sal-2050, u wara din id-data skont il-ħtieġa. Għaldaqstant, se jkunu meħtieġa investimenti sinifikanti fl-enerġija nukleari tul il-perjodu, sal-2050 u lil hinn. Jeħtieġ li jiġi żgurat li l-impjanti tal-enerġija nukleari l-ġodda jużaw l-aktar soluzzjonijiet avvanzati li jirriżultaw mill-progress teknoloġiku. Għaldaqstant, jenħtieġ li l-kriterji ta' skrinjar tekniku għal dawn l-impjanti tal-enerġija nukleari l-ġodda jipprevedu rieżami regolari għal kull proġett ta' investiment, u għall-parametri tekniċi li jikkorrispondu għall-aħjar teknoloġija disponibbli fid-dawl tal-eżiti tal-isforzi sostnuti fir-riċerka u l-iżvilupp u tat-titjib kontinwu fit-teknoloġiji. Jenħtieġ li jiġu definiti dati speċifiċi biex tiġi żgurata l-introduzzjoni gradwali ta' teknoloġiji ġodda kompatibbli mad-dekarbonizzazzjoni sostenibbli hekk kif dawn ikunu disponibbli.

---

([6]) Ir-Regolament (UE) 2021/1119 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Ġunju 2021 li jistabbilixxi l-qafas biex tinkiseb in-newtralità klimatika u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 401/2009 u (UE) 2018/1999 ("il-Liġi Ewropea dwar il-Klima") (ĠU L 243, 9.7.2021, p. 1)

([7]) Ir-Rapport tal-JRC: Il-valutazzjoni teknika tal-enerġija nukleari fir-rigward tal-kriterji "la tagħmilx ħsara sinifikanti" tar-Regolament (UE) 2020/852 ("ir-Regolament dwar it-Tassonomija") jinsab fuq: https://ec.europa.eu/info/file/210329-jrc-report-nuclear-energy-assessment_en

([8]) Id-Direttiva tal-Kunsill 2009/71/Euratom tal-25 ta' Ġunju 2009 li tistabbilixxi qafas Komunitarju għas-sigurtà tal-installazzjonijiet nukleari (ĠU L 172, 2.7.2009, p. 18).

(11) L-Anness II tat-Trattat Euratom u r-Regolament tal-Kunsill (Euratom) Nru 2587/1999 ([9]) jistabbilixxu limiti minimi u rekwiżiti oħra għan-notifika lill-Kummissjoni dwar l-investimenti fl-enerġija nukleari. Sabiex jiġi żgurat, għall-fini li jintlaħqu l-għanijiet tat-tassonomija, l-ogħla kunsiderazzjoni possibbli tal-prinċipji u r-rekwiżiti tal-leġiżlazzjoni tal-Euratom, inkluż l-objettiv tas-sikurezza nukleari, tali investimenti jenħtieġ li jkunu soġġetti għal opinjoni tal-Kummissjoni, irrispettivament minn jekk l-Anness II għat-Trattat Euratom u r-Regolament (Euratom) Nru 2587/1999 jirrikjedux xi notifika. Għall-istess raġuni, il-kwistjonijiet kollha li jikkonċernaw l-applikazzjoni tal-Artikolu 10(2) u l-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852 u l-kriterji ta' skrinjar tekniku identifikati mill-Kummissjoni fl-opinjoni tagħha jenħtieġ li jiġu indirizzati b'mod sodisfaċenti.

(12) Fid-dawl taż-żminijiet twal ta' tħejjija għall-investimenti f'kapaċità ġdida għall-ġenerazzjoni nukleari, l-estensjoni taż-żmien tas-servizz għall-installazzjonijiet nukleari eżistenti li jintgħażlu tista' tkun ta' appoġġ għad-dekarbonizzazzjoni tas-sistema tal-enerġija fuq terminu qasir sa medju. Madankollu, jenħtieġ li l-kriterji ta' skrinjar tekniku għal dawn l-estensjonijiet jirrikjedu modifiki u aġġornamenti fis-sikurezza biex jiġi żgurat li dawn l-installazzjonijiet nukleari jikkonformaw mal-ogħla standards ta' sikurezza li jistgħu jinkisbu u mar-rekwiżiti kollha tal-objettiv tas-sikurezza stabbiliti fil-leġiżlazzjoni adottata skont it-Trattat Euratom.

(13) Fid-dawl tal-iżviluppi teknoloġiċi u xjentifiċi mistennija, l-investimenti fil-kostruzzjoni u t-tħaddim sikur ta' installazzjonijiet nukleari ġodda li jużaw l-aħjar teknoloġiji disponibbli u approvati sa data xierqa mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri f'konformità mal-liġi nazzjonali applikabbli jenħtieġ li jkunu soġġetti għal kriterji ta' skrinjar tekniku u għal limiti ta' żmien li jinkoraġġixxu l-iżvilupp u l-użu futur ta' reatturi tal-Ġenerazzjoni IV b'ċiklu tal-fjuwil magħluq jew bi fjuwil awtoprodott ġaladarba dawn ikunu disponibbli kummerċjalment. Dawn il-limiti ta' żmien jenħtieġ li jiġu rieżaminati b'mod xieraq fid-dawl tal-progress fl-iżvilupp ta' teknoloġiji bħal dawn.

(14) Il-kriterji ta' skrinjar tekniku relatati mal-objettivi ta' mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima jew ta' adattament għat-tibdil fil-klima jenħtieġ li jiżguraw li l-attivitajiet ekonomiċi ma jikkawżawx ħsara sinifikanti lil xi wieħed mill-objettivi ambjentali l-oħra. Speċifikament għal attivitajiet ekonomiċi relatati mal-enerġija nukleari, huwa meħtieġ li jiġi żgurat li r-rimi fit-tul tal-iskart ma jikkawżax ħsara sinifikanti u fit-tul lill-ambjent, kif imsemmi fil-punt (d)(iii) tal-Artikolu 17(1) tar-Regolament (UE) 2020/852. Għalhekk, huwa xieraq li fil-kriterji ta' skrinjar tekniku jiġu stabbiliti r-rekwiżiti speċifiċi għal fond biex jiġi ġestit l-iskart radjuattiv u għal fond għad-dekummissjonar nukleari, li jistgħu jiġu kkombinati, f'konformità mal-prinċipju li l-produtturi tal-iskart jenħtieġ li jkunu responsabbli għall-ispiża tal-ġestjoni tiegħu, u li jkollhom faċilitajiet operazzjonali għar-rimi aħħari tal-iskart radjuattiv kollu, li għandu jipprevjenu kwalunkwe esportazzjoni ta' skart radjuattiv biex jintrema f'pajjiżi terzi. F'diversi Stati Membri, l-iskart radjuattiv ta' livell baxx u intermedju bħalissa qed jintrema f'faċilitajiet tar-rimi qrib il-wiċċ, u fuq għexieren ta' snin żdiedu b'mod sostanzjali l-esperjenza u l-għarfien fil-ġestjoni tal-iskart biex dawn il-faċilitajiet tar-rimi qrib il-wiċċ joperaw. Għal skart radjuattiv ta' livell għoli u fjuwil użat, ir-rimi ġeoloġiku fil-fond jirrappreżenta soluzzjoni tal-ogħla livell li hija aċċettata b'mod wiesa' fil-komunità tal-esperti fid-dinja kollha bħala l-aktar għażla sikura u sostenibbli għall-istadju aħħari fil-ġestjoni tal-iskart radjuattiv ta' livell għoli u tal-fjuwil użat meqjus bħala skart. L-Istati Membri, filwaqt li għandhom ir-responsabbiltà tal-politiki tagħhom fir-rigward tal-ġestjoni tal-fjuwil użat u tal-iskart radjuattiv baxx, intermedju jew għoli tagħhom, jenħtieġ li jinkludu l-ippjanar u l-implimentazzjoni tal-għażliet għar-rimi fil-politiki nazzjonali tagħhom, b'mod partikolari fil-programmi nazzjonali għall-ġestjoni tal-fjuwil użat u tal-iskart radjuattiv, filwaqt li jkopru t-tipi kollha ta' fjuwil użat u ta' skart radjuattiv u l-istadji kollha tal-ġestjoni tal-fjuwil użat u tal-iskart radjuattiv mill-ħolqien sar-rimi tagħhom. Il-kontenut tal-programmi nazzjonali huwa speċifikat fid-Direttiva tal-Kunsill2011/70/Euratom ([10]) u jinkludi l-indikaturi tal-prestazzjoni ewlenin biex jiġi mmonitorjat il-progress b'mod trasparenti. L-Istati Membri għandhom regolarment jagħtu rendikont lill-Kummissjoni dwar il-progress tal-implimentazzjoni tal-programmi nazzjonali. Ir-rappurtar mill-Istati Membri tal-2021 juri li sar progress sostanzjali fit-tnedija tal-ewwel faċilitajiet ta' rimi ġeoloġiku fil-fond fit-territorju tal-Unjoni. Soluzzjonijiet realistiċi qed isiru disponibbli għall-Istati Membri biex jiżviluppaw u joperaw faċilitajiet bħal dawn sal-2050. Għalhekk, l-inklużjoni ta' rekwiżit korrispondenti fil-kriterji ta' skrinjar tekniku tiżgura li ma tiġi kkawżata l-ebda ħsara sinifikanti lill-ambjent.

([9]) Ir-Regolament tal-Kunsill (Euratom) Nru 2587/1999 tat-2 ta' Diċembru 1999 li jiddefinixxi l-proġetti tal-investiment li għandhom jiġu kkomunikati lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 41 tat-Trattat li jwaqqaf il-Komunità Ewropea dwar l-Enerġija Atomika (ĠU L 315, 9.12.1999, p. 1).

([10]) Id-Direttiva tal-Kunsill 2011/70/Euratom tad-19 ta' Lulju 2011 li tistabbilixxi qafas Komunitarju għall-ġestjoni responsabbli u sikura ta' fjuwil użat u skart radjuattiv (ĠU L 199, 2.8.2011, p. 48).

(15) Huwa meħtieġ li l-impriżi mhux finanzjarji u finanzjarji jipprovdu lill-investituri bi grad għoli ta' trasparenza fir-rigward tal-investimenti tagħhom f'attivitajiet tal-produzzjoni tal-gass fossili u tal-enerġija nukleari li għalihom jenħtieġ li jiġu stabbiliti kriterji ta' skrinjar tekniku. Sabiex tiġi pprovduta din it-trasparenza, jenħtieġ li jiġu stabbiliti rekwiżiti speċifiċi ta' divulgazzjoni għal impriżi mhux finanzjarji u finanzjarji. Sabiex tiġi żgurata l-komparabilità tal-informazzjoni ddivulgata lill-investituri, din l-informazzjoni jenħtieġ li tiġi ppreżentata fil-forma ta' mudell li jindika b'mod ċar il-proporzjon ta' attivitajiet tal-gass fossili u tal-enerġija nukleari fid-denominatur u, fejn xieraq, fin-numeratur tal-indikaturi tal-prestazzjoni ewlenin ta' dawn l-impriżi. Sabiex tipprovdi livell għoli ta' trasparenza lill-investituri fil-prodotti finanzjarji msemmijin fl-Artikolu 5 fl-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) 2020/852 dwar l-esponiment għal attivitajiet tal-gass fossili u tal-enerġija nukleari, li għalihom huma stabbiliti kriterji ta' skrinjar tekniku, il-Kummissjoni se temenda jew tipproponi li temenda l-qafas ta' divulgazzjoni li jappartjeni għal dawn il-prodotti finanzjarji b'mod adegwat biex tipprovdi trasparenza sħiħa tul il-ħajja kollha ta' dawn il-prodotti finanzjarji. Sabiex jiġi żgurat li tali informazzjoni tkun identifikata b'mod ċar mill-investituri aħħarin, il-Kummissjoni se tikkunsidra temenda r-rekwiżiti dwar il-parir finanzjarju u dwar l-assigurazzjoni mogħti mid-distributuri.

(16) Sabiex tissaħħaħ il-fiduċja tal-investituri, il-konformità mal-kriterji ta' skrinjar tekniku relatati mal-attivitajiet tal-gass fossili jenħtieġ li tiġi vverifikata minn parti terza indipendenti. Sabiex tiġi żgurata verifika imparzjali u diliġenti tal-konformità, il-parti terza indipendenti jenħtieġ li jkollha r-riżorsi u l-għarfien espert biex twettaq din il-verifika, tkun indipendenti biex tevita kwalunkwe kunflitt ta' interess mas-sid jew mal-finanzjatur, u jenħtieġ li ma tkunx involuta fl-iżvilupp jew fl-operat ta' dawn l-attivitajiet tal-gass fossili. Minbarra l-mekkaniżmu ta' verifika, l-impriżi finanzjarji u mhux finanzjarji jistgħu jkunu soġġetti għal rekwiżiti speċifiċi ta' verifika previsti f'leġiżlazzjoni oħra tal-Unjoni dwar il-finanzi sostenibbli li jkopru l-konformità mal-kriterji ta' skrinjar tekniku. Skont l-Artikolu 26(1), il-punt (c), tar-Regolament 2020/852, il-Kummissjoni jenħtieġ li tirrieżamina d-dispożizzjonijiet meħtieġa għall-istabbiliment ta' mekkaniżmi ta' verifika għall-konformità mal-kriterji stabbiliti f'dan ir-Regolament.

(17) Is-setturi tal-gass fossili u tal-enerġija nukleari huma kkaratterizzati minn żvilupp teknoloġiku rapidu. Għalhekk, jeħtieġ li l-kriterji ta' skrinjar tekniku li jkopru l-attivitajiet tal-ġenerazzjoni tal-enerġija f'dawn is-setturi jiġu rieżaminati regolarment, kif obbligat mill-Artikolu 19(5) tar-Regolament (UE) 2020/852. Barra minn hekk, fuq il-bażi tal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 10(2) tar-Regolament (UE) 2020/852, dan ir-rieżami jenħtieġ li jkopri l-adegwatezza tal-perjodi ta' żmien stabbiliti fil-kriterji ta' skrinjar tekniku.

(18) Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolament Delegat (UE) 2021/2139 u r-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2021/2178 [11] jiġu emendati skont dan. L-emendi fir-Regolament Delegat (UE) 2021/2139 u fir-Regolament Delegat (UE) 2021/2178 ma jobbligaw l-ebda investiment, iżda huma maħsuba biex jgħinu lis-swieq finanzjarji u lill-investituri jidentifikaw, fuq il-bażi ta' kundizzjonijiet stretti, l-attivitajiet rilevanti relatati mal-gass u mal-enerġija nukleari meħtieġa għat-tranżizzjoni tas-sistemi tal-enerġija tal-Istati Membri lejn in-newtralità klimatika f'konformità mal-għanijiet u l-impenji klimatiċi tal-Unjoni.

(19) L-emendi fir-Regolament Delegat (UE) 2021/2139 u fir-Regolament Delegat (UE) 2021/2178 stabbiliti f'dan ir-Regolament Delegat huma marbutin mill-qrib. Sabiex tiġi żgurata l-koerenza bejn dawn id-dispożizzjonijiet, li jenħtieġ li jidħlu fis-seħħ fl-istess ħin, biex il-partijiet konċernati jingħataw perspettiva komprensiva tal-qafas legali u biex tiġi ffaċilitata l-applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2020/852, huwa meħtieġ li dawn id-dispożizzjonijiet jiġu inklużi f'Regolament uniku.

(20) Huwa meħtieġ li l-impriżi mhux finanzjarji u finanzjarji jingħataw biżżejjed żmien biex jivvalutaw jekk l-attivitajiet ekonomiċi tagħhom relatati mal-gass fossili u l-enerġija nukleari jikkonformawx mal-kriterji ta' skrinjar tekniċu stabbiliti f'dan ir-Regolament, u biex jirrapportaw abbażi ta' din il-valutazzjoni f'konformità mar-Regolament Delegat (UE) 2021/2178. Għalhekk, jenħtieġ li d-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament tkun differita għall-1 ta' Jannar 2023,

[11] Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2021/2178 tas-6 ta' Lulju 2021 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2020/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill billi jispeċifika l-kontenut u l-preżentazzjoni ta' informazzjoni li għandha tiġi żvelata minn impriżi soġġetti għall-Artikoli 19a jew 29a tad-Direttiva 2013/34/UE dwar attivitajiet ekonomiċi ambjentalment sostenibbli, u li jispeċifika l-metodoloġija biex ikun hemm konformità ma' dan l-obbligu ta' żvelar (ĠU L 443, 10.12.2021, p. 9).

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

**Emendi fir-Regolament Delegat (UE) 2021/2139**

Ir-Regolament Delegat (UE) 2021/2139 huwa emendat kif ġej:

(1) jiddaħħal l-Artikolu 2a li ġej:

"*Artikolu 2a*

**Rieżami**

Meta twettaq ir-rieżami msemmi fl-Artikolu 19(5) tar-Regolament (UE) 2020/852, il-Kummissjoni għandha tirrieżamina u tivvaluta wkoll il-ħtieġa li jiġu emendati d-dati msemmija fl-Anness I, it-Taqsima 4.27, it-Taqsima 4.28, it-Taqsima 4.29, il-punt 1(b), it-Taqsima 4.30, il-punt 1(b) u t-Taqsima 4.31, il-punt 1(b).

Kwalunkwe rieżami tad-*data* msemmija fil-punt (2) tat-Taqsimiet 4.27 u 4.28 tal-Anness I għandha tqis il-progress tekniku fil-kummerċjalizzazzjoni tal-fjuwil b'tolleranza għall-aċċidenti fl-Unjoni u fid-dinja."

(2) L-Anness I huwa emendat f'konformità mal-Anness I ta' dan ir-Regolament.

(3) L-Anness II huwa emendat f'konformità mal-Anness II ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

**Emendi fir-Regolament Delegat (UE) 2021/2178**

Ir-Regolament Delegat (UE) 2021/2178 huwa emendat kif ġej:

(1) fl-Artikolu 8, jiżdiedu l-paragrafi 6, 7, u 8 li ġejjin:

"6. L-impriżi mhux finanzjarji u l-impriżi finanzjarji għandhom jiddivulgaw l-ammont u l-proporzjon ta':

(a) l-attivitajiet ekonomiċi allinjati mat-tassonomija msemmijin fit-Taqsimiet 4.26, 4.27 u 4.28 tal-Annessi I u II tar-Regolament Delegat (UE) 2021/2139 fid-denominatur u fin-numeratur tal-indikaturi tal-prestazzjoni ewlenin tagħhom;

(b) l-attivitajiet ekonomiċi eliġibbli għat-tassonomija, iżda mhux allinjati mat-tassonomija, imsemmijin fit-Taqsimiet 4.26, 4.27 u 4.28 tal-Annessi I u II tar-Regolament Delegat (UE) 2021/2139 fid-denominatur tal-indikaturi tal-prestazzjoni ewlenin tagħhom;

(c) l-attivitajiet relatati mal-enerġija nukleari mhux eliġibbli għat-tassonomija fid-denominatur tal-indikaturi tal-prestazzjoni ewlenin tagħhom.

7. L-impriżi mhux finanzjarji u l-impriżi finanzjarji għandhom jiddivulgaw l-ammont u l-proporzjon ta':

(a) l-attivitajiet ekonomiċi allinjati mat-tassonomija msemmijin fit-Taqsimiet 4.29, 4.30 u 4.31 tal-Annessi I u II tar-Regolament Delegat (UE) 2021/2139 fid-denominatur u fin-numeratur tal-indikaturi tal-prestazzjoni ewlenin tagħhom;

(b) l-attivitajiet ekonomiċi eliġibbli għat-tassonomija, iżda mhux allinjati mat-tassonomija, imsemmijin fit-Taqsimiet 4.29, 4.30 u 4.31 tal-Annessi I u II tar-Regolament Delegat (UE) 2021/2139 fid-denominatur tal-indikaturi tal-prestazzjoni ewlenin tagħhom;

(c) l-attivitajiet relatati mal-gass fossili mhux eliġibbli għat-tassonomija fid-denominatur tal-indikaturi tal-prestazzjoni ewlenin tagħhom.

8. L-informazzjoni msemmija fil-paragrafi 6 u 7 għandha tiġi ppreżentata f'forma ta' tabella billi jintużaw il-formoli stabbiliti fl-Anness XII ta' dan ir-Regolament."

(2) it-test li jidher fl-Anness III ta' dan ir-Regolament jiżdied bħala l-Anness XII.

*Artikolu 3*

**Dħul fis-seħħ u applikazzjoni**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2023.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, id-9 ta' Marzu 2022.

*Għall-Kummissjoni*
*Il-President*
Ursula VON DER LEYEN

*ANNESS I*

Fl-Anness I tar-Regolament Delegat (UE) 2021/2139, jiddaħħlu t-Taqsimiet 4.26, 4.27, 4.28, 4.29, 4.30 u 4.31 li ġejjin:

"4.26. **Stadji prekummerċjali ta' teknoloġiji avvanzati għall-produzzjoni tal-enerġija minn proċessi nukleari bi skart minimu miċ-ċiklu tal-fjuwil**

*Deskrizzjoni tal-attività*

Ir-riċerka, l-iżvilupp, id-dimostrazzjoni u l-użu ta' faċilitajiet innovattivi tal-ġenerazzjoni tal-elettriku, liċenzjati mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri f'konformità mal-liġi nazzjonali applikabbli, li jipproduċu enerġija minn proċessi nukleari bi skart minimu miċ-ċiklu tal-fjuwil.

L-attività hija klassifikata taħt il-kodiċijiet NACE M72 u M72.1 f'konformità mal-klassifikazzjoni statistika tal-attivitajiet ekonomiċi stabbilita bir-Regolament (KE) Nru 1893/2006.

Attività ekonomika f'din il-kategorija tkun attività tranżitorja kif imsemmija fl-Artikolu 10(2) tar-Regolament (UE) 2020/852 meta tikkonforma mal-kriterji ta' skrinjar tekniku stabbiliti f'din it-Taqsima.

*Kriterji ta' skrinjar tekniku*

Il-kriterji ġenerali li jikkontribwixxu b'mod sostanzjali għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u għall-prinċipju "la tagħmilx ħsara sinifikanti" (Do no significant harm, "DNSH")

1. Il-proġett relatat mal-attività ekonomika ("il-proġett") ikun jinsab fi Stat Membru li jikkonforma ma' dan kollu li ġej:

   (a) l-Istat Membru jkun ittraspona kompletament id-Direttiva tal-Kunsill 2009/71/Euratom *[1] u d-Direttiva tal-Kunsill 2011/70/Euratom *[2];

   (b) l-Istat Membru jkun konformi mat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (it-"Trattat Euratom") u mal-leġiżlzzjoni adottata fuqu, b'mod partikolari d-Direttiva 2009/71/Euratom, id-Direttiva 2011/70/Euratom u d-Direttiva tal-Kunsill 2013/59/Euratom *[3], kif ukoll il-liġi ambjentali applikabbli tal-Unjoni adottata skont l-Artikolu 192 TFUE, b'mod partikolari d-Direttiva 2011/92/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill *[4] u d-Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill *[5];

   (c) l-Istat Membru jkollu fis-seħħ, mid-data tal-approvazzjoni tal-proġett, fond għall-ġestjoni tal-iskart radjuattiv u fond għad-dekummissjonar nukleari li jistgħu jiġu kkombinati;

   (d) l-Istat Membru jkun wera li se jkollu riżorsi disponibbli fi tmiem il-ħajja utli stmata tal-impjant tal-enerġija nukleari li jikkorrispondu għall-ispiża stmata tal-ġestjoni tal-iskart radjuattiv u d-dekummissjonar f'konformità mar-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2006/851/Euratom *[6];

   (e) l-Istat Membru jkollu faċilitajiet operattivi għar-rimi finali tal-iskart radjuattiv kollu ta' livell baxx ħafna, baxx u intermedju, li jiġu nnotifikati lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 41 tat-Trattat Euratom jew l-Artikolu 1(4) tar-Regolament tal-Kunsill (Euratom) Nru 2587/1999, u inklużi fil-programm nazzjonali aġġornat skont id-Direttiva 2011/70/Euratom;

   (f) l-Istat Membru jkollu pjan dokumentat b'passi ddettaljati biex jopera sal-2050 faċilità tar-rimi għall-iskart radjuattiv ta' livell għoli li jiddeskrivi dan kollu li ġej:

      (i) il-kunċetti jew il-pjanijiet u s-soluzzjonijiet tekniċi għall-ġestjoni tal-fjuwil użat u l-iskart radjuattiv mill-ġenerazzjoni sar-rimi;

      (ii) il-kunċetti jew il-pjanijiet għall-perjodu ta' wara l-għeluq ta' ħajjet il-faċilità tar-rimi, inkluż il-perjodu li matulu jseħħu l-kontrolli xierqa u l-mezzi li għandhom jintużaw biex l-għarfien ta' dik il-faċilità jiġi ppreservat fuq terminu itwal;

(iii) ir-responsabbiltajiet għall-implimentazzjoni tal-pjan u l-indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni biex jiġi mmonitorjat il-progress tiegħu;

(iv) il-valutazzjonijiet tal-ispejjeż u l-iskemi ta' finanzjament.

Għall-finijiet tal-punt (f), l-Istati Membri jistgħu jużaw pjanijiet imfassla bħala parti mill-programm nazzjonali kif meħtieġ mill-Artikoli 11 u 12 tad-Direttiva 2011/70/Euratom.

2. Il-proġett huwa parti minn programm ta' riċerka ffinanzjat mill-Unjoni jew il-proġett ikun ġie nnotifikat lill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 41 tat-Trattat Euratom jew mal-Artikolu 1(4) tar-Regolament tal-Kunsill (Euratom) Nru 2587/1999, skont liema minn dawn id-dispożizzjonijiet tkun applikabbli, il-Kummissjoni tkun tat l-opinjoni tagħha dwaru f'konformità mal-Artikolu 43 tat-Trattat Euratom, u l-kwistjonijiet kollha msemmija fl-opinjoni, b'rilevanza għall-applikazzjoni tal-Artikolu 10(2) u l-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852, u tal-kriterji tekniċi ta' skrinjar stabbiliti f'din it-Taqsima jkunu ġew indirizzati b'mod sodisfaċenti.

3. L-Istat Membru kkonċernat intrabat li jagħti rendikont lill-Kummissjoni kull ħames snin, għal kull proġett, dwar dan kollu li ġej:

(a) l-adegwatezza tar-riżorsi akkumulati msemmija fil-punt 1(c);

(b) il-progress reali fl-implimentazzjoni tal-pjan imsemmi fil-punt 1(f).

Fuq il-bażi tar-rapporti, il-Kummissjoni għandha tirrevedi l-adegwatezza tar-riżorsi akkumulati tal-fond għall-ġestjoni tal-iskart radjuattiv u tal-fond għad-dekummissjonar nukleari msemmija fil-punt 1(c) u l-progress fl-implimentazzjoni tal-pjan dokumentat imsemmi fil-punt 1(f) u tista' tindirizzalu, lill-Istat Membru kkonċernat, opinjoni.

4. L-attività tikkonforma mal-leġiżlazzjoni nazzjonali li tittrasponi l-leġiżlazzjoni msemmija fil-punt 1(a) u (b), inkluż fir-rigward tal-evalwazzjoni, b'mod partikolari permezz ta' testijiet tal-istress, tar-reżiljenza tal-impjanti tal-enerġija nukleari li jinsabu fit-territorju tal-Unjoni kontra perikli naturali estremi, inklużi t-terremoti. Bl-istess mod, l-attività sseħħ fit-territorju ta' Stat Membru fejn l-operatur ta' installazzjoni nukleari:

(a) ikun ippreżenta dimostrazzjoni tas-sikurezza nukleari, li l-ambitu u l-livell ta' dettall tagħha jkunu proporzjonali għad-daqs potenzjali u n-natura tal-periklu rilevanti għall-installazzjoni nukleari u s-sit tagħha (l-Artikolu 6, il-punt (b), tad-Direttiva 2009/71/Euratom);

(b) ikun ħa miżuri ta' difiża fil-fond biex jiżgura, *inter alia*, li l-impatt ta' perikli esterni estremi, kemm naturali kif ukoll mhux intenzjonati ta' oriġini umana, jiġi minimizzat (l-Artikolu 8b(1), il-punt (a) tad-Direttiva 2009/71/Euratom);

(c) ikun wettaq valutazzjoni xierqa speċifika għas-sit u għall-installazzjoni meta l-operatur ikkonċernat japplika għal liċenzja biex jibni jew iħaddem impjant tal-enerġija nukleari (l-Artikolu 8c(a) tad-Direttiva 2009/71/Euratom).

5. L-attività tissodisfa r-rekwiżiti tad-Direttiva 2009/71/Euratom, appoġġata mill-aħħar gwida internazzjonali mill-Aġenzija Internazzjonali tal-Enerġija Atomika ("International Atomic Energy Agency, IAEA") u mill-Assoċjazzjoni tar-Regolaturi Nukleari tal-Ewropa tal-Punent ("Western European Nuclear Regulator's Association, WENRA"), filwaqt li tikkontribwixxi biex tiżdied ir-reżiljenza u l-kapaċità ta' impjanti tal-enerġija nukleari ġodda u eżistenti biex ilaħħqu ma' perikli naturali estremi, inklużi għargħar u kundizzjonijiet estremi tat-temp.

6. L-iskart radjuattiv kif imsemmi fil-punt 1(e) u (f), jintrema fl-Istat Membru fejn ikun ġie ġġenerat, sakemm ma jkunx hemm ftehim bejn l-Istat Membru kkonċernat u l-Istat Membru tad-destinazzjoni, kif stabbilit fid-Direttiva 2011/70/Euratom. F'dan il-każ, l-Istat Membru tad-destinazzjoni jrid ikollu programmi ta' ġestjoni u rimi għall-iskart radjuattiv u faċilità ta' rimi xierqa li topera f'konformità mar-rekwiżiti tad-Direttiva 2011/70/Euratom.

Kriterji oħra li jikkontribwixxu b'mod sostanzjali għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima

L-attività għandha l-għan li tiġġenera jew qiegħda tiġġenera l-elettriku bl-użu tal-enerġija nukleari. L-emissjonijiet tal-gassijiet serra (greenhouse gas, GHG) tul iċ-ċiklu tal-ħajja mill-ġenerazzjoni tal-elettriku mill-enerġija nukleari jkunu taħt il-limitu ta' 100 g $CO_2e$/kWh.
L-iffrankar tal-emissjonijiet ta' GHG tul iċ-ċiklu tal-ħajja jiġi kkalkolat billi tintuża r-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2013/179/UE jew, inkella, billi jintuża l-istandard ISO 14067:2018 jew ISO 14064-1:2018.
L-emissjonijiet tal-GHG ikkwantifikati tul iċ-ċiklu tal-ħajja jiġu vverifikati minn parti terza indipendenti.

Kriterji oħra marbutin mal-prinċipju "la tagħmilx ħsara sinifikanti" ("DNSH")

| | |
|---|---|
| (2) L-adattament għat-tibdil fil-klima | L-attività tikkonforma mal-kriterji stabbiliti fl-Appendiċi A ta' dan l-Anness.<br>L-attività tikkonforma mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 6(b), 8b(1), il-punt (a), u l-Artikolu 8c(a) tad-Direttiva 2009/71/Euratom.<br>L-attività tissodisfa r-rekwiżiti tad-Direttiva 2009/71/Euratom implimentata skont il-gwida internazzjonali tal-IAEA u tal-WENRA dwar il-perikli naturali estremi, inklużi l-għargħar u l-kundizzjonijiet estremi tat-temp. |
| (3) L-użu sostenibbli u l-protezzjoni tar-riżorsi tal-ilma u tal-baħar | L-attività tikkonforma mal-kriterji stabbiliti fl-Appendiċi B ta' dan l-Anness.<br>Ir-riskji ta' degradazzjoni ambjentali relatati mal-preservazzjoni tal-kwalità tal-ilma u mal-prevenzjoni tal-istress idriku huma identifikati u indirizzati, f'konformità ma' pjan ta' ġestjoni tal-użu u tal-protezzjoni tal-ilma, żviluppat f'konsultazzjoni mal-partijiet konċernati rilevanti.<br>Sabiex jiġu limitati l-anomaliji termali assoċjati mar-rilaxx tas-sħana mormija, l-operaturi ta' impjanti tal-enerġija nukleari interni jużaw it-tkessiħ idriku b'ċirkwit miftuħ billi jieħdu l-ilma minn xmara jew għadira għandhom jikkontrollaw:<br>(a) it-temperatura massima tal-korp idriku riċeventi wara li jitħallat, u<br>(b) id-differenza massima fit-temperatura bejn l-ilma tat-tkessiħ mormi u l-korp idriku riċeventi.<br>Il-kontroll tat-temperatura jiġi implimentat skont il-kundizzjonijiet tal-liċenzja individwali għal operazzjonijiet speċifiċi, fejn applikabbli, jew skont il-valuri ta' limitu f'konformità mal-liġi tal-Unjoni.<br>L-attività tikkonforma mal-istandards tal-Industry Foundation Classes (IFC).<br>L-attivitajiet nukleari jitwettqu f'konformità mar-rekwiżiti dwar l-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem tad-Direttiva 2000/60/KE u tad-Direttiva 2013/51/Euratom li tistabbilixxi r-rekwiżiti għall-protezzjoni tas-saħħa tal-pubbliku ġenerali fir-rigward ta' sustanzi radjuattivi fl-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem. |
| (4) Tranżizzjoni lejn ekonomija ċirkolari | Pjan għall-ġestjoni tal-iskart kemm radjuattiv u kemm mhux radjuattiv huwa fis-seħħ u jiżgura l-użu mill-ġdid jew ir-riċiklaġġ massimu ta' dan l-iskart fi tmiem ħajtu f'konformità mal-ġerarkija tal-iskart, inkluż permezz ta' ftehimiet kuntrattwali mas-sħab tal-ġestjoni tal-iskart, kif muri fi projezzjonijiet finanzjarji jew f'dokumentazzjoni uffiċjali tal-proġett.<br>Waqt l-operat u d-dekummissjonar, l-ammont ta' skart radjuattiv jiġi minimizzat u l-ammont ta' materjali għar-rilaxx bla restrizzjonijiet jiġi massimizzat skont id-Direttiva 2011/70/Euratom, u f'konformità mar-rekwiżiti tal-protezzjoni mir-radjazzjoni stabbiliti fid-Direttiva 2013/59/Euratom. |

| | |
|---|---|
| | Hemm fis-seħħ skema ta' finanzjament biex tiżgura finanzjament adegwat għall-attivitajiet kollha ta' dekummissjonar u għall-ġestjoni tal-fjuwil użat u tal-iskart radjuattiv, f'konformità mad-Direttiva 2011/70/Euratom u r-Rakkomandazzjoni 2006/851/Euratom.<br><br>Trid titlesta valutazzjoni tal-Impatt Ambjentali qabel ma jinbena impjant tal-enerġija nukleari, skont id-Direttiva 2011/92/UE. Il-miżuri ta' mitigazzjoni u ta' kumpens meħtieġa jiġu implimentati.<br><br>L-elementi rilevanti f'din it-Taqsima huma koperti mir-rapporti tal-Istati Membri lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 14(1) tad-Direttiva 2011/70/Euratom. |
| (5) Il-prevenzjoni u l-kontroll tat-tniġġis | L-attività tikkonforma mal-kriterji stabbiliti fl-Appendiċi C ta' dan l-Anness.<br><br>L-emissjonijiet mhux radjuattivi huma fil-livelli jew inqas mil-livelli ta' emissjonijiet assoċjati mal-firxiet tal-aqwa tekniki disponibbli (BAT-AEL) stabbiliti fil-konklużjonijiet dwar l-aqwa tekniki disponibbli (best available techniques, BAT) għall-impjanti kbar tal-kombustjoni. Ma jħallu l-ebda effett transmedjali sinifikanti.<br><br>Sabiex il-konklużjonijiet dwar il-BAT għal impjanti kbar tal-kombustjoni jkunu japplikaw għal impjanti tal-enerġija nukleari b'input termiku ta' akbar minn 1 MW iżda anqas mil-limiti, l-emissjonijiet ikunu anqas mill-valuri ta' limitu tal-emissjonijiet stabbiliti fil-parti 2 tal-Anness II tad-Direttiva (UE) 2015/2193.<br><br>L-iskariki radjuattivi fl-arja, il-korpi tal-ilma u l-art (il-ħamrija) jikkonformaw mal-kundizzjonijiet tal-liċenzja individwali għal operazzjonijiet speċifiċi, fejn applikabbli, jew mal-valuri ta' limitu nazzjonali f'konformità mad-Direttiva 2013/51/Euratom *7 u d-Direttiva 2013/59/Euratom.<br><br>Il-fjuwil użat u l-iskart radjuattiv huma ġestiti b'mod sikur u responsabbli skont id-Direttiva 2011/70/Euratom u d-Direttiva 2013/59/Euratom.<br><br>Hemm disponibbli kapaċità adegwata ta' ħżin temporanju għall-proġett, filwaqt li l-pjanijiet nazzjonali għar-rimi huma fis-seħħ biex jimminimizzaw it-tul ta' żmien tal-ħżin temporanju, f'konformità mad-dispożizzjoni tad-Direttiva 2011/70/Euratom li tqis il-ħżin tal-iskart radjuattiv, inkluż il-ħżin fit-tul, bħala soluzzjoni temporanja u mhux alternattiva għar-rimi. |
| (6) Il-protezzjoni u r-restawr tal-bijodiversità u tal-ekosistemi | L-attività tikkonforma mal-kriterji stabbiliti fl-Appendiċi D ta' dan l-Anness.<br><br>Trid titlesta valutazzjoni tal-Impatt Ambjentali qabel ma jinbena impjant tal-enerġija nukleari, skont id-Direttiva 2011/92/UE. Il-miżuri ta' mitigazzjoni u ta' kumpens meħtieġa jiġu implimentati.<br><br>Għal siti/operazzjonijiet li jinsabu f'żoni sensittivi għall-bijodiversità jew qribhom li probabbilment ikollhom effetti sinifikanti fuq iż-żoni sensittivi għall-bijodiversità (inkluż in-network Natura 2000 taż-żoni protetti, is-siti ta' Wirt Dinji tal-Unesco u ż-Żoni ta' Bijodiversità Ewlenin, kif ukoll żoni protetti oħrajn), twettqet valutazzjoni xierqa, fejn applikabbli, u fuq il-bażi tal-konklużjonijiet tagħha ġew implimentati l-miżuri ta' mitigazzjoni meħtieġa.<br><br>Is-siti/l-operazzjonijiet ma għandhomx ikunu detrimentali għall-*istatus* ta' konservazzjoni ta' xi ħabitat jew speċi li jinsabu f'żoni protetti. |

### 4.27. Il-kostruzzjoni u t-tħaddim sikur ta' impjanti tal-enerġija nukleari ġodda, għall-ġenerazzjoni tal-elettriku jew tas-sħana, inkluż għall-produzzjoni tal-idroġenu, bl-użu tal-aħjar teknoloġiji disponibbli

Għall-finijiet ta' din it-Taqsima, l-aqwa teknoloġiji disponibbli tfisser it-teknoloġiji li jikkonformaw bis-sħiħ mar-rekwiżiti tad-Direttiva 2009/71/Euratom u li jirrispettaw bis-sħiħ l-aktar parametri tekniċi reċenti tal-istandards tal-IAEA u l-objettivi ta' Sikurezza u l-Livelli ta' Referenza tal-WENRA.

*Deskrizzjoni tal-attività*

Il-kostruzzjoni u t-tħaddim sikur ta' installazzjonijiet nukleari ġodda li għalihom l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri jkunu ħarġu l-permess tal-bini sal-2045, f'konformità mal-liġi nazzjonali applikabbli, għall-produzzjoni tal-elettriku jew għas-sħana tul il-proċess, inkluż għall-finijiet tat-tisħin distrettwali jew tal-proċessi industrijali bħall-produzzjoni tal-idroġenu (installazzjonijiet nukleari ġodda), kif ukoll it-titjib tas-sikurezza tagħhom.

L-attività hija klassifikata taħt il-kodiċijiet NACE D35.11 u F42.22 f'konformità mal-klassifikazzjoni statistika tal-attivitajiet ekonomiċi stabbilita bir-Regolament (KE) Nru 1893/2006.

Attività ekonomika f'din il-kategorija tkun attività tranżitorja kif imsemmija fl-Artikolu 10(2) tar-Regolament (UE) 2020/852 meta tikkonforma mal-kriterji ta' skrinjar tekniku stabbiliti f'din it-Taqsima.

*Kriterji ta' skrinjar tekniku*

Il-kriterji ġenerali li jikkontribwixxu b'mod sostanzjali għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u għall-prinċipju "la tagħmilx ħsara sinifikanti" (Do no significant harm, "DNSH")

1. Il-proġett relatat mal-attività ekonomika ("il-proġett") ikun jinsab fi Stat Membru li jikkonforma ma' dan kollu li ġej:

   (a) l-Istat Membru jkun ittraspona kompletament id-Direttiva tal-Kunsill 2009/71/Euratom u d-Direttiva tal-Kunsill 2011/70/Euratom;

   (b) l-Istat Membru jkun konformi mat-Trattat Euratom u mal-leġiżlzzjoni adottata fuqu, b'mod partikolari d-Direttiva 2009/71/Euratom, id-Direttiva 2011/70/Euratom u d-Direttiva 2013/59/Euratom, kif ukoll il-liġi ambjentali applikabbli tal-Unjoni adottata skont l-Artikolu 192 TFUE, b'mod partikolari d-Direttiva 2011/92/UE u d-Direttiva 2000/60/KE;

   (c) l-Istat Membru jkollu fis-seħħ, mid-data tal-approvazzjoni tal-proġett, fond għall-ġestjoni tal-iskart radjuattiv u fond għad-dekummissjonar nukleari li jistgħu jiġu kkombinati;

   (d) l-Istat Membru jkun wera li se jkollu riżorsi disponibbli fi tmiem il-ħajja utli stmata tal-impjant tal-enerġija nukleari li jikkorrispondu għall-ispiża stmata tal-ġestjoni tal-iskart radjuattiv u d-dekummissjonar f'konformità mar-Rakkomandazzjoni 2006/851/Euratom;

   (e) l-Istat Membru jkollu faċilitajiet operattivi għar-rimi finali tal-iskart radjuattiv kollu ta' livell baxx ħafna, baxx u intermedju, li jiġu nnotifikati lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 41 tat-Trattat Euratom jew skont l-Artikolu 1(4) tar-Regolament tal-Kunsill 2587/1999 u inklużi fil-programm nazzjonali aġġornat skont id-Direttiva tal-Kunsill 2011/70/Euratom;

   (f) l-Istat Membru jkollu pjan dokumentat bil-passi ddettaljati biex jopera sal-2050 faċilità tar-rimi għall-iskart radjuattiv ta' livell għoli li jiddeskrivi dan kollu li ġej:

      (i) il-kunċetti jew il-pjanijiet u s-soluzzjonijiet tekniċi għall-ġestjoni tal-fjuwil użat u l-iskart radjuattiv mill-ġenerazzjoni sar-rimi;

      (ii) il-kunċetti jew il-pjanijiet għall-perjodu ta' wara l-għeluq ta' ħajjet il-faċilità tar-rimi, inkluż il-perjodu li matulu jseħħu l-kontrolli xierqa u l-mezzi li għandhom jintużaw biex l-għarfien ta' dik il-faċilità jiġi ppreservat fuq terminu itwal;

      (iii) ir-responsabbiltajiet għall-implimentazzjoni tal-pjan u l-indikaturi tal-prestazzjoni ewlenin għall-monitoraġġ tal-progress tiegħu;

      (iv) il-valutazzjonijiet tal-ispejjeż u l-iskemi ta' finanzjament.

Għall-finijiet tal-punt (f), l-Istati Membri jistgħu jużaw il-pjanijiet imfassla bħala parti mill-programm nazzjonali kif meħtieġ mill-Artikoli 11 u 12 tad-Direttiva 2011/70/Euratom.

2. Il-proġett japplika bis-sħiħ l-aħjar teknoloġija disponibbli u mill-2025 il-fjuwil b'tolleranza għall-aċċidenti. It-teknoloġija hija ċċertifikata u approvata mir-regolatur nazzjonali tas-sikurezza nazzjonali.

3. Il-proġett ikun ġie nnotifikat lill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 41 tat-Trattat Euratom jew mal-Artikolu 1(4) tar-Regolament tal-Kunsill 2587/1999, skont liema minn dawn id-dispożizzjonijiet tkun applikabbli, il-Kummissjoni tkun tat l-opinjoni tagħha dwaru f'konformità mal-Artikolu 43 tat-Trattat Euratom, u l-kwistjonijiet kollha msemmija fl-opinjoni, b'rilevanza għall-applikazzjoni tal-Artikolu 10(2) u l-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852, u tal-kriterji tekniċi ta' skrinjar stabbiliti f'din it-Taqsima jkunu ġew indirizzati b'mod sodisfaċenti.

4. L-Istat Membru kkonċernat intrabat li jagħti rendikont lill-Kummissjoni kull ħames snin, għal kull proġett, dwar dan kollu li ġej:

(a) l-adegwatezza tar-riżorsi akkumulati msemmija fil-punt 1(c);

(b) il-progress reali fl-implimentazzjoni tal-pjan imsemmi fil-punt 1(f).

Fuq il-bażi tar-rapporti, il-Kummissjoni għandha tirrevedi l-adegwatezza tar-riżorsi akkumulati tal-fond għall-ġestjoni tal-iskart radjuattiv u tal-fond għad-dekummissjonar nukleari msemmija fil-punt 1(c) u l-progress fl-implimentazzjoni tal-pjan dokumentat imsemmi fil-punt 1(f) u tista' tindirizzalu, lill-Istat Membru kkonċernat, opinjoni.

5. Il-Kummissjoni għandha tirrieżamina mill-2025, u mill-inqas kull 10 snin, il-parametri tekniċi li jikkorrispondu għall-aħjar teknoloġija disponibbli fuq il-bażi tal-valutazzjoni mill-Grupp ta' Regolaturi Ewropew dwar is-Sikurezza Nukleari (European Nuclear Safety Regulators' Group, "ENSREG").

6. L-attività tikkonforma mal-leġiżlazzjoni nazzjonali li tittrasponi l-leġiżlazzjoni msemmija fil-punt 1(a) u (b), inkluż fir-rigward tal-evalwazzjoni, b'mod partikolari permezz ta' testijiet tal-istress, tar-reżiljenza tal-impjanti tal-enerġija nukleari li jinsabu fit-territorju tal-Unjoni kontra perikli naturali estremi, inklużi t-terremoti. Bl-istess mod, l-attività sseħħ fit-territorju ta' Stat Membru fejn l-operatur ta' installazzjoni nukleari:

(a) ikun ippreżenta dimostrazzjoni tas-sikurezza nukleari, li l-ambitu u l-livell ta' dettall tagħha jkunu proporzjonali għad-daqs potenzjali u n-natura tal-periklu rilevanti għall-installazzjoni nukleari u s-sit tagħha (l-Artikolu 6, il-punt (b), tad-Direttiva 2009/71/Euratom);

(b) ta' perikli naturali esterni estremi u perikli mhux intenzjonati kkawżati mill-bniedem kemm jista' jkun jitnaqqsu (L-Artikolu 8b(1), il-punt (a), tad-Direttiva 2009/71/Euratom); ikun ħa l-miżuri ta' difiża profonda biex jiżgura, fost l-oħrajn, li l-impatt ta'

(c) ikun wettaq valutazzjoni xierqa speċifika għas-sit u għall-installazzjoni meta l-operatur ikkonċernat japplika għal liċenzja biex jibni jew iħaddem impjant tal-enerġija nukleari (l-Artikolu 8c(a) tad-Direttiva 2009/71/Euratom).

7. L-attività tissodisfa r-rekwiżiti tad-Direttiva 2009/71/Euratom, appoġġata mill-aħħar gwida internazzjonali tal-IAEA u tal-WENRA, filwaqt li tikkontribwixxi biex tiżdied ir-reżiljenza u l-kapaċità ta' impjanti tal-enerġija nukleari ġodda u eżistenti biex ilaħħqu ma' perikli naturali estremi, inklużi għargħar u kundizzjonijiet estremi tat-temp.

8. L-iskart radjuattiv kif imsemmi fil-punt 1(e) u (f) jintrema fl-Istat Membru fejn ikun ġie ġġenerat, sakemm ma jkunx hemm ftehim bejn l-Istat Membru kkonċernat u l-Istat Membru tad-destinazzjoni, kif stabbilit fid-Direttiva 2011/70/Euratom. F'dan il-każ, l-Istat Membru tad-destinazzjoni jrid ikollu programmi ta' ġestjoni u rimi għall-iskart radjuattiv u faċilità ta' rimi xierqa li topera f'konformità mar-rekwiżiti tad-Direttiva 2011/70/Euratom.

Kriterji oħra li jikkontribwixxu b'mod sostanzjali għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima

L-attività tiġġenera l-elettriku bl-użu tal-enerġija nukleari. L-emissjonijiet tal-gassijiet serra (greenhouse gas, GHG) tul iċ-ċiklu tal-ħajja mill-ġenerazzjoni tal-elettriku mill-enerġija nukleari jkunu taħt il-limitu ta' 100 g $CO_2e$/kWh.
L-iffrankar tal-emissjonijiet tal-GHG tul iċ-ċiklu tal-ħajja jiġi kkalkolat billi tintuża r-Rakkomandazzjoni 2013/179/UE jew, inkella, billi jintuża l-istandard ISO 14067:2018 jew ISO 14064-1:2018.
L-emissjonijiet tal-GHG ikkwantifikati tul iċ-ċiklu tal-ħajja jiġu vverifikati minn parti terza indipendenti.

Kriterji oħra marbutin mal-prinċipju "la tagħmilx ħsara sinifikanti" ("DNSH")

| | |
|---|---|
| (2) L-adattament għat-tibdil fil-klima | L-attività tikkonforma mal-kriterji stabbiliti fl-Appendiċi A ta' dan l-Anness.<br><br>L-attività tikkonforma mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 6(b), l-Artikolu 8b(1), il-punt (a), u l-Artikolu 8c(a) tad-Direttiva 2009/71/Euratom.<br><br>L-attività tissodisfa r-rekwiżiti tad-Direttiva 2009/71/Euratom implimentata skont il-gwida internazzjonali tal-IAEA u tal-WENRA dwar il-perikli naturali estremi, inklużi l-għargħar u l-kundizzjonijiet estremi tat-temp. |
| (3) L-użu sostenibbli u l-protezzjoni tar-riżorsi tal-ilma u tal-baħar | L-attività tikkonforma mal-kriterji stabbiliti fl-Appendiċi B ta' dan l-Anness.<br><br>Ir-riskji ta' degradazzjoni ambjentali relatati mal-preservazzjoni tal-kwalità tal-ilma u mal-prevenzjoni tal-istress idriku huma identifikati u indirizzati, f'konformità ma' pjan ta' ġestjoni tal-użu u tal-protezzjoni tal-ilma, żviluppat f'konsultazzjoni mal-partijiet konċernati rilevanti.<br><br>Sabiex jiġu limitati l-anomaliji termali assoċjati mar-rilaxx tas-sħana mormija, l-operaturi ta' impjanti tal-enerġija nukleari interni jużaw it-tkessiħ idriku b'ċirkwit miftuħ billi jieħdu l-ilma minn xmara jew għadira għandhom jikkontrollaw:<br>(a) it-temperatura massima tal-korp idriku riċeventi wara li jitħallat, u<br>(b) id-differenza massima fit-temperatura bejn l-ilma tat-tkessiħ mormi u l-korp idriku riċeventi.<br><br>Il-kontroll tat-temperatura jiġi implimentat skont il-kundizzjonijiet tal-liċenzja individwali għal operazzjonijiet speċifiċi, fejn applikabbli, jew skont il-valuri ta' limitu f'konformità mal-liġi tal-Unjoni.<br><br>L-attività tikkonforma mal-istandards tal-Industry Foundation Classes (IFC).<br><br>L-attivitajiet nukleari jitwettqu f'konformità mar-rekwiżiti dwar l-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem tad-Direttiva 2000/60/KE u tad-Direttiva 2013/51/Euratom li tistabbilixxi r-rekwiżiti għall-protezzjoni tas-saħħa tal-pubbliku ġenerali fir-rigward ta' sustanzi radjuattivi fl-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem. |
| (4) Tranżizzjoni lejn ekonomija ċirkolari | Pjan għall-ġestjoni tal-iskart kemm radjuattiv u kemm mhux radjuattiv huwa fis-seħħ u jiżgura l-użu mill-ġdid jew ir-riċiklaġġ massimu ta' dan l-iskart fi tmiem ħajtu f'konformità mal-ġerarkija tal-iskart, inkluż permezz ta' ftehimiet kuntrattwali mas-sħab tal-ġestjoni tal-iskart, kif muri fi projezzjonijiet finanzjarji jew f'dokumentazzjoni uffiċjali tal-proġett.<br><br>Waqt l-operat u d-dekummissjonar, l-ammont ta' skart radjuattiv jiġi minimizzat u l-ammont ta' materjali għar-rilaxx bla restrizzjonijiet jiġi massimizzat skont id-Direttiva 2011/70/Euratom, u f'konformità mar-rekwiżiti tal-protezzjoni mir-radjazzjoni stabbiliti fid-Direttiva 2013/59/Euratom. |

| | |
|---|---|
| | Hemm fis-seħħ skema ta' finanzjament biex tiżgura finanzjament adegwat għall-attivitajiet kollha ta' dekummissjonar u għall-ġestjoni tal-fjuwil użat u tal-iskart radjuattiv, f'konformità mad-Direttiva 2011/70/Euratom u r-Rakkomandazzjoni 2006/851/Euratom.<br><br>Trid titlesta valutazzjoni tal-Impatt Ambjentali qabel ma jinbena impjant tal-enerġija nukleari, skont id-Direttiva 2011/92/UE. Il-miżuri ta' mitigazzjoni u ta' kumpens meħtieġa jiġu implimentati.<br><br>L-elementi rilevanti f'din it-Taqsima huma koperti mir-rapporti tal-Istati Membri lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 14(1) tad-Direttiva 2011/70/Euratom. |
| (5) Il-prevenzjoni u l-kontroll tat-tniġġis | L-attività tikkonforma mal-kriterji stabbiliti fl-Appendiċi C ta' dan l-Anness.<br><br>L-emissjonijiet mhux radjuattivi huma fil-livelli jew inqas mil-livelli ta' emissjonijiet assoċjati mal-firxiet tal-aqwa tekniki disponibbli (BAT-AEL) stabbiliti fil-konklużjonijiet dwar l-aqwa tekniki disponibbli (best available techniques, BAT) għall-impjanti kbar tal-kombustjoni. Ma jħallu l-ebda effett transmedjali sinifikanti.<br><br>Sabiex il-konklużjonijiet dwar il-BAT għal impjanti kbar tal-kombustjoni jkunu japplikaw għal impjanti tal-enerġija nukleari b'input termiku ta' akbar minn 1 MW iżda anqas mil-limiti, l-emissjonijiet ikunu anqas mill-valuri ta' limitu tal-emissjonijiet stabbiliti fil-parti 2 tal-Anness II tad-Direttiva (UE) 2015/2193.<br><br>L-iskariki radjuattivi fl-arja, il-korpi tal-ilma u l-art (il-ħamrija) jikkonformaw mal-kundizzjonijiet tal-liċenzja individwali għal operazzjonijiet speċifiċi, fejn applikabbli, jew mal-valuri ta' limitu nazzjonali f'konformità mad-Direttiva 2013/51/Euratom u d-Direttiva 2013/59/Euratom.<br><br>Il-fjuwil użat u l-iskart radjuattiv huma ġestiti b'mod sikur u responsabbli skont id-Direttiva 2011/70/Euratom u d-Direttiva 2013/59/Euratom.<br><br>Hemm disponibbli kapaċità adegwata ta' ħżin temporanju għall-proġett, filwaqt li l-pjanijiet nazzjonali għar-rimi huma fis-seħħ biex jimminimizzaw it-tul ta' żmien tal-ħżin temporanju, f'konformità mad-Direttiva 2011/70/Euratom li tqis il-ħżin tal-iskart radjuattiv, inkluż il-ħżin fit-tul, bħala soluzzjoni temporanja u mhux alternattiva għar-rimi. |
| (6) Il-protezzjoni u r-restawr tal-bijodiversità u tal-ekosistemi | L-attività tikkonforma mal-kriterji stabbiliti fl-Appendiċi D ta' dan l-Anness.<br><br>Trid titlesta valutazzjoni tal-Impatt Ambjentali qabel ma jinbena impjant tal-enerġija nukleari, skont id-Direttiva 2011/92/UE. Il-miżuri ta' mitigazzjoni u ta' kumpens meħtieġa jiġu implimentati.<br>Għal siti/operazzjonijiet li jinsabu f'żoni sensittivi għall-bijodiversità jew qribhom li probabbilment ikollhom effett sinifikanti fuq iż-żoni sensittivi għall-bijodiversità (inkluż in-network Natura 2000 taż-żoni protetti, is-siti ta' Wirt Dinji tal-Unesco u ż-Żoni ta' Bijodiversità Ewlenin, kif ukoll żoni protetti oħrajn), twettqet valutazzjoni xierqa, fejn applikabbli, u fuq il-bażi tal-konklużjonijiet tagħha ġew implimentati l-miżuri ta' mitigazzjoni meħtieġa.<br><br>Is-siti/l-operazzjonijiet ma għandhomx ikunu detrimentali għall-*istatus* ta' konservazzjoni ta' xi ħabitat jew speċi li jinsabu f'żoni protetti. |

## 4.28. **Il-ġenerazzjoni tal-elettriku mill-enerġija nukleari f'installazzjonijiet eżistenti**

*Deskrizzjoni tal-attività*

Il-modifika ta' installazzjonijiet nukleari eżistenti bil-għan li jiġi estiż il-perjodu ta' tħaddim sikur tal-installazzjonijiet nukleari li jipproduċu l-elettriku jew is-sħana mill-enerġija nukleari ("impjanti tal-enerġija nukleari"), awtorizzata mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri sal-2040, f'konformità mal-liġi nazzjonali applikabbli.

L-attività hija klassifikata taħt il-kodiċijiet NACE D35.11 u F42.22 f'konformità mal-klassifikazzjoni statistika tal-attivitajiet ekonomiċi stabbilita bir-Regolament (KE) Nru 1893/2006.

Attività ekonomika f'din il-kategorija tkun attività tranżitorja kif imsemmija fl-Artikolu 10(2) tar-Regolament (UE) 2020/852 meta tikkonforma mal-kriterji ta' skrinjar tekniku stabbiliti f'din it-Taqsima.

*Kriterji ta' skrinjar tekniku*

Il-kriterji ġenerali li jikkontribwixxu b'mod sostanzjali għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u għall-prinċipju "la tagħmilx ħsara sinifikanti" (Do no significant harm, "DNSH")

1. Il-proġett relatat mal-attività ekonomika ("il-proġett") ikun jinsab fi Stat Membru li jikkonforma ma' dan kollu li ġej:

   (a) l-Istat Membru jkun ittraspona kompletament id-Direttiva tal-Kunsill 2009/71/Euratom u d-Direttiva tal-Kunsill 2011/70/Euratom;

   (b) l-Istat Membru jkun konformi mat-Trattat Euratom u mal-leġiżlzzjoni adottata fuqu, b'mod partikolari d-Direttiva 2009/71/Euratom, id-Direttiva 2011/70/Euratom u d-Direttiva 2013/59/Euratom, u mal-liġi ambjentali applikabbli tal-Unjoni adottata skont l-Artikolu 192 TFUE, b'mod partikolari d-Direttiva 2011/92/UE u d-Direttiva 2000/60/KE;

   (c) fond għall-ġestjoni tal-iskart radjuattiv u fond għad-dekummissjonar nukleari li jistgħu jiġu kkombinati; l-Istat Membru jkollu fis-seħħ, mid-data tal-approvazzjoni tal-proġett,

   (d) l-Istat Membru jkun wera li se jkollu riżorsi disponibbli fi tmiem il-ħajja utli stmata tal-impjant tal-enerġija nukleari li jikkorrispondu għall-ispiża stmata tal-ġestjoni tal-iskart radjuattiv u d-dekummissjonar f'konformità mar-Rakkomandazzjoni 2006/851/Euratom;

   (e) l-Istat Membru jkollu faċilitajiet operattivi għar-rimi finali tal-iskart radjuattiv kollu ta' livell baxx ħafna, baxx u intermedju, li jiġu nnotifikati lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 41 tat-Trattat Euratom jew skont l-Artikolu 1(4) tar-Regolament tal-Kunsill 2587/1999 u inklużi fil-programm nazzjonali aġġornat skont id-Direttiva tal-Kunsill 2011/70/Euratom;

   (f) għall-proġetti awtorizzati wara l-2025, l-Istat Membru jkollu pjan dokumentat bil-passi ddettaljati biex jopera sal-2050 faċilità tar-rimi għall-iskart radjuattiv ta' livell għoli li jiddeskrivi dan kollu li ġej:

      (i) il-kunċetti jew il-pjanijiet u s-soluzzjonijiet tekniċi għall-ġestjoni tal-fjuwil użat u l-iskart radjuattiv mill-ġenerazzjoni sar-rimi;

      (ii) il-kunċetti jew il-pjanijiet għall-perjodu ta' wara l-għeluq ta' ħajjet il-faċilità tar-rimi, inkluż il-perjodu li matulu jseħħu l-kontrolli xierqa u l-mezzi li għandhom jintużaw biex l-għarfien ta' dik il-faċilità jiġi ppreservat fuq terminu itwal;

      (iii) ir-responsabbiltajiet għall-implimentazzjoni tal-pjan u l-indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni biex jiġi mmonitorjat il-progress tiegħu;

      (iv) il-valutazzjonijiet tal-ispejjeż u l-iskemi ta' finanzjament.

   Għall-finijiet tal-punt (f), l-Istati Membri jistgħu jużaw il-pjanijiet imfassla bħala parti mill-programm nazzjonali kif meħtieġ mill-Artikoli 11 u 12 tad-Direttiva 2011/70/Euratom.

2. Il-proġett imtejjeb jimplimenta kull titjib fis-sikurezza raġonevolment prattiku u mill-2025 se jagħmel użu mill-fjuwil b'tolleranza għall-aċċidenti. It-teknoloġija hija ċċertifikata u approvata mir-regolatur nazzjonali tas-sikurezza nazzjonali.

3. Il-proġett ikun ġie nnotifikat lill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 41 tat-Trattat Euratom jew mal-Artikolu 1(4) tar-Regolament tal-Kunsill 2587/1999, skont liema minn dawn id-dispożizzjonijiet tkun applikabbli, il-Kummissjoni tkun tat l-opinjoni tagħha dwaru f'konformità mal-Artikolu 43 tat-Trattat Euratom, u l-kwistjonijiet kollha msemmija fl-opinjoni, b'rilevanza għall-applikazzjoni tal-Artikolu 10(2) u l-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852, u tal-kriterji tekniċi ta' skrinjar stabbiliti f'din it-Taqsima jkunu ġew indirizzati b'mod sodisfaċenti.

4. L-Istat Membru kkonċernat intrabat li jagħti rendikont lill-Kummissjoni kull ħames snin, għal kull proġett, dwar dan kollu li ġej:

(a) l-adegwatezza tar-riżorsi akkumulati msemmija fil-punt 1(c);

(b) il-progress reali fl-implimentazzjoni tal-pjan imsemmi fil-punt 1(f).

Fuq il-bażi tar-rapporti, il-Kummissjoni għandha tirrevedi l-adegwatezza tar-riżorsi akkumulati tal-fond għall-ġestjoni tal-iskart radjuattiv u tal-fond għad-dekummissjonar nukleari msemmija fil-punt 1(c) u l-progress fl-implimentazzjoni tal-pjan dokumentat imsemmi fil-punt 1(f) u tista' tindirizzalu, lill-Istat Membru kkonċernat, opinjoni.

5. L-attività tikkonforma mal-leġiżlazzjoni nazzjonali li tittrasponi l-leġiżlazzjoni msemmija fil-punt 1(a) u (b), inkluż fir-rigward tal-evalwazzjoni, b'mod partikolari permezz ta' testijiet tal-istress, tar-reżiljenza tal-impjanti tal-enerġija nukleari tal-Unjoni kontra perikli naturali estremi, inklużi t-terremoti. Bl-istess mod, l-attività sseħħ fit-territorju ta' Stat Membru fejn l-operatur ta' installazzjoni nukleari:

(a) ikun ippreżenta dimostrazzjoni tas-sikurezza nukleari, li l-ambitu u l-livell ta' dettall tagħha jkunu proporzjonali għad-daqs potenzjali u n-natura tal-periklu rilevanti għall-installazzjoni nukleari u s-sit tagħha (l-Artikolu 6, il-punt (b), tad-Direttiva 2009/71/Euratom);

(b) ikun ħa miżuri ta' difiża fil-fond biex jiżgura, *inter alia*, li l-impatt ta' perikli esterni estremi, kemm naturali kif ukoll mhux intenzjonati ta' oriġini umana, jiġi minimizzat (l-Artikolu 8b(1), il-punt (a) tad-Direttiva 2009/71/Euratom);

(c) ikun wettaq valutazzjoni xierqa speċifika għas-sit u għall-installazzjoni meta l-operatur ikkonċernat japplika għal liċenzja biex jibni jew iħaddem impjant tal-enerġija nukleari (l-Artikolu 8c(a) tad-Direttiva 2009/71/Euratom).

6. L-attività tissodisfa r-rekwiżiti tad-Direttiva 2009/71/Euratom, appoġġata mill-aħħar gwida internazzjonali tal-IAEA u tal-WENRA, filwaqt li tikkontribwixxi biex tiżdied ir-reżiljenza u l-kapaċità ta' impjanti tal-enerġija nukleari ġodda u eżistenti biex ilaħħqu ma' perikli naturali estremi, inklużi għargħar u kundizzjonijiet estremi tat-temp.

7. L-iskart radjuattiv imsemmi fil-punt 1(e) u (f) jintrema fl-Istat Membru fejn ikun ġie ġġenerat, sakemm ma jkunx hemm ftehim bejn l-Istat Membru kkonċernat u l-Istat Membru tad-destinazzjoni, kif stabbilit fid-Direttiva 2011/70/Euratom. F'dan il-każ, l-Istat Membru tad-destinazzjoni jrid ikollu programmi ta' ġestjoni u rimi għall-iskart radjuattiv u faċilità ta' rimi xierqa li topera f'konformità mar-rekwiżiti tad-Direttiva 2011/70/Euratom.

| Kriterji oħra li jikkontribwixxu b'mod sostanzjali għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima |
| --- |
| L-attività tiġġenera l-elettriku bl-użu tal-enerġija nukleari. L-emissjonijiet tal-gassijiet serra (greenhouse gas, GHG) tul iċ-ċiklu tal-ħajja mill-ġenerazzjoni tal-elettriku mill-enerġija nukleari jkunu taħt il-limitu ta' 100 g $CO_2e$/kWh.<br>L-iffrankar tal-emissjonijiet tal-GHG tul iċ-ċiklu tal-ħajja jiġi kkalkolat billi tintuża r-Rakkomandazzjoni 2013/179/UE jew, inkella, billi jintuża l-istandard ISO 14067:2018 jew ISO 14064-1:2018.<br>L-emissjonijiet tal-GHG ikkwantifikati tul iċ-ċiklu tal-ħajja jiġu vverifikati minn parti terza indipendenti. |

| Kriterji oħra marbutin mal-prinċipju "la tagħmilx ħsara sinifikanti" ("DNSH") | |
|---|---|
| (2) L-adattament għat-tibdil fil-klima | L-attività tikkonforma mal-kriterji stabbiliti fl-Appendiċi A ta' dan l-Anness.<br><br>L-attività tikkonforma mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 6(b), l-Artikolu 8b(1), il-punt (a), u l-Artikolu 8c(a) tad-Direttiva 2009/71/Euratom.<br><br>L-attività tissodisfa r-rekwiżiti tad-Direttiva 2009/71/Euratom implimentata skont il-gwida internazzjonali tal-IAEA u tal-WENRA dwar il-perikli naturali estremi, inklużi l-għargħar u l-kundizzjonijiet estremi tat-temp. |
| (3) L-użu sostenibbli u l-protezzjoni tar-riżorsi tal-ilma u tal-baħar | L-attività tikkonforma mal-kriterji stabbiliti fl-Appendiċi B ta' dan l-Anness.<br><br>Ir-riskji ta' degradazzjoni ambjentali relatati mal-preservazzjoni tal-kwalità tal-ilma u mal-prevenzjoni tal-istress idriku huma identifikati u indirizzati, f'konformità ma' pjan ta' ġestjoni tal-użu u tal-protezzjoni tal-ilma, żviluppat f'konsultazzjoni mal-partijiet konċernati rilevanti.<br><br>Sabiex jiġu limitati l-anomaliji termali assoċjati mar-rilaxx tas-sħana mormija, l-operaturi ta' impjanti tal-enerġija nukleari interni jużaw it-tkessiħ idriku b'ċirkwit miftuħ billi jieħdu l-ilma minn xmara jew għadira għandhom jikkontrollaw:<br>(a) it-temperatura massima tal-korp idriku riċeventi wara li jitħallat, u<br>(b) id-differenza massima fit-temperatura bejn l-ilma tat-tkessiħ mormi u l-korp idriku riċeventi.<br><br>Il-kontroll tat-temperatura jiġi implimentat skont il-kundizzjonijiet tal-liċenzja individwali għal operazzjonijiet speċifiċi, fejn applikabbli, jew skont il-valuri ta' limitu f'konformità mal-liġi tal-Unjoni.<br><br>L-attività tikkonforma mal-istandards tal-Industry Foundation Classes (IFC).<br><br>L-attivitajiet nukleari jitwettqu f'konformità mar-rekwiżiti dwar l-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem tad-Direttiva 2000/60/KE u tad-Direttiva 2013/51/Euratom li tistabbilixxi r-rekwiżiti għall-protezzjoni tas-saħħa tal-pubbliku ġenerali fir-rigward ta' sustanzi radjuattivi fl-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem. |
| (4) Tranżizzjoni lejn ekonomija ċirkolari | Pjan għall-ġestjoni tal-iskart kemm radjuattiv u kemm mhux radjuattiv huwa fis-seħħ u jiżgura l-użu mill-ġdid jew ir-riċiklaġġ massimu ta' dan l-iskart fi tmiem ħajtu f'konformità mal-ġerarkija tal-iskart, inkluż permezz ta' ftehimiet kuntrattwali mas-sħab tal-ġestjoni tal-iskart, kif muri fi projezzjonijiet finanzjarji jew f'dokumentazzjoni uffiċjali tal-proġett.<br><br>Waqt l-operat u d-dekummissjonar, l-ammont ta' skart radjuattiv jiġi minimizzat u l-ammont ta' materjali għar-rilaxx bla restrizzjonijiet jiġi massimizzat skont id-Direttiva 2011/70/Euratom, u f'konformità mar-rekwiżiti tal-protezzjoni mir-radjazzjoni stabbiliti fid-Direttiva 2013/59/Euratom.<br><br>Hemm fis-seħħ skema ta' finanzjament biex tiżgura finanzjament adegwat għall-attivitajiet kollha ta' dekummissjonar u għall-ġestjoni tal-fjuwil użat u tal-iskart radjuattiv, f'konformità mad-Direttiva 2011/70/Euratom u r-Rakkomandazzjoni 2006/851/Euratom. |

| | |
|---|---|
| | Trid titlesta valutazzjoni tal-Impatt Ambjentali qabel ma jinbena impjant tal-enerġija nukleari, skont id-Direttiva 2011/92/UE. Il-miżuri ta' mitigazzjoni u ta' kumpens meħtieġa jiġu implimentati.<br><br>L-elementi rilevanti f'din it-Taqsima huma koperti mir-rapporti tal-Istati Membri lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 14(1) tad-Direttiva 2011/70/Euratom. |
| (5) Il-prevenzjoni u l-kontroll tat-tniġġis | L-attività tikkonforma mal-kriterji stabbiliti fl-Appendiċi C ta' dan l-Anness.<br><br>L-emissjonijiet mhux radjuattivi huma fil-livelli jew inqas mil-livelli ta' emissjonijiet assoċjati mal-firxiet tal-aqwa tekniki disponibbli (BAT-AEL) stabbiliti fil-konklużjonijiet dwar l-aqwa tekniki disponibbli (best available techniques, BAT) għall-impjanti kbar tal-kombustjoni. Ma jħallu l-ebda effett transmedjali sinifikanti.<br><br>Sabiex il-konklużjonijiet dwar il-BAT għal impjanti kbar tal-kombustjoni jkunu japplikaw għal impjanti tal-enerġija nukleari b'input termiku ta' akbar minn 1 MW iżda anqas mil-limiti, l-emissjonijiet ikunu anqas mill-valuri ta' limitu tal-emissjonijiet stabbiliti fil-parti 2 tal-Anness II tad-Direttiva (UE) 2015/2193.<br><br>L-iskariki radjuattivi fl-arja, il-korpi tal-ilma u l-art (il-ħamrija) jikkonformaw mal-kundizzjonijiet tal-liċenzja individwali għal operazzjonijiet speċifiċi, fejn applikabbli, jew mal-valuri ta' limitu nazzjonali f'konformità mad-Direttiva 2013/51/Euratom u d-Direttiva 2013/59/Euratom.<br><br>Il-fjuwil użat u l-iskart radjuattiv huma ġestiti b'mod sikur u responsabbli skont id-Direttiva 2011/70/Euratom u d-Direttiva 2013/59/Euratom.<br><br>Hemm disponibbli kapaċità adegwata ta' ħżin temporanju għall-proġett, filwaqt li l-pjanijiet nazzjonali għar-rimi huma fis-seħħ biex jimminimizzaw it-tul ta' żmien tal-ħżin temporanju, f'konformità mad-Direttiva 2011/70/Euratom li tqis il-ħżin tal-iskart radjuattiv, inkluż il-ħżin fit-tul, bħala soluzzjoni temporanja u mhux alternattiva għar-rimi. |
| (6) Il-protezzjoni u r-restawr tal-bijodiversità u tal-ekosistemi | L-attività tikkonforma mal-kriterji stabbiliti fl-Appendiċi D ta' dan l-Anness.<br><br>Trid titlesta valutazzjoni tal-Impatt Ambjentali qabel ma jinbena impjant tal-enerġija nukleari, skont id-Direttiva 2011/92/UE. Il-miżuri ta' mitigazzjoni u ta' kumpens meħtieġa jiġu implimentati.<br><br>Għal siti/operazzjonijiet li jinsabu f'żoni sensittivi għall-bijodiversità jew qribhom li probabbilment ikollhom effett sinifikanti fuq iż-żoni sensittivi għall-bijodiversità (inkluż in-network Natura 2000 taż-żoni protetti, is-siti ta' Wirt Dinji tal-Unesco u ż-Żoni ta' Bijodiversità Ewlenin, kif ukoll żoni protetti oħrajn), twettqet valutazzjoni xierqa, fejn applikabbli, u fuq il-bażi tal-konklużjonijiet tagħha ġew implimentati l-miżuri ta' mitigazzjoni meħtieġa.<br><br>Is-siti/l-operazzjonijiet ma għandhomx ikunu detrimentali għall-*istatus* ta' konservazzjoni ta' xi ħabitat jew speċi li jinsabu f'żoni protetti. |

### 4.29. **Ġenerazzjoni tal-elettriku minn fjuwils gassużi fossili**

*Deskrizzjoni tal-attività*

Il-kostruzzjoni jew it-tħaddim ta’ faċilitajiet għall-ġenerazzjoni tal-elettriku li jipproduċu l-elettriku bl-użu ta’ fjuwils gassużi fossili. Din l-attività ma tinkludix il-ġenerazzjoni tal-elettriku mill-użu eskluživ ta’ fjuwils gassużi u likwidi rinnovabbli mhux fossili kif imsemmi fit-Taqsima 4.7 ta’ dan l-Anness u l-bijogass u l-fjuwils bijolikwidi kif imsemmi fit-Taqsima 4.8 ta’ dan l-Anness.

L-attivitajiet ekonomiċi f’din il-kategorija jistgħu jiġu assoċjati ma’ diversi kodiċijiet tal-NACE, b’mod partikolari D35.11 u F42.22 f’konformità mal-klassifikazzjoni statistika tal-attivitajiet ekonomiċi stabbilita bir-Regolament (KE) Nru 1893/2006.

Attività ekonomika f’din il-kategorija tkun attività tranżitorja kif imsemmija fl-Artikolu 10(2) tar-Regolament (UE) 2020/852 meta tikkonforma mal-kriterji tekniċi ta’ skrinjar stabbiliti f’din it-Taqsima.

*Kriterji ta’ skrinjar tekniku*

Kontribut sostanzjali għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima

1. L-attività tissodisfa wieħed mill-kriterji li ġejjin:
   (a) L-emissjonijiet tal-GHG tul iċ-ċiklu tal-ħajja mill-ġenerazzjoni tal-elettriku bl-użu ta’ fjuwils gassużi fossili huma inqas minn 100 g $CO_2$e/kWh.
   L-emissjonijiet tal-GHG tul iċ-ċiklu tal-ħajja jiġu kkalkolati fuq il-bażi ta’ data speċifika għall-proġetti, fejn tkun disponibbli, billi tintuża r-Rakkomandazzjoni 2013/179/UE jew, inkella, billi jintuża l-istandard ISO 14067:2018 jew ISO 14064-1:2018.
   L-emissjonijiet tal-GHG ikkwantifikati tul iċ-ċiklu tal-ħajja jiġu vverifikati minn parti terza indipendenti.
   Meta l-faċilitajiet jinkorporaw xi forma ta’ tnaqqis, inkluż il-qbid tad-diossidu tal-karbonju jew l-użu ta’ gassijiet rinnovabbli jew b’livell baxx ta’ emissjonijiet tal-karbonju, dik l-attività ta’ tnaqqis tikkonforma mal-kriterji stabbiliti fit-Taqsima rilevanti ta’ dan l-Anness, fejn applikabbli.
   Meta s-$CO_2$ li altrimenti jiġi rrilaxxat mill-proċess ta’ ġenerazzjoni tal-elettriku jinqabad għall-fini ta’ ħżin taħt l-art, is-$CO_2$ jiġi ttrasportat u jinħażen taħt l-art, f’konformità mal-kriterji tekniċi ta’ skrinjar stabbiliti fit-Taqsimiet 5.11 u 5.12 ta’ dan l-Anness.
   (b) il-faċilitajiet li għalihom jingħata l-permess għall-bini sal-31 ta’ Diċembru 2030 jikkonformaw ma’ dan kollu li ġej:
      (i) l-emissjonijiet diretti tal-GHG tal-attività jkunu inqas minn 270 g $CO_2$e/kWh tal-output tal-enerġija, jew l-emissjonijiet diretti tal-GHG tal-attività ma jaqbżux il-medja ta’ 550 kg $CO_2$e/kW tal-kapaċità tal-faċilità fuq perjodu ta’ 20 sena;
      (ii) l-enerġija li għandha tiġi sostitwita ma tistax tiġi ġġenerata minn sorsi ta’ enerġija rinnovabbli, fuq il-bażi ta’ valutazzjoni komparattiva bl-aktar alternattiva rinnovabbli kosteffettiva u teknikament fattibbli għall-istess kapaċità identifikata; ir-riżultat ta’ din il-valutazzjoni komparattiva jiġi ppubblikat u jkun soġġett għall-konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati;
      (iii) l-attività tieħu post attività eżistenti tal-ġenerazzjoni tal-elettriku b’emissjonijiet għoljin li tuża fjuwils fossili solidi jew likwidi;
      (iv) il-kapaċità ta’ produzzjoni installata ġdida ma taqbiżx il-kapaċità tal-faċilità sostitwita b’aktar minn 15 %;
      (v) il-faċilità hija ddisinjata u mibnija biex tuża fjuwils gassużi rinnovabbli u/jew b’livell baxx ta’ emissjonijiet tal-karbonju, u l-bidla għall-użu totali ta’ fjuwils gassużi rinnovabbli u/jew b’livell baxx ta’ emissjonijiet tal-karbonju se sseħħ sal-31 ta’ Diċembru 2035, b’impenn u bi pjan verifikabbli approvat mill-korp maniġerjali tal-impriża;
      (vi) is-sostituzzjoni twassal għal tnaqqis fl-emissjonijiet ta’ mill-inqas 55 % ta’ gassijiet b’effett ta’ serra tul il-ħajja tal-kapaċità ta’ produzzjoni installata ġdida;
      (vii) meta l-attività sseħħ fit-territorju ta’ Stat Membru li fih il-faħam jintuża għall-ġenerazzjoni tal-enerġija, dan l-Istat Membru jkun impenja ruħu li jelimina gradwalment l-użu tal-ġenerazzjoni tal-enerġija mill-faħam u jkun irrapporta dan fil-pjan nazzjonali integrat tiegħu dwar l-enerġija u l-klima msemmi fl-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) 2018/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill *[8] jew f’xi strument ieħor.”

Il-konformità mal-kriterji msemmijin fil-punt 1(b) tiġi vverifikata minn parti terza indipendenti. Il-verifikatur terz indipendenti għandu r-riżorsi u l-għarfien espert meħtieġa biex iwettaq din il-verifika. Il-verifikatur terz indipendenti ma jkollu l-ebda kunflitt ta’ interess mas-sid jew mal-finanzjatur, u ma jkunx involut fl-iżvilupp jew fl-operat tal-attività. Il-verifikatur terz indipendenti jwettaq b’mod diliġenti l-verifika tal-konformità mal-kriterji ta’ skrinjar tekniku. B’mod partikolari, kull sena l-parti terza indipendenti tippubblika u tibgħat rapport lill-Kummissjoni:

   (a) li jiċċertifika l-livell ta’ emissjonijiet diretti ta’ GHG msemmijin fil-punt 1(b)(i);

(b) fejn applikabbli, il-valutazzjoni ta' jekk l-emissjonijiet diretti annwali ta' GHG tal-attività humiex fuq rotta kredibbli biex jikkonformaw mal-limitu medju fuq l-20 sena msemmijin fil-punt 1(b)(i);
(c) il-valutazzjoni ta' jekk l-attività hijiex fuq rotta kredibbli biex tikkonforma mal-punt 1(b)(v).

Meta jwettaq il-valutazzjoni msemmija fil-punt 1(b), il-verifikatur terz indipendenti jqis b'mod partikolari l-emissjonijiet diretti annwali ta' GHG ppjanati għal kull sena ta' din ir-rotta, l-emissjonijiet diretti annwali ta' GHG li seħħew, is-sigħat operattivi ppjanati li seħħew, u l-użu ppjanat u li seħħ ta' gassijiet rinnovabbli jew b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju. Fuq il-bażi tar-rapporti mibgħuta lilha, il-Kummissjoni tista' tindirizza opinjoni lill-operaturi rilevanti. Il-Kummissjoni għandha tqis dawn ir-rapporti meta twettaq ir-rieżami msemmi fl-Artikolu 19(5) tar-Regolament (UE) 2020/852.

2. L-attività tissodisfa wieħed mill-kriterji li ġejjin:
   (a) waqt il-kostruzzjoni, jiġi installat tagħmir tal-kejl għall-monitoraġġ tal-emissjonijiet fiżiċi, bħal dawk mit-tnixxija tal-metan, jew jiġi introdott programm għad-detezzjoni tat-tnixxijiet u għat-tiswija tat-tnixxijiet;
   (b) waqt l-operat, jiġi rrapportat il-kejl fiżiku tal-emissjonijiet u t-tnixxija tiġi eliminata.
3. Meta l-attività tħallat fjuwils gassużi fossili ma' bijofjuwils gassużi jew likwidi, il-bijomassa agrikola użata għall-produzzjoni tal-bijofjuwils tikkonforma mal-kriterji stabbiliti fil-paragrafi minn 2 sa 5 tal-Artikolu 29 tad-Direttiva (UE) 2018/2001 filwaqt li l-bijomassa tal-foresti tikkonforma mal-kriterji stabbiliti fil-paragrafi 6 u 7 tal-Artikolu 29 ta' din id-Direttiva.

La tagħmilx ħsara sinifikanti ("DNSH")

| | |
|---|---|
| (2) L-adattament għat-tibdil fil-klima | L-attività tikkonforma mal-kriterji stabbiliti fl-Appendiċi A ta' dan l-Anness. |
| (3) L-użu sostenibbli u l-protezzjoni tar-riżorsi tal-ilma u tal-baħar | L-attività tikkonforma mal-kriterji stabbiliti fl-Appendiċi B ta' dan l-Anness. |
| (4) Tranżizzjoni lejn ekonomija ċirkolari | Mhux Applikabbli |
| (5) Il-prevenzjoni u l-kontroll tat-tniġġis | L-attività tikkonforma mal-kriterji stabbiliti fl-Appendiċi C ta' dan l-Anness.<br>L-emissjonijiet huma fil-livelli jew inqas mil-livelli ta' emissjonijiet assoċjati mal-meded tal-aqwa tekniki disponibbli (BAT-AEL) stabbiliti fl-aħħar konklużjonijiet rilevanti dwar l-aqwa tekniki disponibbli (BAT), li jinkludu l-konklużjonijiet dwar l-aqwa tekniki disponibbli (BAT) għall-impjanti kbar tal-kombustjoni.<br>Ma jseħħ l-ebda effett transmedjali sinifikanti.<br>Sabiex il-konklużjonijiet dwar il-BAT għal impjanti kbar tal-kombustjoni jkunu japplikaw għal impjanti tal-kombustjoni b'input termiku akbar minn 1 MW iżda anqas mil-limiti, l-emissjonijiet ikunu anqas mill-valuri ta' limitu tal-emissjonijiet stabbiliti fil-parti 2 tal-Anness II tad-Direttiva (UE) 2015/2193. |
| (6) Il-protezzjoni u r-restawr tal-bijodiversità u tal-ekosistemi | L-attività tikkonforma mal-kriterji stabbiliti fl-Appendiċi D ta' dan l-Anness. |

## 4.30. **Il-koġenerazzjoni b'effiċjenza għolja ta' sħana/kesħa u enerġija minn fjuwils gassużi fossili**

*Deskrizzjoni tal-attività*

Il-kostruzzjoni, ir-rinnovazzjoni, u l-operat ta' faċilitajiet tal-ġenerazzjoni kkombinata tas-sħana/tal-kesħa u tal-enerġija li jużaw il-fjuwils gassużi fossili. Din l-attività ma tinkludix il-koġenerazzjoni b'effiċjenza għolja ta' sħana/kesħa u enerġija mill-użu eskluživ ta' fjuwils gassużi u likwidi rinnovabbli mhux fossili msemmijin fit-Taqsima 4.19 ta' dan l-Anness, u l-bijogass u l-fjuwils bijolikwidi msemmijin fit-Taqsima 4.20 ta' dan l-Anness.

L-attivitajiet ekonomiċi f'din il-kategorija jistgħu jiġu assoċjati mal-kodiċijiet NACE D35.11 u D35.30 f'konformità mal-klassifikazzjoni statistika tal-attivitajiet ekonomiċi stabbilita bir-Regolament (KE) Nru 1893/2006.

Attività ekonomika f'din il-kategorija tkun attività tranżitorja kif imsemmija fl-Artikolu 10(2) tar-Regolament (UE) 2020/852 meta tikkonforma mal-kriterji tekniċi ta' skrinjar stabbiliti f'din it-Taqsima.

*Kriterji ta' skrinjar tekniku*

Kontribut sostanzjali għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima

1. L-attività tissodisfa wieħed mill-kriterji li ġejjin:

   (a) l-emissjonijiet tal-GHG tul iċ-ċiklu tal-ħajja mill-koġenerazzjoni tas-sħana/tal-kesħa u ta' enerġija mill-fjuwils gassużi huma inqas minn 100 g $CO_2e$ għal kull 1 kWh ta' output tal-enerġija mill-koġenerazzjoni.

   L-emissjonijiet tal-GHG tul iċ-ċiklu tal-ħajja jiġu kkalkolati fuq il-bażi ta' data speċifika għall-proġetti, fejn tkun disponibbli, billi tintuża r-Rakkomandazzjoni 2013/179/UE jew, inkella, billi jintuża l-istandard ISO 14067:2018 jew ISO 14064-1:2018.

   L-emissjonijiet tal-GHG ikkwantifikati tul iċ-ċiklu tal-ħajja jiġu vverifikati minn parti terza indipendenti.

   Meta l-faċilitajiet jinkorporaw xi forma ta' tnaqqis, inkluż il-qbid tad-diossidu tal-karbonju jew l-użu ta' gassijiet rinnovabbli jew b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju, din l-attività ta' tnaqqis tikkonforma mat-Taqsimiet rilevanti ta' dan l-Anness, fejn applikabbli. Meta s-$CO_2$ li joħroġ mill-ġenerazzjoni tal-elettriku jinqabad, is-$CO_2$ għandu jissodisfa l-limitu tal-emissjonijiet stabbilit fil-punt 1 ta' din it-Taqsima, is-$CO_2$ għandu jiġi ttrasportat u jinħażen taħt l-art b'mod li jissodisfa l-kriterji tekniċi ta' skrinjar għat-trasport tas-$CO_2$ u għall-ħżin tas-$CO_2$ stipulati fit-Taqsimiet 5.11 u 5.12, rispettivament, ta' dan l-Anness.

   (b) il-faċilitajiet li għalihom jingħata l-permess għall-bini sal-31 ta' Diċembru 2030 jikkonformaw ma' dan kollu li ġej:

      (i) l-attività tikseb iffrankar tal-enerġija primarja ta' mill-inqas 10 % meta mqabbla mar-referenzi għall-produzzjoni separata tas-sħana u tal-elettriku; l-iffrankar tal-enerġija primarja jiġi kkalkulat fuq il-bażi tal-formula pprovduta fid-Direttiva 2012/27/UE;

      (ii) l-emissjonijiet diretti tal-GHG tal-attività huma anqas minn 270 g $CO_2e$/kWh tal-output tal-enerġija;

      (iii) l-enerġija u/jew is-sħana/il-kesħa li għandhom jiġu sostitwiti ma jistgħux jiġu ġġenerati minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli, fuq il-bażi ta' valutazzjoni komparattiva bl-aktar alternattiva rinnovabbli kosteffettiva u teknikament fattibbli għall-istess kapaċità identifikata; ir-riżultat ta' din il-valutazzjoni komparattiva jiġi ppubblikat u jkun soġġett għall-konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati;

      (iv) l-attività tissostitwixxi attività eżistenti ta' ġenerazzjoni kkombinata ta' sħana/kesħa u ta' enerġija b'emissjonijiet għoljin, attività separata tal-ġenerazzjoni tas-sħana/tal-kesħa, jew attività separata tal-ġenerazzjoni tal-enerġija li tuża fjuwils fossili solidi jew likwidi;

      (v) il-kapaċità ta' produzzjoni installata ġdida ma taqbiżx il-kapaċità tal-faċilità sostitwita;

      (vi) il-faċilità hija ddisinjata u mibnija biex tuża fjuwils gassużi rinnovabbli u/jew b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju, u l-bidla għall-użu totali ta' fjuwils gassużi rinnovabbli u/jew b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju se sseħħ sal-31 ta' Diċembru 2035, b'impenn u bi pjan verifikabbli approvat mill-korp maniġerjali tal-impriża;

      (vii) is-sostituzzjoni twassal għal tnaqqis fl-emissjonijiet ta' mill-inqas 55 % ta' gassijiet b'effett ta' serra għal kull kWh ta' output tal-enerġija;

      (viii) ir-rinnovazzjoni tal-faċilità ma żżidx il-kapaċità ta' produzzjoni tal-faċilità;

(ix) meta l-attività sseħħ fit-territorju ta' Stat Membru li fih il-faħam jintuża għall-ġenerazzjoni tal-enerġija, dan l-Istat Membru jkun impenja ruħu li jelimina gradwalment l-użu tal-ġenerazzjoni tal-enerġija mill-faħam u jkun irrapporta dan fil-pjan nazzjonali integrat tiegħu dwar l-enerġija u l-klima msemmi fl-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) 2018/1999 jew f'xi strument ieħor.

Il-konformità mal-kriterji msemmijin fil-punt 1(b) tiġi vverifikata minn parti terza indipendenti. Il-verifikatur terz indipendenti għandu r-riżorsi u l-għarfien espert meħtieġa biex iwettaq din il-verifika. Il-verifikatur terz indipendenti ma jkollu l-ebda kunflitt ta' interess mas-sid jew mal-finanzjatur, u ma jkunx involut fl-iżvilupp jew fl-operat tal-attività. Il-verifikatur terz indipendenti jwettaq b'mod diliġenti l-verifika tal-konformità mal-kriterji ta' skrinjar tekniku. B'mod partikolari, kull sena l-parti terza indipendenti tippubblika u tibgħat rapport lill-Kummissjoni:

(a) li jiċċertifika l-livell ta' emissjonijiet diretti ta' GHG msemmijin fil-punt 1(b)(ii);

(b) li jivvaluta jekk l-attività hijiex fuq rotta kredibbli biex tikkonforma mal-punt 1(b)(vi).

Fuq il-bażi tar-rapporti mibgħuta lilha, il-Kummissjoni tista' tindirizza opinjoni lill-operaturi kkonċernati. Il-Kummissjoni għandha tqis dawn ir-rapporti meta twettaq ir-rieżami msemmi fl-Artikolu 19(5) tar-Regolament (UE) 2020/852.

2. L-attività tissodisfa wieħed mill-kriterji li ġejjin:

(a) waqt il-kostruzzjoni, jiġi installat tagħmir tal-kejl għall-monitoraġġ tal-emissjonijiet fiżiċi, inkluż dawk mit-tnixxija tal-metan, jew jiġi introdott programm għad-detezzjoni tat-tnixxijiet u għat-tiswija tat-tnixxijiet;

(b) waqt l-operat, jiġi rrapportat il-kejl fiżiku tal-emissjonijiet u kull tnixxija tiġi eliminata.

La tagħmilx ħsara sinifikanti ("DNSH")

| | |
|---|---|
| (2) L-adattament għat-tibdil fil-klima | L-attività tikkonforma mal-kriterji stabbiliti fl-Appendiċi A ta' dan l-Anness. |
| (3) L-użu sostenibbli u l-protezzjoni tar-riżorsi tal-ilma u tal-baħar | L-attività tikkonforma mal-kriterji stabbiliti fl-Appendiċi B ta' dan l-Anness. |
| (4) Tranżizzjoni lejn ekonomija ċirkolari | Mhux Applikabbli |
| (5) Il-prevenzjoni u l-kontroll tat-tniġġis | L-attività tikkonforma mal-kriterji stabbiliti fl-Appendiċi C ta' dan l-Anness.<br>L-emissjonijiet huma fil-livelli jew inqas mil-livelli ta' emissjonijiet assoċjati mal-meded tal-aqwa tekniki disponibbli (BAT-AEL) stabbiliti fl-aħħar konklużjonijiet rilevanti dwar l-aqwa tekniki disponibbli (BAT), li jinkludu l-konklużjonijiet dwar l-aqwa tekniki disponibbli (BAT) għall-impjanti kbar tal-kombustjoni.<br>Ma jseħħ l-ebda effett transmedjali sinifikanti.<br>Sabiex il-konklużjonijiet dwar il-BAT għal impjanti kbar tal-kombustjoni jkunu japplikaw għal impjanti tal-kombustjoni b'input termiku akbar minn 1 MW iżda anqas mil-limiti, l-emissjonijiet ikunu anqas mill-valuri ta' limitu tal-emissjonijiet stabbiliti fil-parti 2 tal-Anness II tad-Direttiva (UE) 2015/2193. |
| (6) Il-protezzjoni u r-restawr tal-bijodiversità u tal-ekosistemi | L-attività tikkonforma mal-kriterji stabbiliti fl-Appendiċi D ta' dan l-Anness. |

## 4.31. Produzzjoni ta' sħana/kesħa minn fjuwils gassużi fossili f'sistema effiċjenti ta' tisħin u ta' tkessiħ distrettwali

*Deskrizzjoni tal-attività*

Il-kostruzzjoni, ir-rinnovazzjoni u l-operat ta' faċilitajiet ta' ġenerazzjoni tas-sħana li jipproduċu sħana/kesħa bl-użu ta' fjuwils gassużi fossili konnessi ma' sistema effiċjenti ta' tisħin u ta' tkessiħ distrettwali skont it-tifsira tal-punt (41) tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 2012/27/UE. Din l-attività ma tinkludix il-produzzjoni ta' sħana/kesħa f'sistema effiċjenti ta' tisħin distrettwali mill-użu esklużiv ta' fjuwils gassużi u likwidi rinnovabbli mhux fossili msemmijin fit-Taqsima 4.23 ta' dan l-Anness, u l-bijogass u l-fjuwils bijolikwidi msemmijin fit-Taqsima 4.24 ta' dan l-Anness.

L-attività hija klassifikata taħt il-kodiċi NACE D35.30 f'konformità mal-klassifikazzjoni statistika tal-attivitajiet ekonomiċi stabbilita bir-Regolament (KE) Nru 1893/2006.

Attività ekonomika f'din il-kategorija tkun attività tranżitorja kif imsemmija fl-Artikolu 10(2) tar-Regolament (UE) 2020/852 meta tikkonforma mal-kriterji tekniċi ta' skrinjar stabbiliti f'din it-Taqsima.

*Kriterji ta' skrinjar tekniku*

Kontribut sostanzjali għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima

1. L-attività tissodisfa wieħed mill-kriterji li ġejjin:

(a) L-emissjonijiet tal-GHG tul iċ-ċiklu tal-ħajja mill-ġenerazzjoni tas-sħana/tal-kesħa minn fjuwils gassużi huma inqas minn 100 g $CO_2$e/kWh. L-iffrankar tal-emissjonijiet tal-GHG tul iċ-ċiklu tal-ħajja jiġi kkalkolat billi tintuża r-Rakkomandazzjoni 2013/179/UE jew, inkella, billi jintuża l-istandard ISO 14067:2018 jew ISO 14064-1:2018.
L-emissjonijiet tal-GHG ikkwantifikati tul iċ-ċiklu tal-ħajja jiġu vverifikati minn parti terza indipendenti.
Meta l-faċilitajiet jinkorporaw xi forma ta' tnaqqis, inkluż il-qbid tad-diossidu tal-karbonju jew l-użu ta' gassijiet rinnovabbli jew b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju, din l-attività ta' tnaqqis tikkonforma mat-Taqsimiet rilevanti ta' dan l-Anness, fejn applikabbli. Meta s-$CO_2$ li joħroġ mill-ġenerazzjoni tal-elettriku jinqabad, is-$CO_2$ għandu jissodisfa l-limitu tal-emissjonijiet stabbilit fil-punt 1 ta' din it-Taqsima u għandu jiġi ttrasportat u jinħażen taħt l-art b'mod li jissodisfa l-kriterji tekniċi ta' skrinjar għat-trasport tas-$CO_2$ u għall-ħżin tas-$CO_2$ stipulati fit-Taqsimiet 5.11 u 5.12, rispettivament, ta' dan l-Anness.

(b) il-faċilitajiet li għalihom jingħata l-permess għall-bini sal-31 ta' Diċembru 2030 jikkonformaw ma' dan kollu li ġej:

(i) l-enerġija termali ġġenerata mill-attività tintuża f'sistema effiċjenti ta' tisħin u tkessiħ distrettwali kif definit fid-Direttiva 2012/27/UE;

(ii) l-emissjonijiet diretti tal-GHG tal-attività huma anqas minn 270 g $CO_2$e/kWh tal-output tal-enerġija;

(iii) is-sħana/il-kesħa li għandha tiġi sostitwita ma tistax tiġi ġġenerata minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli, fuq il-bażi ta' valutazzjoni komparattiva bl-aktar alternattiva rinnovabbli kosteffettiva u teknikament fattibbli għall-istess kapaċità identifikata; ir-riżultat ta' din il-valutazzjoni komparattiva jiġi ppubblikat u jkun soġġett għall-konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati;

(iv) l-attività tissostitwixxi attività eżistenti tat-tisħin/tat-tkessiħ b'emissjonijiet għoljin li tuża fjuwil fossili solidu jew likwidu;

(v) il-kapaċità ta' produzzjoni installata ġdida ma taqbiżx il-kapaċità tal-faċilità sostitwita;

(vi) il-faċilità hija ddisinjata u mibnija biex tuża fjuwils gassużi rinnovabbli u/jew b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju, u l-bidla għall-użu totali ta' fjuwils gassużi rinnovabbli u/jew b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju se sseħħ sal-31 ta' Diċembru 2035, b'impenn u bi pjan verifikabbli approvat mill-korp maniġerjali tal-impriża;

(vii) is-sostituzzjoni twassal għal tnaqqis fl-emissjonijiet ta' mill-inqas 55 % ta' gassijiet b'effett ta' serra għal kull kWh ta' output tal-enerġija;

(viii) ir-rinnovazzjoni tal-faċilità ma żżidx il-kapaċità ta' produzzjoni tal-faċilità;

(ix) meta l-attività sseħħ fit-territorju ta' Stat Membru li fih il-faħam jintuża għall-ġenerazzjoni tal-enerġija, dan l-Istat Membru jkun impenja ruħu li jelimina gradwalment l-użu tal-ġenerazzjoni tal-enerġija mill-faħam u jkun irrapporta dan fil-pjan nazzjonali integrat tiegħu dwar l-enerġija u l-klima msemmi fl-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) 2018/1999 jew f'xi strument ieħor.

Il-konformità mal-kriterji msemmijin fil-punt 1(b) tiġi vverifikata minn parti terza indipendenti. Il-verifikatur terz indipendenti għandu r-riżorsi u l-għarfien espert meħtieġa biex iwettaq din il-verifika. Il-verifikatur terz indipendenti ma jkollu l-ebda kunflitt ta' interess mas-sid jew mal-finanzjatur, u ma jkunx involut fl-iżvilupp jew fl-operat tal-attività. Il-verifikatur terz indipendenti jwettaq b'mod diliġenti l-verifika tal-konformità mal-kriterji ta' skrinjar tekniku. B'mod partikolari, kull sena l-parti terza indipendenti tippubblika u tibgħat rapport lill-Kummissjoni:

(a) li jiċċertifika l-livell ta' emissjonijiet diretti ta' GHG msemmijin fil-punt 1(b)(ii);
(b) li jivvaluta jekk l-attività hijiex fuq rotta kredibbli biex tikkonforma mal-punt 1(b)(vi).

Fuq il-bażi tar-rapporti mibgħuta lilha, il-Kummissjoni tista' tindirizza opinjoni lill-operaturi kkonċernati. Il-Kummissjoni għandha tqis dawn ir-rapporti meta twettaq ir-rieżami msemmi fl-Artikolu 19(5) tar-Regolament (UE) 2020/852.

2. L-attività tissodisfa wieħed mill-kriterji li ġejjin:
   (a) waqt il-kostruzzjoni, jiġi installat tagħmir tal-kejl għall-monitoraġġ tal-emissjonijiet fiżiċi, bħal dawk mit-tnixxija tal-metan, jew jiġi introdott programm għad-detezzjoni tat-tnixxijiet u għat-tiswija tat-tnixxijiet;
   (b) waqt l-operat, jiġi rrapportat il-kejl fiżiku tal-emissjonijiet u kull tnixxija tiġi eliminata.

La tagħmilx ħsara sinifikanti ("DNSH")

| | |
|---|---|
| (2) L-adattament għat-tibdil fil-klima | L-attività tikkonforma mal-kriterji stabbiliti fl-Appendiċi A ta' dan l-Anness. |
| (3) L-użu sostenibbli u l-protezzjoni tar-riżorsi tal-ilma u tal-baħar | L-attività tikkonforma mal-kriterji stabbiliti fl-Appendiċi B ta' dan l-Anness. |
| (4) Tranżizzjoni lejn ekonomija ċirkolari | Mhux Applikabbli |
| (5) Il-prevenzjoni u l-kontroll tat-tniġġis | L-attività tikkonforma mal-kriterji stabbiliti fl-Appendiċi C ta' dan l-Anness.<br>L-emissjonijiet huma fil-livelli jew inqas mil-livelli ta' emissjonijiet assoċjati mal-meded tal-aqwa tekniki disponibbli (BAT-AEL) stabbiliti fl-aħħar konklużjonijiet rilevanti dwar l-aqwa tekniki disponibbli (BAT), li jinkludu l-konklużjonijiet dwar l-aqwa tekniki disponibbli (BAT) għall-impjanti kbar tal-kombustjoni.<br>Ma jseħħ l-ebda effett transmedjali sinifikanti.<br>Sabiex il-konklużjonijiet dwar il-BAT għal impjanti kbar tal-kombustjoni jkunu japplikaw għal impjanti tal-kombustjoni b'input termiku akbar minn 1 MW iżda anqas mil-limiti, l-emissjonijiet ikunu anqas mill-valuri ta' limitu tal-emissjonijiet stabbiliti fil-parti 2 tal-Anness II tad-Direttiva (UE) 2015/2193. |
| (6) Il-protezzjoni u r-restawr tal-bijodiversità u tal-ekosistemi | L-attività tikkonforma mal-kriterji stabbiliti fl-Appendiċi D ta' dan l-Anness. |

(*1) Id-Direttiva tal-Kunsill 2009/71/Euratom tal-25 ta' Ġunju 2009 li tistabbilixxi qafas Komunitarju għas-sigurtà tal-installazzjonijiet nukleari (ĠU L 172, 2.7.2009, p. 18).

(*2) Id-Direttiva tal-Kunsill 2011/70/Euratom tad-19 ta' Lulju 2011 li tistabbilixxi qafas Komunitarju għall-ġestjoni responsabbli u sikura ta' fjuwil użat u skart radjuattiv (ĠU L 199, 2.8.2011, p. 48).

(*3) Id-Direttiva tal-Kunsill2013/59/Euratom tal-5 ta' Diċembru 2013 li tistabbilixxi standards bażiċi ta' sikurezza għall-protezzjoni kontra l-perikli li jirriżultaw minn esponiment għal radjazzjoni jonizzanti, u li tħassar id-Direttivi 89/618/Euratom, 90/641/Euratom, 96/29/Euratom, 97/43/Euratom u 2003/122/Euratom (ĠU L 13,17.1.2014, p. 1).

(*4) Id-Direttiva 2011/92/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2011 dwar l-istima tal-effetti ta' ċerti proġetti pubbliċi u privati fuq l-ambjent (ĠU L 26, 28.1.2012, p. 1).

(*5) Id-Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2000 li tistabilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-politika tal-ilma (ĠU L 327, 22.12.2000, p. 1)

(*6) Ir-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2006/851/Euratom tal-24 ta' Ottubru 2006 dwar il-ġestjoni ta' riżorsi finanzjarji għad-dekummissjonar ta' installazzjonijiet nukleari, fjuwil użat u skart radjuattiv (ĠU L 330, 28.11.2006, p. 31).

(*7) Id-Direttiva tal-Kunsill 2013/51/Euratom tat-22 ta' Ottubru 2013 li tistabbilixxi rekwiżiti għall-protezzjoni tas-saħħa tal-pubbliku ġenerali fir-rigward ta' sustanzi radjuattivi fl-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem (ĠU L 296, 7.11.2013, p. 12).

(*8) Ir-Regolament (UE) 2018/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar il-Governanza tal-Unjoni tal-Enerġija u tal-Azzjoni Klimatika, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 663/2009 u (KE) Nru 715/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi 94/22/KE, 98/70/KE, 2009/31/KE, 2009/73/KE, 2010/31/UE, 2012/27/UE u 2013/30/UE tal-Parlament Ewropew tal-Kunsill, id-Direttivi tal-Kunsill 2009/119/KE u (UE) 2015/652 u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 525/2013/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 328, 21.12.2018, p. 1).

*ANNESS II*

Fl-Anness II tar-Regolament Delegat (UE) 2021/2139, jiddaħħlu t-Taqsimiet 4.26, 4.27, 4.28, 4.29, 4.30, u 4.31 li ġejjin:

"4.26. **Stadji prekummerċjali ta' teknoloġiji avvanzati għall-produzzjoni tal-enerġija minn proċessi nukleari bi skart minimu miċ-ċiklu tal-fjuwil**

*Deskrizzjoni tal-attività*

Ir-riċerka, l-iżvilupp, id-dimostrazzjoni u l-użu ta' faċilitajiet innovattivi tal-ġenerazzjoni tal-elettriku, liċenzjati mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri f'konformità mal-liġi nazzjonali applikabbli, li jipproduċu enerġija minn proċessi nukleari bi skart minimu miċ-ċiklu tal-fjuwil.

L-attività hija kklassifikata taħt il-kodiċijiet NACE M72 u M72.1 f'konformità mal-klassifikazzjoni statistika tal-attivitajiet ekonomiċi stabbilita bir-Regolament (KE) Nru 1893/2006.

*Kriterji ta' skrinjar tekniku*

Kontribut sostanzjali għall-adattament għat-tibdil fil-klima

1. L-attività ekonomika implimentat soluzzjonijiet fiżiċi u mhux fiżiċi ("soluzzjonijiet ta' adattament") li jnaqqsu b'mod sostanzjali l-aktar riskji klimatiċi fiżiċi importanti li jkunu essenzjali għal din l-attività.

2. Ir-riskji klimatiċi fiżiċi li huma essenzjali għall-attività ġew identifikati minn fost dawk elenkati fl-Appendiċi A ta' dan l-Anness billi saret valutazzjoni tar-riskju u tal-vulnerabbiltà klimatiċi rigoruża bil-proċeduri li ġejjin:

   (a) l-iskrinjar tal-attività sabiex jiġu identifikati liema riskji klimatiċi fiżiċi mil-lista fl-Appendiċi A ta' dan l-Anness jistgħu jaffettwaw il-prestazzjoni tal-attività ekonomika tul il-ħajja mistennija tagħha;

   (b) meta l-attività tiġi vvalutata bħala f'riskju minn wieħed jew aktar mir-riskji klimatiċi fiżiċi elenkati fl-Appendiċi A ta' dan l-Anness, issir valutazzjoni tar-riskju u tal-vulnerabbiltà klimatiċi sabiex tiġi vvalutata r-rilevanza tar-riskji klimatiċi fiżiċi fuq l-attività ekonomika;

   (c) il-valutazzjoni tas-soluzzjonijiet ta' adattament li jistgħu jnaqqsu r-riskju klimatiku fiżiku identifikat.

   Il-valutazzjoni tar-riskju u tal-vulnerabbiltà klimatiċi hija proporzjonata għall-iskala tal-attività u għat-tul tal-ħajja mistenni tagħha, b'tali mod li:

   (a) għal attivitajiet b'tul ta' ħajja mistenni ta' anqas minn 10 snin, il-valutazzjoni titwettaq, tal-anqas bl-użu tal-proġettazzjonijiet klimatiċi fl-iżgħar skala adegwata;

   (b) għall-attivitajiet l-oħra kollha, il-valutazzjoni titwettaq bl-użu ta' proġettazzjonijiet klimatiċi avvanzati u bl-ogħla riżoluzzjoni disponibbli tul firxa eżistenti ta' xenarji (1) futuri b'mod konsistenti mat-tul ta' ħajja mistenni tal-attività, inklużi, tal-anqas, xenarji ta' proġettazzjonijiet klimatiċi ta' bejn 10 snin u 30 sena għall-investimenti l-kbar.

3. Il-proġettazzjonijiet klimatiċi u l-valutazzjoni tal-impatti huma bbażati fuq l-aħjar prattika u fuq il-gwida disponibbli u jqisu x-xjenza avvanzata għall-analiżi tal-vulnerabbiltà u tar-riskju u l-metodoloġiji relatati f'konformità mar-rapporti (2) dwar it-Tibdil fil-Klima l-aktar riċenti tal-Grupp Intergovernattiv ta' Esperti, mal-pubblikazzjonijiet xjentifiċi rieżaminati minn pari u ma' mudelli b'sors miftuħ (3) jew bi ħlas.

4. Is-soluzzjonijiet ta' adattament implimentati:

   (a) ma jaffettwawx b'mod ħażin l-isforzi ta' adattament jew il-livell ta' reżiljenza għar-riskji fiżiċi klimatiċi ta' persuni oħra, tan-natura, tal-wirt kulturali, tal-assi u ta' attivitajiet ekonomiċi oħra;

(1) Ix-xenarji futuri jinkludu l-profil rappreżentattiv tal-evoluzzjoni tal-konċentrazzjoni jiġifieri l-RCP2.6, l-RCP4.5, l-RCP6.0 u l-RCP8.5 tal-Grupp Intergovernattiv ta' Esperti dwar it-Tibdil fil-Klima.

(2) Ir-Rapporti ta' Valutazzjoni dwar it-Tibdil fil-Klima: l-Impatti, l-Adattament u l-Vulnerabbiltà, ippubblikati perjodikament mill-Grupp Intergovernattiv ta' Esperti dwar it-Tibdil fil-Klima (Intergovernmental Panel on Climate Change, IPCC), il-korp tan-Nazzjonijiet Uniti inkarigat mill-valutazzjoni tax-xjenza relatata ma' dak li jipproduċi t-tibdil fil-klima, https://www.ipcc.ch/reports/.

(3) Bħas-servizzi ta' Copernicus ġestiti mill-Kummissjoni Ewropea.

(b) jiffavorixxu soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura ([4]) jew jibbażaw, sa fejn ikun possibbli, fuq infrastrutturi blu jew ħodor ([5])
(c) ikunu konsistenti mal-pjanijiet u mal-istrateġiji ta' adattament lokali, settorjali, reġjonali jew nazzjonali;
(d) jiġu mmonitorjati u jitkejlu skont indikaturi predefiniti u titqies azzjoni ta' rimedju meta dawn l-indikaturi ma jkunux issodisfati;
(e) meta s-soluzzjoni implimentata tkun fiżika u tikkonsisti f'attività li għaliha jkunu ġew speċifikati kriterji ta' skrinjar tekniku f'dan l-Anness, is-soluzzjoni tikkonforma mal-kriterji ta' skrinjar tekniku ta' "la tagħmilx ħsara sinifikanti" għal din l-attività.

5. L-attività hija konformi mad-dispożizzjonijiet stabbiliti fit-Trattat Euratom u mal-leġiżlzzjoni adottata fuqu, b'mod partikolari d-Direttiva 2013/59/Euratom, id-Direttiva 2009/71/Euratom u d-Direttiva 2011/70/Euratom, kif ukoll il-liġi ambjentali applikabbli tal-Unjoni adottata skont l-Artikolu 192 TFUE, b'mod partikolari d-Direttiva 2011/92/UE u d-Direttiva 2000/60/KE;
6. L-attività tikkonforma mal-leġiżlazzjoni nazzjonali li tittrasponi d-Direttiva 2009/71/Euratom, inkluż fir-rigward tal-evalwazzjoni, permezz ta' testijiet tal-istress, tar-reżiljenza tal-impjanti tal-enerġija nukleari tal-Unjoni kontra perikli naturali estremi, inklużi t-terremoti. Bħala konsegwenza, l-attività sseħħ fit-territorju ta' Stat Membru fejn l-operatur ta' installazzjoni nukleari:
   (a) ikun ippreżenta dimostrazzjoni tas-sikurezza nukleari, li l-ambitu u l-livell ta' dettall tagħha jkunu proporzjonali għad-daqs potenzjali u n-natura tal-periklu rilevanti għall-installazzjoni nukleari u s-sit tagħha (l-Artikolu 6, il-punt (b), tad-Direttiva 2009/71/Euratom);
   (b) ikun ħa miżuri ta' difiża fil-fond biex jiżgura, *inter alia,* li l-impatt ta' perikli esterni estremi, kemm naturali kif ukoll mhux intenzjonati ta' oriġini umana, jiġi minimizzat (l-Artikolu 8b(1), il-punt (a) tad-Direttiva 2009/71/Euratom);
   (c) ikun wettaq valutazzjoni xierqa speċifika għas-sit u għall-installazzjoni meta l-operatur ikkonċernat japplika għal liċenzja biex jibni jew jopera impjant tal-enerġija nukleari (l-Artikolu 8c(a) tad-Direttiva 2009/71/Euratom).

L-attività tissodisfa r-rekwiżiti tad-Direttiva 2009/71/Euratom, appoġġata mill-aħħar gwida internazzjonali permezz tal-IAEA u tal-WENRA, filwaqt li tikkontribwixxi biex tiżdied ir-reżiljenza tal-kapaċità ta' impjanti tal-enerġija nukleari ġodda u eżistenti biex ilaħħqu ma' perikli naturali estremi, inklużi l-għargħar u l-kundizzjonijiet estremi tat-temp.

La tagħmilx ħsara sinifikanti ("DNSH")

| | |
|---|---|
| (1) Il-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima | L-emissjonijiet diretti tal-GHG tal-attività jkunu anqas minn 270 g $CO_2$ e/kWh. |
| (3) L-użu sostenibbli u l-protezzjoni tar-riżorsi tal-ilma u tal-baħar | L-attività tikkonforma mal-kriterji stabbiliti fl-Appendiċi B ta' dan l-Anness.<br>Ir-riskji ta' degradazzjoni ambjentali relatati mal-preservazzjoni tal-kwalità tal-ilma u mal-prevenzjoni tal-istress idriku huma identifikati u indirizzati, f'konformità ma' pjan ta' ġestjoni tal-użu u tal-protezzjoni tal-ilma, żviluppat f'konsultazzjoni mal-partijiet konċernati rilevanti.<br>Sabiex jiġu limitati l-anomaliji termali assoċjati mar-rilaxx tas-sħana mormija, l-operaturi ta' impjanti tal-enerġija nukleari interni li jużaw it-tkessiħ idriku b'ċirkwit miftuħ li jieħdu l-ilma minn xmara jew għadira għandhom jikkontrollaw:<br>(a) it-temperatura massima tal-korp idriku riċeventi wara li jitħallat, u<br>(b) id-differenza massima fit-temperatura bejn l-ilma tat-tkessiħ mormi u l-korp idriku riċeventi. |

([4]) Is-soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura huma definiti bħala "soluzzjonijiet li huma ispirati u appoġġati min-natura, li huma kosteffettivi, u fl-istess ħin jipprovdu benefiċċji ambjentali, soċjali u ekonomiċi u jgħinu fil-bini tar-reżiljenza. Tali soluzzjonijiet iġibu aktar karatteristiċi u proċessi tan-natura u naturali, u aktar varjati, fl-ibliet u fil-pajsaġġi fuq l-art u fil-baħar, permezz ta' interventi adattati lokalment, sistemiċi u effiċjenti fl-użu tar-riżorsi". Għalhekk, is-soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura huma ta' benefiċċju għall-bijodiversità u jappoġġaw it-twassil ta' firxa ta' servizzi ekosistemiċi (il-verżjoni ta' [id-data tal-adozzjoni]: https://ec.europa.eu/info/research-and-innovation/research-area/environment/nature-based-solutions_en/).

([5]) Ara l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni: l-Infrastruttura Ekoloġika (IE) — Insaħħu l-Kapital Naturali tal-Ewropa, COM/2013/249 final.

| | |
|---|---|
| | Il-kontroll tat-temperatura jiġi implimentat skont il-kundizzjonijiet tal-liċenzja individwali għal operazzjonijiet speċifiċi, fejn applikabbli, jew skont il-valuri ta' limitu f'konformità mal-qafas regolatorju tal-UE.<br>L-attività tikkonforma mal-istandards tal-Industry Foundation Classes (IFC).<br>L-attivitajiet nukleari huma operati f'konformità mar-rekwiżiti dwar l-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem tad-Direttiva 2000/60/KE u tad-Direttiva 2013/51/Euratom li tistabbilixxi r-rekwiżiti għall-protezzjoni tas-saħħa tal-pubbliku ġenerali fir-rigward ta' sustanzi radjuattivi fl-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem. |
| (4) Tranżizzjoni lejn ekonomija ċirkolari | Pjan għall-ġestjoni tal-iskart kemm radjuattiv u kemm mhux radjuattiv huwa fis-seħħ u jiżgura l-użu mill-ġdid jew ir-riċiklaġġ massimu ta' dan l-iskart fi tmiem ħajtu f'konformità mal-ġerarkija tal-iskart, inkluż permezz ta' ftehimiet kuntrattwali mas-sħab tal-ġestjoni tal-iskart, kif muri fi proġettazzjonijiet finanzjarji jew f'dokumentazzjoni uffiċjali tal-proġett.<br>Waqt l-operat u d-dekummissjonar, l-ammont ta' skart radjuattiv jiġi minimizzat u l-ammont ta' materjali għar-rilaxx bla restrizzjonijiet jiġi massimizzat skont id-Direttiva 2011/70/Euratom, u f'konformità mar-rekwiżiti tal-protezzjoni mir-radjazzjoni stabbiliti fid-Direttiva 2013/59/Euratom.<br>Hemm fis-seħħ skema ta' finanzjament biex tiżgura finanzjament adegwat għall-attivitajiet kollha ta' dekummissjonar u għall-ġestjoni tal-fjuwil użat u tal-iskart radjuattiv, f'konformità mad-Direttiva 2011/70/Euratom u r-Rakkomandazzjoni 2006/851/Euratom.<br>Trid titlesta valutazzjoni tal-Impatt Ambjentali qabel ma jinbena impjant tal-enerġija nukleari, skont id-Direttiva 2011/92/UE. Il-miżuri ta' mitigazzjoni u ta' kumpens meħtieġa jiġu implimentati.<br>L-elementi rilevanti f'din it-Taqsima huma koperti mir-rapporti tal-Istati Membri lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 14(1) tad-Direttiva 2011/70/Euratom. |
| (5) Il-prevenzjoni u l-kontroll tat-tniġġis | L-attività tikkonforma mal-kriterji stabbiliti fl-Appendiċi C ta' dan l-Anness.<br>L-emissjonijiet mhux radjuattivi huma fil-livelli jew inqas mil-livelli ta' emissjonijiet assoċjati mal-firxiet tal-aqwa tekniki disponibbli (BAT-AEL) stabbiliti fil-konklużjonijiet dwar l-aqwa tekniki disponibbli (best available techniques, BAT) għall-impjanti kbar tal-kombustjoni. Ma jħallu l-ebda effett transmedjali sinifikanti.<br>Sabiex il-konklużjonijiet dwar il-BAT għal impjanti kbar tal-kombustjoni jkunu japplikaw għal impjanti tal-enerġija nukleari b'input termiku ta' akbar minn 1 MW iżda anqas mil-limiti, l-emissjonijiet huma anqas mill-valuri ta' limitu tal-emissjonijiet stabbiliti fil-parti 2 tal-Anness II tad-Direttiva (UE) 2015/2193.<br>L-iskariki radjuattivi fl-arja, il-korpi tal-ilma u l-art (il-ħamrija) jikkonformaw mal-kundizzjonijiet tal-liċenzja individwali għal operazzjonijiet speċifiċi, fejn applikabbli, u/jew mal-limiti nazzjonali f'konformità mad-Direttiva 2013/51/Euratom u d-Direttiva 2013/59/Euratom.<br>Il-fjuwil użat u l-iskart radjuattiv jiġu ġestiti b'mod sikur u responsabbli skont id-Direttiva 2011/70/Euratom u d-Direttiva 2013/59/Euratom.<br>Hemm disponibbli kapaċità adegwata ta' ħżin temporanju għall-proġett, filwaqt li l-pjanijiet nazzjonali għar-rimi huma fis-seħħ biex jimminimizzaw it-tul ta' żmien tal-ħżin temporanju, f'konformità mad-dispożizzjoni tad-Direttiva 2011/70/Euratom li tqis il-ħżin tal-iskart radjuattiv, inkluż il-ħżin fit-tul, bħala soluzzjoni temporanja u mhux alternattiva għar-rimi. |

| | |
|---|---|
| (6) Il-protezzjoni u r-restawr tal-bijodiversità u tal-ekosistemi | L-attività tikkonforma mal-kriterji stabbiliti fl-Appendiċi D ta' dan l-Anness. Trid titlesta valutazzjoni tal-Impatt Ambjentali qabel ma jinbena impjant tal-enerġija nukleari, skont id-Direttiva 2011/92/UE. Il-miżuri ta' mitigazzjoni u ta' kumpens meħtieġa jiġu implimentati.<br>Għal siti/operazzjonijiet li jinsabu f'żoni sensittivi għall-bijodiversità jew qribhom li probabbilment ikollhom effett sinifikanti fuq iż-żoni sensittivi għall-bijodiversità (inkluż in-network Natura 2000 taż-żoni protetti, is-siti ta' Wirt Dinji tal-Unesco u ż-Żoni ta' Bijodiversità Ewlenin, kif ukoll żoni protetti oħrajn), twettqet valutazzjoni xierqa, fejn applikabbli, u fuq il-bażi tal-konklużjonijiet tagħha ġew implimentati l-miżuri ta' mitigazzjoni meħtieġa.<br>Is-siti/l-operazzjonijiet ma għandhomx ikunu detrimentali għall-*istatus* ta' konservazzjoni ta' xi ħabitat jew speċi li jinsabu f'żoni protetti. |

## 4.27. Il-kostruzzjoni u t-tħaddim sikur ta' impjanti tal-enerġija nukleari ġodda, għall-ġenerazzjoni tal-elettriku u/jew tas-sħana, inkluż għall-produzzjoni tal-idroġenu, bl-użu tal-aħjar teknoloġiji disponibbli

*Deskrizzjoni tal-attività*

Il-kostruzzjoni u t-tħaddim sikur ta' installazzjonijiet nukleari ġodda li għalihom l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri jkunu ħarġu l-permess tal-bini sal-2045, f'konformità mal-liġi nazzjonali applikabbli, għall-produzzjoni tal-elettriku jew tas-sħana tul il-proċess, inkluż għall-finijiet tat-tisħin distrettwali jew tal-proċessi industrijali bħall-produzzjoni tal-idroġenu (installazzjonijiet nukleari ġodda), kif ukoll it-titjib tas-sikurezza tagħhom.

L-attività hija klassifikata taħt il-kodiċijiet NACE D35.11 u F42.22 f'konformità mal-klassifikazzjoni statistika tal-attivitajiet ekonomiċi stabbilita bir-Regolament (KE) Nru 1893/2006.

*Kriterji ta' skrinjar tekniku*

| Kontribut sostanzjali għall-adattament għat-tibdil fil-klima |
|---|
| 1. L-attività ekonomika implimentat soluzzjonijiet fiżiċi u mhux fiżiċi ("soluzzjonijiet ta' adattament") li jnaqqsu b'mod sostanzjali l-aktar riskji klimatiċi fiżiċi importanti li jkunu essenzjali għal din l-attività.<br>2. Ir-riskji klimatiċi fiżiċi li huma essenzjali għall-attività ġew identifikati minn fost dawk elenkati fl-Appendiċi A ta' dan l-Anness billi saret valutazzjoni tar-riskju u tal-vulnerabbiltà klimatiċi rigoruża bil-proċeduri li ġejjin:<br>(a) l-iskrinjar tal-attività sabiex jiġu identifikati liema riskji klimatiċi fiżiċi mil-lista fl-Appendiċi A ta' dan l-Anness jistgħu jaffettwaw il-prestazzjoni tal-attività ekonomika tul il-ħajja mistennija tagħha;<br>(b) meta l-attività tiġi vvalutata bħala f'riskju minn wieħed jew aktar mir-riskji klimatiċi fiżiċi elenkati fl-Appendiċi A ta' dan l-Anness, issir valutazzjoni tar-riskju u tal-vulnerabbiltà klimatiċi sabiex tiġi vvalutata r-rilevanza tar-riskji klimatiċi fiżiċi fuq l-attività ekonomika;<br>(c) il-valutazzjoni tas-soluzzjonijiet ta' adattament li jistgħu jnaqqsu r-riskju klimatiku fiżiku identifikat.<br>Il-valutazzjoni tar-riskju u tal-vulnerabbiltà klimatiċi hija proporzjonata għall-iskala tal-attività u għat-tul tal-ħajja mistenni tagħha, b'tali mod li:<br>(a) għal attivitajiet b'tul ta' ħajja mistenni ta' anqas minn 10 snin, il-valutazzjoni titwettaq, tal-anqas bl-użu tal-proġettazzjonijiet klimatiċi fl-iżgħar skala adegwata;<br>(b) għall-attivitajiet l-oħra kollha, il-valutazzjoni titwettaq bl-użu ta' proġettazzjonijiet klimatiċi avvanzati u bl-ogħla riżoluzzjoni disponibbli tul firxa eżistenti ta' xenarji [6] futuri b'mod konsistenti mat-tul ta' ħajja mistenni tal-attività, inklużi, tal-anqas, xenarji ta' proġettazzjonijiet klimatiċi ta' bejn 10 snin u 30 sena għall-investimenti l-kbar. |

[6] Ix-xenarji futuri jinkludu l-profil rappreżentattiv tal-evoluzzjoni tal-konċentrazzjoni jiġifieri l-RCP2.6, l-RCP4.5, l-RCP6.0 u l-RCP8.5 tal-Grupp Intergovernattiv ta' Esperti dwar it-Tibdil fil-Klima.

3. Il-proġettazzjonijiet klimatiċi u l-valutazzjoni tal-impatti huma bbażati fuq l-aħjar prattika u fuq il-gwida disponibbli u jqisu x-xjenza avvanzata għall-analiżi tal-vulnerabbiltà u tar-riskju u l-metodoloġiji relatati f'konformità mar-rapporti ([7]) dwar it-Tibdil fil-Klima l-aktar riċenti tal-Grupp Intergovernattiv ta' Esperti, mal-pubblikazzjonijiet xjentifiċi rieżaminati minn pari u ma' mudelli b'sors miftuħ ([8]) jew bi ħlas.
4. Is-soluzzjonijiet ta' adattament implimentati:
   (a) ma jaffettwawx b'mod ħażin l-isforzi ta' adattament jew il-livell ta' reżiljenza għar-riskji fiżiċi klimatiċi ta' persuni oħra, tan-natura, tal-wirt kulturali, tal-assi u ta' attivitajiet ekonomiċi oħra;
   (b) jiffavorixxu soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura ([9]) jew jibbażaw, sa fejn ikun possibbli, fuq infrastrutturi blu jew ħodor ([10])
   (c) ikunu konsistenti mal-pjanijiet u mal-istrateġiji ta' adattament lokali, settorjali, reġjonali jew nazzjonali;
   (d) jiġu mmonitorjati u jitkejlu skont indikaturi predefiniti u titqies azzjoni ta' rimedju meta dawn l-indikaturi ma jkunux issodisfati;
   (e) meta s-soluzzjoni implimentata tkun fiżika u tikkonsisti f'attività li għaliha jkunu ġew speċifikati kriterji ta' skrinjar tekniku f'dan l-Anness, is-soluzzjoni tikkonforma mal-kriterji ta' skrinjar tekniku ta' "la tagħmilx ħsara sinifikanti" għal din l-attività.
5. L-attività hija konformi mad-dispożizzjonijiet stabbiliti fit-Trattat Euratom u mal-leġiżlzzjoni adottata fuqu, b'mod partikolari d-Direttiva 2013/59/Euratom, id-Direttiva 2009/71/Euratom u d-Direttiva 2011/70/Euratom, kif ukoll il-liġi ambjentali applikabbli tal-Unjoni adottata skont l-Artikolu 192 TFUE, b'mod partikolari d-Direttiva 2011/92/UE u d-Direttiva 2000/60/KE;
6. L-attività tikkonforma mal-leġiżlazzjoni nazzjonali li tittrasponi d-Direttiva 2009/71/Euratom, inkluż fir-rigward tal-evalwazzjoni, permezz ta' testijiet tal-istress, tar-reżiljenza tal-impjanti tal-enerġija nukleari tal-Unjoni kontra perikli naturali estremi, inklużi t-terremoti. Bħala konsegwenza, l-attività sseħħ fit-territorju ta' Stat Membru fejn l-operatur ta' installazzjoni nukleari:
   (a) ikun ippreżenta dimostrazzjoni tas-sikurezza nukleari, li l-ambitu u l-livell ta' dettall tagħha jkunu proporzjonali għad-daqs potenzjali u n-natura tal-periklu rilevanti għall-installazzjoni nukleari u s-sit tagħha (l-Artikolu 6, il-punt (b), tad-Direttiva 2009/71/Euratom);
   (b) ikun ħa miżuri ta' difiża fil-fond biex jiżgura, *inter alia,* li l-impatt ta' perikli esterni estremi, kemm naturali kif ukoll mhux intenzjonati ta' oriġini umana, jiġi minimizzat (l-Artikolu 8b(1), il-punt (a) tad-Direttiva 2009/71/Euratom);
   (c) ikun wettaq valutazzjoni xierqa speċifika għas-sit u għall-installazzjoni meta l-operatur ikkonċernat japplika għal liċenzja biex jibni jew jopera impjant tal-enerġija nukleari (l-Artikolu 8c(a) tad-Direttiva 2009/71/Euratom).

L-attività tissodisfa r-rekwiżiti tad-Direttiva 2009/71/Euratom, appoġġata mill-aħħar gwida internazzjonali permezz tal-IAEA u tal-WENRA, filwaqt li tikkontribwixxi biex tiżdied ir-reżiljenza tal-kapaċità ta' impjanti tal-enerġija nukleari ġodda u eżistenti biex ilaħħqu ma' perikli naturali estremi, inklużi l-għargħar u l-kundizzjonijiet estremi tat-temp.

La tagħmilx ħsara sinifikanti ("DNSH")

| | |
|---|---|
| (1) Il-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima | L-emissjonijiet diretti tal-GHG tal-attività jkunu anqas minn 270 g $CO_2$ e/kWh. |
| (3) L-użu sostenibbli u l-protezzjoni tar-riżorsi tal-ilma u tal-baħar | L-attività tikkonforma mal-kriterji stabbiliti fl-Appendiċi B ta' dan l-Anness. |

([7]) Ir-Rapporti ta' Valutazzjoni dwar it-Tibdil fil-Klima: l-Impatti, l-Adattament u l-Vulnerabbiltà, ippubblikati perjodikament mill-Grupp Intergovernattiv ta' Esperti dwar it-Tibdil fil-Klima (Intergovernmental Panel on Climate Change, IPCC), il-korp tan-Nazzjonijiet Uniti inkarigat mill-valutazzjoni tax-xjenza relatata ma' dak li jipproduċi t-tibdil fil-klima, https://www.ipcc.ch/reports/.

([8]) Bħas-servizzi ta' Copernicus ġestiti mill-Kummissjoni Ewropea.

([9]) Is-soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura huma definiti bħala "soluzzjonijiet li huma ispirati u appoġġati min-natura, li huma kosteffettivi, u fl-istess ħin jipprovdu benefiċċji ambjentali, soċjali u ekonomiċi u jgħinu fil-bini tar-reżiljenza. Tali soluzzjonijiet iġibu aktar karatteristiċi u proċessi tan-natura u naturali, u aktar varjati, fl-ibliet u fil-pajsaġġi fuq l-art u fil-baħar, permezz ta' interventi adattati lokalment, sistemiċi u effiċjenti fl-użu tar-riżorsi". Għalhekk, is-soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura huma ta' benefiċċju għall-bijodiversità u jappoġġaw it-twassil ta' firxa ta' servizzi ekosistemiċi (il-verżjoni ta' [id-data tal-adozzjoni]: https://ec.europa.eu/info/research-and-innovation/research-area/environment/nature-based-solutions_en/).

([10]) Ara l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni: l-Infrastruttura Ekoloġika (IE) — Insaħħu l-Kapital Naturali tal-Ewropa, COM/2013/249 final.

| | |
|---|---|
| | Ir-riskji ta' degradazzjoni ambjentali relatati mal-preservazzjoni tal-kwalità tal-ilma u mal-prevenzjoni tal-istress idriku huma identifikati u indirizzati, f'konformità ma' pjan ta' ġestjoni tal-użu u tal-protezzjoni tal-ilma, żviluppat f'konsultazzjoni mal-partijiet konċernati rilevanti.<br>Sabiex jiġu limitati l-anomaliji termali assoċjati mar-rilaxx tas-sħana mormija, l-operaturi ta' impjanti tal-enerġija nukleari interni li jużaw it-tkessiħ idriku b'ċirkwit miftuħ li jieħdu l-ilma minn xmara jew għadira għandhom jikkontrollaw:<br>(a) it-temperatura massima tal-korp idriku riċeventi wara li jitħallat, u<br>(b) id-differenza massima fit-temperatura bejn l-ilma tat-tkessiħ mormi u l-korp idriku riċeventi.<br>Il-kontroll tat-temperatura jiġi implimentat skont il-kundizzjonijiet tal-liċenzja individwali għal operazzjonijiet speċifiċi, fejn applikabbli, u/jew skont il-valuri ta' limitu f'konformità mal-qafas regolatorju tal-UE.<br>L-attività tikkonforma mal-istandards tal-Industry Foundation Classes (IFC).<br>L-attivitajiet nukleari huma operati f'konformità mar-rekwiżiti dwar l-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem tad-Direttiva 2000/60/KE u tad-Direttiva 2013/51/Euratom li tistabbilixxi r-rekwiżiti għall-protezzjoni tas-saħħa tal-pubbliku ġenerali fir-rigward ta' sustanzi radjuattivi fl-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem. |
| (4) Tranżizzjoni lejn ekonomija ċirkolari | Pjan għall-ġestjoni tal-iskart kemm radjuattiv u kemm mhux radjuattiv huwa fis-seħħ u jiżgura l-użu mill-ġdid jew ir-riċiklaġġ massimu ta' dan l-iskart fi tmiem ħajtu f'konformità mal-ġerarkija tal-iskart, inkluż permezz ta' ftehimiet kuntrattwali mas-sħab tal-ġestjoni tal-iskart, kif muri fi proġettazzjonijiet finanzjarji jew f'dokumentazzjoni uffiċjali tal-proġett.<br>Waqt l-operat u d-dekummissjonar, l-ammont ta' skart radjuattiv jiġi minimizzat u l-ammont ta' materjali għar-rilaxx bla restrizzjonijiet jiġi massimizzat skont id-Direttiva 2011/70/Euratom, u f'konformità mar-rekwiżiti tal-protezzjoni mir-radjazzjoni stabbiliti fid-Direttiva 2013/59/Euratom.<br>Hemm fis-seħħ skema ta' finanzjament biex tiżgura finanzjament adegwat għall-attivitajiet kollha ta' dekummissjonar u għall-ġestjoni tal-fjuwil użat u tal-iskart radjuattiv, f'konformità mad-Direttiva 2011/70/Euratom u r-Rakkomandazzjoni 2006/851/Euratom.<br>Trid titlesta valutazzjoni tal-Impatt Ambjentali qabel ma jinbena impjant tal-enerġija nukleari, skont id-Direttiva 2011/92/UE. Il-miżuri ta' mitigazzjoni u ta' kumpens meħtieġa jiġu implimentati.<br>L-elementi rilevanti f'din it-Taqsima huma koperti mir-rapporti tal-Istati Membri lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 14(1) tad-Direttiva 2011/70/Euratom. |
| (5) Il-prevenzjoni u l-kontroll tat-tniġġis | L-attività tikkonforma mal-kriterji stabbiliti fl-Appendiċi C ta' dan l-Anness.<br>L-emissjonijiet mhux radjuattivi huma fil-livelli jew inqas mil-livelli ta' emissjonijiet assoċjati mal-firxiet tal-aqwa tekniki disponibbli (BAT-AEL) stabbiliti fil-konklużjonijiet dwar l-aqwa tekniki disponibbli (best available techniques, BAT) għall-impjanti kbar tal-kombustjoni. Ma jħallu l-ebda effett transmedjali sinifikanti. |

| | |
|---|---|
| | Sabiex il-konklużjonijiet dwar il-BAT għal impjanti kbar tal-kombustjoni jkunu japplikaw għal impjanti tal-enerġija nukleari b'input termiku ta' akbar minn 1 MW iżda anqas mil-limiti, l-emissjonijiet huma anqas mill-valuri ta' limitu tal-emissjonijiet stabbiliti fil-parti 2 tal-Anness II tad-Direttiva (UE) 2015/2193.<br>L-iskariki radjuattivi fl-arja, il-korpi tal-ilma u l-art (il-ħamrija) jikkonformaw mal-kundizzjonijiet tal-liċenzja individwali għal operazzjonijiet speċifiċi, fejn applikabbli, u/jew mal-limiti nazzjonali f'konformità mad-Direttiva 2013/51/Euratom u d-Direttiva 2013/59/Euratom.<br>Il-fjuwil użat u l-iskart radjuattiv jiġu ġestiti b'mod sikur u responsabbli skont id-Direttiva 2011/70/Euratom u d-Direttiva 2013/59/Euratom.<br>Hemm disponibbli kapaċità adegwata ta' ħżin temporanju għall-proġett, filwaqt li l-pjanijiet nazzjonali għar-rimi huma fis-seħħ biex jimminimizzaw it-tul ta' żmien tal-ħżin temporanju, f'konformità mad-dispożizzjoni tad-Direttiva 2011/70/Euratom li tqis il-ħżin tal-iskart radjuattiv, inkluż il-ħżin fit-tul, bħala soluzzjoni temporanja u mhux alternattiva għar-rimi. |
| (6) Il-protezzjoni u r-restawr tal-bijodiversità u tal-ekosistemi | L-attività tikkonforma mal-kriterji stabbiliti fl-Appendiċi D ta' dan l-Anness.<br>Trid titlesta valutazzjoni tal-Impatt Ambjentali qabel ma jinbena impjant tal-enerġija nukleari, skont id-Direttiva 2011/92/UE. Il-miżuri ta' mitigazzjoni u ta' kumpens meħtieġa jiġu implimentati.<br>Għal siti/operazzjonijiet li jinsabu f'żoni sensittivi għall-bijodiversità jew qribhom li probabbilment ikollhom effett sinifikanti fuq iż-żoni sensittivi għall-bijodiversità (inkluż in-network Natura 2000 taż-żoni protetti, is-siti ta' Wirt Dinji tal-Unesco u ż-Żoni ta' Bijodiversità Ewlenin, kif ukoll żoni protetti oħrajn), twettqet valutazzjoni xierqa, fejn applikabbli, u fuq il-bażi tal-konklużjonijiet tagħha ġew implimentati l-miżuri ta' mitigazzjoni meħtieġa.<br>Is-siti/l-operazzjonijiet ma għandhomx ikunu detrimentali għall-*istatus* ta' konservazzjoni ta' xi ħabitat jew speċi li jinsabu f'żoni protetti. |

## 4.28. **Il-ġenerazzjoni tal-elettriku mill-enerġija nukleari f'installazzjonijiet eżistenti**

*Deskrizzjoni tal-attività*

Il-modifika ta' installazzjonijiet nukleari eżistenti bil-għan li jiġi estiż il-perjodu ta' tħaddim sikur tal-installazzjonijiet nukleari li jipproduċu l-elettriku jew is-sħana mill-enerġija nukleari ("impjanti tal-enerġija nukleari"), awtorizzata mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri sal-2040, f'konformità mal-liġi nazzjonali applikabbli.

L-attività hija klassifikata taħt il-kodiċijiet NACE D35.11 u F42.2 f'konformità mal-klassifikazzjoni statistika tal-attivitajiet ekonomiċi stabbilita bir-Regolament (KE) Nru 1893/2006.

*Kriterji ta' skrinjar tekniku*

| Kontribut sostanzjali għall-adattament għat-tibdil fil-klima |
|---|
| 1. L-attività ekonomika implimentat soluzzjonijiet fiżiċi u mhux fiżiċi ("soluzzjonijiet ta' adattament") li jnaqqsu b'mod sostanzjali l-aktar riskji klimatiċi fiżiċi importanti li jkunu essenzjali għal din l-attività.<br>2. Ir-riskji klimatiċi fiżiċi li huma essenzjali għall-attività ġew identifikati minn fost dawk elenkati fl-Appendiċi A ta' dan l-Anness billi saret valutazzjoni tar-riskju u tal-vulnerabbiltà klimatiċi rigoruża bil-proċeduri li ġejjin:<br>(a) l-iskrinjar tal-attività sabiex jiġu identifikati liema riskji klimatiċi fiżiċi mil-lista fl-Appendiċi A ta' dan l-Anness jistgħu jaffettwaw il-prestazzjoni tal-attività ekonomika tul il-ħajja mistennija tagħha;<br>(b) meta l-attività tiġi vvalutata bħala f'riskju minn wieħed jew aktar mir-riskji klimatiċi fiżiċi elenkati fl-Appendiċi A ta' dan l-Anness, issir valutazzjoni tar-riskju u tal-vulnerabbiltà klimatiċi sabiex tiġi vvalutata r-rilevanza tar-riskji klimatiċi fiżiċi fuq l-attività ekonomika; |

(c) il-valutazzjoni tas-soluzzjonijiet ta' adattament li jistgħu jnaqqsu r-riskju klimatiku fiżiku identifikat.

Il-valutazzjoni tar-riskju u tal-vulnerabbiltà klimatiċi hija proporzjonata għall-iskala tal-attività u għat-tul tal-ħajja mistenni tagħha, b'tali mod li:

(a) għal attivitajiet b'tul ta' ħajja mistenni ta' anqas minn 10 snin, il-valutazzjoni titwettaq, tal-anqas bl-użu tal-proġettazzjonijiet klimatiċi fl-iżgħar skala adegwata;

(b) għall-attivitajiet l-oħra kollha, il-valutazzjoni titwettaq bl-użu ta' proġettazzjonijiet klimatiċi avvanzati u bl-ogħla riżoluzzjoni disponibbli tul firxa eżistenti ta' xenarji [11] futuri b'mod konsistenti mat-tul ta' ħajja mistenni tal-attività, inklużi, tal-anqas, xenarji ta' proġettazzjonijiet klimatiċi ta' bejn 10 snin u 30 sena għall-investimenti l-kbar.

3. Il-proġettazzjonijiet klimatiċi u l-valutazzjoni tal-impatti huma bbażati fuq l-aħjar prattika u fuq il-gwida disponibbli u jqisu x-xjenza avvanzata għall-analiżi tal-vulnerabbiltà u tar-riskju u l-metodoloġiji relatati f'konformità mar-rapporti [12] dwar it-Tibdil fil-Klima l-aktar riċenti tal-Grupp Intergovernattiv ta' Esperti, mal-pubblikazzjonijiet xjentifiċi rieżaminati minn pari u ma' mudelli b'sors miftuħ [13] jew bi ħlas.

4. Is-soluzzjonijiet ta' adattament implimentati:

(a) ma jaffettwawx b'mod ħażin l-isforzi ta' adattament jew il-livell ta' reżiljenza għar-riskji fiżiċi klimatiċi ta' persuni oħra, tan-natura, tal-wirt kulturali, tal-assi u ta' attivitajiet ekonomiċi oħra;

(b) jiffavorixxu soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura [14] jew jibbażaw, sa fejn ikun possibbli, fuq infrastrutturi blu jew ħodor [15]

(c) ikunu konsistenti mal-pjanijiet u mal-istrateġiji ta' adattament lokali, settorjali, reġjonali jew nazzjonali;

(d) jiġu mmonitorjati u jitkejlu skont indikaturi predefiniti u titqies azzjoni ta' rimedju meta dawn l-indikaturi ma jkunux issodisfati;

(e) meta s-soluzzjoni implimentata tkun fiżika u tikkonsisti f'attività li għaliha jkunu ġew speċifikati kriterji ta' skrinjar tekniku f'dan l-Anness, is-soluzzjoni tikkonforma mal-kriterji ta' skrinjar tekniku ta' "la tagħmilx ħsara sinifikanti" għal din l-attività.

5. L-attività hija konformi mad-dispożizzjonijiet stabbiliti fit-Trattat Euratom u mal-leġiżlzzjoni adottata fuqu, b'mod partikolari d-Direttiva 2013/59/Euratom, id-Direttiva 2009/71/Euratom u d-Direttiva 2011/70/Euratom, kif ukoll il-liġi ambjentali applikabbli tal-Unjoni adottata skont l-Artikolu 192 TFUE, b'mod partikolari d-Direttiva 2011/92/UE u d-Direttiva 2000/60/KE.

6. L-attività tikkonforma mal-leġiżlazzjoni nazzjonali li tittrasponi d-Direttiva 2009/71/Euratom, inkluż fir-rigward tal-evalwazzjoni, permezz ta' testijiet tal-istress, tar-reżiljenza tal-impjanti tal-enerġija nukleari tal-Unjoni kontra perikli naturali estremi, inklużi t-terremoti. Bħala konsegwenza, l-attività sseħħ fit-territorju ta' Stat Membru fejn l-operatur ta' installazzjoni nukleari:

(a) ikun ippreżenta dimostrazzjoni tas-sikurezza nukleari, li l-ambitu u l-livell ta' dettall tagħha jkunu proporzjonali għad-daqs potenzjali u n-natura tal-periklu rilevanti għall-installazzjoni nukleari u s-sit tagħha (l-Artikolu 6, il-punt (b), tad-Direttiva 2009/71/Euratom);

(11) Ix-xenarji futuri jinkludu l-profil rappreżentattiv tal-evoluzzjoni tal-konċentrazzjoni jiġifieri l-RCP2.6, l-RCP4.5, l-RCP6.0 u l-RCP8.5 tal-Grupp Intergovernattiv ta' Esperti dwar it-Tibdil fil-Klima.

(12) Ir-Rapporti ta' Valutazzjoni dwar it-Tibdil fil-Klima: l-Impatti, l-Adattament u l-Vulnerabbiltà, ippubblikati perjodikament mill-Grupp Intergovernattiv ta' Esperti dwar it-Tibdil fil-Klima (Intergovernmental Panel on Climate Change, IPCC), il-korp tan-Nazzjonijiet Uniti inkarigat mill-valutazzjoni tax-xjenza relatata ma' dak li jipproduċi t-tibdil fil-klima, https://www.ipcc.ch/reports/.

(13) Bħas-servizzi ta' Copernicus ġestiti mill-Kummissjoni Ewropea.

(14) Is-soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura huma definiti bħala "soluzzjonijiet li huma ispirati u appoġġati min-natura, li huma kosteffettivi, u fl-istess ħin jipprovdu benefiċċji ambjentali, soċjali u ekonomiċi u jgħinu fil-bini tar-reżiljenza. Tali soluzzjonijiet iġibu aktar karatteristiċi u proċessi tan-natura u naturali, u aktar varjati, fl-ibliet u fil-pajsaġġi fuq l-art u fil-baħar, permezz ta' interventi adattati lokalment, sistemiċi u effiċjenti fl-użu tar-riżorsi". Għalhekk, is-soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura huma ta' benefiċċju għall-bijodiversità u jappoġġaw it-twassil ta' firxa ta' servizzi ekosistemiċi (il-verżjoni ta' [id-data tal-adozzjoni]: https://ec.europa.eu/info/research-and-innovation/research-area/environment/nature-based-solutions_en/).

(15) Ara l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni: l-Infrastruttura Ekoloġika (IE) — Insaħħu l-Kapital Naturali tal-Ewropa, COM/2013/249 final.

(b) ikun ħa miżuri ta' difiża fil-fond biex jiżgura, *inter alia,* li l-impatt ta' perikli esterni estremi, kemm naturali kif ukoll mhux intenzjonati ta' oriġini umana, jiġi minimizzat (l-Artikolu 8b(1), il-punt (a) tad-Direttiva 2009/71/Euratom);

(c) ikun wettaq valutazzjoni xierqa speċifika għas-sit u għall-installazzjoni meta l-operatur ikkonċernat japplika għal liċenzja biex jibni jew jopera impjant tal-enerġija nukleari (l-Artikolu 8c(a) tad-Direttiva 2009/71/Euratom).

L-attività tissodisfa r-rekwiżiti tad-Direttiva 2009/71/Euratom, appoġġata mill-aħħar gwida internazzjonali permezz tal-IAEA u tal-WENRA, filwaqt li tikkontribwixxi biex tiżdied ir-reżiljenza tal-kapaċità ta' impjanti tal-enerġija nukleari ġodda u eżistenti biex ilaħħqu ma' perikli naturali estremi, inklużi l-għargħar u l-kundizzjonijiet estremi tat-temp.

La tagħmilx ħsara sinifikanti ("DNSH")

| | |
|---|---|
| (1) Il-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima | L-emissjonijiet diretti tal-GHG tal-attività jkunu anqas minn 270 g $CO_2$ e/kWh. |
| (3) L-użu sostenibbli u l-protezzjoni tar-riżorsi tal-ilma u tal-baħar | L-attività tikkonforma mal-kriterji stabbiliti fl-Appendiċi B ta' dan l-Anness.<br>Ir-riskji ta' degradazzjoni ambjentali relatati mal-preservazzjoni tal-kwalità tal-ilma u mal-prevenzjoni tal-istress idriku huma identifikati u indirizzati, f'konformità ma' pjan ta' ġestjoni tal-użu u tal-protezzjoni tal-ilma, żviluppat f'konsultazzjoni mal-partijiet konċernati rilevanti.<br>Sabiex jiġu limitati l-anomaliji termali assoċjati mar-rilaxx tas-sħana mormija, l-operaturi ta' impjanti tal-enerġija nukleari interni li jużaw it-tkessiħ idriku b'ċirkwit miftuħ li jieħdu l-ilma minn xmara jew għadira għandhom jikkontrollaw:<br>(a) it-temperatura massima tal-korp idriku riċeventi wara li jitħallat, u<br>(b) id-differenza massima fit-temperatura bejn l-ilma tat-tkessiħ mormi u l-korp idriku riċeventi.<br>Il-kontroll tat-temperatura jiġi implimentat skont il-kundizzjonijiet tal-liċenzja individwali għal operazzjonijiet speċifiċi, fejn applikabbli, jew skont il-valuri ta' limitu f'konformità mal-liġi tal-Unjoni.<br>L-attività tikkonforma mal-istandards tal-Industry Foundation Classes (IFC).<br>L-attivitajiet nukleari huma operati f'konformità mar-rekwiżiti dwar l-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem tad-Direttiva 2000/60/KE u tad-Direttiva 2013/51/Euratom li tistabbilixxi r-rekwiżiti għall-protezzjoni tas-saħħa tal-pubbliku ġenerali fir-rigward ta' sustanzi radjuattivi fl-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem. |
| (4) Tranżizzjoni lejn ekonomija ċirkolari | Pjan għall-ġestjoni tal-iskart kemm radjuattiv u kemm mhux radjuattiv huwa fis-seħħ u jiżgura l-użu mill-ġdid jew ir-riċiklaġġ massimu ta' dan l-iskart fi tmiem ħajtu f'konformità mal-ġerarkija tal-iskart, inkluż permezz ta' ftehimiet kuntrattwali mas-sħab tal-ġestjoni tal-iskart, kif muri fi proġettazzjonijiet finanzjarji jew f'dokumentazzjoni uffiċjali tal-proġett.<br>Waqt l-operat u d-dekummissjonar, l-ammont ta' skart radjuattiv jiġi minimizzat u l-ammont ta' materjali għar-rilaxx bla restrizzjonijiet jiġi massimizzat skont id-Direttiva 2011/70/Euratom, u f'konformità mar-rekwiżiti tal-protezzjoni mir-radjazzjoni stabbiliti fid-Direttiva 2013/59/Euratom.<br>Hemm fis-seħħ skema ta' finanzjament biex tiżgura finanzjament adegwat għall-attivitajiet kollha ta' dekummissjonar u għall-ġestjoni tal-fjuwil użat u tal-iskart radjuattiv, f'konformità mad-Direttiva 2011/70/Euratom u r-Rakkomandazzjoni 2006/851/Euratom. |

| | |
|---|---|
| | Trid titlesta valutazzjoni tal-Impatt Ambjentali qabel ma jinbena impjant tal-enerġija nukleari, skont id-Direttiva 2011/92/UE. Il-miżuri ta' mitigazzjoni u ta' kumpens meħtieġa jiġu implimentati.<br>L-elementi rilevanti f'din it-Taqsima huma koperti mir-rapporti tal-Istati Membri lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 14(1) tad-Direttiva 2011/70/Euratom. |
| (5) Il-prevenzjoni u l-kontroll tat-tniġġis | L-attività tikkonforma mal-kriterji stabbiliti fl-Appendiċi C ta' dan l-Anness.<br>L-emissjonijiet mhux radjuattivi huma fil-livelli jew inqas mil-livelli ta' emissjonijiet assoċjati mal-firxiet tal-aqwa tekniki disponibbli (BAT-AEL) stabbiliti fil-konklużjonijiet dwar l-aqwa tekniki disponibbli (best available techniques, BAT) għall-impjanti kbar tal-kombustjoni. Ma jħallu l-ebda effett transmedjali sinifikanti.<br>Sabiex il-konklużjonijiet dwar il-BAT għal impjanti kbar tal-kombustjoni jkunu japplikaw għal impjanti tal-enerġija nukleari b'input termiku ta' akbar minn 1 MW iżda anqas mil-limiti, l-emissjonijiet ikunu anqas mill-valuri ta' limitu tal-emissjonijiet stabbiliti fil-parti 2 tal-Anness II tad-Direttiva (UE) 2015/2193.<br>L-iskariki radjuattivi fl-arja, il-korpi tal-ilma u l-art (il-ħamrija) jikkonformaw mal-kundizzjonijiet tal-liċenzja individwali għal operazzjonijiet speċifiċi, fejn applikabbli, u/jew mal-limiti nazzjonali f'konformità mad-Direttiva 2013/51/Euratom u d-Direttiva 2013/59/Euratom.<br>Il-fjuwil użat u l-iskart radjuattiv jiġu ġestiti b'mod sikur u responsabbli skont id-Direttiva 2011/70/Euratom u d-Direttiva 2013/59/Euratom.<br>Hemm disponibbli kapaċità adegwata ta' ħżin temporanju għall-proġett, filwaqt li l-pjanijiet nazzjonali għar-rimi huma fis-seħħ biex jimminimizzaw it-tul ta' żmien tal-ħżin temporanju, f'konformità mad-dispożizzjoni tad-Direttiva 2011/70/Euratom li tqis il-ħżin tal-iskart radjuattiv, inkluż il-ħżin fit-tul, bħala soluzzjoni temporanja u mhux alternattiva għar-rimi. |
| (6) Il-protezzjoni u r-restawr tal-bijodiversità u tal-ekosistemi | L-attività tikkonforma mal-kriterji stabbiliti fl-Appendiċi D ta' dan l-Anness.<br>Trid titlesta valutazzjoni tal-Impatt Ambjentali qabel ma jinbena impjant tal-enerġija nukleari, skont id-Direttiva 2011/92/UE. Il-miżuri ta' mitigazzjoni u ta' kumpens meħtieġa jiġu implimentati.<br>Għal siti/operazzjonijiet li jinsabu f'żoni sensittivi għall-bijodiversità jew qribhom li probabbilment ikollhom effett sinifikanti fuq iż-żoni sensittivi għall-bijodiversità (inkluż in-network Natura 2000 taż-żoni protetti, is-siti ta' Wirt Dinji tal-Unesco u ż-Żoni ta' Bijodiversità Ewlenin, kif ukoll żoni protetti oħrajn), twettqet valutazzjoni xierqa, fejn applikabbli, u fuq il-bażi tal-konklużjonijiet tagħha ġew implimentati l-miżuri ta' mitigazzjoni meħtieġa.<br>Is-siti/l-operazzjonijiet ma għandhomx ikunu detrimentali għall-istatus ta' konservazzjoni ta' xi ħabitat jew speċi li jinsabu f'żoni protetti. |

## 4.29. **Ġenerazzjoni tal-elettriku minn fjuwils gassużi fossili**

*Deskrizzjoni tal-attività*

Il-kostruzzjoni jew l-operat ta' faċilitajiet tal-ġenerazzjoni tal-elettriku li jipproduċu l-elettriku bl-użu ta' fjuwils gassużi fossili li jissodisfaw il-kriterji fil-punt 1(a) tat-Taqsima 4.29 tal-Anness I. Din l-attività ma tinkludix il-ġenerazzjoni tal-elettriku mill-użu esklużiv ta' fjuwils gassużi u likwidi rinnovabbli mhux fossili msemmijin fit-Taqsima 4.7 tal-Anness I u l-bijogass u l-fjuwils bijolikwidi msemmijin fit-Taqsima 4.8 tal-Anness I.

L-attivitajiet ekonomiċi f'din il-kategorija jistgħu jiġu assoċjati ma' diversi kodiċijiet tal-NACE, b'mod partikolari d-D35.11 u l-F42.22 f'konformità mal-klassifikazzjoni statistika tal-attivitajiet ekonomiċi stabbilita bir-Regolament (KE) Nru 1893/2006.

*Kriterji ta' skrinjar tekniku*

Kontribut sostanzjali għall-adattament għat-tibdil fil-klima

1. L-attività ekonomika implimentat soluzzjonijiet fiżiċi u mhux fiżiċi ("soluzzjonijiet ta' adattament") li jnaqqsu b'mod sostanzjali l-aktar riskji klimatiċi fiżiċi importanti li jkunu essenzjali għal din l-attività.
2. Ir-riskji klimatiċi fiżiċi li huma essenzjali għall-attività ġew identifikati minn fost dawk elenkati fl-Appendiċi A ta' dan l-Anness billi saret valutazzjoni tar-riskju u tal-vulnerabbiltà klimatiċi rigoruża bil-proċeduri li ġejjin:
   (a) l-iskrinjar tal-attività sabiex jiġu identifikati liema riskji klimatiċi fiżiċi mil-lista fl-Appendiċi A ta' dan l-Anness jistgħu jaffettwaw il-prestazzjoni tal-attività ekonomika tul il-ħajja mistennija tagħha;
   (b) meta l-attività tiġi vvalutata bħala f'riskju minn wieħed jew aktar mir-riskji klimatiċi fiżiċi elenkati fl-Appendiċi A ta' dan l-Anness, issir valutazzjoni tar-riskju u tal-vulnerabbiltà klimatiċi sabiex tiġi vvalutata r-rilevanza tar-riskji klimatiċi fiżiċi fuq l-attività ekonomika;
   (c) il-valutazzjoni tas-soluzzjonijiet ta' adattament li jistgħu jnaqqsu r-riskju klimatiku fiżiku identifikat.

   Il-valutazzjoni tar-riskju u tal-vulnerabbiltà klimatiċi hija proporzjonata għall-iskala tal-attività u għat-tul tal-ħajja mistenni tagħha, b'tali mod li:
   (a) għal attivitajiet b'tul ta' ħajja mistenni ta' anqas minn 10 snin, il-valutazzjoni titwettaq, tal-anqas bl-użu tal-proġettazzjonijiet klimatiċi fl-iżgħar skala adegwata;
   (b) għall-attivitajiet l-oħra kollha, il-valutazzjoni titwettaq bl-użu ta' proġettazzjonijiet klimatiċi avvanzati u bl-ogħla riżoluzzjoni disponibbli tul firxa eżistenti ta' xenarji [16] futuri b'mod konsistenti mat-tul ta' ħajja mistenni tal-attività, inklużi, tal-anqas, xenarji ta' proġettazzjonijiet klimatiċi ta' bejn 10 snin u 30 sena għall-investimenti l-kbar.
3. Il-proġettazzjonijiet klimatiċi u l-valutazzjoni tal-impatti huma bbażati fuq l-aħjar prattika u fuq il-gwida disponibbli u jqisu x-xjenza avvanzata għall-analiżi tal-vulnerabbiltà u tar-riskju u l-metodoloġiji relatati f'konformità mar-rapporti [17] dwar it-Tibdil fil-Klima l-aktar riċenti tal-Grupp Intergovernattiv ta' Esperti, mal-pubblikazzjonijiet xjentifiċi rieżaminati minn pari u ma' mudelli b'sors miftuħ [18] jew bi ħlas.
4. Is-soluzzjonijiet ta' adattament implimentati:
   (a) ma jaffettwawx b'mod ħażin l-isforzi ta' adattament jew il-livell ta' reżiljenza għar-riskji fiżiċi klimatiċi ta' persuni oħra, tan-natura, tal-wirt kulturali, tal-assi u ta' attivitajiet ekonomiċi oħra;
   (b) jiffavorixxu soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura [19] jew jibbażaw, sa fejn ikun possibbli, fuq infrastrutturi blu jew ħodor [20]
   (c) ikunu konsistenti mal-pjanijiet u mal-istrateġiji ta' adattament lokali, settorjali, reġjonali jew nazzjonali;
   (d) jiġu mmonitorjati u jitkejlu skont indikaturi predefiniti u titqies azzjoni ta' rimedju meta dawn l-indikaturi ma jkunux issodisfati;
   (e) meta s-soluzzjoni implimentata tkun fiżika u tikkonsisti f'attività li għaliha jkunu ġew speċifikati kriterji ta' skrinjar tekniku f'dan l-Anness, is-soluzzjoni tikkonforma mal-kriterji ta' skrinjar tekniku ta' "la tagħmilx ħsara sinifikanti" għal din l-attività.

---

(16) Ix-xenarji futuri jinkludu l-profil rappreżentattiv tal-evoluzzjoni tal-konċentrazzjoni tal-Grupp Intergovernattiv ta' Esperti dwar it-Tibdil fil-Klima RCP2.6, RCP4.5, RCP6.0 u RCP8.5.

(17) Ir-Rapporti ta' Valutazzjoni dwar it-Tibdil fil-Klima: l-Impatti, l-Adattament u l-Vulnerabbiltà, ippubblikati perjodikament mill-Grupp Intergovernattiv ta' Esperti dwar it-Tibdil fil-Klima (Intergovernmental Panel on Climate Change, IPCC), il-korp tan-Nazzjonijiet Uniti inkarigat mill-valutazzjoni tax-xjenza relatata ma' dak li jipproduċi t-tibdil fil-klima, https://www.ipcc.ch/reports/.

(18) Bħas-servizzi ta' Copernicus ġestiti mill-Kummissjoni Ewropea.

(19) Is-soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura huma definiti bħala "soluzzjonijiet li huma ispirati u appoġġati min-natura, li huma kosteffettivi, u fl-istess ħin jipprovdu benefiċċji ambjentali, soċjali u ekonomiċi u jgħinu fil-bini tar-reżiljenza. Tali soluzzjonijiet iġibu aktar karatteristiċi u proċessi tan-natura u naturali, u aktar varjati, fl-ibliet u fil-pajsaġġi fuq l-art u fil-baħar, permezz ta' interventi adattati lokalment, sistemiċi u effiċjenti fl-użu tar-riżorsi". Għalhekk, is-soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura huma ta' benefiċċju għall-bijodiversità u jappoġġaw it-twassil ta' firxa ta' servizzi ekosistemiċi (il-verżjoni ta' [id-data tal-adozzjoni]: https://ec.europa.eu/info/research-and-innovation/research-area/environment/nature-based-solutions_en/).

(20) Ara l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni: l-Infrastruttura Ekoloġika (IE) — Insaħħu l-Kapital Naturali tal-Ewropa, COM/2013/249 final.

| La tagħmilx ħsara sinifikanti ("DNSH") | |
|---|---|
| (1) Il-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima | L-emissjonijiet diretti tal-GHG tal-attività jkunu anqas minn 270 g $CO_2$ e/kWh. |
| (3) L-użu sostenibbli u l-protezzjoni tar-riżorsi tal-ilma u tal-baħar | L-attività tikkonforma mal-kriterji stabbiliti fl-Appendiċi B ta' dan l-Anness. |
| (4) Tranżizzjoni lejn ekonomija ċirkolari | Mhux Applikabbli |
| (5) Il-prevenzjoni u l-kontroll tat-tniġġis | L-attività tikkonforma mal-kriterji stabbiliti fl-Appendiċi C ta' dan l-Anness.<br>L-emissjonijiet huma fil-livelli jew inqas mil-livelli ta' emissjonijiet assoċjati mal-firxiet tal-aqwa tekniki disponibbli (BAT-AEL) stabbiliti fl-aħħar konklużjonijiet rilevanti dwar l-aqwa tekniki disponibbli (BAT), li jinkludu l-konklużjonijiet dwar l-aqwa tekniki disponibbli (BAT) għall-impjanti l-kbar tal-kombustjoni.<br>Ma jħallu l-ebda effett transmedjali sinifikanti.<br>Sabiex il-konklużjonijiet dwar il-BAT għall-impjanti l-kbar tal-kombustjoni jkunu japplikaw għal impjanti tal-kombustjoni b'input termiku akbar minn 1 MW iżda anqas mil-livelli limitu, l-emissjonijiet huma anqas mill-valuri ta' limitu tal-emissjonijiet stabbiliti fil-parti 2 tal-Anness II tad-Direttiva (UE) 2015/2193. |
| (6) Il-protezzjoni u r-restawr tal-bijodiversità u tal-ekosistemi | L-attività tikkonforma mal-kriterji stabbiliti fl-Appendiċi D ta' dan l-Anness. |

## 4.30. **Il-koġenerazzjoni b'effiċjenza għolja ta' sħana/kesħa u l-enerġija minn fjuwils gassużi fossili**

*Deskrizzjoni tal-attività*

Il-kostruzzjoni, ir-rinnovazzjoni u l-operat ta' faċilitajiet tal-ġenerazzjoni kkombinata tas-sħana/tal-kesħa u tal-enerġija bl-użu ta' fjuwils gassużi fossili li jissodisfaw il-kriterji fil-punt 1(a) tat-Taqsima 4.30 tal-Anness I. Din l-attività ma tinkludix il-koġenerazzjoni b'effiċjenza għolja tas-sħana/tal-kesħa u l-enerġija mill-użu esklużiv ta' fjuwils gassużi u likwidi rinnovabbli mhux fossili msemmijin fit-Taqsima 4.19 tal-Anness I u l-bijogass u l-fjuwils bijolikwidi msemmijin fit-Taqsima 4.20 tal-Anness I.

L-attivitajiet ekonomiċi f'din il-kategorija jistgħu jiġu assoċjati mal-kodiċijiet NACE D35.11 u D35.30 f'konformità mal-klassifikazzjoni statistika tal-attivitajiet ekonomiċi stabbilita bir-Regolament (KE) Nru 1893/2006.

*Kriterji ta' skrinjar tekniku*

| Kontribut sostanzjali għall-adattament għat-tibdil fil-klima |
|---|
| 1. L-attività ekonomika implimentat soluzzjonijiet fiżiċi u mhux fiżiċi ("soluzzjonijiet ta' adattament") li jnaqqsu b'mod sostanzjali l-aktar riskji klimatiċi fiżiċi importanti li jkunu essenzjali għal din l-attività.<br>2. Ir-riskji klimatiċi fiżiċi li huma essenzjali għall-attività ġew identifikati minn fost dawk elenkati fl-Appendiċi A ta' dan l-Anness billi saret valutazzjoni tar-riskju u tal-vulnerabbiltà klimatiċi rigoruża bil-proċeduri li ġejjin:<br>(a) l-iskrinjar tal-attività sabiex jiġu identifikati liema riskji klimatiċi fiżiċi mil-lista fl-Appendiċi A ta' dan l-Anness jistgħu jaffettwaw il-prestazzjoni tal-attività ekonomika tul il-ħajja mistennija tagħha;<br>(b) meta l-attività tiġi vvalutata bħala f'riskju minn wieħed jew aktar mir-riskji klimatiċi fiżiċi elenkati fl-Appendiċi A ta' dan l-Anness, issir valutazzjoni tar-riskju u tal-vulnerabbiltà klimatiċi sabiex tiġi vvalutata r-rilevanza tar-riskji klimatiċi fiżiċi fuq l-attività ekonomika;<br>(c) il-valutazzjoni tas-soluzzjonijiet ta' adattament li jistgħu jnaqqsu r-riskju klimatiku fiżiku identifikat.<br>Il-valutazzjoni tar-riskju u tal-vulnerabbiltà klimatiċi hija proporzjonata għall-iskala tal-attività u għat-tul tal-ħajja mistenni tagħha, b'tali mod li:<br>(a) għal attivitajiet b'tul ta' ħajja mistenni ta' anqas minn 10 snin, il-valutazzjoni titwettaq, tal-anqas bl-użu tal-proġettazzjonijiet klimatiċi fl-iżgħar skala adegwata; |

(b) għall-attivitajiet l-oħra kollha, il-valutazzjoni titwettaq bl-użu ta' proġettazzjonijiet klimatiċi avvanzati u bl-ogħla riżoluzzjoni disponibbli tul firxa eżistenti ta' xenarji [21] futuri b'mod konsistenti mat-tul ta' ħajja mistenni tal-attività, inklużi, tal-anqas, xenarji ta' proġettazzjonijiet klimatiċi ta' bejn 10 snin u 30 sena għall-investimenti l-kbar.

3. Il-proġettazzjonijiet klimatiċi u l-valutazzjoni tal-impatti huma bbażati fuq l-aħjar prattika u fuq il-gwida disponibbli u jqisu x-xjenza avvanzata għall-analiżi tal-vulnerabbiltà u tar-riskju u l-metodoloġiji relatati f'konformità mar-rapporti [22] dwar it-Tibdil fil-Klima l-aktar riċenti tal-Grupp Intergovernattiv ta' Esperti, mal-pubblikazzjonijiet xjentifiċi rieżaminati minn pari u ma' mudelli b'sors miftuħ [23] jew bi ħlas.

4. Is-soluzzjonijiet ta' adattament implimentati:

(a) ma jaffettwawx b'mod ħażin l-isforzi ta' adattament jew il-livell ta' reżiljenza għar-riskji fiżiċi klimatiċi ta' persuni oħra, tan-natura, tal-wirt kulturali, tal-assi u ta' attivitajiet ekonomiċi oħra;

(b) jiffavorixxu soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura [24] jew jibbażaw, sa fejn ikun possibbli, fuq infrastrutturi blu jew ħodor [25]

(c) ikunu konsistenti mal-pjanijiet u mal-istrateġiji ta' adattament lokali, settorjali, reġjonali jew nazzjonali;

(d) jiġu mmonitorjati u jitkejlu skont indikaturi predefiniti u titqies azzjoni ta' rimedju meta dawn l-indikaturi ma jkunux issodisfati;

(e) meta s-soluzzjoni implimentata tkun fiżika u tikkonsisti f'attività li għaliha jkunu ġew speċifikati kriterji ta' skrinjar tekniku f'dan l-Anness, is-soluzzjoni tikkonforma mal-kriterji ta' skrinjar tekniku ta' "la tagħmilx ħsara sinifikanti" għal din l-attività.

La tagħmilx ħsara sinifikanti ("DNSH")

| | |
|---|---|
| (1) Il-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima | L-emissjonijiet diretti tal-GHG tal-attività jkunu anqas minn 270 g $CO_2$ e/kWh. |
| (3) L-użu sostenibbli u l-protezzjoni tar-riżorsi tal-ilma u tal-baħar | L-attività tikkonforma mal-kriterji stabbiliti fl-Appendiċi B ta' dan l-Anness. |
| (4) Tranżizzjoni lejn ekonomija ċirkolari | Mhux Applikabbli |
| (5) Il-prevenzjoni u l-kontroll tat-tniġġis | L-attività tikkonforma mal-kriterji stabbiliti fl-Appendiċi C ta' dan l-Anness.<br>L-emissjonijiet huma fil-livelli jew inqas mil-livelli ta' emissjonijiet assoċjati mal-firxiet tal-aqwa tekniki disponibbli (BAT-AEL) stabbiliti fl-aħħar konklużjonijiet rilevanti dwar l-aqwa tekniki disponibbli (BAT), li jinkludu l-konklużjonijiet dwar l-aqwa tekniki disponibbli (BAT) għall-impjanti l-kbar tal-kombustjoni.<br>Ma jħallu l-ebda effett transmedjali sinifikanti.<br>Sabiex il-konklużjonijiet dwar il-BAT għall-impjanti l-kbar tal-kombustjoni jkunu japplikaw għal impjanti tal-kombustjoni b'input termiku akbar minn 1 MW iżda anqas mil-livelli limitu, l-emissjonijiet huma anqas mill-valuri ta' limitu tal-emissjonijiet stabbiliti fil-parti 2 tal-Anness II tad-Direttiva (UE) 2015/2193. |
| (6) Il-protezzjoni u r-restawr tal-bijodiversità u tal-ekosistemi | L-attività tikkonforma mal-kriterji stabbiliti fl-Appendiċi D ta' dan l-Anness. |

[21] Ix-xenarji futuri jinkludu l-profil rappreżentattiv tal-evoluzzjoni tal-konċentrazzjoni tal-Grupp Intergovernattiv ta' Esperti dwar it-Tibdil fil-Klima RCP2.6, RCP4.5, RCP6.0 u RCP8.5.

[22] Ir-Rapporti ta' Valutazzjoni dwar it-Tibdil fil-Klima: l-Impatti, l-Adattament u l-Vulnerabbiltà, ippubblikati perjodikament mill-Grupp Intergovernattiv ta' Esperti dwar it-Tibdil fil-Klima (Intergovernmental Panel on Climate Change, IPCC), il-korp tan-Nazzjonijiet Uniti inkarigat mill-valutazzjoni tax-xjenza relatata ma' dak li jipproduċi t-tibdil fil-klima, https://www.ipcc.ch/reports/.

[23] Bħas-servizzi ta' Copernicus ġestiti mill-Kummissjoni Ewropea.

[24] Is-soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura huma definiti bħala "soluzzjonijiet li huma ispirati u appoġġati min-natura, li huma kosteffettivi, u fl-istess ħin jipprovdu benefiċċji ambjentali, soċjali u ekonomiċi u jgħinu fil-bini tar-reżiljenza. Tali soluzzjonijiet iġibu aktar karatteristiċi u proċessi tan-natura u naturali, u aktar varjati, fl-ibliet u fil-pajsaġġi fuq l-art u fil-baħar, permezz ta' interventi adattati lokalment, sistemiċi u effiċjenti fl-użu tar-riżorsi". Għalhekk, is-soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura huma ta' benefiċċju għall-bijodiversità u jappoġġaw it-twassil ta' firxa ta' servizzi ekosistemiċi (il-verżjoni ta' [id-data tal-adozzjoni]: https://ec.europa.eu/info/research-and-innovation/research-area/environment/nature-based-solutions_en/).

[25] Ara l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni: l-Infrastruttura Ekoloġika (IE) — Insaħħu l-Kapital Naturali tal-Ewropa, COM/2013/249 final.

## 4.31. **Produzzjoni ta' sħana/kesħa minn fjuwils gassużi fossili f'sistema effiċjenti ta' tisħin u ta' tkessiħ distrettwali**

*Deskrizzjoni tal-attività*

Il-kostruzzjoni, ir-rinovazzjoni u l-operat tal-faċilitajiet tal-ġenerazzjoni tas-sħana li jipproduċu s-sħana/l-kesħa bl-użu ta' fjuwils gassużi fossili konessi ma' sistema effiċjenti ta' tisħin u ta' tkessiħ distrettwali skont l-Artikolu 2(41) tad-Direttiva 2012/27/UE li tissodisfa l-kriterji fil-punt 1(a) tat-Taqsima 4.31 tal-Anness I. Din l-attività ma tinkludix il-produzzjoni tas-sħana/tal-kesħa minn sistema effiċjenti ta' tisħin distrettwali bl-użu esklużiv ta' fjuwils gassużi u likwidi rinnovabbli mhux fossili msemmijin fit-Taqsima 4.23 tal-Anness I u l-bijogass u l-fjuwils bijolikwidi msemmijin fit-Taqsima 4.24 tal-Anness I.

L-attività hija klassifikata taħt il-kodiċi NACE D35.30 f'konformità mal-klassifikazzjoni statistika tal-attivitajiet ekonomiċi stabbilita bir-Regolament (KE) Nru 1893/2006.

*Kriterji ta' skrinjar tekniku*

| Kontribut sostanzjali għall-adattament għat-tibdil fil-klima |
|---|
| 1. L-attività ekonomika implimentat soluzzjonijiet fiżiċi u mhux fiżiċi ("soluzzjonijiet ta' adattament") li jnaqqsu b'mod sostanzjali l-aktar riskji klimatiċi fiżiċi importanti li jkunu essenzjali għal din l-attività.<br>2. Ir-riskji klimatiċi fiżiċi li huma essenzjali għall-attività ġew identifikati minn fost dawk elenkati fl-Appendiċi A ta' dan l-Anness billi saret valutazzjoni tar-riskju u tal-vulnerabbiltà klimatiċi rigoruża bil-proċeduri li ġejjin:<br>(a) l-iskrinjar tal-attività sabiex jiġu identifikati liema riskji klimatiċi fiżiċi mil-lista fl-Appendiċi A ta' dan l-Anness jistgħu jaffettwaw il-prestazzjoni tal-attività ekonomika tul il-ħajja mistennija tagħha;<br>(b) meta l-attività tiġi vvalutata bħala f'riskju minn wieħed jew aktar mir-riskji klimatiċi fiżiċi elenkati fl-Appendiċi A ta' dan l-Anness, issir valutazzjoni tar-riskju u tal-vulnerabbiltà klimatiċi sabiex tiġi vvalutata r-rilevanza tar-riskji klimatiċi fiżiċi fuq l-attività ekonomika;<br>(c) il-valutazzjoni tas-soluzzjonijiet ta' adattament li jistgħu jnaqqsu r-riskju klimatiku fiżiku identifikat.<br>Il-valutazzjoni tar-riskju u tal-vulnerabbiltà klimatiċi hija proporzjonata għall-iskala tal-attività u għat-tul tal-ħajja mistenni tagħha, b'tali mod li:<br>(a) għal attivitajiet b'tul ta' ħajja mistenni ta' anqas minn 10 snin, il-valutazzjoni titwettaq, tal-anqas bl-użu tal-proġettazzjonijiet klimatiċi fl-iżgħar skala adegwata;<br>(b) għall-attivitajiet l-oħra kollha, il-valutazzjoni titwettaq bl-użu ta' proġettazzjonijiet klimatiċi avvanzati u bl-ogħla riżoluzzjoni disponibbli tul firxa eżistenti ta' xenarji ([26]) futuri b'mod konsistenti mat-tul ta' ħajja mistenni tal-attività, inklużi, tal-anqas, xenarji ta' proġettazzjonijiet klimatiċi ta' bejn 10 snin u 30 sena għall-investimenti l-kbar.<br>3. Il-proġettazzjonijiet klimatiċi u l-valutazzjoni tal-impatti huma bbażati fuq l-aħjar prattika u fuq il-gwida disponibbli u jqisu x-xjenza avvanzata għall-analiżi tal-vulnerabbiltà u tar-riskju u l-metodoloġiji relatati f'konformità mar-rapporti ([27]) dwar it-Tibdil fil-Klima l-aktar riċenti tal-Grupp Intergovernattiv ta' Esperti, mal-pubblikazzjonijiet xjentifiċi rieżaminati minn pari u ma' mudelli b'sors miftuħ ([28]) jew bi ħlas.<br>4. Is-soluzzjonijiet ta' adattament implimentati:<br>(a) ma jaffettwawx b'mod ħażin l-isforzi ta' adattament jew il-livell ta' reżiljenza għar-riskji fiżiċi klimatiċi ta' persuni oħra, tan-natura, tal-wirt kulturali, tal-assi u ta' attivitajiet ekonomiċi oħra;<br>(b) jiffavorixxu soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura ([29]) jew jibbażaw, sa fejn ikun possibbli, fuq infrastrutturi blu jew ħodor ([30])<br>(c) ikunu konsistenti mal-pjanijiet u mal-istrateġiji ta' adattament lokali, settorjali, reġjonali jew nazzjonali;<br>(d) jiġu mmonitorjati u jitkejlu skont indikaturi predefiniti u titqies azzjoni ta' rimedju meta dawn l-indikaturi ma jkunux issodisfati;<br>(e) meta s-soluzzjoni implimentata tkun fiżika u tikkonsisti f'attività li għaliha jkunu ġew speċifikati kriterji ta' skrinjar tekniku f'dan l-Anness, is-soluzzjoni tikkonforma mal-kriterji ta' skrinjar tekniku ta' "la tagħmilx ħsara sinifikanti" għal din l-attività. |

([26]) Ix-xenarji futuri jinkludu l-profil rappreżentattiv tal-evoluzzjoni tal-konċentrazzjoni tal-Grupp Intergovernattiv ta' Esperti dwar it-Tibdil fil-Klima RCP2.6, RCP4.5, RCP6.0 u RCP8.5.

([27]) Ir-Rapporti ta' Valutazzjoni dwar it-Tibdil fil-Klima: l-Impatti, l-Adattament u l-Vulnerabbiltà, ippubblikati perjodikament mill-Grupp Intergovernattiv ta' Esperti dwar it-Tibdil fil-Klima (Intergovernmental Panel on Climate Change, IPCC), il-korp tan-Nazzjonijiet Uniti inkarigat mill-valutazzjoni tax-xjenza relatata ma' dak li jipproduċi t-tibdil fil-klima, https://www.ipcc.ch/reports/.

([28]) Bħas-servizzi ta' Copernicus ġestiti mill-Kummissjoni Ewropea.

([29]) Is-soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura huma definiti bħala "soluzzjonijiet li huma ispirati u appoġġati min-natura, li huma kosteffettivi, u fl-istess ħin jipprovdu benefiċċji ambjentali, soċjali u ekonomiċi u jgħinu fil-bini tar-reżiljenza. Tali soluzzjonijiet iġibu aktar karatteristiċi u proċessi tan-natura u naturali, u aktar varjati, fl-ibliet u fil-pajsaġġi fuq l-art u fil-baħar, permezz ta' interventi adattati lokalment, sistemiċi u effiċjenti fl-użu tar-riżorsi". Għalhekk, is-soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura huma ta' benefiċċju għall-bijodiversità u jappoġġaw it-twassil ta' firxa ta' servizzi ekosistemiċi (il-verżjoni ta' [id-data tal-adozzjoni]: https://ec.europa.eu/info/research-and-innovation/research-area/environment/nature-based-solutions_en/).

([30]) Ara l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni: l-Infrastruttura Ekoloġika (IE) — Insaħħu l-Kapital Naturali tal-Ewropa, COM/2013/249 final.

| La tagħmilx ħsara sinifikanti ("DNSH") | |
|---|---|
| (1) Il-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima | L-emissjonijiet diretti tal-GHG tal-attività jkunu anqas minn 270 g $CO_2$ e/kWh. |
| (3) L-użu sostenibbli u l-protezzjoni tar-riżorsi tal-ilma u tal-baħar | L-attività tikkonforma mal-kriterji stabbiliti fl-Appendiċi B ta' dan l-Anness. |
| (4) Tranżizzjoni lejn ekonomija ċirkolari | Mhux Applikabbli |
| (5) Il-prevenzjoni u l-kontroll tat-tniġġis | L-attività tikkonforma mal-kriterji stabbiliti fl-Appendiċi C ta' dan l-Anness.<br>L-emissjonijiet huma fil-livelli jew inqas mil-livelli ta' emissjonijiet assoċjati mal-firxiet tal-aqwa tekniki disponibbli (BAT-AEL) stabbiliti fl-aħħar konklużjonijiet rilevanti dwar l-aqwa tekniki disponibbli (BAT), li jinkludu l-konklużjonijiet dwar l-aqwa tekniki disponibbli (BAT) għall-impjanti l-kbar tal-kombustjoni.<br>Ma jħallu l-ebda effett transmedjali sinifikanti.<br>Sabiex il-konklużjonijiet dwar il-BAT għall-impjanti l-kbar tal-kombustjoni jkunu japplikaw għal impjanti tal-kombustjoni b'input termiku akbar minn 1 MW iżda anqas mil-livelli limitu, l-emissjonijiet huma anqas mill-valuri ta' limitu tal-emissjonijiet stabbiliti fil-parti 2 tal-Anness II tad-Direttiva (UE) 2015/2193. |
| (6) Il-protezzjoni u r-restawr tal-bijodiversità u tal-ekosistemi | L-attività tikkonforma mal-kriterji stabbiliti fl-Appendiċi D ta' dan l-Anness." |

*ANNESS III*

*"ANNESS III*

**Mudelli standard għad-divulgazzjoni msemmija fl-Artikolu 8(6) u (7)**

L-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 8(6) u (7) għandha tiġi ppreżentata kif ġej, għal kull indikatur ewlieni tal-prestazzjoni (key performance indicator, KPI) applikabbli.

Mudell 1 L-attivitajiet relatati mal-enerġija nukleari u mal-gass fossili

| Ringiela | Attivitajiet relatati mal-enerġija nukleari | |
|---|---|---|
| 1. | L-impriża twettaq, tiffinanzja jew ikollha esponiment għar-riċerka, l-iżvilupp, id-dimostrazzjoni u l-użu ta' faċilitajiet innovattivi tal-ġenerazzjoni tal-elettriku li jipproduċu l-enerġija minn proċessi nukleari bi skart minimu miċ-ċiklu tal-fjuwil. | IVA/LE |
| 2. | L-impriża twettaq, tiffinanzja jew hija esposta għall-kostruzzjoni u l-operat sikur ta' installazzjonijiet nukleari ġodda biex tipproduċi l-elettriku jew tipproċessa s-sħana, inkluż għall-finijiet ta' tisħin distrettwali jew proċessi industrijali bħall-produzzjoni tal-idroġenu, kif ukoll it-titjib tas-sikurezza tagħhom, bl-użu tal-aħjar teknoloġiji disponibbli. | IVA/LE |
| 3. | L-impriża twettaq, tiffinanzja jew hija esposta għall-operat sikur ta' installazzjonijiet nukleari eżistenti li jipproduċu l-elettriku jew jipproċessaw is-sħana, inkluż għall-finijiet tat-tisħin distrettwali jew tal-proċessi industrijali bħall-produzzjoni tal-idroġenu mill-enerġija nukleari, kif ukoll it-titjib tas-sikurezza tagħhom. | IVA/LE |
| | **Attivitajiet relatati mal-gass fossili** | |
| 4. | L-impriża twettaq, tiffinanzja jew hija esposta għall-kostruzzjoni jew għall-operat ta' faċilitajiet tal-ġenerazzjoni tal-elettriku li jipproduċu l-elettriku bl-użu ta' fjuwils gassużi fossili. | IVA/LE |
| 5. | L-impriża twettaq, tiffinanzja jew hija esposta għall-kostruzzjoni, ir-rinnovazzjoni u l-operat ta' faċilitajiet kkombinati tal-ġenerazzjoni tal-enerġija u tat-tisħin/tat-tkessiħ li jużaw il-fjuwils gassużi fossili. | IVA/LE |
| 6. | L-impriża twettaq, tiffinanzja jew hija esposta għall-kostruzzjoni, ir-rinnovazzjonio u l-operat ta' faċilitajiet tal-ġenerazzjoni tas-sħana li jipproduċu s-sħana/il-kesħa bl-użu ta' fjuwils gassużi fossili. | IVA/LE |

Mudell 2 Attivitajiet ekonomiċi allinjati mat-tassonomija (denominatur)

| Ringiela | Attivitajiet ekonomiċi | Ammont u proporzjon (l-informazzjoni għandha tiġi ppreżentata f'ammonti monetarji u bħala perċentwali) | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | CCM + CCA | | Mitigazzjoni tat-Tibdil fil-Klima (Climate change mitigation, CCM) | | Adattament għat-Tibdil fil-Klima (Climate change adaptation, CCA) | |
| | | Ammont | % | Ammont | % | Ammont | % |
| 1. | L-ammont u l-proporzjon tal-attività ekonomika allinjata mat-tassonomija msemmija fit-Taqsima 4.26 tal-Annessi I u II tar-Regolament Delegat 2021/2139 fid-denominatur tal-KPI applikabbli | | | | | | |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 2. | L-ammont u l-proporzjon tal-attività ekonomika allinjata mat-tassonomija msemmija fit-Taqsima 4.27 tal-Annessi I u II tar-Regolament Delegat 2021/2139 fid-denominatur tal-KPI applikabbli | | | |
| 3. | L-ammont u l-proporzjon tal-attività ekonomika allinjata mat-tassonomija msemmija fit-Taqsima 4.28 tal-Annessi I u II tar-Regolament Delegat 2021/2139 fid-denominatur tal-KPI applikabbli | | | |
| 4. | L-ammont u l-proporzjon tal-attività ekonomika allinjata mat-tassonomija msemmija fit-Taqsima 4.29 tal-Annessi I u II tar-Regolament Delegat 2021/2139 fid-denominatur tal-KPI applikabbli | | | |
| 5. | L-ammont u l-proporzjon tal-attività ekonomika allinjata mat-tassonomija msemmija fit-Taqsima 4.30 tal-Annessi I u II tar-Regolament Delegat 2021/2139 fid-denominatur tal-KPI applikabbli | | | |
| 6. | L-ammont u l-proporzjon tal-attività ekonomika allinjata mat-tassonomija msemmija fit-Taqsima 4.31 tal-Annessi I u II tar-Regolament Delegat 2021/2139 fid-denominatur tal-KPI applikabbli | | | |
| 7. | **L-ammont u l-proporzjon ta' attivitajiet ekonomiċi oħra allinjati mat-tassonomija mhux imsemmijin fir-ringieli minn 1 sa 6 hawn fuq fid-denominatur tal-KPI applikabbli** | | | |
| 8. | **KPI totali applikabbli** | | | |

Mudell 3 Attivitajiet ekonomiċi allinjati mat-tassonomija (denominatur)

| Ringiela | Attivitajiet ekonomiċi | Ammont u proporzjon (l-informazzjoni għandha tiġi ppreżentata f'ammonti monetarji u bħala perċentwali) | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | (CCM+CCA) | | Mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima | | Adattament għat-tibdil fil-klima | |
| | | Ammont | % | Ammont | % | Ammont | % |
| 1. | L-ammont u l-proporzjon tal-attività ekonomika allinjata mat-tassonomija msemmija fit-Taqsima 4.26 tal-Annessi I u II tar-Regolament Delegat 2021/2139 fin-numeratur tal-KPI applikabbli | | | | | | |

| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 2. | L-ammont u l-proporzjon tal-attività ekonomika allinjata mat-tassonomija msemmija fit-Taqsima 4.27 tal-Annessi I u II tar-Regolament Delegat 2021/2139 fin-numeratur tal-KPI applikabbli | | | | | | |
| 3. | L-ammont u l-proporzjon tal-attività ekonomika allinjata mat-tassonomija msemmija fit-Taqsima 4.28 tal-Annessi I u II tar-Regolament Delegat 2021/2139 fin-numeratur tal-KPI applikabbli | | | | | | |
| 4. | L-ammont u l-proporzjon tal-attività ekonomika allinjata mat-tassonomija msemmija fit-Taqsima 4.29 tal-Annessi I u II tar-Regolament Delegat 2021/2139 fin-numeratur tal-KPI applikabbli | | | | | | |
| 5. | L-ammont u l-proporzjon tal-attività ekonomika allinjata mat-tassonomija msemmija fit-Taqsima 4.30 tal-Annessi I u II tar-Regolament Delegat 2021/2139 fin-numeratur tal-KPI applikabbli | | | | | | |
| 6. | L-ammont u l-proporzjon tal-attività ekonomika allinjata mat-tassonomija msemmija fit-Taqsima 4.31 tal-Annessi I u II tar-Regolament Delegat 2021/2139 fin-numeratur tal-KPI applikabbli | | | | | | |
| 7. | **L-ammont u l-proporzjon ta' attivitajiet ekonomiċi oħra allinjati mat-tassonomija mhux imsemmijin fir-ringieli minn 1 sa 6 hawn fuq fin-numeratur tal-KPI applikabbli** | | | | | | |
| 8. | **L-ammont totali u l-proporzjon tal-attivitajiet ekonomiċi allinjati mat-tassonomija fin-numeratur tal-KPI applikabbli** | | **100 %** | | | | |

Mudell 4 Attivitajiet ekonomiċi eliġibbli għat-tassonomija iżda mhux allinjati mat-tassonomija

| Ringiela | Attivitajiet ekonomiċi | Proporzjon (l-informazzjoni għandha tiġi ppreżentata f'ammonti monetarji u bħala perċentwali) | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | (CCM+CCA) | | Mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima | | Adattament għat-tibdil fil-klima | |
| | | Ammont | % | Ammont | % | Ammont | % |
| 1. | L-ammont u l-proporzjon tal-attività ekonomika eliġibbli għat-tassonomija iżda mhux allinjata mat-tassonomija msemmija fit-Taqsima 4.26 tal-Annessi I u II tar-Regolament Delegat 2021/2139 fid-denominatur tal-KPI applikabbli | | | | | | |
| 2. | L-ammont u l-proporzjon tal-attività ekonomika eliġibbli għat-tassonomija iżda mhux allinjata mat-tassonomija msemmija fit-Taqsima 4.27 tal-Annessi I u II tar-Regolament Delegat 2021/2139 fid-denominatur tal-KPI applikabbli | | | | | | |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 3. | L-ammont u l-proporzjon tal-attività ekonomika eliġibbli għat-tassonomija iżda mhux allinjata mat-tassonomija msemmija fit-Taqsima 4.28 tal-Annessi I u II tar-Regolament Delegat 2021/2139 fid-denominatur tal-KPI applikabbli | | | |
| 4. | L-ammont u l-proporzjon tal-attività ekonomika eliġibbli għat-tassonomija iżda mhux allinjata mat-tassonomija msemmija fit-Taqsima 4.29 tal-Annessi I u II tar-Regolament Delegat 2021/2139 fid-denominatur tal-KPI applikabbli | | | |
| 5. | L-ammont u l-proporzjon tal-attività ekonomika eliġibbli għat-tassonomija iżda mhux allinjata mat-tassonomija msemmija fit-Taqsima 4.30 tal-Annessi I u II tar-Regolament Delegat 2021/2139 fid-denominatur tal-KPI applikabbli | | | |
| 6. | L-ammont u l-proporzjon tal-attività ekonomika eliġibbli għat-tassonomija iżda mhux allinjata mat-tassonomija msemmija fit-Taqsima 4.31 tal-Annessi I u II tar-Regolament Delegat 2021/2139 fid-denominatur tal-KPI applikabbli | | | |
| 7. | **L-ammont u l-proporzjon ta' attivitajiet ekonomiċi oħra eliġibbli għat-tassonomija iżda mhux allinjati mat-tassonomija li mhumiex imsemmijin fir-ringieli minn 1 sa 6 hawn fuq fid-denominatur tal-KPI applikabbli** | | | |
| 8. | **L-ammont totali u l-proporzjon tal-attivitajiet ekonomiċi eliġibbli għat-tassonomija iżda mhux allinjati mat-tassonomija fid-denominatur tal-KPI applikabbli** | | | |

Mudell 5 Attivitajiet ekonomiċi mhux eliġibbli għat-Tassonomija

| Ringiela | Attivitajiet ekonomiċi | Ammont | Perċentwal |
|---|---|---|---|
| 1. | L-ammont u l-proporzjon tal-attività ekonomika msemmija fir-ringiela 1 tal-Mudell 1 li mhix eliġibbli għat-tassonomija f'konformità mat-Taqsima 4.26 tal-Annessi I u II tar-Regolament Delegat 2021/2139 fid-denominatur tal-KPI applikabbli | | |
| 2. | L-ammont u l-proporzjon tal-attività ekonomika msemmija fir-ringiela 2 tal-Mudell 1 li mhix eliġibbli għat-tassonomija f'konformità mat-Taqsima 4.27 tal-Annessi I u II tar-Regolament Delegat 2021/2139 fid-denominatur tal-KPI applikabbli | | |
| 3. | L-ammont u l-proporzjon tal-attività ekonomika msemmija fir-ringiela 3 tal-Mudell 1 li mhix eliġibbli għat-tassonomija f'konformità mat-Taqsima 4.28 tal-Annessi I u II tar-Regolament Delegat 2021/2139 fid-denominatur tal-KPI applikabbli | | |
| 4. | L-ammont u l-proporzjon tal-attività ekonomika msemmija fir-ringiela 4 tal-Mudell 1 li mhix eliġibbli għat-tassonomija f'konformità mat-Taqsima 4.29 tal-Annessi I u II tar-Regolament Delegat 2021/2139 fid-denominatur tal-KPI applikabbli | | |
| 5. | L-ammont u l-proporzjon tal-attività ekonomika msemmija fir-ringiela 5 tal-Mudell 1 li mhix eliġibbli għat-tassonomija f'konformità mat-Taqsima 4.30 tal-Annessi I u II tar-Regolament Delegat 2021/2139 fid-denominatur tal-KPI applikabbli | | |
| 6. | L-ammont u l-proporzjon tal-attività ekonomika msemmija fir-ringiela 6 tal-Mudell 1 li mhix eliġibbli għat-tassonomija f'konformità mat-Taqsima 4.31 tal-Annessi I u II tar-Regolament Delegat 2021/2139 fid-denominatur tal-KPI applikabbli | | |
| 7. | **L-ammont u l-proporzjon ta' attivitajiet ekonomiċi oħra li mhumiex eliġibbli għat-tassonomija mhux imsemmijin fir-ringieli minn 1 sa 6 hawn fuq fid-denominatur tal-KPI applikabbli** | | |
| 8. | **L-ammont totali u l-proporzjon tal-attivitajiet ekonomiċi li mhumiex eliġibbli għat-tassonomija fid-denominatur tal-KPI applikabbli**" | | |

**REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2022/1215**

**tas-7 ta’ Lulju 2022**

**li jistabbilixxi l-għeluq tas-sajd għall-ħalibatt ta’ Greenland fl-ilmijiet Norveġiżi taż-żoni 1 u 2 għall-bastimenti li jtajru l-bandiera ta’ Stat Membru tal-Unjoni Ewropea**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 tal-20 ta’ Novembru 2009 li jistabbilixxi sistema tal-Unjoni ta’ kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd ([1]), u b’mod partikolari l-Artikolu 36(2) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2022/109 ([2]) jistabbilixxi l-kwoti għall-2022.

(2) Skont l-informazzjoni li rċeviet il-Kummissjoni, il-qabdiet tal-istokk tal-ħalibatt ta’ Greenland fl-ilmijiet Norveġiżi taż-żoni 1 u 2 mill-bastimenti li jtajru l-bandiera ta’ Stat Membru tal-Unjoni Ewropea jew irreġistrati fih, eżawrew il-kwota allokata għall-2022.

(3) Għaldaqstant, jenħtieġ li jiġu pprojbiti ċerti attivitajiet tas-sajd għal dak l-istokk.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

**Eżawriment tal-kwota**

Il-kwota tas-sajd allokata lill-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea għall-istokk tal-ħalibatt ta’ Greenland fl-ilmijiet Norveġiżi taż-żoni 1 u 2 għall-2022 imsemmija fl-Anness għandha titqies eżawrita mid-data stabbilita f’dak l-Anness.

*Artikolu 2*

**Projbizzjonijiet**

L-attivitajiet tas-sajd għall-istokk imsemmi fl-Artikolu 1 mill-bastimenti li jtajru l-bandiera ta’ Stat Membru tal-Unjoni Ewropea jew irreġistrati fih, għandhom ikunu pprojbiti mid-data stabbilita fl-Anness. B’mod partikolari, għandu jiġi pprojbit li jinżamm abbord il-ħut ta’ dak l-istokk li jinqabad minn dawk il-bastimenti wara dik id-data, jew li dan il-ħut jiġi rilokat, trażbordat jew li jinħatt l-art.

*Artikolu 3*

**Dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f’*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

([1]) ĠU L 343, 22.12.2009, p. 1.

([2]) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2022/109 tas-27 ta’ Jannar 2022 li jistabbilixxi għall-2022 l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet tal-ħut u ċerti gruppi ta’ stokkijiet tal-ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-Unjoni u, għal bastimenti tas-sajd tal-Unjoni, f’ċerti ilmijiet mhux tal-Unjoni (ĠU L 21, 31.1.2022, p. 1).

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-7 ta’ Lulju 2022.

*Għall-Kummissjoni*
*F’isem il-President*
Virginijus SINKEVIČIUS
*Membru tal-Kummissjoni*

*ANNESS*

| | |
|---|---|
| Nru | 03/TQ109 |
| Stat Membru | L-Unjoni Ewropea (l-Istati Membri kollha) |
| Stokk | GHL/1N2AB. |
| Speċi | Ħalibatt ta' Greenland (*Reinhardtius hippoglossoides*) |
| Żona | Ilmijiet Norveġiżi taż-żoni 1 u 2 |
| Data tal-għeluq | L-20 ta' Ġunju 2022 |

# REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2022/1216

**tat-8 ta' Lulju 2022**

**li jidderoga fir-rigward tas-sena 2022 mir-Regolamenti ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 809/2014, (UE) Nru 180/2014, (UE) Nru 181/2014, (UE) 2017/892, (UE) 2016/1150, (UE) 2018/274, (UE) Nru 615/2014 u (UE) 2015/1368 fir-rigward ta' ċerti verifiki amministrattivi u fuq il-post, applikabbli fil-qafas tal-Politika Agrikola Komuni u li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/725**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1306/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar il-finanzjament, il-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-politika agrikola komuni u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 352/78, (KE) Nru 165/94, (KE) Nru 2799/98, (KE) Nru 814/2000, (KE) Nru 1290/2005 u (KE) Nru 485/2008 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 62(2) tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 228/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Marzu 2013 li jistabbilixxi miżuri speċifiċi għall-agrikoltura fir-reġjuni ultraperiferiċi tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 247/2006 ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu 8 u l-Artikolu 18(1), it-tieni subparagrafu tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 229/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Marzu 2013 li jistabbilixxi miżuri speċifiċi għall-agrikoltura favur il-gżejjer minuri fil-baħar Eġew u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1405/2006 ([3]), u b'mod partikolari l-Artikolu 7, l-Artikolu 11(3) u l-Artikolu 14(1), it-tieni subparagrafu tiegħu,

Billi:

(1) Minħabba l-pandemija tal-COVID-19 u l-miżuri li l-Istati Membri daħħlu fis-seħħ biex jindirizzawha, kien hemm diffikultajiet amministrattivi fl-Istati Membri kollha fir-rigward tal-ippjanar u tal-eżekuzzjoni tal-verifiki f'waqthom fuq il-post skont l-għadd rikjest. Dawk id-diffikultajiet għandhom ir-riskju li t-twettiq tal-verifiki u l-pagament tal-għajnuna sussegwenti jieħdu fit-tul. Fl-istess ħin, il-bdiewa huma vulnerabbli għat-tfixkiliet ekonomiċi li kkawżat il-pandemija u qegħdin iġarrbu diffikultajiet finanzjarji u problemi ta' fluss tal-flus.

(2) Fid-dawl tan-natura bla preċedent ta' dawk iċ-ċirkostanzi, il-Kummissjoni adottat ir-Regolamenti ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/532 ([4]) u (UE) 2021/725 ([5]) sabiex dawk id-diffikultajiet jittaffew billi tingħata deroga minn Regolamenti ta' Implimentazzjoni differenti applikabbli fil-qasam tal-Politika Agrikola Komuni fir-rigward ta' ċerti verifiki amministrattivi u fuq il-post f'termini taż-żmien u tal-għadd tagħhom. Meta titqies l-estensjoni tad-diffikultajiet minħabba l-kontinwazzjoni tal-pandemija tal-COVID-19 fl-2022, jixraq li jiġu previsti wkoll miżuri simili fis-sena 2022.

---

([1]) ĠU L 347, 20.12.2013, p. 549.

([2]) ĠU L 78, 20.3.2013, p. 23.

([3]) ĠU L 78, 20.3.2013, p. 41.

([4]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/532 tas-16 ta' April 2020 li fir-rigward tas-sena 2020 jidderoga mir-Regolamenti ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 809/2014, (UE) Nru 180/2014, (UE) Nru 181/2014, (UE) 2017/892, (UE) 2016/1150, (UE) 2018/274, (UE) 2017/39, (UE) 2015/1368 u (UE) 2016/1240 fir-rigward ta' ċerti verifiki amministrattivi u fuq il-post, applikabbli permezz tal-Politika Agrikola Komuni (ĠU L 119, 17.4.2020, p. 3).

([5]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/725 tal-4 ta' Mejju 2021 li jidderoga fir-rigward tas-sena 2021 mir-Regolamenti ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 809/2014, (UE) Nru 180/2014, (UE) Nru 181/2014, (UE) 2017/892, (UE) 2016/1150, (UE) 2018/274, (UE) Nru 615/2014 u (UE) 2015/1368 fir-rigward ta' ċerti verifiki amministrattivi u fuq il-post, applikabbli fil-qafas tal-Politika Agrikola Komuni (ĠU L 155, 5.5.2021, p. 8).

(3) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 809/2014 ([6]) jistabbilixxi regoli dwar, *inter alia*, iż-żmien tal-verifiki fuq il-post u r-rati ta' kontroll ta' ċerti verifiki fuq il-post fis-sistema integrata, inkluż għall-iskemi ta' għajnuna għall-annimali. Barra minn hekk, dak ir-Regolament jinkludi regoli dwar il-verifiki fuq il-post relatati mal-kriterji ta' eliġibbiltà, mal-impenji u ma' obbligi oħra fir-rigward tal-applikazzjonijiet għall-għajnuna għall-bhejjem u t-talbiet għall-pagament skont il-miżuri ta' appoġġ relatati mal-annimali, tar-rati ta' kontroll għall-miżuri tal-iżvilupp rurali mhux relatati maż-żona u mhux relatati mal-annimali, u tar-rati ta' kontroll minimi relatati mal-kundizzjonalità.

(4) L-Artikoli 24(4), 48(5), 49(1), 52(1), 60(2) u 71(3) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 809/2014 jistabbilixxu ċerti regoli li l-awtorità kompetenti trid tosserva biex twettaq il-verifiki amministrattivi jew fuq il-post. Fid-dawl taċ-ċirkostanzi kkawżati mill-pandemija tal-COVID-19, jixraq li jitheġġeġ it-twettiq ta' dawn il-verifiki bit-telerilevament u bl-użu ta' teknoloġiji ġodda bħas-sistemi tal-ajru mingħajr bdot abbord, ir-ritratti ġeottaggjati, ir-riċevituri tas-sistema globali ta' navigazzjoni bis-satellita (GNSS) ikkombinati mas-Sistema Ewropea ta' Navigazzjoni b'Kopertura Ġeostazzjonarja (EGNOS) u ma' Galileo, id-*data* miġbura mis-satelliti ta' Copernicus Sentinels u dokument ta' sostenn rilevanti ieħor li għandu jintuża biex tiġi vverifikata l-konformità mal-kriterji tal-eliġibbiltà, mal-impenji jew ma' obbligi oħra għall-iskema ta' għajnuna jew il-miżura ta' appoġġ ikkonċernata kif ukoll il-konformità mar-rekwiżiti u mal-istandards rilevanti għall-kundizzjonalità.

(5) L-Artikoli 26(4) u 42(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 809/2014 jinkludu regoli dwar il-verifiki fuq il-post biex ikun żgurat li l-kriterji kollha ta' eliġibbiltà, l-impenji u obbligi oħra jkunu ssodisfati u jkopru l-annimali kollha li għalihom ikunu tressqu l-applikazzjonijiet għall-għajnuna jew it-talbiet għall-pagament skont l-iskemi ta' għajnuna għall-annimali, jew skont il-miżuri ta' appoġġ relatati mal-annimali li għandhom jiġu ċċekkjati. Fid-dawl tas-sitwazzjoni attwali, jixraq li jkun previst li meta l-Istati Membri ma jkunux f'pożizzjoni li jwettqu dawk il-verifiki fuq il-post kif jeżiġu dawk id-dispożizzjonijiet u l-evidenza alternattiva ma tkunx disponibbli, l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li jwettqu dawk il-verifiki fir-rigward tas-sena tat-talba 2022 jew tas-sena kalendarja 2022 fi kwalunkwe żmien tas-sena, dment li dawn xorta jkunu jippermettu l-verifika tal-kundizzjonijiet tal-eliġibbiltà.

(6) Bosta obbligi skont ir-Regolament (UE) Nru 1306/2013 fir-rigward tal-kundizzjonalità u skont ir-Regolament (UE) Nru 1307/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([7]) fir-rigward tal-iskemi ta' għajnuna u tal-miżuri ta' appoġġ relatati mal-annimali jiddependu fuq meded taż-żmien speċifiċi u differenzjati biex jintlaħqu, u għalhekk jeħtieġu li l-verifiki fuq il-post jitwettqu f'dawk l-oqfsa. Il-miżuri li daħħlu fis-seħħ l-Istati Membri biex jindirizzaw il-pandemija tal-COVID-19 jaffettwaw il-fattibbiltà li t-twettiq tal-verifiki meħtieġa fuq il-post isiru b'mod preċiż u fil-limitu taż-żmien li jikkorrispondi ma' dawk l-obbligi. Xi tipi ta' verifiki jistgħu wkoll ma jkunux possibbli li jitwettqu bl-użu ta' teknoloġiji ġodda, li jissostitwixxu ż-żjarat fil-farm. Huwa għalhekk neċessarju li fir-rigward ta' ċerti verifiki li jridu jitwettqu fl-2022, issir deroga mill-Artikoli 30 sa 33, 40a, 50, 52 u l-Artikolu 68(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 809/2014 u li jitnaqqsu r-rata minima tal-verifiki fuq il-post meta mqabbla mar-rati normali ta' kontroll għall-iskemi ta' għajnuna u għall-miżuri ta' appoġġ relatati maż-żona u mal-annimali, il-miżuri ta' żvilupp rurali minbarra dawk taħt is-sistema integrata ta' amministrazzjoni u kontroll u l-obbligi tal-kundizzjonalità, rispettivament.

(7) Sabiex jinżamm l-effett preventiv tal-verifiki, l-obbligu previst fl-Artikolu 35 u fl-Artikoli 50(5) u 68(4) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 809/2014 biex jiżdiedu r-rati ta' kontroll minħabba d-detezzjoni ta' nonkonformitajiet sinifikanti matul il-verifiki mwettqa fis-sena preċedenti jeħtieġ li jinżamm għas-sena tat-talba 2022. Jenħtieġ li n-nonkonformitajiet sinifikanti misjuba matul il-verifiki fuq il-post fl-2021 jirrikjedu żieda fil-livell

([6]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 809/2014 tas-17 ta' Lulju 2014 li jistabbilixxi r-regoli għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tas-sistema integrata ta' amministrazzjoni u kontroll, tal-miżuri tal-iżvilupp rurali u tal-kundizzjonalità (ĠU L 227, 31.7.2014, p. 69).

([7]) Ir-Regolament (UE) Nru 1307/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi regoli għal pagamenti diretti lill-bdiewa taħt skemi ta' appoġġ fil-qafas tal-politika agrikola komuni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 637/2008 u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 73/2009 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 608).

tal-verifiki fuq il-post għas-sena 2022. Għalhekk, l-Istati Membri li, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 35 jew tal-Artikoli 50(5) jew 68(4) ta' dak ir-Regolament, għandhom l-obbligu li jżidu r-rata ta' kontroll fis-sena tat-talba 2022 u jiddeċiedu li japplikaw ir-rati ta' kontroll imnaqqsa previsti f'dan ir-Regolament, jenħtieġ li japplikaw dawk iż-żidiet flimkien mar-rati ta' kontroll imnaqqsa previsti f'dan ir-Regolament.

(8) Ir-Regolamenti ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 180/2014 ([8]) u (UE) Nru 181/2014 ([9]) jipprevedu r-rati ta' kontroll għall-verifiki ta' miżuri speċifiċi għall-agrikoltura fir-reġjuni ultraperiferiċi tal-Unjoni u fil-gżejjer minuri tal-Eġew. Minħabba l-miżuri li ddaħħlu fis-seħħ biex jindirizzaw il-pandemija tal-COVID-19 li jaffettwaw ukoll ir-reġjuni ultraperiferiċi tal-Unjoni u l-gżejjer minuri tal-Eġew, jixraq li jingħataw derogi minn dawk ir-Regolamenti billi tiġi estiża l-possibbiltà li jintużaw teknoloġiji ġodda bħala sorsi alternattivi ta' evidenza fir-rigward tal-verifiki u tal-adattament tar-rati ta' kontroll tal-verifiki fuq il-post għas-sena 2022. Madankollu, sabiex jinżamm l-effett preventiv tal-verifiki skont ir-Regolamenti ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 180/2014 u (UE) Nru 181/2014, jenħtieġ li jinżamm l-obbligu li tiżdied ir-rata ta' kontroll f'konformità mal-Artikolu 59(5) tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013. Għalhekk, l-Istati Membri li, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 59(5) tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013, għandhom l-obbligu li jżidu r-rata ta' kontroll fis-sena tat-talba 2022 u jiddeċiedu rigward ir-rati ta' kontroll imnaqqsa previsti f'dan ir-Regolament, jenħtieġ li japplikaw dawk iż-żidiet flimkien ma' dawk ir-rati ta' kontroll imnaqqsa.

(9) L-Artikolu 24 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/892 ([10]) jipprevedi li l-Istati Membri għandhom jiċċekkjaw, inkluż fuq il-post, il-kriterji tar-rikonoxximent tal-organizzazzjonijiet tal-produtturi jew tal-assoċjazzjonijiet tal-organizzazzjonijiet tal-produtturi fis-settur tal-frott u l-ħxejjex. Minħabba l-miżuri li ddaħħlu fis-seħħ biex jindirizzaw il-pandemija tal-COVID-19, jenħtieġ li l-verifiki fuq il-post rigward il-kriterji tar-rikonoxximent ma jkunux japplikaw fis-sena 2022.

(10) L-Artikolu 27(2) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/892 jiffissa l-kampjun għall-verifiki annwali fuq il-post għal mill-inqas 30 % tal-għajnuna totali li saret applikazzjoni għaliha. Minħabba l-miżuri li ddaħħlu fis-seħħ biex jindirizzaw il-pandemija tal-COVID-19, l-Istati Membri jaf ma jkunux jistgħu jissodisfaw dawn ir-rekwiżiti u għalhekk jenħtieġ li fis-sena 2022 jitħallew iwettqu perċentwal iżgħar minn dawk il-verifiki.

(11) L-Artikolu 27(7) ta' dak ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/892 jipprevedi li l-azzjonijiet implimentati fuq azjendi individwali ta' membri ta' organizzazzjonijiet tal-produtturi koperti mill-kampjun imsemmi fl-Artikolu 27(2) ta' dak ir-Regolament għandhom ikunu soġġetti għal mill-inqas żjara waħda biex tiġi vverifikata l-eżekuzzjoni tagħhom. Minħabba l-miżuri li ddaħħlu fis-seħħ biex jindirizzaw il-pandemija tal-COVID-19, l-Istati Membri jaf ma jkunux jistgħu jissodisfaw dawn ir-rekwiżiti u għalhekk jenħtieġ li fis-sena 2022 ma jkunux soġġetti għar-rekwiżiti dwar il-frekwenza taż-żjarat fl-azjendi individwali tal-organizzazzjonijiet tal-produtturi.

(12) L-Artikolu 29(2) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/892 jipprevedi li l-verifiki tal-ewwel livell fuq l-operazzjonijiet tal-irtirar għandhom ikopru 100 % tal-kwantità tal-prodotti irtirati mis-suq, minbarra l-prodotti maħsuba għad-distribuzzjoni libera, li għalihom, skont l-Artikolu 29(3) ta' dak ir-Regolament, l-Istati Membri jistgħu jivverifikaw perċentwal iżgħar, iżda mhux inqas minn 10 % tal-kwantitajiet ikkonċernati matul is-sena ta' kummerċjalizzazzjoni ta' kwalunkwe organizzazzjoni tal-produtturi. Minħabba l-miżuri li ddaħħlu fis-seħħ biex jindirizzaw il-pandemija tal-COVID-19, l-Istati Membri jaf ma jkunux jistgħu jissodisfaw dan ir-rekwiżit, u jenħtieġ li fis-sena 2022 jitħallew iwettqu perċentwal iżgħar tal-verifiki, iżda mhux inqas minn 10 % tal-kwantitajiet ikkonċernati matul is-sena ta' kummerċjalizzazzjoni ta' kwalunkwe organizzazzjoni tal-produtturi anki għal kull prodott irtirat ieħor, irrispettivament mid-destinazzjoni maħsuba tagħhom.

([8]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 180/2014 tal-20 ta' Frar 2014 li jistabbilixxi r-regoli għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 228/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi miżuri speċifiċi għall-agrikoltura fir-reġjuni ultraperiferiċi tal-Unjoni (ĠU L 63, 4.3.2014, p. 13).

([9]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 181/2014 tal-20 ta' Frar 2014 li jistabbilixxi r-regoli għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 229/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi miżuri speċifiċi għall-agrikoltura favur il-gżejjer minuri fil-Baħar Eġew (ĠU L 63, 4.3.2014, p. 53).

([10]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/892 tat-13 ta' Marzu 2017 li jistabbilixxi regoli għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fis-setturi tal-frott u l-ħxejjex u tal-frott u l-ħxejjex ipproċessati (ĠU L 138, 25.5.2017, p. 57).

(13) L-Artikolu 30(3) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/892 jipprevedi li kull verifika għandha tinkludi kampjun li jirrappreżenta mill-inqas 5 % tal-kwantitajiet irtirati mill-organizzazzjoni tal-produtturi matul is-sena ta' kummerċjalizzazzjoni. Minħabba l-miżuri li ddaħħlu fis-seħħ biex jindirizzaw il-pandemija tal-COVID-19, l-Istati Membri jaf ma jkunux jistgħu jissodisfaw dan ir-rekwiżit u jenħtieġ li fis-sena 2022 jitħallew jużaw kampjuni li jirrappreżentaw mill-inqas 3 % tal-kwantitajiet irtirati mill-organizzazzjoni tal-produtturi matul is-sena ta' kummerċjalizzazzjoni 2020.

(14) Minħabba l-miżuri li ddaħħlu fis-seħħ biex jindirizzaw il-pandemija tal-COVID-19, se jibqa' materjalment diffiċli għall-Istati Membri li fl-2022 iwettqu verifiki fuq il-post għall-applikazzjonijiet għall-għajnuna annwali, verifiki tal-ewwel u tat-tieni livell fuq l-operazzjonijiet ta' rtirar u l-verifiki fuq il-ħsad bikri u n-nuqqas ta' ħsad kif stabbilit fl-Artikoli 27(2) u (7), 29(2), 30(3) u 31(1) u (2) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/892 rispettivament. Għalhekk, jenħtieġ li l-Istati Membri jitħallew jiddefinixxu l-verifiki li huma ekwivalenti għall-verifiki fuq il-post bħar-ritratti ġeottaggjati, ir-ritratti datati, ir-rapporti datati ta' sorveljanza bid-droni, il-verifiki amministrattivi jew il-vidjokonferenzi mal-benefiċjarji.

(15) Minħabba l-miżuri li ddaħħlu fis-seħħ biex jindirizzaw il-pandemija tal-COVID-19, se jibqa' jkun materjalment diffiċli għall-Istati Membri biex fl-2022 iwettqu verifiki sistematiċi fuq il-post u bbażati fuq kampjuni, għall-operazzjonijiet appoġġati skont l-Artikoli 45 sa 52 tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [11]. Għaldaqstant, ġiet introdotta deroga mill-Artikoli 32(1) u 42(3) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/1150 [12], kif diġà ġiet introdotta għas-snin finanzjarji 2020 u 2021, u jenħtieġ li din tinżamm fir-rigward tas-sena finanzjarja 2022 biex l-Istati Membri jkunu jistgħu jiddefinixxu kontrolli li huma ekwivalenti għall-verifiki sistematiċi fuq il-post, bħar-ritratti datati, ir-rapporti datati tas-sorveljanza bid-droni, il-verifiki amministrattivi jew il-vidjokonferenzi mal-benefiċjarji, u jiggarantixxu li qabel isiru l-pagamenti, ikunu rispettati r-regoli tal-leġiżlazzjoni relatata mal-programmi ta' appoġġ fis-settur tal-inbid.

(16) Se jkun ukoll materjalment diffiċli għall-Istati Membri li jwettqu fir-rigward tas-sena finanzjarja 2022, u sal-iskadenzi stabbiliti mill-Artikolu 43(3) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/1150, il-verifiki sistematiċi fuq il-post għall-operazzjonijiet ta' ħsad bikri appoġġati skont l-Artikolu 47 tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013. Għalhekk, jenħtieġ li tiġi introdotta deroga biex tiġi posposta t-tlestija tal-verifiki sal-15 ta' Settembru 2022.

(17) L-Artikolu 27(3) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/274 [13] jistabbilixxi l-għadd ta' kampjuni tal-għeneb frisk li għandhom jittieħdu mill-vinji matul il-perjodu meta r-roqgħa art inkwistjoni tiġi maħsuda għall-istabbiliment tal-bank tad-*data* analitiku tad-*data* isotopika msemmi fl-Artikolu 39 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2018/273 [14]. F'każijiet meta l-miżuri li ddaħħlu fis-seħħ biex jindirizzaw il-pandemija tal-COVID-19 ikomplu jipprevjenu lill-Istati Membri milli jwettqu dawn il-verifiki, jenħtieġ li l-Istati Membri jitħallew jidderogaw mill-għadd minimu ta' kampjuni.

---

([11]) Ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 671).

([12]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/1150 tal-15 ta' April 2016 li jistabbilixxi r-regoli tal-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fil-każ ta' programmi nazzjonali ta' appoġġ fis-settur tal-inbid (ĠU L 190, 15.7.2016, p. 23).

([13]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/274 tal-11 ta' Diċembru 2017 li jistabbilixxi r-regoli għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-iskema tal-awtorizzazzjonijiet għat-tħawwil tad-dwieli, iċ-ċertifikazzjoni, ir-reġistru tad-dħul u l-ħruġ, id-dikjarazzjonijiet obbligatorji u n-notifiki, u tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-kontrolli rilevanti, u li jħassar ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/561 (ĠU L 58, 28.2.2018, p. 60).

([14]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2018/273 tal-11 ta' Diċembru 2017 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fejn jidħlu l-iskema tal-awtorizzazzjonijiet għat-taħwil tad-dwieli, ir-reġistru tal-vinji, id-dokumenti ta' akkumpanjament u ċ-ċertifikazzjoni, ir-reġistru tad-dħul u l-ħruġ, id-dikjarazzjonijiet obbligatorji, in-notifiki u l-pubblikazzjoni tal-informazzjoni notifikata, u li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 1306/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-kontrolli u penali rilevanti, li jemenda r-Regolamenti tal-Kummissjoni (KE) Nru 555/2008, (KE) Nru 606/2009 u (KE) Nru 607/2009 u li jħassar ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 436/2009 kif ukoll ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/560 (ĠU L 58, 28.2.2018, p. 1).

(18) L-Artikolu 31(2), il-punt (b) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/274 jipprevedi li l-Istati Membri għandhom iwettqu verifiki annwali fuq il-post lil mill-inqas 5 % tal-vitikulturi identifikati fir-reġistru tal-vinji kollha. Minħabba li l-miżuri li ddaħħlu fis-seħħ biex jindirizzaw il-pandemija tal-COVID-19 għadhom jipprevjenu t-twettiq ta' dawn il-verifiki f'diversi Stati Membri li jipproduċu l-inbid, dan il-perċentwal jenħtieġ li jitnaqqas għas-sena 2022. Għall-istess raġuni, jenħtieġ li fis-sena 2022 l-Istati Membri jitħallew jissospendu temporanjament il-verifiki sistematiċi fuq il-post imsemmija fl-Artikolu 31(2), il-punt (c), ta' dak ir-Regolament li għandhom jitwettqu fiż-żoni mħawlin bid-dwieli li mhuma inklużi fl-ebda fajl tal-vitikultur.

(19) Fir-rigward tal-programmi ta' ħidma għall-appoġġ tas-setturi taż-żejt taż-żebbuġa u taż-żebbuġ tal-mejda, ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 615/2014 ([15]) jinkludi regoli dwar il-verifiki fuq il-post biex jiġi vverifikat li l-kundizzjonijiet għall-għoti ta' finanzjament tal-Unjoni huma ssodisfati. Il-miżuri li ddaħħlu fis-seħħ biex jindirizzaw il-pandemija tal-COVID-19 jistgħu jwasslu għal diffikultajiet fit-twettiq ta' dawk il-verifiki kif jeżiġi l-Artikolu 6 ta' dak ir-Regolament. Għalhekk jixraq li tingħata flessibbiltà lill-Istati Membri billi fis-sena kalendarja 2022 tiġi permessa s-sostituzzjoni ta' verifiki fuq il-post permezz ta' verifiki alternattivi.

(20) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1368 ([16]) fir-rigward tal-għajnuna lis-settur tal-apikultura jinkludi regoli dwar il-monitoraġġ u l-verifiki fir-rigward tal-implimentazzjoni korretta tal-programmi nazzjonali tal-apikultura, tan-nefqa reali mġarrba u tal-għadd korrett ta' duqqajs irrapportat minn dawk li jrabbu n-naħal. Skont l-Artikolu 8(3) ta' dak ir-Regolament, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li mill-inqas 5 % tal-applikanti għall-għajnuna fil-qafas tal-programmi tal-apikultura tagħhom ikunu soġġetti għall-verifiki fuq il-post. Il-miżuri li ddaħħlu fis-seħħ biex jindirizzaw il-pandemija tal-COVID-19 jistgħu jwasslu għal diffikultajiet fit-twettiq tal-għadd ta' verifiki fuq il-post meħtieġa biex jissodisfaw dak il-livell limitu. Għalhekk, jixraq li tingħata flessibbiltà lill-Istati Membri billi tiġi permessa deroga minn dak ir-rekwiżit. Madankollu jenħtieġ li din id-deroga ma twassalx biex jiżdied ir-riskju għal pagamenti mhux dovuti. Għalhekk, kull tnaqqis fl-għadd ta' verifiki fuq il-post jenħtieġ li jiġi sostitwit kemm jista' jkun b'kontrolli alternattivi.

(21) Minħabba l-għażliet preċedenti ta' flessibbiltà li ġew offruti lill-Istati Membri fl-aħħar sentejn dwar iż-żieda fir-rati ta' kontroll, huwa importanti li tiġi restawrata r-regola oriġinali li għandha effett deterrenti sinifikanti u li tiġi ċċarata s-sena li jenħtieġ li titqies biex tiġi ddeterminata ż-żieda fir-rata ta' kontroll f'konformità mal-Artikolu 35 u mal-Artikoli 50(5) u 68(4) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 809/2014 u l-Artikolu 59(5) tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013. Fid-dawl tal-bidliet possibbli implimentati mill-Istati Membri fil-proċeduri ta' kontroll tagħhom wara d-detezzjoni tan-nonkonformitajiet, l-applikazzjoni ta' mekkaniżmi korrettivi li jirreferu għan-nonkonformitajiet żvelati matul il-kontrolli relatati mas-sena tat-talba 2019 ma titqiesx xierqa u jenħtieġ li titqies l-aktar sena riċenti. Għalhekk, huwa neċessarju li l-Artikoli 3, 5 u 6 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/725 jiġu emendati.

(22) Jenħtieġ li d-derogi mir-Regolamenti ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 809/2014, (UE) Nru 180/2014, (UE) Nru 181/2014, (UE) 2017/892, (UE) 2016/1150, (UE) 2018/274, (UE) Nru 615/2014 u (UE) 2015/1368 previsti f'dan ir-Regolament jippermettu lill-Istati Membri jevitaw dewmien fil-miżuri ta' kontroll u fl-ipproċessar tal-applikazzjonijiet għall-għajnuna, u b'hekk jiġi evitat id-dewmien fil-pagamenti lill-benefiċjarji għas-sena 2022. Madankollu, huwa essenzjali li dawn id-derogi ma jfixklux il-ġestjoni finanzjarja tajba u r-rekwiżit ta' livell suffiċjenti ta' assigurazzjoni. Għaldaqstant, l-Istati Membri li jagħmlu użu minn dawk id-derogi għandhom ir-responsabbiltà li jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiżguraw li jiġu evitati pagamenti żejda u jkun istigat l-irkupru ta' ammonti mhux dovuti. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-użu ta' dawn id-derogi jkun kopert mid-dikjarazzjoni tal-ġestjoni msemmija fl-Artikolu 7(3), l-ewwel subparagrafu, il-punt (b) tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013 għas-snin finanzjarji 2022 u 2023.

([15]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 615/2014 tas-6 ta' Ġunju 2014 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-programmi ta' ħidma li jappoġġaw lis-setturi taż-żejt taż-żebbuġa u taż-żebbuġ tal-mejda (ĠU L 168, 7.6.2014, p. 95).

([16]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1368 tas-6 ta' Awwissu 2015 li jistabbilixxi regoli għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-għajnuna lis-settur tal-apikultura (ĠU L 211, 8.8.2015, p. 9).

(23) Sabiex tiġi żgurata l-implimentazzjoni bla xkiel tal-miżuri previsti f'dan ir-Regolament u meħtieġa biex l-Istati Membri jorganizzaw kampanji ta' kontroll filwaqt li jirrispettaw il-miżuri li ddaħħlu fis-seħħ biex jindirizzaw il-pandemija tal-COVID-19, jenħtieġ li dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u japplika b'mod retroattiv biex l-Istati membri jkunu jistgħu jimplimentaw il-modifiki previsti mill-bidu tal-kampanji ta' kontroll rispettivi: jenħtieġ li l-miżuri fil-Kapitoli I u II u l-Kapitolu III, it-Taqsimiet 3 u 4, japplikaw mill-1 ta' Jannar 2022 biex jikkorrispondu mas-sena tat-talba fis-sistema integrata ta' amministrazzjoni u kontroll jew mas-sena kalendarja għall-miżuri ta' appoġġ għall-iżvilupp rurali li mhumiex relatati maż-żona u mal-annimali u l-miżuri fis-settur tal-inbid; jenħtieġ li l-miżuri fil-Kapitolu III, it-Taqsimiet 1 u 2, japplikaw mis-16 ta' Ottubru 2021 biex jikkorrispondu mas-sena finanzjarja u jenħtieġ li l-miżuri fil-Kapitolu III, it-Taqsima 5, japplikaw mill-1 ta' Awwissu 2021 biex jikkorrispondu mas-sena tal-apikultura.

(24) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat dwar il-Fondi Agrikoli, il-Kumitat għall-Pagamenti Diretti, il-Kumitat għall-Iżvilupp Rurali u l-Kumitat għall-Organizzazzjoni Komuni tas-Swieq Agrikoli,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

## KAPITOLU I

## **Derogi mir-Regolament (UE) Nru 809/2014**

### *Artikolu 1*

B'deroga mill-Artikoli 24(4), 48(5), 49(1), 52(1), l-Artikolu 60(2), it-tielet subparagrafu, u l-Artikolu 71(3) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 809/2014, minħabba l-miżuri li ddaħħlu fis-seħħ biex jindirizzaw il-pandemija tal-COVID-19, għall-verifiki li jridu jitwettqu fir-rigward tas-sena tat-talba 2022 jew fis-sena kalendarja 2022 rispettivament, l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li jissostitwixxu għalkollox l-ispezzjonijiet fiżiċi li għandhom jitwettqu skont dak ir-Regolament, b'mod partikolari ż-żjarat fuq il-post u l-verifiki fuq il-post, bl-użu tal-fotointerpretazzjoni tal-ortoimmaġnijiet bis-satellita jew mill-ajru jew bl-użu ta' teknoloġiji ġodda bħar-ritratti ġeottaggjati jew ta' evidenza rilevanti oħra inkluż dokument ta' sostenn ipprovdut mill-benefiċjarju fuq talba tal-awtorità kompetenti, li jkun jippermetti li jinsiltu minnha konklużjonijiet definittivi għas-sodisfazzjon tal-awtorità kompetenti.

Jekk iż-żjarat fil-post tal-operazzjoni appoġġata jew fis-sit tal-investiment imsemmi fl-Artikolu 48(5) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 809/2014 ma jkunux jistgħu jiġu sostitwiti b'dokument ta' sostenn rilevanti, l-Istati Membri għandhom iwettqu dawk iż-żjarat wara li jsir il-pagament finali.

### *Artikolu 2*

B'deroga mill-Artikoli 26(4) u 42(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 809/2014, meta minħabba l-miżuri li ddaħħlu fis-seħħ biex jindirizzaw il-pandemija tal-COVID-19, l-Istati Membri ma jkunux f'pożizzjoni li jwettqu l-verifiki fuq il-post fil-limitu ta' żmien stabbilit minn dawk id-dispożizzjonijiet, u l-metodi alternattivi inkluż l-użu ta' teknoloġiji ġodda ma jkunux jistgħu jipprovdu l-evidenza meħtieġa, l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li jwettqu dawk il-verifiki fir-rigward tas-sena tat-talba 2022 jew tas-sena kalendarja 2022 rispettivament fi kwalunkwe żmien tas-sena, dment li dawn xorta jippermettu l-verifika tal-kundizzjonijiet tal-eliġibbiltà.

### *Artikolu 3*

1. Meta minħabba l-miżuri li ddaħħlu fis-seħħ biex jindirizzaw il-pandemija tal-COVID-19, l-Istati Membri ma jkunux f'pożizzjoni li jwettqu l-verifiki fuq il-post fis-sena tat-talba 2022 jew fis-sena kalendarja 2022 rispettivament, f'konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikoli 30 sa 33, l-Artikolu 40a(1), l-ewwel subparagrafu, il-punt (c), l-Artikolu 40a(2), il-punt (b), l-Artikolu 50(1), l-ewwel subparagrafu, l-Artikolu 52(2), l-Artikolu 60(2), it-tielet subparagrafu, u l-Artikolu 68(1), l-ewwel subparagrafu tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 809/2014, l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li japplikaw ir-regoli stabbiliti fil-paragrafi 2 sa 10 rispettivament ta' dan l-Artikolu.

2. B'deroga mill-Artikolu 30 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 809/2014, fis-sena tat-talba 2022, ir-rata ta' kontroll għandha tkun mill-inqas:

(a) 3 % tal-benefiċjarji kollha li japplikaw għall-iskema ta' pagament bażiku jew għall-iskema ta' pagament uniku skont l-erja;

(b) 3 % tal-benefiċjarji kollha li japplikaw għall-pagament ridistributtiv;

(c) 3 % tal-benefiċjarji kollha li japplikaw għall-pagament għal żoni b'restrizzjonijiet naturali;

(d) 3 % tal-benefiċjarji kollha li japplikaw għall-pagament għall-bdiewa żgħażagħ;

(e) 3 % tal-benefiċjarji kollha li japplikaw għall-pagamenti relatati maż-żona fil-kuntest tal-appoġġ akkoppjat volontarju;

(f) 3 % tal-benefiċjarji kollha li japplikaw għall-pagament skont l-iskema għall-bdiewa żgħar;

(g) 10 % taż-żoni ddikjarati għall-produzzjoni tal-qanneb;

(h) 3 % tal-benefiċjarji kollha li japplikaw għall-pagament speċifiku għall-għelejjel għall-qoton.

L-Istati Membri li diġà ddeċidew li jnaqqsu r-rati ta' kontroll ta' ċerti skemi għal 3 % f'konformità mal-Artikolu 36 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 809/2014, jistgħu jkomplu jnaqqsu l-perċentwali stabbiliti għal dawk l-iskemi f'dan il-paragrafu għal 1 %. L-Istati Membri li jkunu introduċew sistema ta' approvazzjoni minn qabel għall-kultivazzjoni tal-qanneb f'konformità mal-Artikolu 36(6) ta' dak ir-Regolament ma għandhomx ikomplu jnaqqsu r-rata ta' kontroll taħt l-10 %.

3. B'deroga mill-Artikolu 31 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 809/2014, fis-sena tat-talba 2022, ir-rata ta' kontroll għandha tkun mill-inqas:

(a) 3 % tal-benefiċjarji kollha li meħtieġa jħarsu l-prattiki agrikoli ta' benefiċċju għall-klima u għall-ambjent;

(b) 1 %:

(i) jew tal-benefiċjarji kollha li jikkwalifikaw għall-pagament ta' ekoloġizzazzjoni u huma eżentati kemm mill-obbligu tad-diversifikazzjoni tal-għelejjel u kemm mill-obbligu tal-erja b'fokus ekoloġiku peress li ma jilħqux il-livelli limiti msemmija fl-Artikoli 44 u 46 tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013 u l-obbligi msemmija fl-Artikolu 45 ta' dak ir-Regolament ma jikkonċernawhomx;

(ii) jew, fis-snin li fihom l-Artikolu 44 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 639/2014 ([17]) ma japplikax fi Stat Membru, tal-benefiċjarji li jikkwalifikaw għall-pagament ta' ekoloġizzazzjoni li huma eżentati kemm mill-obbligu tad-diversifikazzjoni tal-għelejjel u kemm mill-obbligu tal-erja b'fokus ekoloġiku peress li ma jilħqux il-livelli limiti msemmija fl-Artikoli 44 u 46 tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013 u li ma jikkonċernawhomx l-obbligi msemmija fl-Artikolu 45(1) ta' dak ir-Regolament;

(c) 3 % tal-benefiċjarji kollha huma meħtieġa jħarsu l-prattiki tal-ekoloġizzazzjoni u jużaw l-iskemi nazzjonali jew reġjonali ta' ċertifikazzjoni ambjentali kif imsemmi fl-Artikolu 43(3), il-punt (b) tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013.

Fl-istess ħin, ir-rata ta' kontroll imsemmija fl-ewwel subparagrafu, il-punt (a) għandha tkopri mill-inqas 3 % tal-benefiċjarji kollha li għandhom żoni koperti minn bwar permanenti li huma ambjentalment sensittivi fiż-żoni koperti mid-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE ([18]) jew mid-Direttiva 2009/147/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([19]) u żoni sensittivi oħrajn imsemmija fl-Artikolu 45(1) tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013.

([17]) Ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 639/2014 tal-11 ta' Marzu 2014, li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 1307/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi regoli għal pagamenti diretti lill-bdiewa skont skemi ta' appoġġ fi ħdan il-qafas tal-politika agrikola komuni u li jemenda l-Anness X ta' dak ir-Regolament (ĠU L 181, 20.6.2014, p. 1).

([18]) Id-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE tal-21 ta' Mejju 1992 dwar il-konservazzjoni tal-ħabitat naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa (ĠU L 206, 22.7.1992, p. 7).

([19]) Id-Direttiva 2009/147/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-konservazzjoni tal-għasafar selvaġġi (ĠU L 20, 26.1.2010, p. 7).

4. B’deroga mill-Artikolu 32 tar-Regolament ta’ Implimentazzjoni (UE) Nru 809/2014 fis-sena tat-talba 2022, ir-rata ta’ kontroll għandha tkun mill-inqas:

(a) 3 % tal-benefiċjarji kollha li japplikaw għall-miżuri tal-iżvilupp rurali;

(b) 3 % tal-entitajiet kollettivi kollha li jressqu talba kollettiva.

Ir-rata ta’ kontroll imsemmija fl-ewwel subparagrafu, il-punt (a), għall-miżuri previsti fl-Artikoli 28 u 29 tar-Regolament (UE) Nru 1305/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([20]), ir-rata ta’ kontroll ta’ 3 % għandha tinkiseb fil-livell tal-miżura individwali.

5. B’deroga mill-Artikolu 33 tar-Regolament ta’ Implimentazzjoni (UE) Nru 809/2014 fis-sena tat-talba 2022, ir-rata ta’ kontroll għandha tkun mill-inqas 3 % tal-benefiċjarji kollha li japplikaw għall-iskemi ta’ għajnuna għall-annimali, li jkopru mill-inqas 3 % tal-annimali.

6. B’deroga mill-Artikolu 40a(1), l-ewwel subparagrafu, il-punt (c), l-ewwel sentenza, tar-Regolament ta’ Implimentazzjoni (UE) Nru 809/2014, il-verifiki rilevanti relatati mal-kriterji tal-eliġibbiltà, l-impenji u obbligi oħra għandhom jitwettqu għal mill-inqas 3 % tal-benefiċjarji kkonċernati.

7. B’deroga mill-Artikolu 40a(2), il-punt (b), tar-Regolament ta’ Implimentazzjoni (UE) Nru 809/2014, il-verifiki tal-kontenut ta’ tetraidrokannabinol fil-qanneb għandhom isiru għal mill-inqas 10 % taż-żona.

8. B’deroga mill-Artikolu 50(1), l-ewwel subparagrafu u l-Artikolu 60(2), it-tielet subparagrafu tar-Regolament ta’ Implimentazzjoni (UE) Nru 809/2014, fis-sena kalendarja 2022, ir-rata ta’ verifiki għandha tkun mill-inqas 3 %.

9. B’deroga mill-Artikolu 52(2) tar-Regolament ta’ Implimentazzjoni (UE) Nru 809/2014, ir-rata ta’ kontroll, fis-sena kalendarja 2022, għall-verifiki *ex-post* għandha tkun mill-inqas 0,6 %.

10. B’deroga mill-Artikolu 68(1), l-ewwel subparagrafu tar-Regolament ta’ Implimentazzjoni (UE) Nru 809/2014 ir-rata minima ta’ kontroll fis-sena tat-talba 2022, għall-kundizzjonalità għandha tkun 0,5 %.

## KAPITOLU II

## **Derogi mill-miżuri speċifiċi favur ir-reġjuni ultraperifiċi tal-Unjoni u l-gżejjer minuri tal-Eġew**

### *TAQSIMA 1*

### ***Derogi mir-Regolament ta’ Implimentazzjoni (UE) Nru 180/2014***

#### *Artikolu 4*

1. B’deroga mill-Artikolu 16(2) tar-Regolament ta’ Implimentazzjoni (UE) Nru 180/2014, meta minħabba l-miżuri li ddaħħlu fis-seħħ biex jindirizzaw il-pandemija tal-COVID-19, l-Istati Membri ma jkunux f’pożizzjoni li jwettqu l-verifiki fiżiċi fir-reġjuni ultraperiferiċi f’konformità mar-regoli stabbiliti f’dik id-dispożizzjoni, fis-sena 2022 l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li jorganizzaw verifiki fiżiċi f’konformità mar-regoli stabbiliti fil-paragrafu 2 ta’ dan l-Artikolu.

2. Il-verifiki fiżiċi li jitwettqu fir-reġjun ultraperiferiku kkonċernat fuq l-importazzjoni, id-dħul, l-esportazzjoni u l-konsenja ta’ prodotti agrikoli għandhom jinvolvu kampjun rappreżentattiv li jammonta għal mill-inqas 3 % tal-liċenzji u taċ-ċertifikati ppreżentati f’konformità mal-Artikolu 9 tar-Regolament ta’ Implimentazzjoni (UE) Nru 180/2014.

([20]) Ir-Regolament (UE) Nru 1305/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta’ Diċembru 2013 dwar appoġġ għall-iżvilupp rurali mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1698/2005 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 487).

3. B'deroga mill-Artikolu 22 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 180/2014, meta minħabba l-miżuri li ddaħħlu fis-seħħ biex jindirizzaw il-pandemija tal-COVID-19, l-Istati Membri ma jkunux f'pożizzjoni li jwettqu l-verifiki fuq il-post fir-reġjuni ultraperiferiċi f'konformità mar-regoli stabbiliti f'dak l-Artikolu, fis-sena 2022 l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li jorganizzaw verifiki fuq il-post f'konformità mar-regoli stabbiliti fil-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu.

4. Abbażi tal-analiżi tar-riskju mwettqa f'konformità mal-Artikolu 24(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 180/2014, l-awtoritajiet kompetenti għandhom iwettqu verifiki fuq il-post permezz tat-teħid ta' kampjuni ta' mill-inqas 3 % tal-applikazzjonijiet għall-għajnuna. Il-kampjun għandu jirrappreżenta wkoll mill-inqas 3 % tal-ammonti koperti mill-għajnuna għal kull azzjoni.

5. B'deroga mill-Artikolu 16(2) u mill-Artikolu 22 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 180/2014, meta minħabba l-miżuri li ddaħħlu fis-seħħ biex tiġi indirizzata l-pandemija tal-COVID-19, l-Istati Membri ma jkunux f'pożizzjoni li jwettqu l-verifiki fuq il-post fir-rigward tal-miżuri speċifiċi favur ir-reġjuni ultraperiferiċi f'konformità mar-regoli stabbiliti f'dawk id-dispożizzjonijiet għas-sena 2022, l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu:

(a) li jissostitwixxu l-verifiki fuq il-post bl-użu ta' teknoloġiji ġodda, inkluż ir-ritratti ġeottaggjati, ir-ritratti datati, ir-rapporti datati ta' sorveljanza bid-droni, il-vidjokonferenzi mal-benefiċjarji jew bi kwalunkwe evidenza dokumentata rilevanti li tista' sservi bħala sostenn meta tiġi vverifikata l-implimentazzjoni korretta tal-miżuri;

(b) li jwettqu dawk il-verifiki fi kwalunkwe żmien tas-sena, dment li xorta jippermettu l-verifika tal-kundizzjonijiet tal-eliġibbiltà, inkluż wara li jsir il-pagament finali.

*TAQSIMA 2*

***Derogi mir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 181/2014***

*Artikolu 5*

1. B'deroga mill-Artikolu 13(2) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 181/2014, meta minħabba l-miżuri li ddaħħlu fis-seħħ biex jindirizzaw il-pandemija tal-COVID-19, il-Greċja ma tkunx f'pożizzjoni li twettaq verifiki fiżiċi f'konformità mar-regoli stabbiliti f'dik id-dispożizzjoni, fis-sena 2022 il-Greċja tista' tiddeċiedi li torganizza verifiki fiżiċi f'konformità mar-regoli stabbiliti fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu.

2. Il-verifiki fiżiċi mwettqa fil-gżejjer minuri tal-Eġew mad-dħul ta' prodotti agrikoli għandhom jinvolvu kampjun rappreżentattiv li jammonta għal mill-inqas 3 % taċ-ċertifikati mressqa f'konformità mal-Artikolu 7 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 181/2014. Il-verifiki fiżiċi mwettqa fil-gżejjer minuri tal-Eġew fuq l-esportazzjoni jew il-konsenja previsti fit-Taqsima 3 ta' dak ir-Regolament għandhom jinvolvu kampjun rappreżentattiv ta' mill-inqas 3 % tal-operazzjonijiet, abbażi tal-profili tar-riskju stabbiliti mill-Greċja.

3. B'deroga mill-Artikolu 20 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 181/2014, meta minħabba l-miżuri li ddaħħlu fis-seħħ biex jindirizzaw il-pandemija tal-COVID-19, il-Greċja ma tkunx f'pożizzjoni li twettaq verifiki fuq il-post f'konformità mar-regoli stabbiliti f'dak l-Artikolu, fis-sena 2022 il-Greċja tista' tiddeċiedi li torganizza verifiki fuq il-post f'konformità mar-regoli stabbiliti fil-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu.

4. Abbażi ta' analiżi tar-riskju f'konformità mal-Artikolu 22(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 181/2014, l-awtoritajiet kompetenti għandhom iwettqu verifiki fuq il-post permezz tat-teħid ta' kampjuni, għal kull azzjoni, ta' mill-inqas 3 % tal-applikazzjonijiet għall-għajnuna. Il-kampjun għandu jirrappreżenta wkoll mill-inqas 3 % tal-ammonti koperti mill-għajnuna għal kull azzjoni.

5. B'deroga mill-Artikolu 13(2) u mill-Artikolu 20 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 181/2014, meta minħabba l-miżuri li ddaħħlu fis-seħħ biex jindirizzaw il-pandemija tal-COVID-19, il-Greċja ma tkunx f'pożizzjoni li twettaq verifiki fuq il-post fir-rigward tal-miżuri speċifiċi favur il-gżejjer minuri tal-Eġew f'konformità mar-regoli stabbiliti f'dawk id-dispożizzjonijiet għas-sena 2022, il-Greċja tista' tiddeċiedi:

(a) li tissostitwixxi l-verifiki fuq il-post bl-użu ta' teknoloġiji ġodda, inkluż ir-ritratti ġeottaggjati, ir-ritratti datati, ir-rapporti datati ta' sorveljanza bid-droni, il-vidjokonferenzi mal-benefiċjarji jew bi kwalunkwe evidenza dokumentata rilevanti li tista' sservi bħala sostenn meta tiġi vverifikata l-implimentazzjoni korretta tal-miżuri;

(b) li twettaq dawk il-verifiki fi kwalunkwe żmien tas-sena, dment li xorta jippermettu l-verifika tal-kundizzjonijiet tal-eliġibbiltà, inkluż wara li jsir il-pagament finali.

## KAPITOLU III

## Derogi mir-regoli li jimplimentaw l-organizzazzjoni komuni tas-swieq

### *TAQSIMA 1*

### ***Derogi mir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/892***

#### *Artikolu 6*

1. B'deroga mill-Artikolu 24 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/892, il-verifiki fuq il-post rigward il-kriterji ta' rikonoxximent ma għandhomx japplikaw għas-sena 2022.

2. B'deroga mill-Artikolu 27(2) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/892, fis-sena 2022, il-verifiki fuq il-post imsemmija fl-Artikolu 27 ta' dak ir-Regolament għandhom ikunu relatati ma' kampjun li jirrappreżenta mill-inqas 10 % tal-għajnuna totali li tkun saret applikazzjoni għaliha fis-sena 2021.

3. B'deroga mill-Artikolu 27(7) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/892, ir-regola li l-azzjonijiet fuq azjendi individwali ta' membri tal-organizzazzjonijiet tal-produtturi koperti mill-kampjun imsemmi fl-Artikolu 27(2) ta' dak ir-Regolament għandhom ikunu soġġetti għal mill-inqas żjara waħda fuq il-post li fih ġiet implimentata l-azzjoni biex jiġi vverifikat li twettqet, ma għandhiex tapplika għall-verifiki fuq il-post li twettqu fis-sena 2022.

4. B'deroga mill-Artikolu 29(2) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/892, fis-sena 2022, l-Istati Membri jistgħu jivverifikaw perċentwal iżgħar għall-prodotti kollha li jkunu ġew irtirati, irrispettivament mid-destinazzjoni maħsuba tagħhom, mill-perċentwal stabbilit f'dik id-dispożizzjoni, dment li dan ma jkunx inqas minn 10 % tal-kwantitajiet ikkonċernati matul is-sena ta' kummerċjalizzazzjoni ta' kwalunkwe organizzazzjoni tal-produtturi.

5. B'deroga mill-Artikolu 30(3) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/892, fis-sena 2022, kull verifika għandha tinkludi kampjun li jirrappreżenta mill-inqas 3 % tal-kwantitajiet irtirati mill-organizzazzjoni tal-produtturi matul is-sena ta' kummerċjalizzazzjoni 2021.

6. B'deroga mill-Artikoli 27(2) u (7), 29(2), 30(3) u 31(1) u (2) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/892, matul is-sena 2022, meta l-miżuri li ddaħħlu fis-seħħ biex jindirizzaw il-pandemija tal-COVID-19 jipprevjenu lill-Istati Membri milli jwettqu l-verifiki fuq il-post f'konformità ma' dawk id-dispożizzjonijiet, il-verifiki fuq il-post jistgħu jiġu sostitwiti b'tipi oħra ta' verifiki li għandhom jiġu definiti mill-Istati Membri, bħar-ritratti ġeottaggjati, ir-ritratti datati, ir-rapporti datati tas-sorveljanza bid-droni, il-verifiki amministrattivi jew il-vidjokonferenzi mal-benefiċjarji.

### *TAQSIMA 2*

### ***Derogi mir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/1150***

#### *Artikolu 7*

1. B'deroga mill-Artikoli 32(1) u 42(3) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/1150, matul is-sena finanzjarja 2022, meta l-miżuri stabbiliti biex jindirizzaw il-pandemija tal-COVID-19 jipprevjenu lill-Istati Membri milli jwettqu l-verifiki fuq il-post f'konformità ma' dawk id-dispożizzjonijiet, tali verifiki jistgħu jiġu sostitwiti b'tipi oħra ta' verifiki li għandhom jiġu ddefiniti mill-Istati Membri, bħar-ritratti datati, ir-rapporti datati tas-sorveljanza bid-droni, il-verifiki amministrattivi jew il-vidjokonferenzi mal-benefiċjarji, li jiggarantixxu li r-regoli relatati mal-programmi ta' appoġġ fis-settur tal-inbid jkunu rrispettati.

2. B'deroga mill-Artikolu 43(3) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/1150, matul is-sena finanzjarja 2022, meta l-miżuri li ddaħħlu fis-seħħ biex jindirizzaw il-pandemija tal-COVID-19 jipprevjenu lill-Istati Membri milli jwettqu verifiki fuq il-post f'konformità ma' dik id-dispożizzjoni, dawk il-verifiki fuq l-operazzjonijiet tal-ħsad bikri għandhom isiru sal-15 ta' Settembru 2022.

*TAQSIMA 3*

***Derogi mir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/274***

*Artikolu 8*

1. B'deroga mill-Artikolu 27(3) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/274, meta l-miżuri li ddaħħlu fis-seħħ biex jindirizzaw il-pandemija tal-COVID-19 jipprevjenu lill-Istati Membri milli jiġbru u jipproċessaw l-għeneb frisk matul il-perjodu tal-ħsad tal-għeneb fis-sena 2022 sal-livell tal-għadd ta' kampjuni stabbilit fil-Parti II tal-Anness III ta' dak ir-Regolament, l-Istati Membri jistgħu jidderogaw minn dak l-għadd ta' kampjuni.

2. B'deroga mill-Artikolu 31(2), il-punt (b), tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/274, meta l-miżuri li ddaħħlu fis-seħħ biex jindirizzaw il-pandemija tal-COVID-19 jipprevjenu lill-Istati Membri milli jwettqu verifiki fuq il-post fis-sena 2022 f'konformità ma' dik id-dispożizzjoni, l-Istati Membri għandhom iwettqu dawk il-verifiki lil mill-inqas 3 % tal-vitikulturi kollha identifikati fir-reġistru tal-vinji.

3. B'deroga mill-Artikolu 31(2), il-punt (c), tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/274, fis-sena 2022 l-Istati Membri jistgħu jissospendu temporanjament il-verifiki sistematiċi fuq il-post li jitwettqu f'żoni mħawla bid-dwieli li ma jinsabu fl-ebda fajl tal-vitikultur, f'każijiet meta l-miżuri li ddaħħlu fis-seħħ biex jindirizzaw il-pandemija tal-COVID-19 jipprevjenu lill-Istati Membri milli jwettqu dawn il-verifiki.

*TAQSIMA 4*

***Derogi mir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 615/2014***

*Artikolu 9*

B'deroga mill-Artikolu 6 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 615/2014, meta l-miżuri li ddaħħlu fis-seħħ biex jindirizzaw il-pandemija tal-COVID-19 jipprevjenu lill-Istati Membri milli jwettqu l-verifiki fuq il-post fi żmien xieraq fis-sena kalendarja 2022, l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li jissostitwixxu parzjalment jew kompletament il-verifiki fuq il-post bil-verifiki amministrattivi jew bl-użu ta' evidenza rilevanti, inkluż ritratti ġeottaggjati, konverżazzjonijiet bil-vidjo jew evidenza oħra f'format elettroniku.

*TAQSIMA 5*

***Derogi mir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/1368***

*Artikolu 10*

B'deroga mill-Artikolu 8(3) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/1368, matul is-sena tal-apikultura 2022 l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li jiddevjaw mil-livell limitu ta' 5 % fir-rigward tal-verifiki fuq il-post tal-applikanti għall-għajnuna fil-qafas tal-programm tal-apikultura tagħhom, dment li dawn jissostitwixxu l-verifiki fuq il-post ippjanati b'verifiki alternattivi billi jitolbu ritratti, billi jagħmlu konverżazzjonijiet bil-vidjo jew b'xi mezz ieħor li jista' jservi bħala sostenn meta tkun qed tiġi vverifikata l-implimentazzjoni korretta tal-miżuri inklużi fil-programm tal-apikultura.

KAPITOLU IV

**Emendi tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/725**

*Artikolu 11*

Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/725 huwa emendat kif ġej:

1. L-Artikolu 3 huwa emendat kif ġej:

   (a) il-paragrafu 6 huwa sostitwit b'dan li ġej:

   "6. B'deroga mill-Artikolu 35 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 809/2014, l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li ma japplikawx iż-żieda fir-rata ta' kontroll li kellha tiġi applikata fis-sena tat-talba 2021 għall-iskemi ta' għajnuna u l-miżuri ta' appoġġ imsemmija fil-paragrafi 2 sa 5 ta' dan l-Artikolu.";

   (b) il-paragrafu 10 huwa sostitwit b'dan li ġej:

   "10. B'deroga mill-Artikolu 50(5) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 809/2014, l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li ma japplikawx iż-żieda fir-rata ta' kontroll li kellha tiġi applikata fis-sena kalendarja 2021 għall-iskemi ta' għajnuna u l-miżuri ta' appoġġ imsemmija fil-paragrafi 2 sa 5 ta' dan l-Artikolu.";

   (c) il-paragrafu 13 huwa sostitwit b'dan li ġej:

   "13. B'deroga mill-Artikolu 68(4) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 809/2014, l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li ma japplikawx iż-żieda fir-rati ta' kontroll li kellha tiġi applikata fis-sena tat-talba 2021.";

2. fl-Artikolu 5, il-paragrafu 6 huwa sostitwit b'dan li ġej:

   "6. B'deroga mill-Artikolu 59(5) tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013, l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li ma japplikawx iż-żieda fir-rata ta' kontroll li kellha tiġi applikata fis-sena tat-talba 2021 għall-iskemi ta' għajnuna u l-miżuri ta' appoġġ imsemmija fil-paragrafi 1 sa 5 ta' dan l-Artikolu.";

3. fl-Artikolu 6, il-paragrafu 6 huwa sostitwit b'dan li ġej:

   "6. B'deroga mill-Artikolu 59(5) tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013, il-Greċja tista' tiddeċiedi li ma tapplikax iż-żieda fir-rata ta' kontroll li kellha tiġi applikata fis-sena tat-talba 2021 għall-iskemi ta' għajnuna u l-miżuri ta' appoġġ imsemmija fil-paragrafi 1 sa 5 ta' dan l-Artikolu.".

KAPITOLU V

**Dispożizzjonijiet ġenerali**

*Artikolu 12*

Għall-Istati Membri li japplikaw id-dispożizzjonijiet skont il-Kapitoli I, II u III, id-dikjarazzjoni tal-ġestjoni li trid titfassal skont l-Artikolu 7(3), l-ewwel subparagrafu, il-punt (b), tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013 għandha tinkludi konferma li kienu evitati pagamenti żejda lill-benefiċjarji u li kien istigat l-irkupru ta' ammonti mhux dovuti abbażi tal-verifika tal-informazzjoni kollha meħtieġa għas-snin finanzjarji 2022 u 2023.

KAPITOLU VI

**Dispożizzjonijiet finali**

*Artikolu 13*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Il-Kapitoli I u II, il-Kapitolu III, it-Taqsimiet 3 u 4, u l-Kapitolu IV għandhom japplikaw mill-1 ta' Jannar 2022.

Il-Kapitolu III, it-Taqsimiet 1 u 2, għandhom japplikaw mis-16 ta' Ottubru 2021.

Il-Kapitolu III, it-Taqsima 5, għandha tapplika mill-1 ta' Awwissu 2021.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-8 ta' Lulju 2022.

*Għall-Kummissjoni*
*Il-President*
Ursula VON DER LEYEN

# REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2022/1217

## tal-14 ta' Lulju 2022

## li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 185/2013 f'dak li għandu x'jaqsam mat-tnaqqis mill-kwoti tas-sajd allokati lil Spanja għall-2021, għall-2022 u għall-2023

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 tal-20 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi sistema Komunitarja ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 847/96, (KE) Nru 2371/2002, (KE) Nru 811/2004, (KE) Nru 768/2005, (KE) Nru 2115/2005, (KE) Nru 2166/2005, (KE) Nru 388/2006, (KE) Nru 509/2007, (KE) Nru 676/2007, (KE) Nru 1098/2007, (KE) Nru 1300/2008, (KE) Nru 1342/2008 u li jħassar ir-Regolamenti (KEE) Nru 2847/93, (KE) Nru 1627/94 u (KE) Nru 1966/2006 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 105(4) tiegħu,

Billi:

(1) Fl-2013, il-Kummissjoni adottat ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 185/2013 ([2]) li jipprovdi għal tnaqqis mill-kwota tal-kavalli allokata lil Spanja fl-2013 fid-diviżjoni 8c tal-ICES, fis-subżoni 9 u 10 tal-ICES u fl-ilmijiet tal-Unjoni tas-CECAF 34.1.1 u mill-kwota tal-inċova fis-subżona 8 tal-ICES minħabba s-sajd żejjed tal-kwota tal-kavalli fl-2009.

(2) Fl-2021, Spanja ma staditx għal 3 400 tunnellata mill-kwota rilevanti tal-kavalli u b'hekk kien hemm inqas pressjoni tas-sajd fuq dak l-istokk meta mqabbel mal-kwantità massima permessa mill-opportunitajiet tas-sajd allokati għal dik is-sena. Spanja talbet li dawk il-kwantitajiet mhux mistada jitqiesu għat-tnaqqisiet mill-kwota tagħha tal-2021 u li jonqos it-tnaqqis previst fir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 185/2013 għas-snin 2022 u 2023 skont dan. Għalhekk, jenħtieġ li jiġu adattati l-kwantitajiet għat-tnaqqis għall-2021, għall-2022 u għall-2023 stabbiliti fir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 185/2013 skont dan.

(3) Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 185/2013 jiġi emendat skont dan.

(4) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat għas-Sajd u l-Akkwakultura,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 185/2013 huwa sostitwit bl-Anness ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

([1]) ĠU L 343, 22.12.2009, p. 1.

([2]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 185/2013 tal-5 ta' Marzu 2013 li jipprovdi għal tnaqqis minn ċerti kwoti tas-sajd allokati lil Spanja fl-2013 u fis-snin sussegwenti minħabba s-sajd żejjed ta' ċertu kwota tal-kavalli fl-2009 (ĠU L 62, 6.3.2013, p. 1).

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-14 ta’ Lulju 2022.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

Ursula VON DER LEYEN

*ANNESS*

| Stokk | Kwota inizjali għall-2009 | Kwota adattata għall-2009 | Qabdiet stabbiliti għall-2009 | Differenza bejn il-qabdiet u l-kwota (is-sajd żejjed) | Tnaqqis 2013 | Tnaqqis 2014 | Tnaqqis 2015 | Tnaqqis 2016 | Tnaqqis 2017 | Tnaqqis 2018 | Tnaqqis 2019 | Tnaqqis 2020 | Tnaqqis 2021 | Tnaqqis 2022 | Tnaqqis 2023 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| MAC8C 3411 | 29 529 | 25 525 | 90 954 | - 65 429 | 100 | 100 | 100 | 5 544 | 6 283 | 4 805 | 7 762 | 3 328 | 8 944 | 2 411 | 0 |
| ANE08 (1) | | | | | | | | 3 696 | 4 539 | 2 853 | 3 696 | 3 696 | 3 696 | 3 696 | 180 |

(1) Għall-inċova, is-sena għandha tinftiehem bħala l-istaġun tas-sajd li jibda f'dik is-sena.

# REGOLAMENT TA’ IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2022/1218

## tal-14 ta’ Lulju 2022

## li jemenda ċerti Annessi tar-Regolament ta’ Implimentazzjoni (UE) 2021/620 rigward l-approvazzjoni tal-istatus ta’ ħelsien mill-mard ta’ ċerti Stati Membri jew żoni tagħhom, rigward ċertu mard elenkat u l-approvazzjoni ta’ programmi ta’ eradikazzjoni għal ċertu mard elenkat

**(Test b’rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta’ Marzu 2016 dwar il-mard trażmissibbli tal-annimali u li jemenda u jħassar ċerti atti fil-qasam tas-saħħa tal-annimali (Liġi dwar is-Saħħa tal-Annimali) ([1]), u b’mod partikolari l-Artikoli 31(3) u 36(4) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (UE) 2016/429 jistabbilixxi r-regoli speċifiċi għall-mard għal kull marda elenkata f’konformità mal-Artikolu 5(1) tiegħu u jistabbilixxi kif iridu jiġu applikati dawk ir-regoli għall-kategoriji differenti tal-mard elenkat. Ir-Regolament (UE) 2016/429 jipprevedi li l-Istati Membri jistabbilixxu programmi ta’ eradikazzjoni obbligatorji għall-mard elenkat imsemmi fl-Artikolu 9(1)(b) tiegħu, u programmi ta’ eradikazzjoni fakultattivi għall-mard elenkat imsemmi fl-Artikolu 9(1)(c) tiegħu, u l-approvazzjoni ta’ dawn il-programmi mill-Kummissjoni. Dak ir-Regolament jipprevedi wkoll li l-Kummissjoni tapprova jew tirtira l-istatus ta’ ħelsien mill-mard ta’ Stati Membri jew żoni jew kompartimenti tagħhom fir-rigward ta’ ċertu mard elenkat imsemmi fl-Artikolu 9(1)(b) u (c) tiegħu.

(2) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/689 ([2]) jissupplimenta r-Regolament (UE) 2016/429 u jistabbilixxi l-kriterji għall-għoti, għaż-żamma, għas-sospensjoni u għall-irtirar tal-istatus ta’ ħelisen mill-mard għall-Istati Membri jew iż-żoni jew il-kompartimenti tagħhom, u jistabbilixxi r-rekwiżiti għall-approvazzjoni tal-programmi ta’ eradikazzjoni obbligatorji jew fakultattivi għall-Istati Membri jew iż-żoni jew il-kompartimenti tagħhom.

(3) Ir-Regolament ta’ Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/620 ([3]) jistabbilixxi r-regoli ta’ implimentazzjoni għall-mard tal-annimali elenkat imsemmi fl-Artikolu 9(1)(a), (b) u (c) tar-Regolament (UE) 2016/429, fir-rigward tal-istatus ta’ ħelsien mill-mard u tal-istatus ta’ mingħajr tilqim ta’ ċerti Stati Membri jew żoni jew kompartimenti tagħhom, u l-approvazzjoni ta’ programmi ta’ eradikazzjoni għal dak il-mard elenkat. B’mod partikolari, jelenka fl-Annessi tiegħu, l-Istati Membri jew iż-żoni jew il-kompartimenti tagħhom li għandhom l-istatus ta’ ħelsien mill-mard u jelenka wkoll il-programmi ta’ eradikazzjoni eżistenti approvati. Is-sitwazzjoni epidemjoloġika li qed tinbidel ta’ ċertu mard tagħmilha neċessarja li jiġu elenkati Stati Membri jew żoni tagħhom ġodda ħielsa mill-mard u li jiġu approvati ċerti programmi ta’ eradikazzjoni mressqa lill-Kummissjoni.

(4) Għall-infezzjoni bil-*Brucella abortus*, bil-*B. melitensis* u bil-*B. suis*, għall-infezzjoni bil-kumpless tal-*Mycobacterium tuberculosis* (*Mycobacterium bovis*, *M. caprae* u *M. tuberculosis*) (MTBC), għall-infezzjoni bil-lewkożi enzootika bovina (EBL), għall-infezzjoni bid-dijarea virali bovina (BVD), u għall-infezzjoni bil-virus tal-ilsien blu (serotipi 1-24) (BTV), dan l-aħħar bosta Stati Membri applikaw lill-Kummissjoni biex ikollhom l-istatus ta’ ħelsien mill-mard jew programmi ta’ eradikazzjoni approvati għal parti mit-territorju tagħhom jew għat-territorju kollu.

([1]) ĠU L 84, 31.3.2016, p. 1.

([2]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/689 tas-17 ta’ Diċembru 2019 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-regoli għas-sorveljanza, għall-programmi ta’ eradikazzjoni u għall-istatus ta’ ħelsien mill-mard għal ċertu mard elenkat u emerġenti (ĠU L 174, 3.6.2020, p. 211).

([3]) Ir-Regolament ta’ Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/620 tal-15 ta’ April 2021 li jistabbilixxi r-regoli għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward l-approvazzjoni tal-istatus ta’ ħelsien mill-mard u tal-istatus ta’ mingħajr tilqim ta’ ċerti Stati Membri jew taż-żoni jew il-kompartimenti tagħhom fir-rigward ta’ ċertu mard elenkat, u rigward l-approvazzjoni ta’ programmi ta’ eradikazzjoni għal dak il-mard elenkat (ĠU L 131, 16.4.2021, p. 78).

(5) Għall-infezzjoni bil-*Brucella abortus*, bil-*B. melitensis* u bil-*B. suis* fl-annimali bovini, l-Italja ressqet informazzjoni lill-Kummissjoni li turi li l-kondizzjonijiet għar-rikonoxximent tal-istatus ta' ħelsien mill-mard stipulati fir-Regolament Delegat (UE) 2020/689 huma ssodisfati fil-Provinċja ta' Vibo Valentia fir-Reġjun tal-Calabria u fil-Provinċja ta' Teramo fir-Reġjun tal-Abruzzo. Għalhekk, jenħtieġ li dawk iż-żoni jiġu elenkati bħala żoni ħielsa mill-infezzjoni bil-*Brucella abortus*, bil-*B. melitensis* u bil-*B. suis* fl-annimali bovini fil-Parti I, il-Kapitolu 1, tal-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/620.

(6) Għall-infezzjoni bil-*Brucella abortus*, bil-*B. melitensis* u bil-*B. suis* fl-annimali ovini u kaprini, l-Italja ressqet informazzjoni lill-Kummissjoni li turi li l-kondizzjonijiet għar-rikonoxximent tal-istatus ta' ħelsien mill-mard stipulati fir-Regolament Delegat (UE) 2020/689 huma ssodisfati fil-Provinċja ta' Lecce fil-Provinċja tal-Puglia. Għalhekk, jenħtieġ li dawk iż-żoni jiġu elenkati bħala żoni ħielsa mill-infezzjoni bil-*Brucella abortus*, bil-*B. melitensis* u bil-B. suis fl-annimali ovini u kaprini fil-Parti I, il-Kapitolu 2, tal-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/620.

(7) Għall-infezzjoni bl-MTBC, l-Italja ressqet informazzjoni lill-Kummissjoni li turi li l-kondizzjonijiet għar-rikonoxximent tal-istatus ta' ħelsien mill-mard mill-infezzjoni bl-MTBC stipulati fir-Regolament Delegat (UE) 2020/689 huma ssodisfati fil-Provinċji tal-Aquila, Chieti u Teramo fir-Reġjun tal-Abruzzo, fil-Provinċja ta' Latina fir-Reġjun tal-Lazio, fil-Provinċji ta' Bari u ta' Taranto fir-Reġjun tal-Puglia u fil-Provinċja ta' Nuoro fir-Reġjun ta' Sardinja. Għalhekk, jenħtieġ li dawk iż-żoni jiġu elenkati bħala ħielsa mill-infezzjoni bl-MTBC fil-Parti I tal-Anness II tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/620.

(8) Għall-infezzjoni bl-EBL, il-Kroazja ressqet applikazzjoni lill-Kummissjoni biex ikollha programm ta' eradikazzjoni approvat għat-territorju tagħha. Wara l-valutazzjoni mill-Kummissjoni, intwera li dik l-applikazzjoni kienet tikkonforma mal-kriterji stipulati fil-Kapitolu 2 tal-Parti II tar-Regolament Delegat (UE) 2020/689 għall-approvazzjoni tal-programmi ta' eradikazzjoni għall-EBL. Għalhekk, jenħtieġ li dan l-Istat Membru jiġi elenkat fil-Parti II tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/620, li għandu programm ta' eradikazzjoni approvat għall-EBL.

(9) Għall-infezzjoni bil-BVD, id-Danimarka u l-Ġermanja ressqu informazzjoni lill-Kummissjoni li turi li l-kondizzjonijiet għar-rikonoxximent tal-istatus ta' ħelsien mill-mard mill-BVD stipulati fir-Regolament Delegat (UE) 2020/689 huma ssodisfati fit-territorju kollu tad-Danimarka u fil-Landkreis Ravensburg, Erding, Weilheim-Schongau, Oberallgäu u Fulda fil-Ġermanja, rispettivament. Għalhekk, jenħtieġ li dak l-Istat Membru u dawk iż-żoni jiġu elenkati skont dan fil-Parti I tal-Anness VII tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/620, bl-istatus ta' ħelsien mill-mard għall-BVD.

(10) Għall-infezzjoni bil-BVD, l-Irlanda ressqet applikazzjoni lill-Kummissjoni biex ikollha programm ta' eradikazzjoni approvat għat-territorju tagħha. Wara l-valutazzjoni mill-Kummissjoni, intwera li dik l-applikazzjoni kienet tikkonforma mal-kriterji stipulati fil-Parti II, il-Kapitolu 2 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/689 għall-approvazzjoni tal-programmi ta' eradikazzjoni għall-BVD. Għalhekk, jenħtieġ li dan l-Istat Membru jiġi elenkat skont dan fil-Parti II tal-Anness VII tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/620, li għandu programm ta' eradikazzjoni approvat għall-BVD.

(11) Fir-rigward tal-infezzjoni bil-BTV, il-Ġermanja ressqet informazzjoni lill-Kummissjoni li turi li l-kondizzjonijiet għar-rikonoxximent tal-istatus ta' ħelsien mill-mard mill-BTV huma ssodisfati għat-territorju kollu ta' Baden-Württemberg, Hessen u Nordrhein-Westfalen. Wara l-valutazzjoni mill-Kummissjoni, intwera li dawk l-applikazzjonijiet kienu jikkonformaw mal-kriterji stipulati fil-Parti II, il-Kapitolu 2, tar-Regolament Delegat (UE) 2020/689 għall-għoti tal-istatus ta' ħelsien mill-mard għall-BTV. Għalhekk, jenħtieġ li dawk iż-żoni jiġu elenkati fil-Parti I tal-Anness VIII tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/620, li għandhom status ta' ħelsien mill-mard għall-BTV.

(12) Għalhekk, jenħtieġ li l-Annessi I, II, IV, VII u VIII tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/620 jiġu emendati skont dan.

(13) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-Annessi I, II, IV, VII, u VIII tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/620 huma emendati f'konformità mal-Anness ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-14 ta' Lulju 2022.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

Ursula VON DER LEYEN

*ANNESS*

L-Annessi I, II, IV, VII u VIII tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/620 huma emendati kif ġej:

(1) L-Anness I huwa emendat kif ġej:

(a) il-Parti I hija emendata kif ġej:

(i) fil-Kapitolu 1, l-entrata għall-Italja hija sostitwita b'dan li ġej:

| Stat Membru | Territorju |
|---|---|
| "L-Italja | Regione Abruzzo: Provincia di Pescara, Teramo<br>Regione Calabria: Provincia di Vibo Valentia<br>Regione Campania: Province di Avellino, Benevento, Napoli<br>Regione Emilia-Romagna<br>Regione Friuli Venezia Giulia<br>Regione Lazio<br>Regione Liguria<br>Regione Lombardia<br>Regione Marche<br>Regione Molise: Provincia di Campobasso<br>Regione Piemonte<br>Regione Puglia: Province di Bari, Barletta-Andria-Trani, Brindisi, Lecce<br>Regione Sardegna<br>Regione Toscana<br>Regione Trentino – Alto Adige<br>Regione Umbria<br>Regione Valle d'Aosta<br>Regione Veneto"; |

(ii) il-Kapitolu 2 huwa ssostitwit b'dan li ġej:

*"KAPITOLU 2*

**L-Istati Membri jew iż-żoni tagħhom bi status ta' ħelsien mill-infezzjoni bil-*Brucella abortus*, bil-*B. melitensis* u bil-*B. suis* fil-popolazzjonijiet tal-annimali ovini u kaprini**

| Stat Membru (*) | Territorju |
|---|---|
| Il-Belġju | It-territorju kollu |
| Iċ-Ċekja | It-territorju kollu |
| Id-Danimarka | It-territorju kollu |
| Il-Ġermanja | It-territorju kollu |
| L-Estonja | It-territorju kollu |
| L-Irlanda | It-territorju kollu |
| Spanja | It-territorju kollu |
| Franza | Région Auvergne et Rhône-Alpes<br>Région Bourgogne-Franche-Comté<br>Région Bretagne<br>Région Centre-Val de Loire<br>Région Corse<br>Région Grande Est<br>Région Hauts-de-France<br>Région Ile-de-France<br>Région Normandie<br>Région Nouvelle-Aquitaine |

| | |
|---|---|
| | Région Occitanie<br>Région Pays de la Loire<br>Région Provence-Alpes-Côte d’Azur |
| L-Italja | Regione Abruzzo<br>Regione Calabria: Province di Catanzaro, Cosenza<br>Regione Campania: Provincia di Benevento<br>Regione Emilia-Romagna<br>Regione Friuli Venezia Giulia<br>Regione Lazio<br>Regione Liguria<br>Regione Lombardia<br>Regione Marche<br>Regione Molise<br>Regione Piemonte<br>Regione Puglia: Province di Bari, Barletta-Andria-Trani, Brindisi, Lecce, Taranto<br>Regione Sardegna<br>Regione Toscana<br>Regione Trentino – Alto Adige<br>Regione Umbria<br>Regione Valle d’Aosta<br>Regione Veneto |
| Ċipru | It-territorju kollu |
| Il-Latvja | It-territorju kollu |
| Il-Litwanja | It-territorju kollu |
| Il-Lussemburgu | It-territorju kollu |
| L-Ungerija | It-territorju kollu |
| In-Netherlands | It-territorju kollu |
| L-Awstrija | It-territorju kollu |
| Il-Polonja | It-territorju kollu |
| Il-Portugall | Região Autónoma dos Açores |
| Ir-Rumanija | It-territorju kollu |
| Is-Slovenja | It-territorju kollu |
| Is-Slovakkja | It-territorju kollu |
| Il-Finlandja | It-territorju kollu |
| L-Iżvezja | It-territorju kollu |
| Ir-Renju Unit (l-Irlanda ta’ Fuq) | L-Irlanda ta’ Fuq |

(*) F’konformità mal-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta’ Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, u b’mod partikolari l-Artikolu 5(4) tal-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta’ Fuq flimkien mal-Anness 2 ta’ dak il-Protokoll, għall-finijiet ta’ dan l-Anness, ir-referenzi għall-Istati Membri jinkludu lir-Renju Unit fir-rigward tal-Irlanda ta’ Fuq.”

(b) il-Parti II hija emendata kif ġej:

(i) fil-Kapitolu 1, l-entrata għall-Italja hija sostitwita b’dan li ġej:

| Stat Membru | Territorju |
|---|---|
| “L-Italja | Regione Abruzzo: Provincia dell’Aquila, di Chieti<br>Regione Basilicata |

| | |
|---|---|
| | Regione Calabria: Provincia di Catanzaro, Cosenza, Crotone, Reggio Calabria<br>Regione Campania: Provincia di Caserta, Salerno<br>Regione Molise: Provincia di Isernia<br>Regione Puglia: Provincia di Foggia, Taranto<br>Regione Sicilia” |

(ii) fil-Kapitolu 2, l-entrata għall-Italja hija sostitwita b’dan li ġej:

| Stat Membru | Territorju |
|---|---|
| “L-Italja | Regione Basilicata<br>Regione Calabria: Provincia di Crotone, Reggio Calabria, Vibo Valentia<br>Regione Campania: Provincia di Caserta, Salerno, Avellino, Napoli<br>Regione Puglia: Provincia di Foggia<br>Regione Sicilia” |

(2) L-Anness II huwa emendat kif ġej:

(a) il-Parti I hija sostitwita b’dan li ġej:

“PARTI I

**L-Istati Membri jew iż-żoni tagħhom li għandhom status ta’ ħelsien mill-MTBC**

| Stat Membru | Territorju |
|---|---|
| Il-Belġju | It-territorju kollu |
| Iċ-Ċekja | It-territorju kollu |
| Id-Danimarka | It-territorju kollu |
| Il-Ġermanja | It-territorju kollu |
| L-Estonja | It-territorju kollu |
| Spanja | Comunidad Autónoma de Canarias<br>Comunidad Autónoma de Galicia<br>Comunidad Autónoma del País Vasco<br>Comunidad Autónoma del Principado de Asturias |
| Franza | It-territorju kollu |
| L-Italja | Regione Abruzzo<br>Regione Basilicata: Provincia di Matera<br>Regione Emilia-Romagna<br>Regione Friuli Venezia Giulia<br>Regione Lazio: Provincia di Frosinone, Latina, Rieti, Viterbo<br>Regione Liguria<br>Regione Lombardia<br>Regione Marche: Provincia di Ancona, Ascoli Piceno, Fermo, Pesaro-Urbino<br>Regione Molise<br>Regione Piemonte<br>Regione Puglia: Provincia di Bari, Taranto<br>Regione Sardegna: Citta metropolitana di Cagliari, Provincia di Nuoro, Oristano, Sud Sardegna<br>Regione Toscana<br>Regione Trentino – Alto Adige<br>Regione Umbria<br>Regione Valle d’Aosta<br>Regione Veneto |

| | |
|---|---|
| Il-Latvja | It-territorju kollu |
| Il-Litwanja | It-territorju kollu |
| Il-Lussemburgu | It-territorju kollu |
| L-Ungerija | It-territorju kollu |
| In-Netherlands | It-territorju kollu |
| L-Awstrija | It-territorju kollu |
| Il-Polonja | It-territorju kollu |
| Il-Portugall | Ir-Região Algarve: id-distretti kollha<br>Região Autónoma dos Açores minbarra Ilha de São Miguel |
| Is-Slovenja | It-territorju kollu |
| Is-Slovakkja | It-territorju kollu |
| Il-Finlandja | It-territorju kollu |
| L-Iżvezja | It-territorju kollu” |

(b) il-Parti II hija sostitwita b’dan li ġej:

“PARTI II

**L-Istati Membri jew iż-żoni tagħhom li għandhom programm ta’ eradikazzjoni approvat għall-infezzjoni bil-MTBC**

| Stat Membru (*) | Territorju |
|---|---|
| Il-Bulgarija | It-territorju kollu |
| Il-Kroazja | It-territorju kollu |
| Ċipru | It-territorju kollu |
| Il-Greċja | It-territorju kollu |
| L-Irlanda | It-territorju kollu |
| L-Italja | Regione Basilicata: Provincia di Potenza<br>Regione Calabria<br>Regione Campania<br>Regione Lazio: Provincia di Roma<br>Regione Marche: Provincia di Macerata<br>Regione Puglia: Provincia di Barletta-Adria-Trani, Brindisi, Foggia, Lecce<br>Regione Sardegna: Provincia di Sassari<br>Regione Sicilia |
| Malta | It-territorju kollu |
| Il-Portugall | Região Autónoma dos Açores: Ilha de São Miguel<br>Região Autónoma da Madeira<br>Distritos Aveiro, Beja, Braga, Bragança, Castelo Branco, Coimbra, Evora, Guarda, Leiria, Lisboa, Portalegre, Porto, Santarem, Setubal, Viana do Castelo, Vila Real, Viseu |
| Ir-Rumanija | It-territorju kollu |
| Spanja | Comunidad Autónoma de Andalucía<br>Comunidad Autónoma de Aragón<br>Comunidad Autónoma de Islas Baleares<br>Comunidad Autónoma de Cantabria |

| | |
|---|---|
| | Comunidad Autónoma de Castilla-La Mancha<br>Comunidad Autónoma de Castilla y León<br>Comunidad Autónoma de Cataluña<br>Comunidad Autónoma de Extremadura<br>Comunidad Autónoma de La Rioja<br>Comunidad Autónoma de Madrid<br>Comunidad Autónoma de Murcia<br>Comunidad Autónoma de Navarra,<br>Comunidad Autónoma de Valencia |
| Ir-Renju Unit (l-Irlanda ta' Fuq) | L-Irlanda ta' Fuq |

(*) F'konformità mal-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 5(4) tal-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq flimkien mal-Anness 2 ta' dak il-Protokoll, għall-finijiet ta' dan l-Anness, ir-referenzi għall-Istati Membri jinkludu lir-Renju Unit fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq"

(3) Fl-Anness IV, il-Parti II hija sostitwita b'dan li ġej:

"PARTI II

**L-Istati Membri jew iż-żoni tagħhom li għandhom programm ta' eradikazzjoni approvat għall-EBL**

| Stat Membru | Territorju | Data tal-approvazzjoni inizjali msemmija fl-Artikolu 15(2) tar-Regolament Delegat (UE) 2020/689 |
|---|---|---|
| Il-Kroazja | It-territorju kollu | It-18 ta' Lulju 2022" |

(4) fl-Annessi VII, il-Partijiet I u II huma sostitwiti b'dawn li ġejjin:

"PARTI I

**L-Istati Membri jew żoni tagħhom li għandhom status ta' ħelsien mill-BVD**

| Stat Membru | Territorju |
|---|---|
| L-Awstrija | It-territorju kollu |
| Id-Danimarka | It-territorju kollu |
| Il-Finlandja | It-territorju kollu |
| Il-Ġermanja | Bundesland Baden-Württemberg<br>Bundesland Bayern:<br>Il-bliet u l-Landkreis li ġejjin fir-Regierungsbezirk Oberbayern: Ingolstadt, Stadt München, Stadt Rosenheim, Altötting, Berchtesgadener Land, Bad Tölz-Wolfratshausen, Ebersberg, Eichstätt, Erding, Freising, Fürstenfeldbruck, Garmisch-Partenkirchen, Landsberg am Lech, Miesbach, Mühldorf am Inn, Lkr. München, Neuburg-Schrobenhausen, Pfaffenhofen an der Ilm, Lkr. Rosenheim, Starnberg, Traunstein, Weilheim-Schongau<br>Il-bliet u l-Landkreis li ġejjin fir-Regierungsbezirk Niederbayern: Stadt Landshut, Stadt Passau, Stadt Straubing, Freyung-Grafenau, Kelheim, Lkr. Landshut, Lkr. Passau, Regen, Rottal-Inn<br>Il-bliet u l-Landkreis li ġejjin fir-Regierungsbezirk Oberpfalz: Stadt Amberg, Stadt Regensburg, Weiden in der Oberpfalz, Lkr. Amberg-Sulzbach, Cham, Neumarkt in der Oberpfalz, Neustadt an der Waldnaab, Lkr. Regensburg, Schwandorf, Tirschenreuth |

| | |
|---|---|
| | Il-bliet u l-Landkreis li ġejjin fir-Regierungsbezirk Oberfranken: Stadt Bamberg, Stadt Bayreuth, Stadt Coburg, Stadt Hof, Lkr. Bamberg, Lkr. Bayreuth, Lkr. Coburg, Forchheim, Lkr. Hof, Kronach, Kulmbach, Lichtenfels, Wunsiedel im Fichtelgebirge<br>Il-bliet u l-Landkreis li ġejjin fir-Regierungsbezirk Mittelfranken: Stadt Ansbach, Stadt Erlangen, Stadt Fürth, Nürnberg, Schwabach, Lkr. Ansbach, Lkr. Erlangen-Höchstadt, Lkr. Fürth, Nürnberger Land, Neustadt an der Aisch-Bad Windsheim, Roth, Weißenburg-Gunzenhausen<br>Il-bliet u l-Landkreis li ġejjin fir-Regierungsbezirk Unterfranken: Stadt Aschaffenburg, Stadt Schweinfurt, Stadt Würzburg, Lkr. Aschaffenburg, Bad Kissingen, Röhn-Grabfeld, Haßberge, Kitzingen, Miltenberg, Main-Spessart, Lkr. Schweinfurt, Lkr. Würzburg<br>Il-bliet u l-Landkreis li ġejjin fir-Regierungsbezirk Schwaben: Stadt Augsburg, Kaufbeuren, Kempten im Allgäu, Memmingen, Aichach-Friedberg, Dillingen an der Donau, Neu-Ulm, Lindau, Oberallgäu, Unterallgäu, Donau-Ries<br>Bundesland Brandenburg<br>Bundesland Bremen<br>Bundesland Hamburg<br>Bundesland Hessen<br>Bundesland Mecklenburg-Vorpommern<br>Bundesland Rheinland-Pfalz<br>Bundesland Saarland<br>Bundesland Sachsen<br>Bundesland Sachsen-Anhalt<br>Bundesland Thüringen |
| L-Iżvezja | It-territorju kollu |

PARTI II

**L-Istati Membri jew iż-żoni taghhom li ghandhom programm ta' eradikazzjoni approvat ghall-BVD**

| Stat Membru | Territorju | Data tal-approvazzjoni inizjali msemmija fl-Artikolu 15(2) tar-Regolament Delegat (UE) 2020/689 |
|---|---|---|
| Il-Ġermanja | Bundesland Bayern:<br>Il-bliet u l-Landkreis li ġejjin fir-Regierungsbezirk Oberbayern: Dachau<br>Il-bliet u l-Landkreis li ġejjin fir-Regierungsbezirk Niederbayern: Deggendorf, Lkr. Straubing-Bogen, Dingolfing-Landau<br>Il-bliet u l-Landkreis li ġejjin fir-Regierungsbezirk Schwaben: Lkr. Augsburg, Günzburg, Ostallgäu<br>Bundesland Berlin<br>Bundesland Niedersachsen<br>Bundesland Nordrhein-Westfalen<br>Bundesland Schleswig-Holstein | Il-21 ta' Frar 2022 |
| L-Irlanda | It-territorju kollu | It-18 ta' Lulju 2022" |

(5) fl-Anness VIII, fil-Parti 1, l-entrata għall-Ġermanja hija sostitwita b'dan li ġej:

| Stat Membru | Territorju |
|---|---|
| "Il-Ġermanja | Bundesland Baden-Württemberg<br>Bundesland Bayern<br>Bundesland Berlin<br>Bundesland Brandenburg<br>Bundesland Bremen<br>Bundesland Hamburg<br>Bundesland Hessen<br>Bundesland Mecklenburg-Vorpommern<br>Bundesland Niedersachsen<br>Bundesland Nordrhein-Westfalen<br>Bundesland Sachsen<br>Bundesland Sachsen-Anhalt<br>Bundesland Schleswig-Holstein<br>Bundesland Thüringen" |

# REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2022/1219

## tal-14 ta' Lulju 2022

## li jemenda l-Anness III tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/2235 fir-rigward tal-mudelli taċ-ċertifikati għad-dħul fl-Unjoni u għat-tranżitu minnha ta' kunsinni ta' ċerti prodotti komposti

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 853/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 li jistabbilixxi ċerti regoli speċifiċi ta' iġjene għall-ikel li joriġina mill-annimali ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 7(2), il-punt (a), tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2016 dwar il-mard trażmissibbli tal-annimali u li jemenda u jħassar ċerti atti fil-qasam tas-saħħa tal-annimali (Liġi dwar is-Saħħa tal-Annimali) ([2]), u b'mod partikolari l-Artikoli 238(3) u 239(3) tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2017 dwar il-kontrolli uffiċjali u attivitajiet uffiċjali oħra mwettqa biex jiżguraw l-applikazzjoni tal-liġi tal-ikel u tal-għalf, ta' regoli dwar is-saħħa u t-trattament xieraq tal-annimali, dwar is-saħħa tal-pjanti u dwar prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 999/2001, (KE) Nru 396/2005, (KE) Nru 1069/2009, (KE) Nru 1107/2009, (UE) Nru 1151/2012, (UE) Nru 652/2014, (UE) 2016/429 u (UE) 2016/2031 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1/2005 u (KE) Nru 1099/2009 u d-Direttivi tal-Kunsill 98/58/KE, 1999/74/KE, 2007/43/KE, 2008/119/KE u 2008/120/KE, u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 854/2004 u (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi tal-Kunsill 89/608/KEE, 89/662/KEE, 90/425/KEE, 91/496/KEE, 96/23/KE, 96/93/KE u 97/78/KE u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 92/438/KEE (Regolament dwar il-Kontrolli Uffiċjali) ([3]), u b'mod partikolari l-Artikolu 90, l-ewwel paragrafu, il-punti (a) u (b), u l-Artikolu 126(3) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/2235 ([4]) jistabbilixxi regoli dwar iċ-ċertifikati tas-saħħa tal-annimali previsti fir-Regolament (UE) 2016/429, iċ-ċertifikati uffiċjali previsti fir-Regolament (UE) 2017/625, u ċ-ċertifikati tas-saħħa tal-annimali/uffiċjali bbażati fuq dawk ir-Regolamenti, meħtieġa għad-dħul fl-Unjoni ta' ċerti kunsinni ta' annimali u oġġetti (minn hawn 'il quddiem flimkien imsejħa "iċ-ċertifikati"). B'mod partikolari, l-Anness III tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/2235 jistabbilixxi, fost oħrajn, mudelli taċ-ċertifikati għad-dħul fl-Unjoni u għat-tranżitu minnha ta' kunsinni ta' ċerti prodotti komposti.

(2) Il-Kapitolu 50 tal-Anness III tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/2235 jistabbilixxi l-mudell taċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali/uffiċjali għad-dħul fl-unjoni ta' prodotti komposti mhux stabbli fuq l-ixkaffa u ta' prodotti komposti li huma stabbli fuq l-ixkaffa, li fihom kwalunkwe kwantità ta' prodotti tal-laħam minbarra l-ġelatina, il-kollaġen u prodotti raffinati ħafna, u maħsuba għall-konsum mill-bniedem (mudell COMP). Il-Kapitolu 52 tal-Anness III tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/2235 jistabbilixxi l-mudell taċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali għat-tranżitu mill-unjoni lejn pajjiż terz, jew bi tranżitu immedjat jew wara l-ħżin fl-Unjoni, ta' prodotti komposti mhux stabbli fuq l-ixkaffa u ta' prodotti komposti stabbli fuq l-ixkaffa li fihom kwalunkwe kwantità ta' prodotti tal-laħam u maħsuba għall-konsum mill-bniedem (mudell TRANSIT-COMP). Dawn iż-żewġ mudelli jinkludu attestazzjoni speċifika tas-saħħa tal-annimali għall-prodotti tal-ħalib li jinsabu fil-prodotti komposti. Ir-rekwiżiti tat-trattamenti bis-sħana f'dawk l-attestazzjonijiet jenħtieġ li jiġu allinjati mat-trattamenti stabbiliti fl-Anness XXVII tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/692 ([5]). Barra minn hekk, ir-rekwiżit li jiġu

---

([1]) ĠU L 139, 30.4.2004, p. 55.

([2]) ĠU L 84, 31.3.2016, p. 1.

([3]) ĠU L 95, 7.4.2017, p. 1.

([4]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/2235 tas-16 ta' Diċembru 2020 li jistabbilixxi regoli għall-applikazzjoni tar-Regolamenti (UE) 2016/429 u (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' mudelli taċ-ċertifikati tas-saħħa tal-annimali, mudelli taċ-ċertifikati uffiċjali u mudelli taċ-ċertifikati tas-saħħa tal-annimali/uffiċjali, għad-dħul fl-Unjoni u l-movimenti fl-Unjoni ta' kunsinni ta' ċerti kategoriji ta' annimali u oġġetti, ċertifikazzjoni uffiċjali dwar dawn iċ-ċertifikati u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 599/2004, ir-Regolamenti ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 636/2014 u (UE) 2019/628, id-Direttiva 98/68/KE u d-Deċiżjonijiet 2000/572/KE, 2003/779/KE u 2007/240/KE (ĠU L 442, 30.12.2020, p. 1).

([5]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/692 tat-30 ta' Jannar 2020 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-regoli għad-dħul fl-Unjoni, u l-moviment u l-immaniġġjar wara d-dħul ta' konsenji ta' ċerti annimali, prodotti ġerminali u prodotti li joriġinaw mill-annimali (ĠU L 174, 3.6.2020, p. 379).

indikati d-dati tal-produzzjoni tal-prodotti tal-ħalib u tal-prodotti bbażati fuq il-kolostru li jinsabu fil-prodotti komposti jenħtieġ li jitħassar bħala superfluwu fid-dawl tad-deskrizzjoni pprovduta fin-nota ta' qiegħ il-paġna (2) li tkopri l-kostitwenti kollha ta' oriġini mill-annimali. Barra minn hekk, ċerti noti f'qiegħ il-paġna fin-Noti tal-Parti II ta' dawk il-mudelli jenħtieġ li jiġu ssupplimentati u ċċarati. Għalhekk, jeħtieġ li l-Kapitoli 50 u 52 tal-Anness III tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/2235 jiġu emendati skont dan.

(3) Barra minn hekk, fil-Kapitolu 52 tal-Anness III tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/2235, ir-rekwiżit li jiġi indikat in-numru tal-approvazzjoni tal-istabbiliment ta' oriġini tal-prodotti tal-ħalib li jinsabu fil-prodotti komposti li jgħaddu mill-Unjoni jenħtieġ li jitħassar peress li l-Unjoni mhijiex destinazzjoni finali ta' dawk il-prodotti komposti. Għalhekk, jeħtieġ li l-Kapitolu 52 tal-Anness III tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/2235 jiġi emendat skont dan.

(4) Għalhekk, l-Anness III tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/2235 jenħtieġ li jiġi emendat skont dan.

(5) Sabiex jiġi evitat kwalunkwe tfixkil tal-kummerċ fir-rigward tad-dħul fl-Unjoni u għat-tranżitu minnha ta' kunsinni ta' ċerti prodotti komposti, l-użu taċ-ċertifikati maħruġa f'konformità mar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/2235, kif applikabbli qabel l-emendi li saru b'dan ir-Regolament, jenħtieġ li jkomplu jiġu awtorizzati matul perjodu ta' tranżizzjoni soġġett għal ċerti kundizzjonijiet.

(6) Billi r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/2235 japplika mill-21 ta' April 2021, fl-interess taċ-ċertezza ġuridika, u għall-faċilitazzjoni tan-negozju, jenħtieġ li l-emendi li jridu jsiru fir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/2235 b'dan ir-Regolament isiru effettivi b'urġenza.

(7) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-Anness III tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/2235 huwa emendat f'konformità mal-Anness ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Għal perjodu ta' tranżizzjoni sal-15 ta' April 2023, il-kunsinni ta' ċerti prodotti komposti, akkumpanjati miċ-ċertifikati xierqa, maħruġa f'konformità mal-mudelli stabbiliti fil-Kapitoli 50 u 52 tal-Anness III tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/2235, kif applikabbli qabel l-emendi li saru lil dak ir-Regolament ta' Implimentazzjoni b'dan ir-Regolament, għandhom ikomplu jiġu awtorizzati għad-dħul fl-Unjoni u għat-tranżitu minnha dment li ċ-ċertifikat ikun inħareġ mhux aktar tard mill-15 ta' Jannar 2023.

*Artikolu 3*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-14 ta' Lulju 2022.

*Għall-Kummissjoni*
*Il-President*
Ursula VON DER LEYEN

*ANNESS*

L-Anness III tar-Regolament ta’ Implimentazzjoni (UE) 2020/2235 huwa emendat kif ġej:

(1) Il-Kapitolu 50 huwa sostitwit b’dan li ġej:

“KAPITOLU 50

**MUDELL TAĊ-ĊERTIFIKAT TAS-SAĦĦA TAL-ANNIMALI/UFFIĊJALI GĦAD-DĦUL FL-UNJONI TA’ PRODOTTI KOMPOSTI MHUX STABBLI FUQ L-IXKAFFA U TA’ PRODOTTI KOMPOSTI LI HUMA STABBLI FUQ L-IXKAFFA, LI FIHOM KWALUNKWE KWANTITÀ TA’ PRODOTTI TAL-LAĦAM MINBARRA L-ĠELATINA, IL-KOLLAĠEN U PRODOTTI RAFFINATI ĦAFNA, U MAĦSUBA GĦALL-KONSUM MILL-BNIEDEM (MUDELL COMP)**

| PAJJIŻ | | Ċertifikat tas-saħħa tal-annimali/uffiċjali lill-UE | |
|---|---|---|---|
| **Parti I: Deskrizzjoni tal-kunsinna** | **I.1 Konsenjatur/Esportatur**<br>Isem<br>Indirizz<br>Pajjiż — Kodiċi ISO tal-pajjiż | **I.2 Referenza taċ-ċertifikat** | **I.2a Referenza tal-IMSOC** |
| | | **I.3 Awtorità Kompetenti Ċentrali** | **KODIĊI QR** |
| | | **I.4 Awtorità Kompetenti Lokali** | |
| | **I.5 Konsenjatarju/Importatur**<br>Isem<br>Indirizz<br>Pajjiż — Kodiċi ISO tal-pajjiż | **I.6 Operatur responsabbli għall-kunsinna**<br>Isem<br>Indirizz<br>Pajjiż — Kodiċi ISO tal-pajjiż | |
| | **I.7 Pajjiż tal-oriġini** — Kodiċi ISO tal-pajjiż | **I.9 Pajjiż tad-destinazzjoni** — Kodiċi ISO tal-pajjiż | |
| | **I.8 Reġjun tal-oriġini** — Kodiċi | **I.10 Reġjun tad-destinazzjoni** — Kodiċi | |
| | **I.11 Post tad-dispaċċ**<br>Isem — Nru tar-Reġistrazzjoni/tal-Approvazzjoni<br>Indirizz<br>Pajjiż — Kodiċi ISO tal-pajjiż | **I.12 Post tad-destinazzjoni**<br>Isem — Nru tar-Reġistrazzjoni/tal-Approvazzjoni<br>Indirizz<br>Pajjiż — Kodiċi ISO tal-pajjiż | |
| | **I.13 Post tat-tagħbija** | **I.14 Data u ħin tat-tluq** | |
| | **I.15 Mezz tat-trasport**<br>☐ Inġenju tal-ajru ☐ Bastiment<br>☐ Ferrovija ☐ Vettura tat-triq<br>Identifikazzjoni | **I.16 Post ta’ Kontroll fuq il-Fruntiera tad-Dħul** | |
| | | **I.17 Dokumenti ta’ akkumpanjament**<br>Tip — Kodiċi<br>Pajjiż — Kodiċi ISO tal-pajjiż<br>Referenza tad-dokument kummerċjali | |
| | **I.18 Kundizzjonijiet tat-trasport** ☐ Ambjentali | ☐ Imkessħa | ☐ Iffriżati |
| | **I.19 Numru tal-kontenitur/Numru tas-siġill**<br>Nru tal-kontenitur | Nru tas-siġill | |
| | **I.20 Ċertifikat bħala jew għal**<br>☐ Prodotti għall-konsum mill-bniedem | | |
| | **I.21** | **I.22** ☐ **Għas-suq intern** | |
| | | **I.23** | |

| **I.24 Għadd totali ta' pakketti** | | **I.25 Kwantità totali** | **I.26 Piż nett/piż gross totali (f'kg)** | |
|---|---|---|---|---|
| **I.27 Deskrizzjoni tal-kunsinna** | | | | |
| Kodiċi NM | | | | Kwantità |
| | Maħżen imkessaħ | | Tip ta' imballaġġ | Piż nett |
| Biċċerija | Tip ta' trattament | Natura tal-komodità | Għadd ta' pakketti | Nru tal-lott |
| ☐ Konsumatur finali | Data tal-ġbir/tal-produzzjoni | Impjant tal-manifattura | | |

**PAJJIŻ** **Mudell taċ-ċertifikat COMP**

Parti II: Ċertifikazzjoni

| II. Informazzjoni dwar is-Saħħa | II.a | Referenza taċ-ċertifikat | II.b | Referenza tal-IMSOC |
|---|---|---|---|---|

Jien, hawn taħt iffirmat, b'dan niċċertifika li:

II.1. Jien konxju tar-rekwiżiti rilevanti tar-Regolament (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [(A)], tar-Regolament (KE) Nru 852/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [(B)] tar-Regolament (KE) Nru 853/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [(C)], tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [(D)], tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1881/2006 [(E)], tar-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [(F)], tar-Regolamenti Delegati tal-Kummissjoni (UE) 2019/624 [(G)] u (UE) 2019/625 [(H)], tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/627 [(I)] u tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/163/UE [(J)].

II.2. Il-prodotti komposti deskritti fil-Parti I:

(a) jikkonformaw mal-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 852/2004, b'mod partikolari ġejjin minn stabbiliment(i) li jimplimenta(w) programm ibbażat fuq il-prinċipji tal-analiżi tal-perikli u punti kritiċi ta' kontroll (HACCP), awditjat(i) regolarment mill-awtoritajiet kompetenti;

(b) jikkonformaw mal-Artikolu 6(1), il-punt (b) tar-Regolament (KE) Nru 853/2004 dwar l-oriġini tal-prodotti ta' oriġini mill-annimali użati fil-produzzjoni tagħhom;

(c) ġew prodotti f'konformità mar-rekwiżiti imsemmija fil-punt II.1.;

(d) jissodisfaw il-garanziji li jkopru l-annimali ħajjin u l-prodotti tagħhom ipprovduti mill-pjanijiet dwar ir-residwi li ġew sottomessi f'konformità mal-Artikolu 29 tad-Direttiva tal-Kunsill 96/23/KE [(K)];

(e) fihom prodotti pproċessati ta' oriġini mill-annimali li kienu prodotti fl-istabbilimenti li jinsabu fl-Istati Membri tal-UE jew fil-pajjiżi terzi awtorizzati għad-dħul fl-Unjoni Ewropea ta' dawk il-prodotti pproċessati ta' oriġini mill-annimali;

(f) ġew prodotti taħt kundizzjonijiet li jiggarantixxu l-konformità mal-livelli massimi ta' residwi għall-pestiċidi stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 396/2005, u mal-livelli massimi għall-kontaminanti stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 1881/2006.

II.3. Il-prodotti komposti [(2)] deskritti fil-Parti I fihom:

[(1)] *jew* [**II.3.A. Prodotti tal-laħam** [(3)] fi kwalunkwe kwantità, minbarra l-ġelatina, il-kollaġen u prodotti raffinati ħafna msemmija fl-Anness III, it-Taqsima XVI tar-Regolament (KE) Nru 853/2004, li:

1) jissodisfaw ir-rekwiżiti tas-saħħa tal-annimali stabbiliti fir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/692 [(L)] u fihom il-kostitwenti tal-laħam li ġejjin li huma eliġibbli għad-dħul fl-Unjoni bħala tali u li jissodisfaw il-kriterji li ġejjin:

| Speċijiet [(4)] | Trattament [(5)] | Oriġini [(6)] | Stabbiliment(i) approvat(i) [(7)] |
|---|---|---|---|

**PAJJIŻ** **Mudell taċ-ċertifikat COMP**

(1) [2) joriġinaw minn:

(1) *jew* [l-istess pajjiż bħall-pajjiż tal-oriġini msemmi fil-Kaxxa I.7;]

(1) *u/jew* [Stat Membru;]

(1) *u/jew* [żona bil-kodiċi …… …………….. awtorizzata għad-dħul fl-Unjoni ta' prodotti tal-laħam mhux meħtieġa li jgħaddu minn trattament speċifiku għall-mitigazzjoni tar-riskju kif stabbilit fl-Anness XV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/404 (M) bit-trattament assenjat A, u ż-żona fejn ġie prodott il-prodott kompost huwa awtorizzat ukoll għad-dħul fl-Unjoni ta' prodotti tal-laħam trattati bit-trattament assenjat A.]] (8)

(1)[3) jekk fihom materjal minn annimali bovini, ovini jew kaprini, fir-rigward tal-enċefalopatija sponġiformi bovina (BSE):

(1) *jew* [il-pajjiż jew ir-reġjun tal-oriġini huwa kklassifikat f'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/453/KE (N) bħala pajjiż jew reġjun li jirrappreżenta riskju negliġibbli ta' BSE,

(1) *u/jew* [l-annimali, li minnhom ġew derivati l-prodotti tal-laħam, twieldu, trabbew kontinwament u tbiċċru f'pajjiż jew f'reġjun ikklassifikat f'konformità mad-Deċiżjoni 2007/453/KE bħala pajjiż jew reġjun li jirrappreżenta riskju BSE negliġibbli fejn ma kien hemm l-ebda każ indiġenu ta' BSE;]

(1) *u/jew* [l-annimali, li minnhom ġew derivati l-prodotti tal-laħam joriġinaw minn pajjiż jew minn reġjun ikklassifikat f'konformità mad-Deċiżjoni 2007/453/KE bħala pajjiż jew reġjun li jirrappreżenta riskju negliġibbli ta' BSE fejn kien hemm mill-inqas każ indiġenu wieħed ta' BSE, u l-prodotti tal-laħam ma fihomx u ma ġewx derivati minn laħam separat mekkanikament miksub minn għadam ta' annimali bovini, ovini u kaprini;]

(1) *u/jew* [l-annimali li minnhom ġew derivati l-prodotti tal-laħam joriġinaw minn pajjiż jew minn reġjun ikklassifikat f'konformità mad-Deċiżjoni 2007/453/KE bħala pajjiż jew reġjun li jirrappreżenta riskju kkontrollat ta' BSE u:

(i) il-prodotti tal-laħam ma fihomx u ma ġewx derivati minn materjal speċifikat riskjuż kif definit fil-punt 1 tal-Anness V tar-Regolament (KE) Nru 999/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (O);

(ii) il-prodotti tal-laħam ma fihomx u mhumiex derivati minn laħam separat mekkanikament, miksub mill-għadam ta' annimali bovini, ovini u kaprini;

(iii) l-annimali li minnhom huma derivati l-prodotti tal-laħam ma tbiċċrux wara sturdament permezz ta' gass injettat fil-kavità kranjali u lanqas ma nqatlu bl-istess metodu jew tbiċċru b'laċerazzjoni wara sturdament tat-tessut tas-sistema nervuża ċentrali permezz ta' strument imtawwal forma ta' virga mdaħħal fil-kavità kranjali;]

**PAJJIŻ** **Mudell taċ-ċertifikat COMP**

| | |
|---|---|
| | [1] *u/jew* [l-annimali li minnhom ġew derivati l-prodotti tal-laħam joriġinaw minn pajjiż jew minn reġjun ikklassifikat f'konformità mad-Deċiżjoni 2007/453/KE bħala pajjiż jew reġjun li jirrappreżenta riskju indeterminat ta' BSE, u:<br>(i) il-prodotti tal-laħam ma fihomx u ma ġewx derivati minn materjal speċifikat riskjuż kif iddefinit fl-Anness V, il-punt 1 tar-Regolament (KE) Nru 999/2001;<br>(ii) il-prodotti tal-laħam ma fihomx u mhumiex derivati minn laħam separat mekkanikament, miksub mill-għadam ta' annimali bovini, ovini u kaprini;<br>(iii) l-annimali li minnhom huma derivati l-prodotti tal-laħam ma tbiċċrux wara sturdament permezz ta' gass injettat fil-kavità kranjali u lanqas ma nqatlu bl-istess metodu jew tbiċċru b'laċerazzjoni wara sturdament tat-tessut tas-sistema nervuża ċentrali permezz ta' strument imtawwal forma ta' virga mdaħħal fil-kavità kranjali;<br>(iv) l-annimali li minnhom huma derivati l-prodotti tal-laħam ma ġewx mitmugħa frakass tal-fdal tal-laħam u tal-għadam jew qrieqeċ, kif definit fil-Kodiċi tas-Saħħa tal-Annimali Terrestri tal-Organizzazzjoni Dinjija għas-Saħħa tal-Annimali [P];<br>(v) il-prodotti tal-laħam ġew prodotti u mmaniġġjati b'tali mod li jiżgura li ma fihomx u ma ġewx ikkontaminat b'tessuti nervużi u limfatiċi esposti waqt il-proċess tad-dissussar;]]<br>[1] *u/jew* [il-pajjiż jew ir-reġjun tal-oriġini huwa kklassifikat f'konformità mad-Deċiżjoni 2007/453/KE bħala pajjiż jew reġjun li jirrappreżenta riskju kkontrollat ta' BSE, u<br>(a) l-annimali li minnhom huma derivati l-prodotti tal-laħam ma tbiċċrux wara sturdament permezz ta' gass injettat fil-kavità kranjali u lanqas ma nqatlu bl-istess metodu jew tbiċċru b'laċerazzjoni wara sturdament tat-tessut tas-sistema nervuża ċentrali permezz ta' strument imtawwal forma ta' virga mdaħħal fil-kavità kranjali;<br>[1] *jew* [(b) il-prodotti tal-laħam ma fihomx u ma ġewx derivati minn:<br>(i) materjal speċifikat riskjuż kif definit fl-Anness V, il-punt 1 tar-Regolament (KE) Nru 999/2001;<br>(ii) laħam separat mekkanikament miksub minn għadam ta' annimali bovini, ovini u kaprini.]<br>[1] *jew* [(b) il-prodotti tal-laħam fihom u ġew derivati minn intestini trattati miġjuba minn annimali li twieldu, trabbew kontinwament u tbiċċru f'pajjiż jew f'reġjun ikklassifikat f'konformità mad-Deċiżjoni 2007/453/KE bħala pajjiż jew reġjun li jirrappreżenta riskju negliġibbli ta' BSE fejn ma kien hemm l-ebda każ indiġenu ta' BSE;] |

**PAJJIŻ** **Mudell taċ-ċertifikat COMP**

[1] *jew* [(b) il-prodotti tal-laħam fihom u ġew derivati minn intestini trattati miġjuba minn annimali li joriġinaw minn pajjiż jew minn reġjun ikklassifikat f'konformità mad-Deċiżjoni 2007/453/KE bħala pajjiż jew reġjun li jirrappreżenta riskju negliġibbli ta' BSE fejn kien hemm mill-inqas każ indiġenu wieħed ta' BSE, u:

[1] *jew* [(i) l-annimali twieldu wara d-data li minnha ġiet infurzata l-projbizzjoni fuq it-tagħlif tar-ruminanti bil-frakass tal-fdal tal-laħam u tal-għadam u ta' qrieqeċ derivati mir-ruminanti;]

[1] *jew* [(ii) l-intestini trattati ta' oriġini minn annimali bovini, ovini u kaprini ma fihomx u ma ġewx derivati minn materjal speċifikat riskjuż kif definit fl-Anness V, il-punt 1 tar-Regolament (KE) Nru 999/2001;]]

[1] *jew* [(c) l-annimali li minnhom huma derivati l-prodotti tal-laħam, joriġinaw minn pajjiż jew minn reġjun ikklassifikat f'konformità mad-Deċiżjoni 2007/453/KE bħala pajjiż jew reġjun li jirrappreżenta riskju negliġibbli jew ikkontrollat ta' BSE;]

[1] *jew* [(c) l-annimali li minnhom ġew derivati l-prodotti tal-laħam joriġinaw minn pajjiż jew minn reġjun ikklassifikat f'konformità mad-Deċiżjoni 2007/453/KE bħala pajjiż jew reġjun li jirrappreżenta riskju indeterminat ta' BSE, u

(i) l-annimali li minnhom huma derivati l-prodotti tal-laħam ma ġewx mitmugħa frakass tal-fdal tal-laħam u tal-għadam jew qrieqeċ, kif definit fil-Kodiċi tas-Saħħa tal-Annimali Terrestri tal-Organizzazzjoni Dinjija għas-Saħħa tal-Annimali;

(ii) il-prodotti tal-laħam ġew prodotti u mmaniġġjati b'tali mod li jiżgura li ma fihomx u ma ġewx ikkontaminat b'tessuti nervużi u limfatiċi esposti waqt il-proċess tad-dissussar;]]

[1] *u/jew* [il-pajjiż jew ir-reġjun tal-oriġini huwa kklassifikat f'konformità mad-Deċiżjoni 2007/453/KE bħala pajjiż jew reġjun li jirrappreżenta riskju indeterminat ta' BSE, u

(a) l-annimali li minnhom ġew derivati l-prodotti tal-laħam:

(i) ma tbiċċrux wara sturdament permezz ta' gass injettat fil-kavità kranjali u lanqas ma nqatlu bl-istess metodu jew ma tbiċċrux b'laċerazzjoni wara sturdament tat-tessut tas-sistema nervuża ċentrali permezz ta' strument imtawwal forma ta' virga mdaħħal fil-kavità kranjali;

(ii) ma ġewx mitmugħa frakass tal-fdal tal-laħam u tal-għadam jew qrieqeċ minn ruminanti, kif definit fil-Kodiċi tas-Saħħa tal-Annimali Terrestri tal-Organizzazzjoni Dinjija għas-Saħħa tal-Annimali;

[1] *jew* [(b) il-prodotti tal-laħam ma fihomx u ma ġewx derivati minn:

(i) materjal speċifikat riskjuż kif definit fl-Anness V, il-punt 1 tar-Regolament (KE) Nru 999/2001;

(ii) laħam separat mekkanikament miksub minn għadam ta' annimali bovini, ovini u kaprini;

(iii) tessuti nervużi u limfatiċi esposti matul il-proċess tad-dissussar;]

**PAJJIŻ** **Mudell taċ-ċertifikat COMP**

(1) *jew* [(b) il-prodotti tal-laħam fihom u ġew derivati minn intestini trattati miġjuba minn annimali li twieldu, trabbew kontinwament u tbiċċru f'pajjiż jew f'reġjun ikklassifikat f'konformità mad-Deċiżjoni 2007/453/KE bħala pajjiż jew reġjun li jirrappreżenta riskju negliġibbli ta' BSE fejn ma kien hemm l-ebda każ indiġenu ta' BSE;]

(1) *jew* [(b) il-prodotti tal-laħam fihom u ġew derivati minn intestini trattati miġjuba minn annimali li joriġinaw minn pajjiż jew minn reġjun ikklassifikat f'konformità mad-Deċiżjoni 2007/453/KE bħala pajjiż jew reġjun li jirrappreżenta riskju negliġibbli ta' BSE fejn kien hemm mill-inqas każ indiġenu wieħed ta' BSE, u:

(1) *jew* [(i) l-annimali twieldu wara d-data li minnha ġiet infurzata l-projbizzjoni fuq it-tagħlif tar-ruminanti bil-frakass tal-fdal tal-laħam u tal-għadam u ta' qrieqeċ derivati mir-ruminanti;]

(1) *jew* [(i) l-intestini trattati ta' oriġini minn annimali bovini, ovini u kaprini ma fihomx u ma ġewx derivati minn materjal speċifikat riskjuż kif definit fil-punt 1 tal-Anness V tar-Regolament (KE) Nru 999/2001.]]]]]

(1) *u/jew* [**II.3.B. Prodott tal-ħalib jew prodotti bbażati fuq il-kolostru** (9) fi kwalunkwe kwantità li jissodisfaw ir-rekwiżiti dwar is-saħħa tal-annimali stabbiliti fir-Regolament Delegat (UE) 2020/692 u li għalhekk huma eliġibbli għad-dħul fl-Unjoni bħala tali, u:

(a) ġew prodotti:

(1) *jew* [fiż-żona bil-kodiċi …… …………….. kif elenkata fl-Anness XVII, il-Parti 1 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 li kienet ħielsa mill-marda tal-ilsien u d-dwiefer u mill-infezzjoni bil-virus tal-pesta bovina għall-perjodu ta' mill-inqas 12-il xahar qabel id-data tal-ħlib u, matul dak il-perjodu, ma twettaq l-ebda tilqim kontra dak il-mard;]

(1) *u/jew* [fiż-żona bil-kodiċi …… …………….. kif elenkata fl-Anness XVIII, il-Parti 1 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 u t-trattament applikat jikkonforma mat-trattament minimu previst fl-Artikolu 157 u fl-Anness XXVII tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692;]

(1) *u/jew* [Stat Membru;]

*u* l-istabbiliment(i) ………………………………….. (numru tal-approvazzjoni tal-istabbiliment(i) ta' oriġini tal-prodotti tal-ħalib jew tal-prodotti bbażati fuq il-kolostru li jinsabu fil-prodott kompost awtorizzati fid-data tal-produzzjoni għad-dħul fl-Unjoni tal-prodotti tal-ħalib jew tal-prodotti bbażati fuq il-kolostru);

**PAJJIŻ** **Mudell taċ-ċertifikat COMP**

(b) joriġinaw fi:

[1] *jew* [l-istess pajjiż bħall-pajjiż imsemmi fil-Kaxxa I.7;]

[1] *u/jew* [Stat Membru;]

[1] *u/jew* [żona bil-kodiċi …… …………….. awtorizzata għad-dħul fl-Unjoni ta' ħalib, ta' kolostru, ta' prodotti tal-ħalib u ta' prodotti bbażati fuq il-kolostru fl-Anness XVII, il-Parti 1 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404, u ż-żona li fiha ġie prodott il-prodott kompost tkun awtorizzata wkoll, taħt l-istess kundizzjonijiet, għad-dħul fl-Unjoni ta' ħalib, ta' kolostru, ta' prodotti tal-ħalib u ta' prodotti bbażati fuq il-kolostru u elenkata fil-Parti 1 ta' dak l-Anness;]

[1] [(c) huma prodotti tal-ħalib magħmulin minn ħalib nej meħud minn:

[1] *jew* [*Bos Taurus*] [1], [*Ovis aries*] [1], [*Capra hircus*] [1], [*Bubalus bubalis*] [1], [*Camelus dromedarius*] [1] u qabel id-dispaċċ lejn l-Unjoni għaddew jew ġew prodotti minn ħalib mhux ipproċessat li għadda minn:

[1] [10] *jew* [trattament ta' pastorizzazzjoni li jinvolvi trattament wieħed bis-sħana b'effett ta' tisħin mill-inqas ekwivalenti għal dak miksub minn proċess ta' pastorizzazzjoni ta' mill-inqas 72 °C għal 15-il sekonda u, fejn applikabbli, biżżejjed sabiex jiżgura reazzjoni negattiva għal test tal-fosfatażi alkalina applikat immedjatament wara t-trattament bis-sħana;]

[1] *jew* [proċess ta' sterilizzazzjoni, sabiex jinkiseb valur $F_o$ ta' 3 jew akbar;]

[1] *jew* [trattament f'temperatura ultragħolja (UHT) ta' mhux anqas minn 135 °C flimkien ma' ħin adattat ta' żamma;]

[1] *jew* [trattament ta' pastorizzazzjoni b'temperatura għolja u f'ħin qasir (HTST) fi 72 °C għal 15-il sekonda applikat darbtejn għall-ħalib b'pH ta' 7,0 jew aktar li jikseb, fejn applikabbli, reazzjoni negattiva għal test tal-fosfatażi alkalina, applikat minnufih wara t-trattament bis-sħana;]

[1] *jew* [trattament ta' pastorizzazzjoni HTST tal-ħalib b'pH ta' inqas minn 7,0;]

[1] *jew* [trattament ta' pastorizzazzjoni HTST flimkien ma' trattament fiżiku ieħor billi:

[1] *jew* [jitnaqqas il-pH taħt 6 għal siegħa;]

[1] *jew* [isir tisħin addizzjonali għal 72 °C jew aktar, flimkien ma' dessikazzjoni;]]]

[1] *jew* annimali għajr *Bos Taurus, Ovis aries, Capra hircus, Bubalus bubalis* u *Camelus dromedarius* u qabel id-dispaċċ lejn l-Unjoni għaddew jew ġew prodotti minn ħalib mhux ipproċessat li għadda minn:

[1] *jew* [proċess ta' sterilizzazzjoni, sabiex jinkiseb valur $F_o$ ta' 3 jew akbar;]

[1] *jew* [trattament f'temperatura ultragħolja (UHT) ta' mhux anqas minn 135 °C flimkien ma' ħin adattat ta' żamma;]]]

**PAJJIŻ** **Mudell taċ-ċertifikat COMP**

(1) [(d) huma prodotti bbażati fuq il-kolostru u ġejjin minn żona elenkata fl-Anness XVII, il-Parti 1 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 għad-dħul fl-Unjoni ta' ħalib mhux ipproċessat, ta' kolostru u ta' prodotti bbażati fuq il-kolostru.]

(1) *u/jew* [**II.3.C. Prodotti tas-sajd** li joriġinaw mill-istabbiliment approvat Nru …………… (11) li jinsab fil-pajjiż …………… (12).]

(1) *u/jew* [**II.3.D. Prodott tal-bajd** li:

II.3.D.1. joriġinaw minn:

(1) *jew* [iż-żona bil-kodiċi …… …………….. (13). li fid-data tal-ħruġ ta' dan iċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali/uffiċjali hija elenkata fl-Anness XIX, il-Parti 1 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/404 għad-dħul fl-Unjoni ta' prodotti tal-bajd u tapplika programm ta' sorveljanza tal-mard għall-influwenza avjarja b'patoġeniċità għolja li jikkonforma mar-rekwiżiti msemmija fl-Artikolu 160 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/692;]

(1) *u/jew* [Stat Membru;]

II.3.D.2. ġew prodotti minn bajd li ġej minn stabbiliment li jissodisfa r-rekwiżiti tal-Anness III, it-Taqsima X tar-Regolament (KE) Nru 853/2004 li fih, matul il-perjodu ta' mill-inqas 30 jum qabel id-data tal-ġbir tal-bajd, ma seħħet l-ebda tifqigħa tal-influwenza tat-tjur b'patoġeniċità għolja u tal-infezzjoni bil-virus tal-marda ta' Newcastle, u:

(1) *jew* [(a) fi ħdan raġġ ta' 10 km minnu, inkluż, fejn xieraq, it-territorju ta' pajjiż ġar, ma tkun seħħet l-ebda tifqigħa ta' influwenza tat-tjur b'patoġeniċità għolja matul il-perjodu ta' mill-inqas 30 jum qabel id-data tal-ġbir tal-bajd;]

(1) *jew* [(a) il-prodotti tal-bajd għaddew mit-trattament li ġej:

(1) *jew* [l-abjad tal-bajd likwidu ġie ttrattat:

(1) *jew* [b'55,6 °C għal 870 sekonda;]

(1) *jew* [b'56,7 °C għal 232 sekonda;]]

(1) *jew* [10 % tal-isfar tal-bajd immellaħ ġie ttrattat b'62,2 °C għal 138 sekonda;]

(1) *jew* [l-abjad tal-bajd imnixxef ġie ttrattat:

(1) *jew* [b'67 °C għal 20 siegħa;]

(1) *jew* [b'54,4 °C għal 50,4 siegħa;]]

(1) *jew* [il-bajd sħiħ:

(1) *jew* [ġie ttratat b'temperatura ta' 60 °C għal 188 sekonda;]

(1) *jew* [issajjar għalkollox;]]

**PAJJIŻ** **Mudell taċ-ċertifikat COMP**

(1) *jew* [it-taħlitiet tal-bajd sħiħ:

(1) *jew* [ġew ittrattati b'temperatura ta' 60 °C għal 188 sekonda;]

(1) *jew* [ġew ittrattati b'temperatura ta' 61,1 °C għal 94 sekonda;]]

(1) *jew* [issajru għalkollox;]]]

(1) *jew* [(b) li fi ħdan raġġ ta' 10 km minnu, inkluż, fejn xieraq, it-territorju ta' pajjiż ġar, ma tkun seħħet l-ebda tifqigħa ta' infezzjoni bil-virus tal-marda ta' Newcastle matul il-perjodu ta' mill-inqas 30 jum qabel id-data tal-ġbir tal-bajd;]

(1) *jew* [(b) il-prodotti tal-bajd għaddew mit-trattament li ġej:

(1) *jew* [l-abjad tal-bajd likwidu ġie ttrattat:

(1) *jew* [b'temperatura ta' 55 °C għal 2 278 sekonda.]

(1) *jew* [b'temperatura ta' 57 °C għal 986 sekonda.]

(1) *jew* [b'temperatura ta' 59 °C għal 301 sekonda.]]

(1) *jew* [10 % tal-isfar tal-bajd immellaħ ġie ttrattat b'55 °C għal 176 sekonda.]

(1) *jew* [l-abjad tal-bajd imnixxef ġie ttrattat b'57 °C għal 50,4 siegħa.]

(1) *jew* [il-bajd sħiħ:

(1) *jew* [ġie ttrattat b'temperatura ta' 55 °C għal 2 521 sekonda.]

(1) *jew* [ġie ttrattat b'temperatura ta' 57 °C għal 1 596 sekonda.]

(1) *jew* [ġie ttrattat b'temperatura ta' 59 °C għal 674 sekonda.]

(1) *jew* [issajjar għalkollox.]]]

**Noti**

F'konformità mal-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 5(4) tal-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq flimkien mal-Anness 2 ta' dak il-Protokoll, ir-referenzi għall-Unjoni Ewropew f'dan iċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali jinkludu lir-Renju Unit fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq.

Dan iċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali/uffiċjali għandu jimtela f'konformità man-noti għall-mili taċ-ċertifikati previsti fl-Anness I, il-Kapitolu 4 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/2235.

**Parti I:**

Kaxxa ta' referenza I.7: Daħħal il-kodiċi ISO tal-pajjiż tal-oriġini tal-prodott kompost li fih il-prodott tal-laħam elenkat fl-Anness XV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 jew fl-Anness VII tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/405[A], u/jew għall-prodotti pproċessati bbażati fuq il-kolostru elenkati fl-Anness XVII tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404, u/jew għall-prodotti tal-ħalib ipproċessati elenkati fl-Anness XVIII jew XVII tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 jew fl-Anness X tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/405, u/jew għall-prodotti tas-sajd elenkati fl-Anness IX tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/405, u/jew għall-prodotti tal-bajd elenkati fil-Parti 1 tal-Anness XIX tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404.

A Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/405 tat-24 ta' Marzu 2021 li jistabbilixxi l-listi ta' pajjiżi terzi jew reġjuni tagħhom li minnhom huwa awtorizzat id-dħul fl-Unjoni ta' ċerti annimali u oġġetti maħsuba għall-konsum mill-bniedem f'konformità mar-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 114, 31.3.2021, p. 118).

**PAJJIŻ** **Mudell taċ-ċertifikat COMP**

Kaxxa ta’ referenza I.11: L-isem, l-indirizz u n-numru tar-reġistrazzjoni/tal-approvazzjoni (jekk ikunu disponibbli) tal-istabbiliment(i) tal-produzzjoni tal-prodott(i) kompost(i). Isem il-pajjiż tad-dispaċċ irid ikun l-istess bħall-pajjiż tal-oriġini fil-Kaxxa I.7.

Kaxxa ta’ referenza I.15: Għandu jingħata n-numru tar-reġistrazzjoni (vaguni ta’ ferrovija jew container u vetturi tat-triq), in-numru tat-titjira (inġenju tal-ajru) jew l-isem (bastiment). Fil-każ ta’ ġarr f’kontenituri, in-numru ta’ reġistrazzjoni tagħhom u fejn hemm numru tas-serje tas-siġill irid jiġi indikat fil-Kaxxa I.19. Fil-każ tal-ħatt u tat-tagħbija mill-ġdid, il-konsenjatur irid jinforma lill-post ta’ kontroll fuq il-fruntiera tad-dħul fl-Unjoni.

Kaxxa ta’ referenza I.19: Fil-każ ta’ kontenituri jew kaxex, irid jiġi inkluż in-numru tal-kontenitur u n-numru tas-siġill (fejn applikabbli).

Kaxxa ta’ referenza I.27: Uża l-kodiċi xieraq tas-Sistema Armonizzata (SA) tal-Organizzazzjoni Dinjija Doganali bħal: 1517, 1518, 1601 00, 1602, 1603 00, 1604, 1605, 1702, 1704, 1806, 1901, 1902, 1904, 1905, 2001, 2004, 2005, 2101, 2103, 2104, 2105 00, 2106, 2202, 2208.

Deskrizzjoni tal-kunsinna:

“*Impjant tal-manifattura*”: Daħħal l-isem u n-numru tal-approvazzjoni (jekk disponibbli) tal-istabbiliment(i) tal-produzzjoni tal-prodott(i) kompost(i).

“*Natura tal-komodità*”: Fil-każ ta’ prodotti komposti li jkun fihom prodotti tal-laħam, indika “prodotti tal-laħam”. Fil-każ ta’ prodotti komposti li jkun fihom prodotti tal-ħalib, indika “prodotti tal-ħalib”. Fil-każ ta’ prodotti komposti li jkun fihom prodotti bbażati fuq il-kolostru, indika “prodotti bbażat fuq il-kolostru”. Fil-każ ta’ prodotti komposti li jkun fihom prodotti tas-sajd, speċifika huwiex ta’ oriġini mill-akkwakultura jew mill-baħar ħieles. Fil-każ ta’ prodotti komposti li jkun fihom prodotti tal-bajd, indika “prodotti tal-bajd”.

**Parti II:**

(1) Żomm kif meħtieġ.

(2) Il-prodotti komposti għandhom jitħallew jidħlu fl-Unjoni biss jekk il-prodotti ta’ oriġini mill-annimali li jkun fihom ikunu nkisbu wara d-data tal-awtorizzazzjoni tal-pajjiż terz jew territorju, jew żona tiegħu, fejn il-prodotti ta’ oriġini mill-annimali jkunu ġew prodotti għad-dħul fl-Unjoni tal-ispeċijiet u l-kategoriji speċifiċi ta’ prodotti ta’ oriġini mill-annimali, jew waqt perjodu fejn il-miżuri ta’ restrizzjoni b’rabta mas-saħħa tal-annimali meħuda mill-Unjoni Ewropea ma’ kinux fis-seħħ kontra d-dħul ta’ dawk il-prodotti minn dak il-pajjiż terz jew territorju, jew żona tiegħu, jew matul perjodu fejn l-awtorizzazzjoni ta’ dak il-pajjiż terz jew territorju, jew żona tiegħu għad-dħul fl-Unjoni ta’ dawk il-prodotti ma kinitx sospiża.

(3) Prodotti tal-laħam kif definit fl-Anness I, il-punt 7.1 tar-Regolament (KE) Nru 853/2004.

(4) Daħħal il-kodiċi għall-ispeċi rilevanti tal-prodott tal-laħam fejn BOV = annimali bovini domestiċi (*Bos taurus, Bison bison, Bubalus bubalis* u r-razez inkroċjati tagħhom); OVI = nagħaġ domestiċi (*Ovis aries*) u mogħoż (*Capra hircus*); EQU = annimali ekwini domestiċi (*Equus caballus, Equus asinus* u r-razez inkroċjati tagħhom); POR = annimali porċini domestiċi (*Sus scrofa*); RM = fniek imrobbija; POU = tjur domestiku; RAT = ratiti; RUF= annimali tal-familja *Bovidae* (għajr annimali bovini, ovini u kaprini domestiċi), annimali kamelidi u annimali ċervidi miżmuma bħala kaċċa mrobbija; RUW = annimali selvaġġi tal-familja *Bovidae* (għajr annimali bovini, ovini u kaprini domestiċi), annimali selvaġġi kamelidi u annimali selvaġġi ċervidi; SUF = annimali miżmuma bħala kaċċa mrobbija ta’ razez selvaġġi ta’ annimali porċini u annimali tal-familja *Tayassuidae*; SUW = annimali selvaġġi ta’ razez selvaġġi ta’ annimali porċini u annimali selvaġġi tal-familja *Tayassuidae*; EQW = solipedi tal-kaċċa selvaġġa; WL = leporidae selvaġġi; WM = mammiferi tal-art selvaġġi għajr l-ungulati u l-leporidae; GBM = għasafar tal-kaċċa.

**PAJJIŻ** **Mudell taċ-ċertifikat COMP**

(5) Daħħal A, B, C, D, E jew F għat-trattament meħtieġ kif speċifikat u definit fl-Anness XV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404.

(6) Daħħal il-kodiċi taż-żona tal-oriġini tal-prodott tal-laħam kif jidher fl-Anness XV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 jew "UE" għall-prodotti tal-laħam li joriġinaw mill-Istati Membri.

(7) Daħħal in-numru tal-approvazzjoni tal-UE tal-istabbilimenti ta' oriġini tal-prodotti tal-laħam li jinsabu fil-prodott kompost.

(8) Ħassar jekk il-prodotti tal-laħam jinkisbu minn EQU, EQW, WL, RM jew WM jew kif definiti fin-nota (4) f'qiegħ il-paġna.

(9) "Prodotti tal-ħalib" tfisser prodotti tal-ħalib għall-konsum mill-bniedem kif definit fl-Anness I, il-punti 7.2 tar-Regolament (KE) Nru 853/2004. "Prodott ibbażat fuq il-kolostru" tfisser prodotti bbażati fuq il-kolostru għall-konsum mill-bniedem kif definiti fl-Anness III, it-Taqsima IX, il-punti 2, tar-Regolament (KE) Nru 853/2004.

(10) Permess biss għall-prodotti tal-ħalib li joriġinaw minn u prodotti fiż-żona/i kif elenkata/i fl-Anness XVII, il-Parti 1 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 u/jew fi Stat Membru.

(11) Numru tal-approvazzjoni tal-istabbiliment tal-prodott tas-sajd elenkat f'konformità mal-Artikolu 127(3), il-punt (e) tar-Regolament (UE) 2017/625 jew, jekk il-prodotti tas-sajd joriġinaw minn Stat Membru, in-numru tal-approvazzjoni tal-istabbiliment tal-prodotti tas-sajd approvat f'konformità mal-Artikolu 4(2) tar-Regolament (KE) Nru 853/2004.

(12) Pajjiż tal-oriġini awtorizzat għad-dħul fl-Unjoni ta' ċerti prodotti tas-sajd kif elenkati fl-Anness IX tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/405. Fil-każ ta' prodotti tas-sajd derivati minn molluski bivalvi, il-pajjiż tal-oriġini jrid jiġi awtorizzat għad-dħul fl-Unjoni ta' molluski bivalvi, ekinodermi, tunikati u gasteropodi tal-baħar ħajjin, imkessħin, iffriżati jew ipproċessati kif elenkati fl-Anness VIII tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/405. Jekk il-prodotti tas-sajd joriġinaw minn Stat Membru, għandu jiġi indikat l-Istat Membru ta' oriġini.

(13) Kodiċi taż-żona kif elenkat fl-Anness XIX, il-Parti 1 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404.

(14) Irid jiġi ffirmat minn:

- veterinarju uffiċjali,
- uffiċjal taċ-ċertifikazzjoni jew veterinarju uffiċjali għall-prodotti komposti li fihom biss bajd jew prodotti tas-sajd.

**[Veterinarju uffiċjali]** (1) (14)/**[Uffiċjal taċ-ċertifikazzjoni]** (1) (14)

Isem (b'ittri kbar)

Data Kwalifika u titolu

Timbru Firma

A Ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 178/2002 tat-28 ta' Jannar 2002 li jistabbilixxi l-prinċipji ġenerali u l-ħtiġijiet tal-liġi dwar l-ikel, li jistabbilixxi l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel u jistabbilixxi l-proċeduri fi kwistjonijiet ta' sigurtà tal-ikel (ĠU L 31, 1.2.2002, p. 1).

B Ir-Regolament (KE) Nru 852/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar l-iġjene tal-oġġetti tal-ikel (ĠU L 139, 30.4.2004, p. 1).

C Ir-Regolament (KE) Nru 853/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 li jistabbilixxi ċerti regoli speċifiċi ta' iġjene għall-ikel li joriġina mill-annimali *(ĠU L 139, 30.4.2004, p. 55).*

D Ir-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-23 ta' Frar 2005 dwar il-livelli massimi ta' residwu ta' pestiċidi fi jew fuq ikel u għalf li joriġina minn pjanti u annimali u jemenda d-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE (ĠU L 70, 16.3.2005, p. 1).

E Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1881/2006 tad-19 ta' Diċembru 2006 li tiffissa l-livelli massimi ta' ċerti kontaminanti fl-oġġetti tal-ikel (ĠU L 364, 20.12.2006, p. 5).

F Ir-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2017 dwar il-kontrolli uffiċjali u attivitajiet uffiċjali oħra mwettqa biex jiżguraw l-applikazzjoni tal-liġi tal-ikel u tal-għalf, ta' regoli dwar is-saħħa u t-trattament xieraq tal-annimali, dwar is-saħħa tal-pjanti u dwar prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 999/2001, (KE) Nru 396/2005, (KE) Nru 1069/2009, (KE) Nru 1107/2009, (UE) Nru 1151/2012, (UE) Nru 652/2014, (UE) 2016/429 u (UE) 2016/2031 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1/2005 u (KE) Nru 1099/2009 u d-Direttivi tal-Kunsill 98/58/KE, 1999/74/KE, 2007/43/KE, 2008/119/KE u 2008/120/KE, u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 854/2004 u (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi tal-Kunsill 89/608/KEE, 89/662/KEE, 90/425/KEE, 91/496/KEE, 96/23/KE, 96/93/KE u 97/78/KE u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 92/438/KEE (*ĠU L 95, 7.4.2017, p. 1*).

G Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/624 tat-8 ta' Frar 2019 rigward ir-regoli speċifiċi għat-twettiq ta' kontrolli uffiċjali fuq il-produzzjoni tal-laħam u għaż-żoni ta' produzzjoni u fejn jinżammu l-molluski bivalvi ħajjin skont ir-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 131, 17.5.2019, p. 1).

H Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/625 tal-4 ta' Marzu 2019 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' rekwiżiti għad-dħul fl-Unjoni ta' kunsinni ta' ċerti annimali u oġġetti maħsuba għall-konsum mill-bniedem (ĠU L 131, 17.5.2019, p. 18).

I Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/627 tal-15 ta' Marzu 2019 li jistabbilixxi arranġamenti prattiċi uniformi għat-twettiq ta' kontrolli uffiċjali fuq prodotti mill-annimali maħsuba għall-konsum mill-bniedem skont ir-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jemenda r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2074/2005 fir-rigward tal-kontrolli uffiċjali (ĠU L 131, 17.5.2019, p. 51).

J Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/163/UE tas-16 ta' Marzu 2011 dwar l-approvazzjoni tal-pjanijiet sottomessi mill-pajjiżi terzi skont l-Artikolu 29 tad-Direttiva tal-Kunsill 96/23/KE (ĠU L 70, 17.3.2011, p. 40).

K Id-Direttiva tal-Kunsill 96/23/KE tad-29 ta' April 1996 dwar miżuri għall-monitoraġġ ta' ċerti sustanzi u residwi tagħhom f'annimali ħajjin u prodotti tal-annimali u li tħassar id-Direttivi 85/358/KEE u 86/469/KEE u d-Deċiżjonijiet 89/187/KEE u 91/664/KEE (ĠU L 125, 23.5.1996, p. 10).

L Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/692 tat-30 ta' Jannar 2020 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-regoli għad-dħul fl-Unjoni, u l-moviment u l-immaniġġjar wara d-dħul ta' konsenji ta' ċerti annimali, prodotti ġerminali u prodotti li joriġinaw mill-annimali (ĠU L 174, 3.6.2020, p. 379).

M Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/404 tal-24 ta' Marzu 2021 li jistabbilixxi l-listi ta' pajjiżi terzi, territorji jew żoni tagħhom li minnhom huwa permess id-dħul fl-Unjoni ta' annimali, prodotti ġerminali u prodotti li joriġinaw mill-annimali f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 114, 31.3.2021, p. 1).

N Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/453/KE tad-29 ta' Ġunju 2007 li tistabbilixxi l-istatus tal-BSE ta' Stati Membri jew pajjiżi terzi jew reġjuni tagħhom skont ir-riskju tal-BSE (ĠU L 172, 30.6.2007, p. 84).

O Ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 999/2001 tat-22 ta' Mejju 2001 li jistabbilixxi regoli għall-prevenzjoni, kontroll u eradikazzjoni ta' ċertu enċefalopatija sponġiformi li tinxtered (ĠU L 147, 31.5.2001, p. 1).

P https://www.oie.int/en/standard-setting/terrestrial-code/access-online/";

(2) Il-Kapitolu 52 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"KAPITOLU 52

**MUDELL TAĊ-ĊERTIFIKAT TAS-SAĦĦA TAL-ANNIMALI GĦAT-TRANŻITU MILL-UNJONI LEJN PAJJIŻ TERZ JEW BI TRANŻITU IMMEDJAT JEW WARA L-ĦŻIN FL-UNJONI TA' PRODOTTI KOMPOSTI MHUX STABBLI FUQ L-IXKAFFA U TA' PRODOTTI KOMPOSTI STABBLI FUQ L-IXKAFFA LI FIHOM KWALUNKWE KWANTITÀ TA' PRODOTTI TAL-LAĦAM U MAĦSUBA GĦALL-KONSUM MILL-BNIEDEM (MUDELL TRANSIT-COMP)**

| PAJJIŻ | | Ċertifikat tas-sahha tal-annimali lill-UE | |
|---|---|---|---|
| Parti I: Deskrizzjoni tal-kunsinna | **I.1 Konsenjatur/Esportatur**<br>Isem<br>Indirizz<br>Pajjiż — Kodiċi ISO tal-pajjiż | **I.2 Referenza taċ-ċertifikat** | **I.2a Referenza tal-IMSOC** |
| | | **I.3 Awtorità Kompetenti Ċentrali** | **KODIĊI QR** |
| | | **I.4 Awtorità Kompetenti Lokali** | |
| | **I.5 Konsenjatarju/Importatur**<br>Isem<br>Indirizz<br>Pajjiż — Kodiċi ISO tal-pajjiż | **I.6 Operatur responsabbli għall-kunsinna**<br>Isem<br>Indirizz<br>Pajjiż — Kodiċi ISO tal-pajjiż | |
| | **I.7 Pajjiż tal-oriġini** — Kodiċi ISO tal-pajjiż | **I.9 Pajjiż tad-destinazzjoni** — Kodiċi ISO tal-pajjiż | |
| | **I.8 Reġjun tal-oriġini** — Kodiċi | **I.10 Reġjun tad-destinazzjoni** — Kodiċi | |
| | **I.11 Post tad-dispaċċ**<br>Isem — Nru tar-Reġistrazzjoni/tal-Approvazzjoni<br>Indirizz<br>Pajjiż — Kodiċi ISO tal-pajjiż | **I.12 Post tad-destinazzjoni**<br>Isem — Nru tar-Reġistrazzjoni/tal-Approvazzjoni<br>Indirizz<br>Pajjiż — Kodiċi ISO tal-pajjiż | |
| | **I.13 Post tat-tagħbija** | **I.14 Data u hin tat-tluq** | |
| | **I.15 Mezz tat-trasport**<br>☐ Inġenju tal-ajru ☐ Bastiment<br>☐ Ferrovija ☐ Vettura tat-triq<br>Identifikazzjoni | **I.16 Post ta' Kontroll fuq il-Fruntiera tad-Dħul**<br>**I.17 Dokumenti ta' akkumpanjament**<br>Tip — Kodiċi<br>Pajjiż — Kodiċi ISO tal-pajjiż<br>Referenza tad-dokument kummerċjali | |
| | **I.18 Kundizzjonijiet tat-trasport** ☐ Ambjentali | ☐ Imkessħa | ☐ Iffriżati |
| | **I.19 Numru tal-kontenitur/Numru tas-siġill**<br>Nru tal-kontenitur — Nru tas-siġill | | |
| | **I.20 Ċertifikat bħala jew għal**<br>☐ Prodotti għall-konsum mill-bniedem | | |
| | **I.21 ☐ Għat-tranżitu**<br>Pajjiż terz — Kodiċi ISO tal-pajjiż | **I.22**<br>**I.23** | |

| **I.24 Ghadd totali ta' pakketti** | | **I.25 Kwantità totali** | | **I.26 Piż nett/piż gross totali (f'kg)** |
|---|---|---|---|---|
| **I.27 Deskrizzjoni tal-kunsinna** | | | | |
| Kodiċi NM | | | | Kwantità |
| | Maħżen imkessaħ | | Tip ta' imballaġġ | Piż nett |
| Biċċerija | Tip ta' trattament | Natura tal-komodità | Għadd ta' pakketti | Nru tal-lott |
| ☐ Konsumatur finali | Data tal-ġbir/tal-produzzjoni | Impjant tal-manifattura | | |

**PAJJIŻ** **Mudell taċ-ċertifikat TRANSIT-COMP**

**Parti II: Ċertifikazzjoni**

| **II. Informazzjoni dwar is-Saħħa** | **II.a** | **Referenza taċ-ċertifikat** | **II.b** | **Referenza tal-IMSOC** |
|---|---|---|---|---|

Jien, hawn taħt iffirmat, b'dan niċċertifika li:

II.1. il-prodotti komposti [(2)] deskritti fil-Parti I fihom:

[(1)]*jew* [II.1.A. **Prodott tal-laħam** [(3)] fi kwalunkwe kwantità, minbarra l-ġelatina, il-kollaġen u prodotti raffinati ħafna msemmija fl-Anness III, it-Taqsima XVI tar-Regolament (KE) Nru 853/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [(A)], li:

II.1.A.1. jissodisfaw ir-rekwiżiti tas-saħħa tal-annimali stabbiliti fir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/692 [(B)] u fihom il-kostitwenti tal-laħam li ġejjin li huma eliġibbli għad-dħul fl-Unjoni bħala tali u li jissodisfaw il-kriterji li ġejjin:

| Speċijiet [(4)] | Trattament [(5)] | Oriġini [(6)] |
|---|---|---|

II.1.A.2. joriġinaw minn:

[(1)] *jew* [l-istess pajjiż bħall-pajjiż imsemmi fil-Kaxxa I.7;]

[(1)] *u/jew* [Stat Membru;]

[(1)] *u/jew* [żona bil-kodiċi …… …………….. li fid-data tal-ħruġ ta' dan iċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali hija awtorizzata għad-dħul fl-Unjoni ta' prodotti tal-laħam mhux meħtieġa li jgħaddu minn trattament speċifiku għall-mitigazzjoni tar-riskju kif stabbilit fl-Anness XV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/404 [(C)] bit-trattament assenjat A, u ż-żona fejn ġie prodott il-prodott kompost huwa awtorizzat ukoll għad-dħul fl-Unjoni ta' prodotti tal-laħam trattati bit-trattament assenjat A.]] [(7)]

[(1)]*u/jew* [**II.1.B. Prodott tal-ħalib jew prodotti bbażati fuq il-kolostru** [(8)] fi kwalunkwe kwantità li jissodisfaw ir-rekwiżiti dwar is-saħħa tal-annimali stabbiliti fir-Regolament Delegat (UE) 2020/692 u li għalhekk huma eliġibbli għad-dħul fl-Unjoni bħala tali, u:

(a) ġew prodotti:

[(1)] *jew* [fiż-żona bil-kodiċi …… …………….. kif elenkata fl-Anness XVII, il-Parti 1 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 li kienet ħielsa mill-marda tal-ilsien u d-dwiefer u mill-infezzjoni bil-virus tal-pesta bovina għall-perjodu ta' mill-inqas 12-il xahar qabel id-data tal-ħlib u, matul dak il-perjodu, ma twettaq l-ebda tilqim kontra dak il-mard;]

[(1)] *u/jew* [fiż-żona bil-kodiċi …… …………….. kif elenkata fl-Anness XVIII, il-Parti 1 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 u t-trattament applikat jikkonforma mat-trattament minimu previst fl-Artikolu 157 u fl-Anness XXVII tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692;]

[(1)] *u/jew* [Stat Membru;]

(b) joriġinaw fi:

(1) *jew* [l-istess pajjiż bħall-pajjiż imsemmi fil-Kaxxa I.7;]

(1) *u/jew* [Stat Membru;]

(1) *u/jew* [żona bil-kodiċi …… …………….. awtorizzata għad-dħul fl-Unjoni ta' ħalib, ta' kolostru, ta' prodotti tal-ħalib u ta' prodotti bbażati fuq il-kolostru fl-Anness XVII, il-Parti 1 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404, u ż-żona li fiha ġie prodott il-prodott kompost tkun awtorizzata wkoll, taħt l-istess kundizzjonijiet, għad-dħul fl-Unjoni ta' ħalib, ta' kolostru, ta' prodotti tal-ħalib u ta' prodotti bbażati fuq il-kolostru u elenkata f'dak l-Anness;]

(1) [(c) huma prodotti tal-ħalib magħmulin minn ħalib nej meħud minn:

(1) *jew* [*Bos Taurus*] (1), [*Ovis aries*] (1), [*Capra hircus*] (1), [*Bubalus bubalis*] (1), [*Camelus dromedarius*] (1) u qabel id-dispaċċ lejn l-Unjoni Ewropea għaddew jew ġew prodotti minn ħalib mhux ipproċessat li għadda minn:

(1) (9) *jew* [trattament ta' pastorizzazzjoni li jinvolvi trattament wieħed bis-sħana b'effett ta' tisħin mill-inqas ekwivalenti għal dak miksub minn proċess ta' pastorizzazzjoni ta' mill-inqas 72 °C għal 15-il sekonda u, fejn applikabbli, biżżejjed sabiex jiżgura reazzjoni negattiva għal test tal-fosfatażi alkalina applikat immedjatament wara t-trattament bis-sħana;]

(1) *jew* [proċess ta' sterilizzazzjoni, sabiex jinkiseb valur $F_0$ ta' 3 jew akbar;]

(1) *jew* [trattament f'temperatura ultragħolja (UHT) ta' mhux anqas minn 135 °C flimkien ma' ħin adattat ta' żamma;]

(1) *jew* [trattament ta' pastorizzazzjoni b'temperatura għolja u f'ħin qasir (HTST) fi 72 °C għal 15-il sekonda applikat darbtejn għall-ħalib b'pH ta' 7,0 jew aktar li jikseb, fejn applikabbli, reazzjoni negattiva għal test tal-fosfatażi alkalina, applikat minnufih wara t-trattament bis-sħana;]

(1) *jew* [trattament ta' pastorizzazzjoni HTST tal-ħalib b'pH ta' inqas minn 7,0;]

(1) *jew* [trattament ta' pastorizzazzjoni HTST flimkien ma' trattament fiżiku ieħor billi:

(1) *jew* [jitnaqqas il-pH taħt 6 għal siegħa;]

(1) *jew* [isir tisħin addizzjonali għal 72 °C jew aktar, flimkien ma' dessikazzjoni;]]]

(1) *jew* annimali għajr *Bos Taurus, Ovis aries, Capra hircus, Bubalus bubalis* u *Camelus dromedarius* u qabel id-dispaċċ lejn l-Unjoni Ewropea għaddew jew ġew prodotti minn ħalib mhux ipproċessat li għadda minn:

(1) *jew* [proċess ta' sterilizzazzjoni, sabiex jinkiseb valur $F_0$ ta' 3 jew akbar;]

(1) *jew* [trattament f'temperatura ultragħolja (UHT) ta' mhux anqas minn 135 °C flimkien ma' ħin adattat ta' żamma;]]]

(1) [(d) huma prodotti bbażati fuq il-kolostru u ġejjin minn pajjiż terz jew minn territorju elenkati fl-Anness XVII tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 għad-dħul ta' ħalib mhux ipproċessat, ta' kolostru u ta' prodotti bbażati fuq il-kolostru;]

**PAJJIŻ** **Mudell taċ-ċertifikat TRANSIT-COMP**

(1) *u/jew* [**II.1.C. Prodott tal-bajd** li:

II.1.C.1. joriġinaw minn:

(1) *jew* [iż-żona bil-kodiċi …… …………….. (10) li fid-data tal-ħruġ ta' dan iċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali hija elenkata fl-Anness XIX, il-Parti 1 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/404 għad-dħul fl-Unjoni ta' prodotti tal-bajd u tapplika programm ta' sorveljanza tal-mard għall-influwenza avjarja b'patoġeniċità għolja li jikkonforma mar-rekwiżiti msemmija fl-Artikolu 160 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/692;]

(1) *u/jew* [Stat Membru;]

II.1.C.1. ġew prodotti minn bajd li ġej minn stabbiliment li jissodisfa r-rekwiżiti tal-Anness III, it-Taqsima X tar-Regolament (KE) Nru 853/2004 li fih, matul il-perjodu ta' mill-inqas 30 jum qabel id-data tal-ġbir tal-bajd, ma seħħet l-ebda tifqigħa tal-influwenza tat-tjur b'patoġeniċità għolja u tal-infezzjoni bil-virus tal-marda ta' Newcastle, u:

(1) *jew* [(a) fi ħdan raġġ ta' 10 km minnu, inkluż, fejn xieraq, it-territorju ta' pajjiż ġar, ma tkun seħħet l-ebda tifqigħa ta' influwenza tat-tjur b'patoġeniċità għolja matul il-perjodu ta' mill-inqas 30 jum qabel id-data tal-ġbir tal-bajd;]

(1) *jew* [(a) il-prodotti tal-bajd għaddew mit-trattament li ġej:

(1) *jew* [l-abjad tal-bajd likwidu ġie ttrattat:

(1) *jew* [b'55,6 °C għal 870 sekonda;]

(1) *jew* [b'56,7 °C għal 232 sekonda;]]

(1) *jew* [10 % tal-isfar tal-bajd immellaħ ġie ttrattat b'62,2 °C għal 138 sekonda;]

(1) *jew* [l-abjad tal-bajd imnixxef ġie ttrattat:

(1) *jew* [b'67 °C għal 20 siegħa;]

(1) *jew* [b'54,4 °C għal 50,4 siegħa;]]

(1) *jew* [il-bajd sħiħ:

(1) *jew* [ġie ttrattat b'temperatura ta' 60 ºC għal 188 sekonda;]

(1) *jew* [issajjar għalkollox;]]

(1) *jew* [it-taħlitiet tal-bajd sħiħ:

(1) *jew* [ġew ittrattati b'temperatura ta' 60 ºC għal 188 sekonda;]

(1) *jew* [ġew ittrattati b'temperatura ta' 61,1 °C għal 94 sekonda;]

(1) *jew* [issajru għalkollox;]]]

**PAJJIŻ** **Mudell taċ-ċertifikat TRANSIT-COMP**

(1) *jew* [(b) li fi ħdan raġġ ta' 10 km minnu, inkluż, fejn xieraq, it-territorju ta' pajjiż ġar, ma tkun seħħet l-ebda tifqigħa ta' infezzjoni bil-virus tal-marda ta' Newcastle matul il-perjodu ta' mill-inqas 30 jum qabel id-data tal-ġbir tal-bajd;]

(1) *jew* [(b) il-prodotti tal-bajd għaddew mit-trattament li ġej:

(1) *jew* [l-abjad tal-bajd likwidu ġie ttrattat:

(1) *jew* [b'temperatura ta' 55 °C għal 2 278 sekonda.]

(1) *jew* [b'temperatura ta' 57 °C għal 986 sekonda.]

(1) *jew* [b'temperatura ta' 59 °C għal 301 sekonda.]]

(1) *jew* [10 % tal-isfar tal-bajd immellaħ ġie ttrattat b'55 °C għal 176 sekonda.]

(1) *jew* [l-abjad tal-bajd imnixxef ġie ttrattat b'57 °C għal 50,4 siegħa.]

(1) *jew* [il-bajd sħiħ:

(1) *jew* [ġie ttrattat b'temperatura ta' 55 °C għal 2 521 sekonda.]

(1) *jew* [ġie ttrattat b'temperatura ta' 57 °C għal 1 596 sekonda.]

(1) *jew* [ġie ttrattat b'temperatura ta' 59 °C għal 674 sekonda.]

(1) *jew* [issajjar għalkollox.]]]

**Noti**

F'konformità mal-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 5(4) tal-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq flimkien mal-Anness 2 ta' dak il-Protokoll, ir-referenzi għall-Unjoni Ewropea f'dan iċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali jinkludu lir-Renju Unit fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq.

Dan iċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali huwa maħsub għad-dħul fl-Unjoni ta' prodotti komposti li fihom prodotti tal-laħam, prodotti tal-ħalib, prodotti bbażati fuq il-kolostru u/jew prodotti tal-bajd li għalihom l-Unjoni ma tkunx id-destinazzjoni finali.

Dan iċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali għandu jimtela f'konformità man-noti għall-mili taċ-ċertifikati previsti fl-Anness I, il-Kapitolu 4 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/2235.

**Parti I:**

| | |
|---|---|
| Kaxxa ta' referenza I.7: | Daħħal il-kodiċi ISO tal-pajjiż tal-oriġini tal-prodott kompost li fih il-prodotti tal-laħam elenkati fl-Anness XV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 jew fl-Anness VII tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/405 [D], u/jew għal prodotti pproċessati bbażati fuq il-kolostru elenkati fl-Anness XVII tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404, u/jew għall-prodotti tal-ħalib ipproċessati elenkati fl-Anness XVII jew XVIII tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 jew fl-Anness X tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/405, u/jew għall-prodotti pproċessati tal-bajd elenkati fil-Parti 1 tal-Anness XIX tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404. |
| Kaxxa ta' referenza I.11: | L-isem, l-indirizz u n-numru tar-reġistrazzjoni/tal-approvazzjoni (jekk ikunu disponibbli) tal-istabbilimenti tal-produzzjoni tal-prodott(i) kompost(i). Isem il-pajjiż tad-dispaċċ li jrid ikun l-istess bħall-pajjiż tal-oriġini fil-Kaxxa I.7. |

**PAJJIŻ** **Mudell taċ-ċertifikat TRANSIT-COMP**

Kaxxa ta' referenza I.15: Għandu jingħata n-numru tar-reġistrazzjoni (vaguni ta' ferrovija jew container u vetturi tat-triq), in-numru tat-titjira (inġenju tal-ajru) jew l-isem (bastiment). Fil-każ ta' ġarr f'kontenituri, in-numru ta' reġistrazzjoni tagħhom u, fejn hemm numru tas-serje tas-siġill irid jiġi indikat fil-Kaxxa I.19. Fil-każ tal-ħatt u tat-tagħbija mill-ġdid, il-konsenjatur irid jinforma lill-post ta' kontroll fuq il-fruntiera tad-dħul fl-Unjoni.

Kaxxa ta' referenza I.19: Fil-każ ta' kontenituri jew kaxex, irid jiġi inkluż in-numru tal-kontenitur u n-numru tas-siġill (fejn applikabbli).

Kaxxa ta' referenza I.27: Uża l-kodiċi xieraq tas-Sistema Armonizzata (SA) tal-Organizzazzjoni Dinjija Doganali bħal: 1517, 1518, 1601 00, 1602, 1603 00, 1604, 1605, 1702, 1704, 1806, 1901, 1902, 1904, 1905, 2001, 2004, 2005, 2101, 2103, 2104, 2105 00, 2106, 2202, 2208.

Deskrizzjoni tal-kunsinna:

"*Impjant tal-manifattura*": Daħħal l-isem u n-numru tal-approvazzjoni (jekk disponibbli) tal-istabbiliment(i) tal-produzzjoni tal-prodott(i) kompost(i).

"*Natura tal-komodità*": Fil-każ ta' prodotti komposti li jkun fihom prodotti tal-laħam, indika "prodotti tal-laħam". Fil-każ ta' prodotti komposti li jkun fihom prodotti tal-ħalib, indika "prodotti tal-ħalib". Fil-każ ta' prodotti komposti li jkun fihom prodotti bbażati fuq il-kolostru, indika "prodotti bbażat fuq il-kolostru". Fil-każ ta' prodotti komposti li jkun fihom prodotti tal-bajd, indika "prodotti tal-bajd".

**Parti II:**

(1) Żomm kif meħtieġ.

(2) Il-prodotti komposti għandhom jitħallew jidħlu fl-Unjoni biss jekk il-prodotti ta' oriġini mill-annimali li jkun fihom ikunu nkisbu wara d-data tal-awtorizzazzjoni tal-pajjiż terz jew territorju, jew żona tiegħu, fejn il-prodotti ta' oriġini mill-annimali jkunu ġew prodotti għad-dħul fl-Unjoni tal-ispeċijiet u l-kategoriji speċifiċi ta' prodotti ta' oriġini mill-annimali, jew waqt perjodu fejn il-miżuri ta' restrizzjoni b'rabta mas-saħħa tal-annimali meħuda mill-Unjoni Ewropea ma' kinux fis-seħħ kontra d-dħul ta' dawk il-prodotti minn dak il-pajjiż terz jew territorju, jew żona tiegħu, jew matul perjodu fejn l-awtorizzazzjoni ta' dak il-pajjiż terz jew territorju, jew żona tiegħu għad-dħul fl-Unjoni ta' dawk il-prodotti ma kinitx sospiża.

(3) Prodotti tal-laħam kif definit fl-Anness I, il-punt 7.1 tar-Regolament (KE) Nru 853/2004.

(4) Daħħal il-kodiċi għall-ispeċi rilevanti tal-prodott tal-laħam fejn BOV = annimali bovini domestiċi (*Bos taurus, Bison bison, Bubalus bubalis* u r-razez inkroċjati tagħhom); OVI = nagħaġ domestiċi (*Ovis aries*) u mogħoż (*Capra hircus*); EQU = annimali ekwini domestiċi (*Equus caballus, Equus asinus* u r-razez inkroċjati tagħhom); POR = annimali porċini domestiċi (*Sus scrofa*); RM = fniek imrobbija; POU = tjur domestiku; RAT = ratiti; RUF: annimali tal-familja *Bovidae* (għajr l-annimali bovini, ovini u kaprini domestiċi), annimali kamelidi u annimali ċervidi miżmuma bħala kaċċa mrobbija; RUW = annimali selvaġġi tal-familja *Bovidae* (għajr annimali bovini, ovini u kaprini domestiċi), annimali selvaġġi kamelidi u annimali selvaġġi ċervidi; SUF = annimali miżmuma bħala kaċċa mrobbija ta' razez selvaġġi ta' annimali porċini u annimali tal-familja *Tayassuidae*; SUW = annimali selvaġġi ta' razez selvaġġi ta' annimali porċini u annimali selvaġġi tal-familja *Tayassuidae*.

(5) Daħħal A, B, C, D, E jew F għat-trattament meħtieġ kif speċifikat u definit fl-Anness XV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404.

(6) Daħħal il-kodiċi taż-żona tal-oriġini tal-prodott tal-laħam kif jidher fl-Anness XV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 jew "UE" għall-prodotti tal-laħam li joriġinaw mill-Istati Membri.

(7) Ħassar jekk il-prodotti tal-laħam jinkisbu minn EQU, EQW, WL, RM jew WM jew kif definiti fin-nota (4) f'qiegħ il-paġna.

**PAJJIŻ** **Mudell taċ-ċertifikat TRANSIT-COMP**

| | |
|---|---|
| | (8) "Prodotti tal-ħalib" tfisser prodotti tal-ħalib għall-konsum mill-bniedem kif definit fl-Anness I, il-punti 7.2 tar-Regolament (KE) Nru 853/2004. "Prodott ibbażat fuq il-kolostru" tfisser prodotti bbażati fuq il-kolostru għall-konsum mill-bniedem kif definiti fl-Anness III, it-Taqsima IX, il-punti 2, tar-Regolament (KE) Nru 853/2004.<br>(9) Permess biss għall-prodotti tal-ħalib li joriġinaw minn u prodotti fiż-żona/i kif elenkata/i fl-Anness XVII, il-Parti 1 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 u/jew fi Stat Membru.<br>(10) Il-kodiċi taż-żona f'konformità mal-kolonna 2 tat-tabella fil-Parti 1 tal-Anness XIX tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404. |

| | |
|---|---|
| **Veterinarju uffiċjali** | |
| Isem (b'ittri kbar) | |
| Data | Kwalifika u titolu |
| Timbru | Firma |

(A) Ir-Regolament (KE) Nru 853/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 li jistabbilixxi ċerti regoli speċifiċi ta' iġjene għall-ikel li joriġina mill-annimali *(ĠU L 139, 30.4.2004, p. 55)*.

(B) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/692 tat-30 ta' Jannar 2020 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-regoli għad-dħul fl-Unjoni, u l-moviment u l-immaniġġjar wara d-dħul ta' konsenji ta' ċerti annimali, prodotti ġerminali u prodotti li joriġinaw mill-annimali (ĠU L 174, 3.6.2020, p. 379).

(C) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/404 tal-24 ta' Marzu 2021 li jistabbilixxi l-listi ta' pajjiżi terzi, territorji jew żoni tagħhom li minnhom huwa permess id-dħul fl-Unjoni ta' annimali, prodotti ġerminali u prodotti li joriġinaw mill-annimali f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 114, 31.3.2021, p. 1).

(D) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/405 tat-24 ta' Marzu 2021 li jistabbilixxi l-listi ta' pajjiżi terzi jew reġjuni tagħhom li minnhom huwa awtorizzat id-dħul fl-Unjoni ta' ċerti annimali u oġġetti maħsuba għall-konsum mill-bniedem f'konformità mar-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 114, 31.3.2021, p. 118).".

# REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2022/1220

**tal-14 ta' Lulju 2022**

**li jistabbilixxi standards tekniċi ta' implimentazzjoni għall-applikazzjoni tad-Direttiva 2014/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-format li fih il-fergħat ta' ditti minn pajjiżi terzi u l-awtoritajiet kompetenti għandhom jirrapportaw l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 41(3) u (4) ta' dik id-Direttiva**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2014/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar is-swieq fl-istrumenti finanzjarji u li temenda d-Direttiva 2002/92/KE u d-Direttiva 2011/61/UE ([1]), u b'mod partikulari l-Artikolu 41(6) tagħha,

Billi:

(1) Huwa meħtieġ li jiġi żgurat li l-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (ESMA) u l-awtoritajiet kompetenti kkonċernati jirċievu l-informazzjoni kollha meħtieġa biex jissorveljaw il-fergħat ta' ditti minn pajjiżi terzi, u biex jiżguraw li tali informazzjoni tiġi pproċessata b'mod effiċjenti u rapidu. L-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 41(3) u (4) tad-Direttiva 2014/65/UE għalhekk jenħtieġ li tiġi sottomessa f'lingwa li hija komuni fl-isfera tal-finanzi internazzjonali.

(2) L-Artikolu 39(2) tad-Direttiva 2014/65/UE jirrikjedi li l-fergħat ta' ditti minn pajjiżi terzi li jixtiequ jipprovdu servizzi ta' investiment jew li jwettqu attivitajiet ta' investiment fit-territorju ta' Stat Membru, jiksbu awtorizzazzjoni minn qabel mill-awtorità kompetenti ta' dak l-Istat Membru. Dawn il-fergħat mhumiex permessi jipprovdu servizzi ta' investiment jew iwettqu attivitajiet ta' investiment fi Stati Membri oħra għajr l-Istat Membru fejn dawn il-fergħat ikunu rċevew l-awtorizzazzjoni tagħhom. Madankollu, il-Kummissjoni Ewropea tista' tadotta deċiżjoni dwar l-ekwivalenza skont l-Artikolu 47(1) tar-Regolament (UE) Nru 600/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]) li tiddikjara li l-arranġamenti legali u superviżorji ta' dak il-pajjiż terz fir-rigward tad-ditti tal-investiment huma ekwivalenti għal dawk li japplikaw fl-Unjoni. F'każ bħal dan, il-fergħat awtorizzati tad-ditti tal-investiment li jaqgħu fl-ambitu ta' tali deċiżjoni ta' ekwivalenza jkomplu jiġu ssorveljati mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru li fih ikunu stabbiliti dawk il-fergħat, irrispettivament minn jekk jipprovdux servizzi transfruntieri jew iwettqux attivitajiet transfruntieri. Huwa għalhekk meħtieġ li jiġi żgurat li l-format għar-rappurtar tal-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 41(3) tad-Direttiva 2014/65/UE jkun adattat ukoll għar-rappurtar dwar tali servizzi u attivitajiet transfruntieri ta' dawk il-fergħat.

(3) Skont l-Artikolu 41(3) tad-Direttiva 2014/65/UE, il-fergħat ta' ditti minn pajjiżi terzi li jkunu ġew awtorizzati skont l-Artikolu 41(1) ta' dik id-Direttiva għandhom jirrapportaw lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru fejn tkun ingħatat dik l-awtorizzazzjoni, fuq bażi annwali, l-informazzjoni stabbilita f'dak l-Artikolu 41(3). Sabiex jiġi armonizzat mhux biss il-format, iżda wkoll l-għażla taż-żmien tar-rappurtar, huwa meħtieġ li jiġi inkluż perjodu ta' żmien meta dik l-informazzjoni għandha tiġi pprovduta lill-awtoritajiet kompetenti.

(4) Dan ir-Regolament huwa bbażat fuq l-abbozz tal-istandards tekniċi ta' implimentazzjoni ppreżentati mill-ESMA lill-Kummissjoni.

(5) L-ESMA wettqet konsultazzjonijiet pubbliċi miftuħa dwar l-abbozz tal-istandards tekniċi ta' implimentazzjoni li fuqu huwa bbażat dan ir-Regolament, analizzat il-kostijiet u l-benefiċċji potenzjali relatati u talbet il-parir tal-Grupp tal-Partijiet Interessati tat-Titoli u s-Swieq stabbilit f'konformità mal-Artikolu 37 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]),

([1]) ĠU L 173, 12.6.2014, p. 349.

([2]) Ir-Regolament (UE) Nru 600/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar is-swieq tal-istrumenti finanzjarji u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 (ĠU L 173, 12.6.2014, p. 84).

([3]) Ir-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/77/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 84).

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

**Il-format tal-informazzjoni li għandha tiġi rrapportata kull sena lill-awtoritajiet kompetenti minn fergħat ta' ditti minn pajjiżi terzi**

1. Il-fergħa ta' ditta minn pajjiż terz awtorizzata skont l-Artikolu 41(1) tad-Direttiva 2014/65/UE għandha tuża l-format stabbilit fl-Anness I biex tirrapporta l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 41(3) ta' dik id-Direttiva. Madankollu, meta d-ditta minn pajjiż terz tkun soġġetta għal deċiżjoni ta' ekwivalenza kif imsemmi fl-Artikolu 47(1) tar-Regolament (UE) Nru 600/2014, il-fergħa ta' tali ditta minn pajjiż terz għandha tuża l-format stabbilit fl-Anness II għal dawk is-servizzi u l-attivitajiet li huma koperti minn tali deċiżjoni ta' ekwivalenza.

2. L-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandha tiġi ppreżentata f'lingwa abitwali fl-isfera tal-finanzi internazzjonali.

3. L-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandha tiġi ppreżentata sat-30 ta' April ta' kull sena u għandha tkopri l-perjodu mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru tas-sena kalendarja preċedenti. L-informazzjoni pprovduta għandha tkun preċiża mill-31 ta' Diċembru tas-sena ta' qabel.

*Artikolu 2*

**Il-format tal-informazzjoni li għandha tiġi rrapportata lill-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (ESMA) fuq talba mill-awtoritajiet kompetenti**

Għall-finijiet tal-Artikolu 41(4) tad-Direttiva 2014/65/UE, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jirrapportaw l-oqsma li ġejjin mill-Anness I u II lill-ESMA:

1. Perjodu tar-Rappurtar: 1a u 1b u, fejn applikabbli, 19a u 19b;
2. Isem id-ditta minn pajjiż terz u l-fergħa: 2a u 2d u, fejn applikabbli, 20a u 20d;
3. Servizzi ta' investiment, attivitajiet ta' investiment u servizzi anċillari pprovduti mill-fergħa: 3a, 3b, 3c, 3d, 3e, 3f, 3 g u 3h u, fejn applikabbli, 21a, 21b, 21c, 21d, 21e, 21f, 21 g u 21h;
4. L-għadd ta' klijenti u kontropartijiet u l-għadd ta' persunal tal-fergħa: 4a, 4b, 4c, 4d u, fejn applikabbli, 22a, 22b u 22c;
5. Il-fatturat u l-valur aggregat tal-assi tal-fergħa: 5a, 5b, 5c u, fejn applikabbli, 23a, 23b u 23c.

*Artikolu 3*

**Dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-14 ta' Lulju 2022.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

Ursula VON DER LEYEN

*ANNESS I*

**Format għas-sottomissjoni tal-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 41(3) u 41(4) tad-Direttiva 2014/65/UE** ([1])

| # | Qasam | Suboqsma |
|---|---|---|
| 1a | Perjodu tar-rapportar | Id-data tal-bidu tar-rapportar għas-sena kalendarja<br>(SSSS-XX-JJ) |
| 1b | | Id-data tat-tmiem tar-rapportar għas-sena kalendarja<br>(SSSS-XX-JJ) |
| 2a | L-isem u d-dettalji ta' kuntatt tad-ditta minn pajjiż terz, inkluż id-dettalji tal-fergħa, tal-persuna inkarigata mis-sottomissjoni tal-informazzjoni, u tal-awtoritajiet tal-pajjiż terz responsabbli għas-superviżjoni tad-ditta minn pajjiż terz | Isem korporattiv sħiħ tal-fergħa u l-kodiċi tal-Identifikatur tal-Entità Ġuridika (LEI) |
| 2b | | L-indirizz tal-fergħa<br>(li għandu jiġi pprovdut f'każ ta' kwalunkwe bidla fl-informazzjoni rrapportata qabel lill-awtorità kompetenti) |
| 2c | | Dettalji ta' kuntatt tal-fergħa inkluż l-indirizz tal-posta elettronika, in-numru tat-telefown u d-dettalji tas-sit web |
| 2d | | L-isem ġuridiku sħiħ tad-ditta minn pajjiż terz u, fejn disponibbli, l-Identifikatur tal-Entità Ġuridika (LEI)<br>(li għandu jiġi pprovdut f'każ ta' kwalunkwe bidla fl-informazzjoni rrapportata qabel lill-awtorità kompetenti) |
| 2e | | Indirizz irreġistrat tal-uffiċċju prinċipali tad-ditta minn pajjiż terz<br>(li għandu jiġi pprovdut f'każ ta' kwalunkwe bidla fl-informazzjoni rrapportata qabel lill-awtorità kompetenti) |
| 2f | | Dettalji ta' kuntatt tad-ditta minn pajjiż terz inkluż l-indirizz tal-posta elettronika, in-numru tat-telefown, u d-dettalji tas-sit web |
| 2 g | | Pajjiż tal-uffiċċju prinċipali tad-ditta minn pajjiż terz<br>(li għandu jiġi pprovdut f'każ ta' kwalunkwe bidla fl-informazzjoni rrapportata qabel lill-awtorità kompetenti) |
| 2h | | L-isem, l-indirizz u l-pajjiż tal-awtorità responsabbli għas-superviżjoni tad-ditta minn pajjiż terz fil-pajjiż terz. Meta aktar minn awtorità waħda tkun responsabbli għas-superviżjoni tad-ditta minn pajjiż terz, għandhom jiġu pprovduti d-dettalji u l-oqsma rispettivi ta' kompetenza għal kull awtorità.<br>(li għandu jiġi pprovdut f'każ ta' kwalunkwe bidla fl-informazzjoni rrapportata qabel lill-awtorità kompetenti) |
| 2i | | L-isem sħiħ tal-persuna ta' kuntatt |
| 2j | | L-indirizz tal-persuna ta' kuntatt |
| 2k | | In-numru tat-telefown tal-persuna tal-kuntatt |
| 2 l | | L-indirizz tal-posta elettronika tal-persuna ta' kuntatt |
| 2 m | | Il-funzjoni/titlu tal-persuna ta' kuntatt |

([1]) Kwalunkwe informazzjoni fir-rigward tal-forniment ta' servizzi transfruntieri minn fergħat ta' ditti minn pajjiżi terzi hija koperta mill-Anness II.

| | | |
|---|---|---|
| 3a | Servizzi ta' investiment, attivitajiet ta' investiment u servizzi anċillari pprovduti mill-fergħa fl-Istat Membru fejn hija stabbilita l-fergħa, matul il-perjodu ta' rapportar | Il-lista ta' servizzi ta' investiment, attivitajiet ta' investiment u servizzi anċillari (kif speċifikat fit-Taqsimiet A u B tal-Anness I tad-Direttiva 2014/65/UE) ipprovduti mill-fergħa fl-Istat Membru fejn hija stabbilita |
| 3b | | Il-lista ta' kategoriji ta' strumenti finanzjarji (kif speċifikat fit-Taqsima C tal-Anness I tad-Direttiva 2014/65/UE) li fir-rigward tagħhom twettqu tali servizzi u attivitajiet |
| 3c | | Fejn il-fergħa tipprovdi l-**ġestjoni tal-portafoll, il-valur totali** tal-assi mmaniġġjati għall-klijenti fl-Istat Membru fejn tkun stabbilita l-fergħa fi tmiem il-perjodu tar-rapportar |
| 3d | | Fejn il-fergħa tipprovdi l-**ġestjoni tal-portafoll, il-valur medju** tal-assi mmaniġġjati għall-klijenti fl-Istat Membru fejn hija stabbilita l-fergħa matul il-perjodu ta' rapportar |
| 3e | | Fejn il-fergħa tipprovdi **konsulenza dwar l-investiment, il-valur totali** tal-assi li fir-rigward tagħhom ikun ġie pprovdut parir dwar l-investiment lill-klijenti fl-Istat Membru fejn tkun stabbilita l-fergħa fi tmiem il-perjodu tar-rapportar |
| 3f | | Fejn il-fergħa tipprovdi **konsulenza dwar l-investiment, il-valur medju** tal-assi li fir-rigward tagħhom ikun ġie pprovdut parir dwar l-investiment lill-klijenti fl-Istat Membru fejn tkun stabbilita l-fergħa matul il-perjodu tar-rapportar |
| 3 g | | Fejn il-fergħa tipprovdi s-servizz anċillari ta' **salvagwardja u amministrazzjoni fuq strumenti finanzjarji f'isem il-klijenti jew tkun qed iżżomm fondi tal-klijenti, il-valur totali** tal-assi (inkluż flus kontanti) miżmuma mill-fergħa għall-klijenti fl-Istat Membru fejn tkun stabbilita l-fergħa fi tmiem il-perjodu tar-rapportar |
| 3h | | Fejn il-fergħa tipprovdi s-servizz anċillari ta' **salvagwardja u amministrazzjoni fuq strumenti finanzjarji f'isem il-klijenti jew tkun qed iżżomm fondi tal-klijenti, il-valur medju** tal-assi (inkluż flus kontanti) miżmuma mill-fergħa għall-klijenti fl-Istat Membru fejn tkun stabbilita l-fergħa matul il-perjodu tar-rapportar |
| 4a | Għadd ta' klijenti u kontropartijiet u l-għadd ta' persunal tal-fergħa fl-Istat Membru fejn hija stabbilita l-fergħa, matul il-perjodu ta' rapportar | L-għadd totali ta' klijenti u kontropartijiet tal-fergħa fl-Istat Membru fejn hija stabbilita |
| 4b | | It-tqassim tal-għadd totali ta' klijenti u kontropartijiet tal-fergħa fl-Istat Membru fejn hija stabbilita għal kull servizz ta' investiment, attività ta' investiment jew servizz anċillari pprovdut f'dak l-Istat Membru |
| 4c | | L-għadd ta' klijenti mhux professjonali, klijenti professjonali u kontropartijiet eliġibbli (kif stipulat fid-Direttiva 2014/65/UE) li lilhom il-fergħa tkun qed tipprovdi servizzi ta' investiment, attivitajiet ta' investiment jew servizzi anċillari fl-Istat Membru fejn tkun stabbilita. |
| 4d | | It-tqassim tal-għadd ta' persunal tal-fergħa fl-Istat Membru fejn hija stabbilita għal kull servizz ta' investiment, attività ta' investiment jew servizz anċillari pprovdut fl-Istat Membru. |

| | | |
|---|---|---|
| 5a | Il-fatturat u l-valur aggregat tal-assi tal-fergħa fl-Istat Membru fejn hija stabbilita l-fergħa, matul il-perjodu tar-rapportar | Il-fatturat iġġenerat mill-fergħa u l-valur aggregat tal-assi li jikkorrispondu għas-servizzi ta' investiment, l-attivitajiet ta' investiment u s-servizzi anċillari pprovduti fl-Istat Membru fejn hija stabbilita l-fergħa |
| 5b | | It-tqassim tal-fatturat tal-fergħa fl-Istat Membru fejn hija stabbilita għal kull servizz ta' investiment, attività ta' investiment u servizz anċillari pprovdut f'dak l-Istat Membru |
| 5c | | It-tqassim tal-fatturat tal-fergħa fl-Istat Membru fejn hija stabbilita għal kull kategorija ta' klijent kif stabbilit fid-Direttiva 2014/65/UE |
| 6 | Meta l-fergħa tinnegozja f'isimha stess, informazzjoni dwar l-iskopertura tad-ditta minn pajjiż terz matul il-perjodu ta' rapportar lil kontropartijiet fl-Istat Membru fejn tkun stabbilita l-fergħa | L-iskopertura minima, medja u massima ta' kull xahar għal kontropartijiet fl-Istat Membru fejn tkun stabbilita l-fergħa |
| 7 | Fejn il-fergħa tissottoskrivi strumenti finanzjarji u/jew tqiegħed strumenti finanzjarji fuq bażi ta' impenn sod, informazzjoni dwar il-valur tal-istrumenti finanzjarji li joriġinaw minn kontropartijiet fl-Istat Membru fejn hija stabbilita l-fergħa u hija sottoskritta jew imqiegħda fuq bażi ta' impenn sod, matul il-perjodu tar-rapportar | Il-valur totali u l-għadd ta' strumenti finanzjarji li joriġinaw minn kontropartijiet fl-Istat Membru fejn il-fergħa hija stabbilita u sottoskritta jew imqiegħda fuq bażi ta' impenn sod mill-fergħa |
| 8a | Kompożizzjoni tal-korp maniġerjali tad-ditta minn pajjiż terz | Il-lista tal-membri tal-korp maniġerjali tad-ditta minn pajjiż terz |
| 8b | | Għal kull membru tal-korp maniġerjali, l-isem sħiħ, il-pajjiż tad-domiċilju u d-dettalji ta' kuntatt tal-membru |
| 8c | | Il-pożizzjoni li fiha jinħatar kull membru tal-korp maniġerjali |
| 9a | Detenturi ta' funzjonijiet ewlenin għall-attivitajiet tal-fergħa | Il-lista ta' detenturi ta' funzjonijiet ewlenin għall-attivitajiet tal-fergħa |
| 9b | | Għal kull detentur ta' funzjoni ewlenija, l-isem sħiħ, il-pajjiż tad-domiċilju u d-dettalji ta' kuntatt tal-persuna |
| 9c | | Il-pożizzjoni li fiha jinħatar kull detentur tal-funzjoni ewlenija |
| 9d | | Il-linji ta' rapportar bejn id-detenturi ta' funzjonijiet ewlenin u l-korp maniġerjali tad-ditta minn pajjiż terz |
| 10 | Informazzjoni dwar ilmenti riċevuti mill-fergħa jew mid-ditta minn pajjiż terz fir-rigward tal-attivitajiet tal-fergħa fl-Istat Membru fejn hija stabbilita l-fergħa u matul il-perjodu ta' rapportar | L-għadd ta' lmenti riċevuti mill-fergħa jew mid-ditta minn pajjiż terz fir-rigward tal-attivitajiet tal-fergħa fl-Istat Membru fejn tkun stabbilita, flimkien ma':<br>— it-tqassim għall-ħames strumenti finanzjarji li jiġġeneraw l-ogħla għadd ta' lmenti;<br>— it-tqassim għall-ħames suġġetti l-aktar frekwenti tal-ilmenti; |

| | | |
|---|---|---|
| | | — l-għadd ta’ lmenti ttrattati matul il-perjodu ta’ rapportar<br>— l-arranġamenti fis-seħħ biex l-ilmenti jiġu ttrattati b’mod diliġenti |
| 11a | Deskrizzjoni tal-attivitajiet ta’ kummerċjalizzazzjoni tal-fergħa jew tad-ditta minn pajjiż terz fir-rigward tal-attivitajiet tal-fergħa fl-Istat Membru fejn hija stabbilita l-fergħa u matul il-perjodu ta’ rapportar | Deskrizzjoni tal-istrateġija ta’ kummerċjalizzazzjoni tal-fergħa jew tad-ditta minn pajjiż terz użata fl-Istat Membru fejn hija stabbilita l-fergħa fir-rigward tal-attivitajiet tal-fergħa, inklużi dettalji dwar l-ambitu ġeografiku tagħha u l-kummerċjalizzazzjoni tfisser id-ditta użata minn pajjiż terz (bħal kwalunkwe aġent, roadshow, telefonati, siti web) |
| 11b | | Il-lista ta’ ismijiet kummerċjali użati mill-fergħa tad-ditta minn pajjiż terz fl-Istat Membru fejn hija stabbilita l-fergħa, flimkien ma’, għal kull isem kummerċjali:<br>— il-kategoriji ta’ strumenti finanzjarji li fir-rigward tagħhom tintuża; kif ukoll<br>— il-kategoriji ta’ klijenti li fir-rigward tagħhom tintuża |
| 11c | | Għal kwalunkwe aġent jew entità simili użata mill-fergħa tad-ditta minn pajjiż terz f’dak l-Istat Membru, l-isem tal-individwu jew l-entità flimkien mal-indirizz u d-dettalji ta’ kuntatt |
| 11d | | Il-lista tas-siti web użati mill-fergħa fl-Istat Membru fejn il-fergħa hi stabbilita, flimkien ma’, għal kull sit web, il-URL tiegħu |
| 12a | Deskrizzjoni tal-arranġamenti ta’ protezzjoni tal-investituri tad-ditta minn pajjiż terz disponibbli għall-klijenti tal-fergħa fl-Istat Membru fejn tkun stabbilita l-fergħa, inklużi d-drittijiet ta’ dawk il-klijenti li jirriżultaw mill-iskema ta’ kumpens għall-investitur imsemmija fl-Artikolu 39(2), il-punt (f), tad-Direttiva 2014/65/UE<br><br>(għandha tiġi pprovduta f’każ ta’ kwalunkwe bidla fl-informazzjoni rrapportata qabel lill-awtorità kompetenti) | **Informazzjoni u rapportar lill-klijenti**<br><br>Deskrizzjoni tal-arranġamenti stabbiliti mid-ditta minn pajjiż terz fir-rigward tal-obbligi tagħha ta’ informazzjoni u rapportar lill-klijenti u miżuri ta’ implimentazzjoni għall-operazzjonijiet tal-fergħa fl-Istat Membru fejn hija stabbilita |
| 12b | | Il-lingwa/i li l-fergħa se tuża mal-klijenti tagħha fl-Istat Membru fejn hija stabbilita l-fergħa |
| 12c | | **Idoneità u adegwatezza**<br><br>Deskrizzjoni tal-arranġamenti tad-ditta minn pajjiż terz biex tiġi vvalutata l-idoneità jew l-adegwatezza, skont il-każ, meta l-fergħa tipprovdi servizzi lill-klijenti fl-Istat Membru fejn hija stabbilita |
| 12d | | **L-aħjar eżekuzzjoni**<br><br>Meta l-fergħa teżegwixxi ordnijiet għall-klijenti tagħha fl-Istat Membru fejn tkun stabbilita, deskrizzjoni tal-arranġamenti stabbiliti biex jiġu eżegwiti l-ordnijiet tal-klijenti fuq it-termini l-aktar favorevoli għall-klijenti |
| 12e | | **Ir-regoli ta’ kif għandhom jiġu ttrattati l-ordnijiet tal-klijenti**<br><br>Meta l-fergħa tittratta l-ordnijiet tal-klijenti, deskrizzjoni tal-arranġamenti stabbiliti mill-fergħa għall-eżekuzzjoni fil-pront, ġusta u rapida tal-ordnijiet tal-klijenti b’enfasi fuq l-operazzjonijiet tal-fergħa fl-Istat Membru fejn tkun stabbilita l-fergħa |

| | | |
|---|---|---|
| 12f | | **Arranġamenti ta' governanza tal-prodotti** |
| | | Fejn id-ditta minn pajjiż terz timmanifattura u/jew tiddistribwixxi, permezz tal-fergħa tagħha, strumenti finanzjarji, deskrizzjoni tal-arranġamenti ta' governanza tal-prodotti stabbiliti mid-ditta minn pajjiż terz għall-operazzjonijiet tal-fergħa fl-Istat Membru fejn tkun stabbilita l-fergħa |
| 12 g | | **L-arranġamenti tad-ditta minn pajjiż terz għall-identifikazzjoni, il-prevenzjoni u l-immaniġġjar tal-kunflitti ta' interess** |
| | | Deskrizzjoni tal-miżuri stabbiliti mid-ditta minn pajjiż terz, li taġixxi permezz tal-fergħa tagħha, sabiex tidentifika u tipprevjeni jew timmaniġġja kunflitti ta' interess li jirriżultaw matul il-forniment ta' servizzi ta' investiment u servizzi anċillari, inklużi dawk li jirriżultaw mill-politika ta' remunerazzjoni tal-persuni involuti fil-forniment ta' servizzi ta' investiment, attivitajiet ta' investiment u servizzi anċillari pprovduti fl-Istat Membru fejn hija stabbilita l-fergħa |
| 12h | | **L-arranġamenti tad-ditta minn pajjiż terz biex tittratta l-ilmenti** |
| | | Deskrizzjoni tal-proċedura stabbilita mid-ditta minn pajjiż terz li taġixxi permezz tal-fergħa tagħha, u li għandha tiġi segwita mill-klijenti tal-fergħa għat-tressiq ta' lment |
| 12i | | Id-dipartiment responsabbli għat-trattament tal-ilmenti tal-klijenti tal-fergħa |
| 12j | | Il-klijenti tal-lingwa/i għandhom iressqu l-ilmenti tagħhom |
| 12k | | Il-qrati rilevanti (f'każ ta' litigazzjoni) imsemmija fi kwalunkwe arranġament kuntrattwali bejn id-ditta minn pajjiż terz li taġixxi permezz tal-fergħa tagħha u l-klijenti tagħha fl-Istat Membru fejn tkun stabbilita l-fergħa |
| 12 l | | L-entità/entitajiet ta' soluzzjoni alternattiva għat-tilwim li għandhom il-kompetenza li jittrattaw it-tilwim li jinvolvi klijenti fl-Istat Membru fejn hija stabbilita l-fergħa u d-ditta tal-pajjiż terz |
| 12 m | | **Is-sħubija ta' ditta minn' pajjiż terz fi skema ta' kumpens għall-investituri** |
| | | Id-deskrizzjoni tas-sħubija tad-ditta minn pajjiż terz fi skema ta' kumpens għall-investitur inkluż jekk il-klijenti u l-kontropartijiet tal-fergħa humiex se jkunu eliġibbli għal tali skema, l-ambitu tagħha, deskrizzjoni tal-kundizzjonijiet ta' eliġibbiltà u l-ammonti u l-istrumenti finanzjarji koperti mill-iskema |
| 12n | | **L-arranġamenti tad-ditta minn pajjiż terz biex tipproteġi u timmaniġġja l-fondi u l-assi tal-klijenti** |
| | | Id-deskrizzjoni ta' kwalunkwe fond tal-klijent jew arranġament ta' salvagwardja tal-assi tal-klijenti (b'mod partikolari, fejn l-istrumenti finanzjarji u l-fondi jinżammu minn kustodju, l-isem tal-kustodju, u l-kuntratti relatati) stabbiliti fl-Istat Membru fejn hija stabbilita l-fergħa |

| | | |
|---|---|---|
| 12o | | **Arranġamenti oħra** |
| | | Id-deskrizzjoni ta' kwalunkwe arranġament ieħor li d-ditta minn pajjiż terz tista' tqis rilevanti għall-forniment ta' servizzi u t-twettiq tal-attivitajiet tal-fergħa fl-Istat Membru fejn hija stabbilita l-fergħa b'mod onest, ġust u professjonali li jippromwovi l-interessi tal-klijenti |
| 13a | Informazzjoni dwar l-arranġamenti ta' esternalizzazzjoni tad-ditta minn pajjiż terz applikabbli għall-operazzjonijiet tal-fergħa<br><br>(għandha tiġi pprovduta f'każ ta' kwalunkwe bidla fl-informazzjoni rrappurtata qabel lill-awtorità kompetenti) | Il-lista u d-deskrizzjoni tal-funzjonijiet esternalizzati (jew dawk maħsuba biex jiġu esternalizzati) |
| 13b | | Id-deskrizzjoni tar-riżorsi (b'mod partikolari, umani u tekniċi, u s-sistema ta' kontroll intern) allokati għall-kontroll tal-funzjonijiet, is-servizzi jew l-attivitajiet esternalizzati sa fejn dawn ikunu relatati mal-operazzjonijiet tal-fergħa fl-Istat Membru fejn tkun stabbilita |
| 14 | Informazzjoni dwar l-arranġamenti (inkluż arranġamenti tal-IT) stabbiliti mid-ditta minn pajjiż terz applikabbli għall-attivitajiet tal-fergħa għan-negozjar algoritmiku, għan-negozjar bi frekwenza għolja u għal aċċess elettroniku dirett<br><br>(għandha tiġi pprovduta f'każ ta' kwalunkwe bidla fl-informazzjoni rrapportata qabel lill-awtorità kompetenti) | Deskrizzjoni ta' kwalunkwe arranġament u riżorsa (b'mod partikolari riżorsi umani u tal-IT) li d-ditta minn pajjiż terz setgħet daħħlet fis-seħħ u/jew allokat għall-attivitajiet tal-fergħa tagħha fl-Istat Membru fejn hija stabbilita l-fergħa għan-negozjar algoritmiku, in-negozjar bi frekwenza għolja u l-aċċess elettroniku dirett u għall-kontroll ta' tali attivitajiet |
| 15a | Informazzjoni dwar l-attivitajiet tal-funzjoni għall-konformità (jew ekwivalenti) | **Tibdil Regolatorju** |
| | | Deskrizzjoni tal-ġestjoni u l-implimentazzjoni ta' bidliet u żviluppi materjali fir-rekwiżiti regolatorji matul il-perjodu ta' rapportar li jħallu impatt fuq l-arranġamenti ta' protezzjoni tal-investitur għall-attivitajiet tal-fergħa tad-ditta minn pajjiż terz |
| 15b | | **Sejbiet** |
| | | L-għadd ta' kontrolli mwettqa fuq il-post u esternalizzati u sommarju tas-sejbiet ewlenin tal-funzjoni għall-konformità fuq l-operazzjonijiet tad-ditta minn pajjiż terz sa fejn dawn ikunu rilevanti għall-operazzjonijiet tal-fergħa |
| 15c | | Azzjonijiet meħuda jew li għandhom jittieħdu (inkluż wara lmenti jew devjazzjoni mir-rakkomandazzjonijiet tal-funzjoni ta' konformità indirizzati lill-maniġment superjuri) biex jiġu indirizzati nuqqasijiet jew riskji identifikati ta' fallimenti mid-ditta minn pajjiż terz sa fejn dawn ikunu relatati mal-operazzjonijiet tal-fergħa |
| 15d | | **Oħrajn** |
| | | Kwalunkwe informazzjoni oħra li l-fergħa tista' ssib rilevanti li ssemmi |

| | | |
|---|---|---|
| 16a | Informazzjoni dwar l-attivitajiet tal-funzjoni tal-awditjar intern (jew ekwivalenti) | **Sejbiet** |
| | | Sommarju tas-sejbiet ewlenin tal-funzjoni tal-awditjar intern dwar l-operazzjonijiet tad-ditta minn pajjiż terz sa fejn dawn ikunu rilevanti għall-operazzjonijiet tal-fergħa |
| 16b | | Azzjonijiet meħuda jew li għandhom jittieħdu globalment (inklużi l-iskeda ta' żmien u l-unitajiet organizzazzjonali tad-ditta minn pajjiż terz involuta) biex jindirizzaw fallimenti identifikati jew riskji ta' fallimenti mid-ditta minn pajjiż terz sa fejn dawn ikunu relatati mal-operazzjonijiet tal-fergħa |
| 17a | Informazzjoni dwar l-attivitajiet tal-funzjoni tal-immaniġġjar tar-riskji (jew ekwivalenti) u l-politika tal-immaniġġjar tar-riskji tad-ditta minn pajjiż terz | **Politika tal-immaniġġjar tar-riskji** |
| | | Sommarju tal-politika tal-immaniġġjar tar-riskji tad-ditta minn pajjiż terz sa fejn din tkun relatata mal-operazzjonijiet tal-fergħa u l-arranġamenti applikati mill-fergħa għas-servizzi u l-attivitajiet imwettqa mill-fergħa<br><br>(li għandu jiġi pprovdut f'każ ta' kwalunkwe bidla fl-informazzjoni rrapportata qabel lill-awtorità kompetenti) |
| 17b | | **Sejbiet** |
| | | Sommarju tas-sejbiet ewlenin tal-funzjoni tal-immaniġġjar tar-riskji fuq l-operazzjonijiet tad-ditta minn pajjiż terz globalment u l-azzjonijiet meħuda jew li għandhom jittieħdu biex jiġu indirizzati dawk is-sejbiet |
| 18 | Kwalunkwe informazzjoni oħra li l-fergħa ta' ditta minn pajjiż terz tista' ssib rilevanti biex tikkomunika lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru fejn tkun stabbilita. | |

*ANNESS II*

**Il-format għas-sottomissjoni tal-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 41(3) u 41(4) tad-Direttiva 2014/65/UE f'każ li l-Kummissjoni tkun ħadet deċiżjoni dwar l-ekwivalenza kif imsemmi fl-Artikolu 47(1) tar-Regolament (UE) Nru 600/2014**

Minbarra l-informazzjoni meħtieġa skont l-Anness I ta' dan ir-Regolament ta' Implimentazzjoni, id-ditti minn pajjiżi terzi li jipprovdu wkoll servizzi u attivitajiet ta' investiment fl-Unjoni Ewropea, skont l-Artikolu 47(3) tar-Regolament (UE) Nru 600/2014 permezz tar-reġim ta' ekwivalenza ta' pajjiż terz (jekk effettivament rikonoxxuti bħala tali skont l-Artikolu 47(1) tar-Regolament (UE) Nru 600/2014, għandhom jinkludu wkoll l-oqsma li ġejjin fir-rapport tagħhom lill-awtorità kompetenti, kif meħtieġ skont l-Artikolu 41(3) tad-Direttiva 2014/65/UE:

| # | Qasam | Suboqsma |
|---|---|---|
| 19 a | Perjodu ta' rapportar | Id-data tal-bidu tar-rapportar għas-sena kalendarja<br>(SSSS-XX-JJ) |
| 19b | | Id-data tat-tmiem tar-rapportar għas-sena kalendarja<br>(SSSS-XX-JJ) |
| 20a | L-isem u d-dettalji ta' kuntatt tad-ditta minn pajjiż terz, inkluż d-dettalji tal-fergħa, tal-persuna inkarigata mis-sottomissjoni tal-informazzjoni, tal-awtoritajiet tal-pajjiż terz responsabbli għas-superviżjoni tad-ditta minn pajjiż terz | Isem korporattiv sħiħ tal-fergħa u kodiċi tal-Identifikatur tal-Entità Ġuridika (LEI) fejn disponibbli |
| 20b | | L-indirizz tal-fergħa<br>(li għandu jiġi pprovdut f'każ ta' kwalunkwe bidla fl-informazzjoni rrapportata qabel lill-awtorità kompetenti) |
| 20c | | Dettalji ta' kuntatt tal-fergħa inkluż l-indirizz tal-posta elettronika, in-numru tat-telefown u d-dettalji tas-sit web |
| 20d | | L-isem legali sħiħ tad-ditta minn pajjiż terz u l-Identifikatur ta' Entità Ġuridika (LEI) fejn disponibbli<br>(li għandu jiġi pprovdut f'każ ta' kwalunkwe bidla fl-informazzjoni rrapportata qabel lill-awtorità kompetenti) |
| 20e | | Indirizz irreġistrat tal-uffiċċju prinċipali tad-ditta minn pajjiż terz<br>(li għandu jiġi pprovdut f'każ ta' kwalunkwe bidla fl-informazzjoni rrapportata qabel lill-awtorità kompetenti) |
| 20f | | Dettalji ta' kuntatt tad-ditta minn pajjiż terz inkluż l-indirizz tal-posta elettronika, in-numru tat-telefown, u d-dettalji tas-sit web |
| 20 g | | Pajjiż tal-uffiċċju prinċipali tad-ditta minn pajjiż terz<br>(li għandu jiġi pprovdut f'każ ta' kwalunkwe bidla fl-informazzjoni rrapportata qabel lill-awtorità kompetenti) |
| 20h | | L-isem, l-indirizz u l-pajjiż tal-awtorità responsabbli għas-superviżjoni tad-ditta minn pajjiż terz fil-pajjiż terz. Meta aktar minn awtorità waħda tkun responsabbli għas-superviżjoni tad-ditta minn pajjiż terz, għandhom jiġu pprovduti d-dettalji u l-oqsma rispettivi ta' kompetenza għal kull awtorità.<br>(li għandu jiġi pprovdut f'każ ta' kwalunkwe bidla fl-informazzjoni rrapportata qabel lill-awtorità kompetenti) |

| | | |
|---|---|---|
| 20i | | Isem sħiħ tal-persuna ta' kuntatt |
| 20j | | Indirizz tal-persuna ta' kuntatt |
| 20k | | In-numru tat-telefown tal-persuna tal-kuntatt |
| 20 l | | Indirizz tal-posta elettronika tal-Persuna ta' Kuntatt |
| 20 m | | Il-funzjoni/titlu tal-persuna ta' kuntatt |
| 21a | Servizzi ta' investiment, attivitajiet ta' investiment u servizzi anċillari pprovduti mill-fergħa f'kull Stat Membru għajr dak fejn hija stabbilita, matul il-perjodu tar-rapportar | Il-lista ta' servizzi ta' investiment, attivitajiet ta' investiment u servizzi anċillari (kif speċifikat fit-Taqsimiet A u B tal-Anness I tad-Direttiva 2014/65/UE) ipprovduti lil kontropartijiet eliġibbli u klijenti professjonali skont it-tifsira tat-Taqsima I tal-Anness II tad-Direttiva 2014/65/UE, f'kull Stat Membru għajr dak fejn hija stabbilita l-fergħa |
| 21b | | Il-lista ta' kategoriji ta' strumenti finanzjarji (kif speċifikat fit-Taqsima C tal-Anness I tad-Direttiva 2014/65/UE) li fir-rigward tagħhom twettqu tali servizzi u attivitajiet |
| 21c | | Għal kull Stat Membru għajr dak fejn hija stabbilita l-fergħa u li fih il-fergħa tipprovdi l-**ġestjoni tal-portafoll, il-valur totali** tal-assi mmaniġġjati għall-klijenti fl-Istat Membru fi tmiem il-perjodu tar-rapportar |
| 21d | | Għal kull Stat Membru għajr dak fejn hija stabbilita l-fergħa u li fih il-fergħa tipprovdi l-**ġestjoni tal-portafoll, il-valur medju** tal-assi mmaniġġjati għall-klijenti fl-Istat Membru matul il-perjodu tar-rapportar |
| 21e | | Għal kull Stat Membru għajr dak fejn hija stabbilita l-fergħa u li fih il-fergħa tipprovdi **konsulenza dwar l-investiment, il-valur totali** tal-assi li fir-rigward tagħhom ġie pprovdut dak is-servizz lill-klijenti fl-Istat Membru fi tmiem il-perjodu tar-rapportar |
| 21f | | Għal kull Stat Membru għajr dak fejn hija stabbilita l-fergħa u li fih il-fergħa tipprovdi **konsulenza dwar l-investiment, il-valur medju** tal-assi li fir-rigward tagħhom ġie pprovdut dak is-servizz lill-klijenti fl-Istat Membru matul il-perjodu tar-rapportar |
| 21 g | | Għal kull Stat Membru għajr dak fejn hija stabbilita l-fergħa u li fih il-fergħa tipprovdi s-servizz anċillari ta' **salvagwardja u amministrazzjoni fuq strumenti finanzjarji f'isem il-klijenti jew qed iżżomm fondi tal-klijenti**, **il-valur totali** tal-assi (inklużi flus kontanti) miżmuma mill-fergħa għall-klijenti fl-Istat Membru fi tmiem il-perjodu tar-rappurtar |
| 21h | | Għal kull Stat Membru għajr dak fejn hija stabbilita l-fergħa u li fih il-fergħa tipprovdi s-servizz anċillari ta' **salvagwardja u amministrazzjoni fuq strumenti finanzjarji f'isem il-klijenti jew qed iżżomm fondi tal-klijenti, il-valur medju** tal-assi (inklużi flus kontanti) miżmuma mill-fergħa għall-klijenti fl-Istat Membru matul il-perjodu ta' rapportar |

| | | |
|---|---|---|
| 22a | L-għadd ta' klijenti u kontropartijiet tal-fergħa fi Stati Membri għajr dak fejn il-fergħa hija stabbilita u globalment, matul il-perjodu tar-rapportar | L-għadd totali ta' klijenti u kontropartijiet tal-fergħa fl-Unjoni Ewropea (eskluż l-Istat Membru fejn hija stabbilita). |
| 22b | | L-għadd totali ta' klijenti u kontropartijiet tad-ditta minn pajjiż terz globalment |
| 22c | | Għal kull Stat Membru għajr l-Istat Membru fejn tkun stabbilita l-fergħa u li fih il-fergħa tkun ipprovdiet xi servizzi ta' investiment, attivitajiet ta' investiment jew servizzi anċillari, in-numru totali ta' klijenti u kontropartijiet tal-fergħa f'dak l-Istat Membru l-ieħor, flimkien ma':<br>— it-tqassim ta' dan l-għadd għal kull servizz ta' investiment, attività ta' investiment jew servizz anċillari pprovdut f'kull Stat Membru; kif ukoll<br>— it-tqassim għal kull kategorija ta' klijent kif stabbilit fid-Direttiva 2014/65/UE |
| 23a | Il-fatturat u l-valur aggregat tal-assi tal-fergħa fi Stati Membri għajr dak fejn hija stabbilita l-fergħa u tad-ditta minn pajjiż terz globalment, matul il-perjodu tar-rapportar | Il-fatturat tal-fergħa fl-Unjoni (mhux inkluż l-Istat Membru fejn hija stabbilita) u l-valur aggregat tal-assi li jikkorrispondi għas-servizzi u l-attivitajiet ipprovduti mid-ditta minn pajjiż terz fl-Unjoni (mhux inkluż l-Istat Membru fejn hija stabbilita) |
| 23b | | Il-fatturat globali tad-ditta minn pajjiż terz |
| 23c | | Għal kull Stat Membru għajr dak fejn tkun stabbilita l-fergħa u li fih il-fergħa tkun ipprovdiet xi servizzi ta' investiment, attivitajiet ta' investiment jew servizzi anċillari, il-fatturat u l-valur aggregat tal-assi li jikkorrispondu għal dawn is-servizzi ta' investiment, attivitajiet ta' investiment u servizzi anċillari, flimkien ma':<br>— id-diżaggregazzjoni għal kull servizz ta' investiment, attività ta' investiment jew servizzi anċillari pprovduti fl-Istat Membru; kif ukoll<br>— it-tqassim għal kull kategorija ta' klijent kif stabbilit fid-Direttiva 2014/65/UE |
| 24a | Meta l-fergħa tinnegozja f'isimha stess, informazzjoni dwar l-iskopertura tad-ditta minn pajjiż terz għal kontropartijiet fl-Unjoni (mhux inkluż l-Istat Membru fejn hija stabbilita l-fergħa), matul il-perjodu tar-rapportar | Għal kull Stat Membru għajr dak fejn hija stabbilita l-fergħa u li fih il-fergħa tinnegozja f'isimha stess, l-iskopertura minima, medja u massima ta' kull xahar għall-kontropartijiet f'dak l-Istat Membru |
| 24b | | L-iskopertura minima, medja u massima ta' kull xahar għal kontropartijiet fl-Unjoni (mhux inkluż l-Istat Membru fejn hija stabbilita l-fergħa) |
| 25a | Fejn il-fergħa tissottoskrivi strumenti finanzjarji u/jew tqiegħed strumenti finanzjarji fuq bażi ta' impenn sod, informazzjoni dwar il-valur tal-istrumenti finanzjarji li joriġinaw minn kontropartijiet fl-Unjoni (għajr | Għal kull Stat Membru għajr dak fejn tkun stabbilita l-fergħa u li fih il-fergħa tipprovdi s-sottoskrizzjoni ta' strumenti finanzjarji u/jew it-tqegħid ta' strumenti finanzjarji fuq bażi ta' impenn sod, il-valur totali tal-istrumenti finanzjarji li joriġinaw minn kontropartijiet fl-Istat Membru u sottoskritti jew imqiegħda fuq bażi ta' impenn sod mill-fergħa |

| | | |
|---|---|---|
| 25b | fl-Istat Membru fejn hija stabbilita l-fergħa) u hija sottoskritta jew imqiegħda fuq bażi ta' impenn sod matul il-perjodu tar-rapportar | Il-valur totali tal-istrumenti finanzjarji li joriġinaw minn kontropartijiet fl-Unjoni (għajr fl-Istat Membru fejn tkun stabbilita l-fergħa) u sottoskritti jew imqiegħda fuq bażi ta' impenn sod mill-fergħa |
| 26 | Informazzjoni dwar ilmenti riċevuti mill-fergħa u/jew mid-ditta minn pajjiż terz fir-rigward tal-attivitajiet tal-fergħa fl-Unjoni (għajr fl-Istat Membru fejn hija stabbilita l-fergħa), matul il-perjodu tar-rapportar | L-għadd ta' lmenti riċevuti mill-fergħa u/jew mid-ditta minn pajjiż terz fir-rigward tal-attivitajiet tal-fergħa fi Stati Membri għajr dak fejn tkun stabbilita l-fergħa, flimkien ma':<br>— it-tqassim għal kull Stat Membru;<br>— it-tqassim għall-ħames strumenti finanzjarji li jiġġeneraw l-ogħla għadd ta' lmenti;<br>— it-tqassim għall-ħames suġġetti l-aktar frekwenti tal-ilmenti;<br>— l-għadd ta' lmenti ttrattati fil-perjodu tar-rapportar<br>— l-arranġamenti fis-seħħ biex l-ilmenti jiġu ttrattati b'mod diliġenti |
| 27 a | Deskrizzjoni tal-attivitajiet ta' kummerċjalizzazzjoni tal-fergħa jew tad-ditta minn pajjiż terz fir-rigward tal-attivitajiet tal-fergħa fl-Unjoni (għajr fl-Istat Membru fejn hija stabbilita l-fergħa), matul il-perjodu tar-rapportar | Deskrizzjoni tal-istrateġija ta' kummerċjalizzazzjoni tad-ditta minn pajjiż terz użata fl-Unjoni (għajr fl-Istat Membru fejn hija stabbilita l-fergħa) fir-rigward tal-attivitajiet tal-fergħa, inklużi d-dettalji dwar l-ambitu ġeografiku tagħha u dwar il-mezzi ta' kummerċjalizzazzjoni li d-ditta minn pajjiż terz użat (bħal kwalunkwe aġent, roadshow, telefonata, sit web) |
| 27b | | Il-lista ta' ismijiet kummerċjali użati mid-ditta minn pajjiż terz fl-Unjoni (għajr fl-Istat Membru fejn hija stabbilita l-fergħa), flimkien ma', għal kull isem kummerċjali:<br>— il-lista ta' Stati Membri li fihom tintuża;<br>— il-kategoriji ta' strumenti finanzjarji li fir-rigward tagħhom tintuża; kif ukoll<br>— il-kategoriji ta' klijenti li fir-rigward tagħhom tintuża |
| 27c | | Għal kwalunkwe aġent jew entità simili użata mid-ditta minn pajjiż terz fl-Unjoni (għajr fl-Istat Membru fejn hija stabbilita l-fergħa) l-isem tal-individwu jew tal-entità flimkien mal-indirizz u d-dettalji ta' kuntatt |
| 27d | | Il-lista tas-siti web użati mid-ditta minn pajjiż terz fl-Unjoni (għajr fl-Istat Membru fejn hija stabbilita l-fergħa), flimkien ma', għal kull sit web, il-URL tagħha |
| 28a | Deskrizzjoni tal-arranġamenti ta' protezzjoni tal-investituri tad-ditta minn pajjiż terz disponibbli għall-klijenti tal-fergħa fl-Unjoni (għajr fl-Istat Membru fejn tkun stabbilita l-fergħa), inklużi d-drittijiet ta' dawk | **Informazzjoni u rapportar lill-klijenti**<br>Id-deskrizzjoni tal-arranġamenti tad-ditta minn pajjiż terz sabiex jiġi żgurat li tikkonforma mal-obbligi tagħha ta' informazzjoni u rapportar lill-klijenti skont l-Artikoli 24 u 25 tad-Direttiva 2014/65/UE u l-miżuri ta' implimentazzjoni għall-operazzjonijiet tal-fergħa fl-Unjoni (għajr fl-Istat Membru fejn tkun stabbilita l-fergħa) |

| | | |
|---|---|---|
| 28b | il-klijenti li jirriżultaw mill-iskema ta' kumpens għall-investitur imsemmija fl-Artikolu 39(2), il-punt (f) tad-Direttiva 2014/65/UE<br><br>(għandha tiġi pprovduta f'każ ta' kwalunkwe bidla fl-informazzjoni rrapportata qabel lill-awtorità kompetenti) | Il-lingwa/i li l-fergħa se tuża mal-klijenti tagħha fl-Unjoni (għajr fl-Istat Membru fejn hija stabbilita l-fergħa) |
| 28c | | **Idoneità u adegwatezza** |
| | | Id-deskrizzjoni tal-arranġamenti tad-ditta minn pajjiż terz biex jiġi żgurat li tikkonforma mal-obbligi tagħha li tivvaluta l-idoneità jew l-adegwatezza, skont il-każ, meta l-fergħa tipprovdi servizzi lill-klijenti fl-Unjoni (għajr fl-Istat Membru fejn tkun stabbilita l-fergħa) |
| 28d | | **L-aħjar eżekuzzjoni** |
| | | Meta l-fergħa teżegwixxi ordnijiet għall-klijenti tagħha fl-Unjoni (għajr fl-Istat Membru fejn tkun stabbilita l-fergħa), id-deskrizzjoni tal-arranġamenti biex jiġi żgurat li teżegwixxi l-ordnijiet tal-klijenti bl-aktar termini favorevoli għall-klijenti |
| 28e | | **Ir-regoli ta' kif għandhom jiġu ttrattati l-ordnijiet tal-klijenti** |
| | | Id-deskrizzjoni tal-arranġamenti tad-ditta minn pajjiż terz li jipprevedu l-eżekuzzjoni fil-pront, ġusta u rapida tal-ordnijiet tal-klijenti b'enfasi fuq l-operazzjonijiet tal-fergħa fl-Unjoni (għajr fl-Istat Membru fejn tkun stabbilita l-fergħa) |
| 28f | | **Arranġamenti ta' governanza tal-prodotti** |
| | | Meta d-ditta minn pajjiż terz timmanifattura u/jew tiddistribwixxi strumenti finanzjarji fl-Unjoni (għajr fl-Istat Membru fejn tkun stabbilita l-fergħa), deskrizzjoni tal-arranġamenti ta' governanza tal-prodotti stabbiliti mid-ditta minn pajjiż terz għall-operazzjonijiet tagħha fl-Unjoni. |
| 28 g | | **L-arranġamenti tad-ditta minn pajjiż terz għall-identifikazzjoni, il-prevenzjoni u l-immaniġġjar tal-kunflitti ta' interess** |
| | | Id-deskrizzjoni tal-miżuri li ditta minn pajjiż terz tkun daħħlet fis-seħħ biex tidentifika u tipprevjeni jew timmaniġġja kunflitti ta' interess li jinqalgħu matul il-forniment ta' servizzi ta' investiment u servizzi anċillari, inklużi dawk li jirriżultaw mill-politika ta' remunerazzjoni tal-persuni involuti fil-forniment ta' servizzi ta' investiment, attivitajiet ta' investiment u servizzi anċillari pprovduti fl-Unjoni (għajr fl-Istat Membru fejn tkun stabbilita l-fergħa) |
| 28h | | **L-arranġamenti tad-ditta minn pajjiż terz biex tittratta l-ilmenti** |
| | | Deskrizzjoni tal-proċedura li l-klijenti tad-ditta minn pajjiż terz fl-Unjoni (għajr fl-Istat Membru fejn hija stabbilita l-fergħa) jeħtieġ li jsegwu biex iressqu lment |
| 28j | | Id-dipartiment responsabbli għat-trattament tal-ilmenti tal-klijenti tal-fergħa |
| 28k | | Il-klijenti tal-lingwa/i għandhom iressqu l-ilmenti tagħhom |

| | | |
|---|---|---|
| 28 l | | Il-qrati rilevanti (f'każ ta' litigazzjoni) imsemmija fi kwalunkwe arranġament kuntrattwali bejn id-ditta minn pajjiż terz u l-klijenti tagħha fl-Unjoni (għajr fl-Istat Membru fejn tkun stabbilita l-fergħa) |
| 28 m | | L-entità/entitajiet ta' soluzzjoni alternattiva għat-tilwim kompetenti biex jittrattaw tilwim transfruntier li jinvolvi klijenti fl-Unjoni (għajr fl-Istat Membru fejn tkun stabbilita l-fergħa) |
| 28n | | **Is-sħubija ta' ditta minn' pajjiż terz fi skema ta' kumpens għall-investituri** |
| | | Id-deskrizzjoni tas-sħubija tad-ditta minn pajjiż terz fi skema ta' kumpens għall-investitur inkluż jekk il-klijenti u l-kontropartijiet tal-fergħa fl-Unjoni (għajr fl-Istat Membru fejn hija stabbilita l-fergħa) humiex se jkunu eliġibbli għal tali skema, l-ambitu tagħha, deskrizzjoni tal-kundizzjonijiet ta' eliġibbiltà u l-ammonti u l-istrumenti finanzjarji koperti mill-iskema |
| 28o | | **L-arranġamenti tad-ditta minn pajjiż terz biex tipproteġi u timmaniġġja l-fondi u l-assi tal-klijenti** |
| | | Id-deskrizzjoni tal-arranġamenti ta' salvagwardja għal kwalunkwe fond tal-klijent jew assi tal-klijent fl-Unjoni (għajr fl-Istat Membru fejn tkun stabbilita l-fergħa) (b'mod partikolari, fejn l-istrumenti finanzjarji u l-fondi jinżammu minn kustodju, l-isem tal-kustodju, u l-kuntratti relatati) |
| 28p | | **Arranġamenti oħra** |
| | | Id-deskrizzjoni ta' kwalunkwe arranġament ieħor li d-ditta minn pajjiż terz tista' tqis rilevanti għall-forniment ta' servizzi u t-twettiq tal-attivitajiet tal-fergħa fl-Unjoni (għajr fl-Istat Membru fejn hija stabbilita l-fergħa) b'mod onest, ġust u professjonali li jippromwovi l-interessi tal-klijenti |
| 29a | Informazzjoni dwar l-arranġamenti ta' esternalizzazzjoni tad-ditta minn pajjiż terz applikabbli għall-operazzjonijiet tal-fergħa | Il-lista u d-deskrizzjoni tal-funzjonijiet esternalizzati (jew dawk maħsuba biex jiġu esternalizzati) għall-forniment tas-servizzi ta' investiment tal-fergħa u t-twettiq tal-attivitajiet tagħha fl-Unjoni (għajr fl-Istat Membru fejn tkun stabbilita l-fergħa) |
| 29b | (għandha tiġi pprovduta f'każ ta' kwalunkwe bidla fl-informazzjoni rrapportata qabel lill-awtorità kompetenti) | Id-deskrizzjoni tar-riżorsi (b'mod partikolari, umani u tekniċi, u s-sistema ta' kontroll intern) allokati għall-kontroll tal-funzjonijiet, is-servizzi jew l-attivitajiet esternalizzati sa fejn dawn ikunu relatati mal-operazzjonijiet tal-fergħa fl-Unjoni (għajr fl-Istat Membru fejn tkun stabbilita l-fergħa) |
| 30 | Informazzjoni dwar l-arranġamenti (inkluż arranġamenti tal-IT) stabbiliti mid-ditta minn pajjiż terz applikabbli għall-attivitajiet tal-fergħa għan-negozjar algoritmiku, għan-negozjar bi frekwenza għolja u għal aċċess elettroniku dirett | Deskrizzjoni ta' kwalunkwe arranġament u riżorsa (b'mod partikolari riżorsi umani u tal-IT) li d-ditta minn pajjiż terz setgħet daħħlet fis-seħħ u/jew allokat għall-attivitajiet tal-fergħa tagħha fl-Unjoni (għajr fl-Istat Membru fejn hija stabbilita l-fergħa) għan-negozjar algoritmiku, in-negozjar bi frekwenza għolja u l-aċċess elettroniku dirett u għall-kontroll ta' tali attivitajiet |

| | | |
|---|---|---|
| | (għandha tiġi pprovduta f'każ ta' kwalunkwe bidla fl-informazzjoni rrapportata qabel lill-awtorità kompetenti) | |
| 31 | Kwalunkwe informazzjoni oħra meqjusa mill-awtorità kompetenti meħtieġa li tippermetti monitoraġġ komprensiv tal-attivitajiet tal-fergħa fl-Unjoni | |

# REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2022/1221

## tal-14 ta' Lulju 2022

## li jimponi dazju anti-dumping provviżorju fuq importazzjonijiet ta' ċertu roti tal-aluminju għall-użu fit-triq li joriġinaw mill-Marokk

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2016/1036 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2016 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Unjoni Ewropea ([1]) ("ir-Regolament bażiku"), u b'mod partikolari l-Artikolu 7 tiegħu,

Wara li kkonsultat lill-Istati Membri,

Billi:

### 1. **PROĊEDURA**

#### 1.1. **Bidu**

(1) Fis-17 ta' Novembru 2021, il-Kummissjoni Ewropea ("il-Kummissjoni") nediet investigazzjoni anti-dumping fir-rigward tal-importazzjonijiet ta' ċertu roti tal-aluminju għall-użu fit-triq (aluminium road wheels, "ARW") li joriġinaw mill-Marokk ("il-pajjiż ikkonċernat") abbażi tal-Artikolu 5 tar-Regolament bażiku. Hija ppubblikat Notifika ta' Bidu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* ([2]) ("in-Notifika ta' Bidu").

(2) Il-Kummissjoni bdiet l-investigazzjoni wara lment li tressaq fl-4 ta' Ottubru 2021 mill-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Manifatturi tar-Roti ("l-ilmentatur" jew "EUWA"). L-ilment sar f'isem l-industrija tal-Unjoni fis-sens tal-Artikolu 5(4) tar-Regolament bażiku. L-ilment kien fih evidenza ta' dumping u tad-dannu materjali li jirriżulta, u din kienet biżżejjed sabiex tiġġustifika l-bidu tal-investigazzjoni.

#### 1.2. **Reġistrazzjoni**

(3) Il-Kummissjoni għamlet l-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat soġġetti għar-reġistrazzjoni permezz tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/934 ([3]) ("ir-Regolament dwar ir-reġistrazzjoni").

#### 1.3. **Il-partijiet interessati u t-talba għall-anonimità**

(4) Fin-Notifika ta' Bidu, il-Kummissjoni stiednet lill-partijiet interessati jikkuntattjawha sabiex jipparteċipaw fl-investigazzjoni. Il-Kummissjoni informat b'mod speċifiku lill-ilmentatur u lill-produtturi magħrufa tal-Unjoni, lill-produtturi esportaturi magħrufa u lill-awtoritajiet tal-Marokk, lill-importaturi, lill-fornituri u lill-utenti magħrufa, kif ukoll lill-assoċjazzjonijiet magħrufa li huma kkonċernati, dwar il-bidu tal-investigazzjoni u stednithom jipparteċipaw.

(5) L-ilmentaturi u żewġ utenti li kkooperaw talbu li isimhom jinżamm kunfidenzjali minħabba l-biża' li jistgħu jiffaċċjaw ritaljazzjoni mill-klijenti. Il-Kummissjoni kienet tal-fehma li tabilħaqq kien hemm riskju serju ta' ritaljazzjoni u aċċettat li l-ismijiet tal-ilmentaturi u taż-żewġ utenti li kkooperaw jenħtieġ li ma jiġux ddivulgati. Sabiex tingħata anonimità b'mod effettiv, l-ismijiet tal-produtturi l-oħrajn tal-Unjoni nżammu kunfidenzjali wkoll, sabiex ikun evitat li wieħed jasal għall-identifikazzjoni tal-ismijiet tal-ilmentaturi.

#### 1.4. **Kummenti dwar il-Bidu**

(6) Il-partijiet interessati kellhom opportunità jikkummentaw dwar il-bidu tal-investigazzjoni u li jitolbu smigħ mal-Kummissjoni u/jew mal-Uffiċjal tas-Smigħ fil-proċedimenti kummerċjali.

---

([1]) ĠU L 176, 30.6.2016, p. 21.
([2]) In-Notifika ta' bidu ta' proċediment anti-dumping li jikkonċerna l-importazzjonijiet ta' ċerti roti tal-aluminju għall-użu fit-triq li joriġinaw mill-Marokk (ĠU C 464, 17.11.2021, p. 19).
([3]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/934 tas-16 ta' Ġunju 2022 li jagħmel l-importazzjonijiet ta' ċerti roti tal-aluminju għall-użu fit-triq li joriġinaw mill-Marokk soġġetti għar-reġistrazzjoni (ĠU L 162, 17.6.2022, p. 27).

(7) Erba' partijiet talbu seduta mas-servizzi tal-Kummissjoni u nstemgħu: l-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Manifatturi tal-Karozzi ("ACEA"), EUWA, Dika Morocco Africa S.A.R.L (**"**Dika") u Hands 8 S.A. ("Hands").

(8) Dika u l-awtoritajiet tal-Marokk sostnew li ċ-ċifri rrapportati fl-ilment kienu skaduti, peress li kien hemm distakk ta' kważi 8 xhur bejn il-perjodu ta' investigazzjoni tagħha u d-data tal-bidu tal-investigazzjoni. Barra minn hekk, il-perjodu ta' investigazzjoni magħżul mill-ilmentatur ikkoinċida b'mod preċiż mal-eqqel tal-pandemija tal-COVID-19. Barra minn hekk, il-perjodu kkunsidrat mill-ilmentatur qabeż b'sena l-prattika tas-soltu tal-Kummissjoni, kif deskritt fil-Gwida rilevanti ([4]). Dika qieset li din id-deċiżjoni tista' titqies bħala inġusta u parzjali u l-użu ta' ċifri skaduti ma jistax jikkostitwixxi evidenza *prima facie* ta' dumping, dannu jew kawżalità kif meħtieġ skont l-Artikolu 5(4) tar-Regolament bażiku.

(9) Il-Kummissjoni l-ewwel innotat li l-Gwida msemmija minn Dika tindika b'mod espliċitu li hija maħsuba sabiex tipprovdi parir ġenerali iżda ma hijiex dokument legalment vinkolanti u l-kontenut tagħha ma huwiex obbligatorju ([5]). Barra minn hekk, l-Artikolu 5 tar-Regolament bażiku ma fih l-ebda dispożizzjoni speċifika dwar iż-żmien li jgħaddi bejn l-ilment u d-*data* pprovduta. Fi kwalunkwe każ, il-perjodu ta' investigazzjoni tal-ilment intemm fil-31 ta' Marzu 2021 filwaqt li l-ilment ġie ppreżentat fl-4 ta' Ottubru 2021. Barra minn hekk, l-ilmentatur issottometta wkoll *data* addizzjonali dwar id-dannu sat-30 ta' Ġunju 2021 ([6]). Konsegwentement, id-*data* pprovduta mill-ilmentatur kienet aġġornata u kemm jista' jkun qrib id-data tal-preżentazzjoni tal-ilment. Fir-rigward tal-affermazzjoni għall-perjodu kkunsidrat u l-perjodu ta' investigazzjoni, hija l-prattika tal-Kummissjoni li tagħżel perjodu ta' investigazzjoni ta' sena u ta' tliet snin kalendarji preċedenti sabiex jiġu eżaminati x-xejriet rilevanti għall-valutazzjoni tad-dannu kopert. Il-fatt li l-ilment ipprovda informazzjoni għal sena addizzjonali ma jfissirx li ntużat *data* skaduta li tagħmel il-valutazzjoni inġusta jew parzjali. Minflok, huwa pprovda informazzjoni dwar l-aktar perjodu riċenti disponibbli, jiġifieri sal-31 ta' Marzu 2021. Konsegwentement, l-affermazzjoni ġiet miċħuda.

(10) Dika sostniet li l-ilment ma pprovdiex evidenza li tiġġustifika l-użu ta' valur normali maħdum kif mitlub mill-Artikolu 5(2) tar-Regolament bażiku. Barra minn hekk, il-parti sostniet li l-kalkolu tal-valur normali maħdum kien żbaljat. Għalhekk, il-Kummissjoni kellha tikkonkludi li l-ilment ma kienx jinkludi biżżejjed evidenza ta' dumping u li kellu jiġi miċħud f'konformità mal-Artikolu 5 tar-Regolament bażiku.

(11) Dika ddikjarat li l-ilmentatur ma użax il-prezz tal-bejgħ domestiku tal-Marokk tal-ARW, għalkemm seta' kien jaf prezzijiet bħal dawn fid-dawl tal-fatt li l-industrija tal-Unjoni nnifisha tesporta l-ARW lejn il-Marokk. Barra minn hekk, Dika allegat li l-ilmentatur uża l-kontijiet finanzjarji tal-produtturi esportaturi mill-2018 u mill-2019 sabiex jikkonkludi li ma kien hemm l-ebda bejgħ fl-andament normali tal-kummerċ, filwaqt li dawn il-kontijiet kienu minn perjodu qabel il-perjodu ta' investigazzjoni magħżul fl-ilment.

(12) Il-Kummissjoni ma qablitx. L-ilmentatur f'din l-investigazzjoni huwa l-EUWA u mhux il-membri individwali tiegħu. Minħabba li l-ilmentatur la huwa produttur u lanqas esportatur, ma kellux aċċess għal tali *data*. Addizzjonalment, il-fatturi huma ġeneralment ikkunsidrati *data* kunfidenzjali tan-negozju. Għalhekk, l-ilmentatur kellu jibbaża fuq informazzjoni pubblika dwar il-prezzijiet tal-bejgħ domestiku fil-Marokk, li ma kinitx disponibbli fiż-żmien tal-ilment. Fir-rigward tal-użu tal-kontijiet finanzjarji tal-2018 u tal-2019 għall-produtturi esportaturi Marokkini, dawn kienu l-uniċi kontijiet disponibbli għall-ilmentatur fiż-żmien meta ġie ppreżentat l-ilment. Għalhekk, l-ilmentatur seta' jikkonkludi biss li abbażi tal-informazzjoni disponibbli b'mod raġonevoli, ma kien hemm l-ebda bejgħ domestiku fl-andament normali tal-kummerċ mill-produtturi esportaturi magħrufa tal-Marokk. Għalhekk kien iġġustifikat fil-valur normali maħdum. Għaldaqstant, l-affermazzjoni ġiet miċħuda.

(13) Dika pprovdiet ukoll argumenti dwar allegati nuqqasijiet fundamentali fid-determinazzjoni tal-valur normali. Dawn l-argumenti jikkonċernaw l-għażla tad-daqs tar-rota, l-użu tal-prezzijiet għall-ingotti tal-aluminju abbażi tal-importazzjonijiet miċ-Ċina, l-użu tal-istruttura tal-kost tal-produttur tal-Unjoni, l-esklużjoni ta' ċerti fatturi tal-kost fil-kalkolu u l-applikazzjoni ta' rata ta' profitt ta' 6 %.

([4]) Il-Kummissjoni, *How to Make an Anti-Dumping Complaint*, A Guide, p. 7-8, iżda wkoll p. 13, p. 27, p. 29, p. 52, p. 59 u p. 67 disponibbli fuq: https://trade.ec.europa.eu/doclib/docs/2006/december/tradoc_112295.pdf.

([5]) Idem, p. 3.

([6]) Ara l-paragrafu 108 tal-ilment u l-Anness D2 tiegħu.

(14) Il-Kummissjoni ma qablitx ma' dawn l-argumenti. Is-suppożizzjonijiet li għamel l-ilmentatur sabiex jibni l-valur normali kienu bbażati fuq l-esperjenza u fuq l-għarfien tas-suq tal-ilmentatur kif ukoll fuq l-informazzjoni disponibbli għall-pubbliku. Il-fatt li l-parti interessata ma taqbilx ma' suppożizzjonijiet bħal dawn, ma jinvalidahomx għall-fini tal-bini tal-valur normali fl-ilment. Iċ-ċifri li fuqhom kien ibbażat il-valur normali kienu sostnuti minn biżżejjed evidenza u kkonfermati mill-analiżi tal-Kummissjoni ta' dik l-evidenza. Anke meta għamlet ċerti aġġustamenti kif issuġġerit mill-parti interessata, li l-Kummissjoni għamlet meta vvalutat l-ilment, kien fadal biżżejjed evidenza ta' dumping.

(15) Dika u l-awtoritajiet Marokkini sostnew li l-ilmentatur ħalla barra mill-analiżi tad-dannu tiegħu l-fatt li s-suq huwa segmentat bejn il-fabbrikanti tat-tagħmir oriġinali (Original Equipment Manufacturers, "OEM") u s-swieq sekondarji (aftermarkets, "AM"), u f'kull suq it-tipi differenti ta' roti, jiġifieri segmenti ta' livelli aktar baxxi u ta' livelli ogħla.

(16) Il-Kummissjoni osservat li waqt li r-roti tal-OEM u tal-AM għandhom mezzi ta' distribuzzjoni għall-bejgħ differenti huma jikkondividu l-istess karatteristiċi fiżiċi u tekniċi u huma interkambjabbli. Għaldaqstant, OEM u AM jenħtieġ li jkunu kkunsidrati bħala mezzi ta' bejgħ differenti aktar minn segmenti differenti.

(17) Safejn huma kkonċernati iż-żewġ mezzi ta' bejgħ, l-ilmentatur stima li l-esportazzjonijiet Marokkini x'aktarx li kienu esklussivament fornuti lill-klijenti tal-OEM. L-analiżi sussegwenti mill-Kummissjoni tal-informazzjoni disponibbli kkonfermat dan. Dan kien ukoll il-każ tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun li kważi esklussivament biegħu lill-klijenti tal-OEM (madwar 99,6 %.

(18) Rigward it-tipi differenti tar-roti, il-Kummissjoni nnotat li l-ilment ma kienx fih analiżi sħiħa tad-dannu għal kull tip differenti ta' ARW, kien jipprovdi kalkoli tat-twaqqigħ tal-prezz u tal-bejgħ taħt il-prezz għal għaxar tipi rappreżentattivi ta' roti.

(19) Konsegwentement, l-affermazzjoni ġiet miċħuda.

(20) Dika, Hands u l-awtoritajiet tal-Marokk sostnew li l-evoluzzjoni tal-importazzjonijiet Marokkini ma tistax tikkawża jew thedded li tikkawża dannu lill-industrija tal-Unjoni peress li dawn kienu jirrappreżentaw biss 2,8 % tas-suq tal-Unjoni matul il-perjodu mill-1 ta' April 2020 sal-31 ta' Marzu 2021 u ma jikkawżawx tnaqqis fil-prezzijiet jew suppressjoni tal-prezzijiet.

(21) L-analiżi speċifika tad-dannu tal-ilment wriet li kien hemm biżżejjed evidenza li tindika żieda fil-penetrazzjoni tas-suq tal-Unjoni (kemm f'termini assoluti kif ukoll relattivi) minn importazzjonijiet mill-Marokk bi prezzijiet li jwaqqgħu il-prezz u li sostanzjalment iwasslu għal bejgħ taħt il-prezz tal-industrija tal-Unjoni stess. Dan jidher li kkawża dannu materjali lill-industrija tal-Unjoni, muri pereżempju minn tnaqqis fil-bejgħ u fis-sehem mis-suq tagħha, minn deterjorament tar-riżultati finanzjarji jew mil-livell tal-prezzijiet mitluba mill-industrija tal-Unjoni. Konsegwentement, l-affermazzjoni ġiet miċħuda.

(22) Dika sostniet li ċerti indikaturi tad-dannu, bħall-kapaċità tal-produzzjoni, il-prezzijiet tal-Unjoni u l-konsum tal-Unjoni, li jinsabu fl-ilment ma appoġġawx sejba ta' dannu matul il-perjodu ta' investigazzjoni. Barra minn hekk, l-użu sħiħ tal-kapaċità ma huwiex opzjoni għall-produttur tal-ARW, minħabba l-mudelli tal-katina tal-provvista "eżatt fil-ħin" implimentati mill-manifatturi tal-karozzi fl-Unjoni Ewropea, li jirrikjedi li l-produtturi tal-ARW ikunu flessibbli u jkollhom il-kapaċitajiet disponibbli sabiex iwiegħbu għall-ħtiġijiet tal-aħħar minuta.

(23) Il-Kummissjoni tfakkar li sejba ta' dannu materjali meħtieġa għall-bidu ta' investigazzjoni tirrikjedi eżami, fost l-oħrajn, tal-fatturi rilevanti kif deskritt fir-Regolament bażiku. Madankollu, ma huwiex speċifikament meħtieġ mill-Artikolu 5 tar-Regolament bażiku li l-fatturi kollha ta' dannu msemmija fl-Artikolu 3(5) juru deterjorament sabiex id-dannu materjali jiġi ssostanzjat biżżejjed għall-fini tal-bidu ta' investigazzjoni. Fil-fatt, il-formulazzjoni tal-Artikolu 5(2) tar-Regolament bażiku tiddikjara li l-ilment għandu jkun fih l-informazzjoni dwar il-bidliet fil-kwantità tal-importazzjonijiet allegatament oġġett ta' dumping, l-effett ta' dawk l-importazzjonijiet fuq il-prezzijiet tal-prodott simili fis-suq tal-Unjoni u l-impatt konsegwenti tal-importazzjonijiet fuq l-industrija tal-Unjoni, kif muri mill-fatturi rilevanti (mhux neċessarjament kollha). L-ilment kien fih din l-informazzjoni, li indikat l-eżistenza ta' dannu. Għaldaqstant, il-Kummissjoni qieset li l-ilment kien jinkludi biżżejjed evidenza ta' dannu u ċaħdet l-affermazzjoni.

(24) Dika u Hands argumentaw li l-impożizzjoni ta' miżuri anti-dumping ma tistax tkun fl-interess tal-Unjoni.

(25) Fir-rigward ta' dan tal-aħħar, l-interess tal-Unjoni ma huwiex kriterju rilevanti sabiex jiġi vvalutat jekk ilment jiġġustifikax il-bidu ta' proċediment anti-dumping skont l-Artikolu 5 tar-Regolament bażiku. Għalhekk, dawk il-kummenti ma ġewx ikkunsidrati fir-rigward tal-affermazzjonijiet dwar il-bidu tal-proċedimenti.

(26) Dika, Hands u l-awtoritajiet tal-Marokk sostnew li l-ilmentatur ma kkunsidrax fatturi oħrajn minħabba l-alleggat nuqqas ta' kompetizzjoni bejn l-ARW tal-Unjoni u l-ARW tal-Marokk minħabab s-segmentazzjoni tas-swieq; importazzjonijiet minn pajjiżi terzi; il-konsegwenzi kkawżati mill-pandemija tal-COVID-19.

(27) L-analiżi tal-ilment tal-Kummissjoni kkonfermat li l-elementi msemmija, jew ma kinux sostanzjati, jew kienu fattwalment skorretti jew insuffiċjenti sabiex iqajmu dubji dwar il-konklużjoni li l-ilment kien jinkludi biżżejjed evidenza li turi li l-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat kienu qegħdin jidħlu fl-Unjoni bi prezzijiet li huma l-oġġett ta' dumping u dehru li kienu qegħdin jikkawżaw dannu materjali lill-produtturi tal-Unjoni. Dawn l-aspetti kienu ġew stabbiliti abbażi tal-aħjar evidenza disponibbli għall-ilmentatur f'dak iż-żmien, u kienu rappreżentattivi u affidabbli biżżejjed. Barra minn hekk, l-affermazzjonijiet imressqa minn Dika, mill-awtoritajiet tal-Marokk u mill-ACEA ġew eżaminati fid-dettall matul l-investigazzjoni, u huma indirizzati ulterjorment hawn taħt.

(28) Abbażi ta' dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni kkonfermat li l-ilmentatur ipprovda biżżejjed evidenza ta' dumping, dannu u rabta kawżali, u b'hekk jissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 5(2) tar-Regolament bażiku.

## 1.5. **Kampjunar**

(29) Fin-Notifika ta' Bidu, il-Kummissjoni ddikjarat li kien hemm il-possibbiltà li tagħżel kampjun minn fost il-partijiet interessati f'konformità mal-Artikolu 17 tar-Regolament bażiku.

### 1.5.1. *Kampjunar tal-produtturi tal-Unjoni*

(30) Fin-Notifika ta' Bidu tagħha, il-Kummissjoni ddikjarat li hija kienet għażlet b'mod provviżorju kampjun tal-produtturi tal-Unjoni. Il-Kummissjoni għażlet kampjun definittiv ta' tliet produtturi tal-Unjoni. Skont l-Artikolu 17 tar-Regolament bażiku, il-kriterju użat għall-għażla tal-kampjun kien l-akbar kwantitajiet rappreżentattivi ta' produzzjoni tal-prodott simili fl-Unjoni matul il-perjodu ta' investigazzjoni, jiġifieri mill-1 ta' Ottubru 2020 sat-30 ta' Settembru 2021. Dan il-kampjun proviżorju kien magħmul minn tliet produtturi tal-Unjoni, li jinsabu fi tliet Stati Membri differenti. Il-kampjun jammonta għal kważi 20 % tal-kwantità totali tal-produzzjoni fl-Unjoni tal-prodott simili, u jiżgura firxa ġeografika tajba. Il-Kummissjoni stiednet lill-partijiet interessati sabiex jagħtu l-kummenti tagħhom dwar il-kampjun provviżorju, u ma rċeviet l-ebda kumment.

### 1.5.2. *Kampjunar tal-importaturi*

(31) Sabiex tiddeċiedi jekk il-kampjunar kienx meħtieġ u, jekk iva, sabiex tagħżel kampjun, il-Kummissjoni talbet lill-importaturi mhux relatati jipprovdu l-informazzjoni speċifikata fin-Notifika ta' Bidu.

(32) L-ebda wieħed mill-importaturi mhux relatati magħrufa ma ppreżenta l-informazzjoni mitluba u ma qabel li jiġi inkluż fil-kampjun.

### 1.5.3. *Kampjunar ta' produtturi esportaturi fil-Marokk*

(33) Sabiex tiddeċiedi jekk il-kampjunar kienx meħtieġ u, jekk iva, sabiex tagħżel kampjun, il-Kummissjoni talbet lill-produtturi esportaturi kollha fil-Marokk sabiex jipprovdu l-informazzjoni speċifikata fin-Notifika ta' Bidu. Barra minn hekk, il-Kummissjoni talbet lill-Missjoni tar-Renju tal-Marokk sabiex tidentifika u/jew tikkuntattja lil produtturi esportaturi oħrajn, jekk ikun hemm, li jistgħu jkunu interessati jipparteċipaw fl-investigazzjoni.

(34) Żewġ produtturi esportaturi biss fil-pajjiż ikkonċernat, li jirrappreżentaw virtwalment l-importazzjonijiet kollha ta' ARW mill-Marokk, ipprovdew l-informazzjoni mitluba. Għaldaqstant il-Kummissjoni ddeċidiet li l-kampjunar ma kienx meħtieġ.

### 1.6. **It-tweġibiet għall-kwestjonarju u ż-żjarat ta' verifika**

(35) Il-Kummissjoni bagħtet kwestjonarji lil tliet produtturi tal-Unjoni, lill-ilmentatur, lil żewġ utenti magħrufa, u lil żewġ produtturi esportaturi fil-pajjiż ikkonċernat. L-istess kwestjonarji kienu wkoll disponibbli online ([7]) fil-jum tal-bidu.

(36) Il-Kummissjoni fittxet u vverifikat l-informazzjoni kollha li qieset meħtieġa għal determinazzjoni provviżorja ta' dumping, id-dannu li u l-interess tal-Unjoni. Fid-dawl tat-tifqigħa tal-pandemija tal-COVID-19 u tal-miżuri ta' konfinament stabbiliti minn diversi pajjiżi, il-Kummissjoni ma setgħetx twettaq iż-żjarat ta' verifika kollha skont l-Artikolu 16 tar-Regolament bażiku.

— Iż-żjarat ta' verifika skont l-Artikolu 16 tar-Regolament bażiku saru fil-bini ta' żewġ produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun, utent wieħed ([8]), u fil-bini tal-produtturi esportaturi li ġejjin fil-Marokk: HANDS 8 S.A. ("Hands")

— DIKA MOROCCO AFRIKA S.A.R.L ("Dika")

(37) Addizzjonalment, f'konformità man-Notifika tal-konsegwenza tat-tifqigħa tal-COVID-19 dwar l-investigazzjonijiet anti-dumping u antisussidji ([9]), il-Kummissjoni wettqet kontroverifiki mill-bogħod fir-rigward tal-kumpanija affiljata ta' Dika CITIC Dicastal Co. Ltd ("CITIC") u produttur wieħed.

### 1.7. **Il-perjodu ta' investigazzjoni u l-perjodu kkunsidrat**

(38) L-investigazzjoni tad-dumping u tad-dannu kopriet il-perjodu mill-1 ta' Ottubru 2020 sat-30 ta' Settembru 2021 ("il-perjodu ta' investigazzjoni"). L-eżaminazzjoni tax-xejriet rilevanti għall-valutazzjoni tad-dannu kopriet il-perjodu mill-1 ta' Jannar 2018 sat-tmiem tal-perjodu ta' investigazzjoni ("il-perjodu kkunsidrat").

## 2. **PRODOTT IKKONĊERNAT U PRODOTT SIMILI**

### 2.1. **Prodott ikkonċernat**

(39) Il-prodott ikkonċernat huwa roti tal-aluminju għall-użu fit-triq tal-vetturi bil-mutur tal-intestaturi SA 8701 sa 8705 kemm jekk bl-aċċessorji tagħhom kif ukoll jekk le u kemm jekk mgħammra b'tajers kif ukoll jekk le, li joriġinaw mill-Marokk, li bħalissa jaqgħu taħt il-kodiċijiet NM ex 8708 70 10 u ex 8708 70 50 (il-kodiċijiet TARIC: 8708 70 10 15, 8708 70 10 50, 8708 70 50 15 u 8708 70 50 50) ("il-prodott ikkonċernat").

(40) Ir-roti tal-aluminju għall-użu fit-triq tradizzjonalment jinbiegħu fl-Unjoni permezz ta' żewġ mezzi ta' distribuzzjoni għall-bejgħ: għall-OEM, li huma prinċipalment manifatturi tal-karozzi, u għas-suq sekondarju, li jinkludi pereżempju d-distributuri, il-bejjiegħa bl-imnut, il-ħwienet tat-tiswija, eċċ. Il-prodott ikkonċernat mill-Marokk inbiegħ esklużivament lis-suq permezz tal-mezz tal-OEM matul il-perjodu kkunsidrat. Fil-mezz tad-distribuzzjoni tal-OEM, il-manifatturi tal-karozzi jorganizzaw proċeduri ta' offerti għall-ARWs u ta' spiss ikunu involuti fil-proċess tal-iżviluppar ta' rota ġdida li tkun assoċjata mal-marka tagħhom. Kemm il-produtturi tal-Unjoni kif ukoll l-esportaturi Marokkini jistgħu jikkompetu fl-istess offerti.

### 2.2. **Prodott simili**

(41) L-investigazzjoni wriet li dawn il-prodotti li ġejjin għandhom l-istess karatteristiċi fiżiċi, kimiċi u tekniċi bażiċi kif ukoll l-istess użi bażiċi:

— il-prodott ikkonċernat;

— il-prodott immanifatturat u mibjugħ fis-suq domestiku tal-Marokk; u

— l-prodott immanifatturat u mibjugħ fl-Unjoni mill-industrija tal-Unjoni.

(42) F'dan l-istadju, il-Kummissjoni ddeċidiet li dawn il-prodotti huma għalhekk prodotti simili skont it-tifsira tal-Artikolu 1(4) tar-Regolament bażiku.

---

([7]) https://trade.ec.europa.eu/tdi/case_details.cfm?id=2563.
([8]) Kif spjegat fil-premessa (5), l-ismijiet tal-produtturi tal-Unjoni u żewġ utenti ma humiex iddivulgati għal raġunijiet ta' kunfidenzjalità.
([9]) ĠU C 86, 16.3.2020, p. 6.

## 3. **DUMPING**

### 3.1. **Il-Marokk**

#### 3.1.1. *Kooperazzjoni tal-produtturi esportaturi*

(43) Kif stabbilit fil-premessa (34) hawn fuq, żewġ produtturi esportaturi tal-Marokk, Dika u Hands, ippreżentaw ruħhom fl-investigazzjoni u pprovdew tweġibiet għall-kwestjonarju. Dika għandha kumpanija relatata, CITIC, li huwa produttur ARW Ċiniż. CITIC tixtri l-ARW minn Dika u tbigħhom lill-Unjoni, lill-Marokk u lil pajjiżi trerzi. Matul l-RCC ma' CITIC, instabu numru ta' żbalji li qajmu dubji serji dwar l-affidabbiltà tal-listi tal-bejgħ domestiċi u tal-UE. Dawn l-iżbalji kienu jikkonċernaw prinċipalment id-differenzi bejn il-prezzijiet rreġistrati fil-listi tal-bejgħ, il-prezzijiet fuq il-fatturi u l-ammonti effettivament imħallsa.

(44) Fl-1 ta' April 2022, matul il-verifika fuq il-post f'Dika, wara li ġie konkluż l-RCC ma' CITIC, il-kumpanija pprovdiet verżjoni riveduta tal-listi tal-bejgħ, inkluża spjegazzjoni għad-diskrepanzi li nstabu. F'dak il-mument ma kien hemm l-ebda opportunità sabiex tiġi vverifikata jew kontroverifikata l-lista riveduta tal-bejgħ. Barra minn hekk, l-iċċekkjar preliminari tad-*data* ġdida ppreżentata wriet li r-reviżjonijiet magħmula mill-kumpanija ma rrettifikawx id-diskrepanzi kollha msemmija matul l-RCC, filwaqt li n-numru totali ta' reviżjonijiet kien ħafna ogħla milli mistenni abbażi tal-RCC. In-natura u l-għadd tal-iżbalji, li wħud minnhom komplew wara r-reviżjoni, kienu tali li l-Kummissjoni ma setgħetx tiddependi fuq l-akkuratezza tal-listi tal-bejgħ. Għaldaqstant, il-Kummissjoni ma setgħetx tivverifika l-informazzjoni neċessarja biex tistabbilixxi marġni ta' dumping għall-kumpanija.

(45) F'konformità mal-Artikolu 18(4) tar-Regolament bażiku, permezz tal-ittra tal-5 ta' Mejju 2022, Dika u l-kumpanija relatata tagħha ġew mgħarrfa bir-raġunijiet tal-intenzjoni tal-Kummissjoni li tinjora l-informazzjoni pprovduta u ngħataw l-opportunità li jipprovdu spjegazzjonijiet ulterjuri ("l-ittra tal-Artikolu 18").

(46) Il-kumpanija wieġbet l-ittra tal-Kummissjoni fit-12 ta' Mejju 2022. Fit-tweġiba tagħha, il-kumpanija spjegat li rreġistrat il-bejgħ tagħha fil-listi tal-bejgħ f'konformità mal-prinċipji kontabilistiċi tagħha. Għalhekk, il-kumpanija sostniet, b'kuntrast mad-dikjarazzjonijiet li għamlet matul l-RCC u ż-żjara ta' verifika fuq il-post, li l-listi tal-bejgħ oriġinali, li l-valuri totali tagħhom setgħu jiġu rrikonċiljati mas-sistema ta' kontabilità SAP tal-kumpanija, kienu kompluti u akkurati, ma kienx fihom żbalji u ma kienu jeħtieġu l-ebda reviżjoni. Fil-fatt, ir-reviżjonijiet li l-kumpanija kienet għamlet wara l-RCC kienu allegatament ipprovduti lill-Kummissjoni biss sabiex juru l-kooperazzjoni sħiħa tas-CITIC fl-investigazzjoni. Għaldaqstant, il-kumpanija ddikjarat li l-Kummissjoni jenħtieġ li tuża l-verżjoni oriġinali mhux reveduta tal-listi tal-bejgħ. Alternattivament, il-kumpanija ddikjarat li l-Kummissjoni tista' tuża l-listi tal-bejgħ reveduti, ipprovduti mal-ittra, ladarba d-defiċjenzi allegatament ma kinux daqshekk li jikkawżaw diffikultà żejda biex wieħed jasal għal sejba raġonevolment akkurata. Dawn il-listi tal-bejgħ kienu simili għal dawk provduti matul il-verifika fuq il-post, li magħhom żdiedet *data* li kienet nieqsa, xi żbalji kienu kkoreġuti u kienu pprovduti spjegazzjonijiet addizzjonali. Madankollu, kien għad baqa' bosta' żbalji, għal għadd ta' tranżazzjonijiet l-ammont realment riċevut kien għadu mhux provdut u l-Kummissjoni ma kinitx f'pożizzjoni li tagħmel kontroverifika jew tivverfiika l-listi tal-bejgħ provduti mat-tweġiba tal-kumpanija għall-ittra tal-Artikolu 18. Il-kumpanija qalet ukoll, li f'każ li l-Kummissjoni tinsisti fuq l-applikazzjoni tal-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku, jenħtieġ li tuża r-rapporti finanzjarji tas-CITIC bħala fatti parzjali disponibbli.

(47) Il-Kummissjoni ma qablitx mal-argumenti pprovduti mill-kumpanija fit-tweġiba tagħha għall-ittra tal-Artikolu 18. Il-kwestjonarju anti-dumping għall-produtturi esportaturi talab b'mod ċar li jkunu provduti listi tal-bejgħ tranżazzjoni bi tranżazzjoni. Il-mudelli tat-tabelli pprovduti mal-kwestjonarju jitolbu b'mod inekwivoku d-*data* kif irreġistrata fuq il-fattura (il-kwantità tal-fattura, il-valur tal-fattura, in-noti ta' kreditu relatati, eċċ.). Il-kumpanija nnifisha rrikonoxxiet li ma kinux lestew il-listi tal-bejgħ abbażi tal-fatturi. Minflok, huma lestewhom abbażi tal-prattiki kontabilistiċi tagħhom stess. Barra minn hekk, il-kumpanija argumentat li kwalunkwe differenza bejn il-valur tal-fattura u l-prezz realment riċevut normalment tiġi rreġistrata fil-lista tal-bejgħ jew bħala skont, jew rifużjoni, nota ta' kreditu jew b'xi mod ieħor. Madankollu, instab li dawn id-differenzi ma kinux riflessi b'mod sistematiku fil-listi tal-bejgħ tal-kumpanija.

(48) Kif imsemmi hawn fuq fil-premessa (44), il-listi tal-bejgħ riveduti ma setgħux jiġu kkontroverifikati jew ivverifikati fil-ħin. Kif spjegat lill-kumpanija fl-ittra ta' qabel l-RCC u ta' qabel il-verifika mibgħuta fil-11 ta' Marzu 2022 u f'konformità mal-Avviż dwar il-konsegwenzi tat-tifqigħa tal-COVID-19 fuq l-investigazzjonijiet anti-dumping u antisussidji ([10]), l-għan tal-RCC kien li jikseb assigurazzjonijiet fir-rigward tal-informazzjoni sottomessa mill-kumpanija fit-tweġiba tagħha għall-kwestjonarju. Tali assigurazzjonijiet ma nkisbux matul l-RCC fir-rigward tal-listi tal-bejgħ. RCC addizzjonali mas-CITIC, kif propost mill-kumpanija fit-tweġiba tagħha għall-ittra tal-Artikolu 18, ma għandux jintuża bħala mod sabiex jiġu rrimedjati n-nuqqas ta' puntwalità jew l-iżbalji stabbiliti matul l-RCC li diġà seħħ fil-limiti ta' żmien stabbiliti.

(49) Barra minn hekk, xi bidliet li ġew diskussi matul l-RCC ma ġewx ikkunsidrati fit-tabelli riveduti. Bit-tweġiba tagħha għall-ittra tal-Artikolu 18, il-kumpanija kienet ipprovdiet lista tal-bejgħ riveduta ġdida fejn saru bidliet addizzjonali li ma setgħux jiġu la kontroverifikati u lanqas verifikati. Għalhekk, il-Kummissjoni qieset li l-kumpanija ma pprovdietx l-informazzjoni mitluba fil-limiti ta' żmien tal-investigazzjoni. L-alternattiva proposta mill-kumpanija, li jintużaw ir-rapporti finanzjarji tas-CITIC bħala fatti parzjali disponibbli, ma kinitx aċċettabbli. L-użu tar-rapporti finanzjarji ma jippermettix lill-Kummissjoni tistabbilixxi valur normali u prezz tal-esportazzjoni fil-livell ta' dettall u akkuratezza meħtieġa mir-Regolament bażiku, minħabba li ma jippermettux analiżi abbażi tal-prodott jew tat-tranżazzjoni.

(50) Peress li Dika u l-kumpanija relatata tagħha CITIC ma pprovdewx informazzjoni li setgħet tippermetti lill-Kummissjoni tasal għal sejba raġonevolment akkurata, u informazzjoni verifikabbli li setgħet ippermettiet tali sejba ma ġietx sottomessa, il-Kummissjoni ddeċidiet li tinjora l-informazzjoni sottomessa mill-kumpanija fir-rigward tal-listi tal-bejgħ domestiċi u tal-UE. Billi dik l-informazzjoni hija kruċjali għad-determinazzjoni ta' valur normali u prezz tal-esportazzjoni, il-Kummissjoni ma kinitx f'pożizzjoni li tikkalkula marġni tad-dumping individwali għall-kumpanija.

(51) Għaldaqstant, il-Kummissjoni provviżorjament injorat l-informazzjoni pprovduta minn dan il-produttur esportatur u kkonfermat l-użu tal-fatti disponibbli fir-rigward ta' dan il-produttur esportatur abbażi tal-Artikolu 18(1) tar-Regolament bażiku.

3.1.2. *Valur Normali*

(52) Minħabba l-applikazzjoni tal-Artikolu 18(1) tar-Regolament bażiku kif deskritt fit-Taqsima 3.1.1 ta' hawn fuq, id-deskrizzjoni tal-kalkolu tal-marġni tad-dumping ta' hawn taħt applikat biss għall-produttur esportatur tal-Marokk li jifdal, Hands.

(53) L-Artikolu 2(1) tar-Regolament bażiku jgħid li l-valur normali għandu jkun ibbażat fuq il-prezzijiet imħallsa jew pagabbli, fil-kors ordinarju tal-kummerċ, minn klijenti indipendenti fil-pajjiż esportatur. Madankollu, il-Kummissjoni ddeterminat li l-produttur esportatur li kkoopera ma għamel l-ebda bejgħ domestiku. In-numru żgħir ta' bejgħ ta' ARW lil klijenti fil-Marokk matul il-perjodu ta' investigazzjoni sar lil manifattur wieħed tal-karozzi li jinsab f'żona ekonomika ħielsa mid-dazju ("*zone d'accélération industrielle*", li qabel kienet tissejjaħ ukoll "*zone franche*" jew "*zone franche d'exportation*"), simili għaż-żona ekonomika li fiha jinsab il-produttur li kkoopera. Dak il-manifattur tal-karozzi xtara l-ARW għall-użu fl-assemblaġġ ta' karozza. Sussegwentement, il-karozza u mhux l-ARW jintbagħtu miż-żona ħielsa mid-dazju jew sabiex tinbiegħ domestikament, jew sabiex tiġi esportata. Minkejja dan, id-destinazzjoni finali tal-karozza x'aktarx ma kinitx is-suq domestiku. Studju fl-2020 wera li 90 % tal-karozzi kollha mmanifatturati fil-Marokk huma destinati għas-suq tal-esportazzjoni ([11]), u dan kien ikkorroborat ukoll minn informazzjoni mill-manifatturi tal-karozzi tal-Marokk ([12]). Barra minn hekk, skont il-Liġi 19-94 li tirregola ż-żoni ta' kummerċ ħieles, il-kumpaniji li jinsabu f'żoni bħal dawn iridu jagħmlu mill-anqas 70 % tal-fatturat tagħhom mill-esportazzjonijiet ([13]).

([10]) ĠU C 86, 16.3.2020, p. 6.

([11]) Henri-Louis Vedie, "*L'automobile: une filière marocaine stratégique, leader du secteur en Afrique*", Policy Center for the New South, Policy Paper 20/34, Novembru 2020 (disponibbli fuq https://www.policycenter.ma/sites/default/files/2021-01/PP%20-%2020-34%20%28Henri-louis%20Vedie%29_0.pdf).

([12]) Pereżempju, il-Grupp Renault esporta aktar minn 95 % tal-produzzjoni tiegħu f'Tangier (ara https://www.tac.ma/news/english-1m-vehicles-exported-from-tangermed/).

([13]) Ara "*LA LOI N° 19-94 RELATIVE AUX ZONES FRANCHES D'EXPORTATION*", Bullettin Uffiċjali, 1995-02-15, Nru 4294, p. 117-121.

(54) Kif spjegat hawn fuq, il-bejgħ tal-ARW mill-produttur esportatur li kkoopera lil dak il-klijent fil-Marokk kien bejgħ minn żona ekonomika għal oħra. Il-kumpaniji li jinsabu f'tali żoni ekonomiċi fil-Marokk huma eżentati mil-liġijiet u mir-regolamenti doganali li normalment japplikaw fit-territorju tal-Marokk, u l-merkanzija li tidħol fiż-żona ekonomika titqies bħala esportazzjoni ([14]). Peress li l-ARW ġie prodott f'żona ekonomika, u sussegwentement mibjugħ u ttrasportat lejn żona ekonomika oħra, l-ARW qatt ma daħal fit-territorju doganali tal-Marokk, u għalhekk ma setax jitqies bħala bejgħ domestiku.

(55) Fi kwalunkwe każ, anke jekk il-bejgħ lejn iż-żona ekonomika ħielsa mid-dazju fil-Marokk jitqies bħala bejgħ domestiku, dan ma kienx rappreżentattiv u lanqas ma sar fl-andament normali tal-kummerċ kif meħtieġ mill-Artikolu 2(1) tar-Regolament bażiku.

(56) F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni l-ewwel eżaminat jekk il-kwantità totali ta' bejgħ domestiku ta' kull produttur esportatur li kkoopera kinitx rappreżentattiva, f'konformità mal-Artikolu 2(2) tar-Regolament bażiku. Il-bejgħ domestiku jkun rappreżentattiv jekk it-total tal-kwantità ta' bejgħ domestiku tal-prodott simili lill-klijenti indipendenti fis-suq domestiku tkun tirrappreżenta mill-anqas 5 % tal-kwantità totali tiegħu ta' bejgħ għall-esportazzjoni tal-prodott ikkonċernat lejn l-Unjoni matul il-perjodu ta' investigazzjoni. Fuq din il-bażi, il-bejgħ tal-produttur esportatur li kkoopera li sar fil-Marokk ma kienx rappreżentattiv.

(57) Imbagħad, il-Kummissjoni ddefiniet il-proporzjon tal-bejgħ bi profitt lill-klijenti indipendenti fis-suq domestiku għal kull tip ta' prodott matul il-perjodu ta' investigazzjoni sabiex tiddeċiedi jekk tużax il-bejgħ domestiku reali għall-kalkolu tal-valur normali, f'konformità mal-Artikolu 2(4) tar-Regolament bażiku. L-analiżi tal-bejgħ domestiku wriet li l-ebda bejgħ domestiku ma kien profittabbli u għalhekk ma kienx fl-andament normali tal-kummerċ.

(58) Peress li ma kien hemm l-ebda bejgħ tal-prodott simili fl-andament normali tal-kummerċ fis-suq domestiku, il-Kummissjoni ħadmet il-valur normali f'konformità mal-Artikolu 2(3) u (6) tar-Regolament bażiku.

(59) L-Artikolu 2(3) tar-Regolament bażiku jgħid li meta ma jkun hemm l-ebda bejgħ domestiku fl-andament normali tal-kummerċ, il-valur normali tal-prodott simili għandu jiġi kkalkolat abbażi tal-kost tal-produzzjoni fil-pajjiż ta' oriġini flimkien ma' ammont raġonevoli kostijiet tal-bejgħ, ġenerali u amministrattivi (selling, general and administrative costs, "SG &A") u għall-profitt. L-Artikolu 2(6) tar-Regolament bażiku jgħid b'mod ċar li l-SG&A u l-profitti għandhom jiġu bbażati fuq *data* reali relattiva għall-produzzjoni u l-bejgħ, fl-andament normali tal-kummerċ, tal-prodott simili mill-esportatur jew produttur taħt investigazzjoni. Madankollu, peress li ma hemm l-ebda bejgħ tal-prodott simili fl-andament normali tal-kummerċ għal Hands, kif spjegat hawn fuq, l-Artikolu 2(6) tar-Regolament bażiku jipprevedi tliet metodi alternattivi:

(a) il-medja ponderata tal-ammonti reali stabbilita għal esportaturi jew għal produtturi oħrajn soġġetti għal investigazzjoni fir-rigward tal-produzzjoni u l-bejgħ tal-prodott simili fis-suq domestiku tal-pajjiż ta' oriġini;

(b) l-ammonti reali applikabbli għall-produzzjoni u għall-bejgħ, fl-andament normali tal-kummerċ tal-istess kategorija ġenerali ta' prodotti għall-esportatur jew għall-produttur inkwistjoni fis-suq domestiku tal-pajjiż ta' oriġini;

(c) kwalunkwe metodu raġonevoli ieħor, sakemm l-ammont għal profitt b'hekk stabbilit ma jaqbiżx il-profitt normalment magħmul minn esportaturi jew minn produtturi oħrajn fuq bejgħ ta' prodotti tal-istess kategorija ġenerali fis-suq domestiku tal-pajjiż ta' oriġini.

(60) Fir-rigward tal-Artikolu 2(6)(a), kien hemm produttur esportatur ieħor biss tal-ARW fil-Marokk, Dika. Dika wkoll biegħet l-ARW tagħha kollu fil-Marokk lil manifatturi tal-karozzi li jinsabu f'żoni ekonomiċi. Kif spjegat hawn fuq fil-premessi (53) u (54), dan il-bejgħ ma kienx ikkunsidrat bħala bejgħ domestiku. Barra minn hekk, il-medja msemmija fl-Artikolu 2(6)(a) trid tkun medja ponderata ta' mill-anqas żewġ produtturi esportaturi ([15]). Għalhekk, id-*data* ta' Dika ma setgħetx tintuża, anke jekk il-bejgħ tagħhom kien jitqies affidabbli. Għalhekk, l-Artikolu 2(6)(a) ma setax jiġi applikat.

([14]) Ara *"LA LOI N° 19-94 RELATIVE AUX ZONES FRANCHES D'EXPORTATION"*, Bullettin Uffiċjali, 1995-02-15, Nru 4294, p. 117-121, sussegwentement emendata mil-Liġi 14.21 sabiex jinbidel it-terminu *"zone franche"* għal *"zone d'accélération industrielle"*. Ara wkoll il-*"Code des douanes et impôts indirects relevant de l'administration des douanes et impôts indirects approuvé par le dahir portant loi n° 1-77-339 du 25 chaoual 1397 (9 octobre 1977), tel. qu'il a été modifié et complete"*.

([15]) EC – Anti-dumping duties on imports of cotton-type bed linen from India (WT/DS141/R, 30.10.2000, il-paragrafi 74 sa 77).

(61) L-Artikolu 2(6)(b) jeħtieġ il-produzzjoni u l-bejgħ, fl-andament normali tal-kummerċ, tal-istess kategorija ġenerali ta' prodotti għall-esportatur jew għall-produttur inkwistjoni fis-suq domestiku. Madankollu, Hands ipproduċew biss ARW, u l-ebda bejgħ tagħhom ma sar fl-andament normali tal-kummerċ. Għalhekk, l-Artikolu (2)(6)(b) lanqas ma seta' jiġi applikat.

(62) L-Artikolu 2(6)(c) jirreferi għal "kwalunkwe metodu raġonevoli ieħor" sabiex jiġu stabbiliti l-SG&A u l-profitt. Fin-nuqqas ta' produtturi oħrajn tal-ARW fil-Marokk, il-Kummissjoni qieset li huwa raġonevoli li jiġu applikati l-SG&A u l-profitt li nstabu għall-produtturi tal-ARW fil-Brażil. Il-Brażil ġie propost bħala pajjiż rappreżentattiv xieraq fit-talba għal rieżami li kienet il-bażi għall-investigazzjoni ta' rieżami ta' skadenza li għaddejja dwar l-ARW miċ-Ċina ([16]). Il-medja ponderata tal-SG&A li nstabet kienet ta' 11,49 % u l-profitt medju ponderat kien ta' 4,89 %.

(63) L-Artikolu 2(6)(c) jobbliga wkoll l-applikazzjoni ta' limitu massimu għall-profitt użat skont din il-metodoloġija sabiex jiġi żgurat li l-profitt użat ma jaqbiżx il-profitt normalment realizzat minn esportaturi jew minn produtturi oħrajn fuq il-bejgħ ta' prodotti tal-istess kategorija ġenerali fis-suq domestiku tal-pajjiż ta' oriġini. Ma kien hemm l-ebda produttur Marokkin ieħor tal-ARW ħlief Dika u Hands, li l-profitt tagħhom ma setax jintuża peress li ma kellhom l-ebda bejgħ fis-suq domestiku tal-Marokk. Barra minn hekk, ma kien hemm l-ebda informazzjoni disponibbli għall-Kummissjoni rigward il-profitt li sar minn produtturi jew minn esportaturi possibbli ta' partijiet tal-karozzi tal-aluminju jew ta' kwalunkwe prodott tal-aluminju relatat mal-industrija tal-karozzi fil-Marokk.

(64) Il-Kummissjoni qieset li l-ARW huwa fl-istess kategorija ġenerali bħal prodotti oħrajn tal-aluminju bħall-estrużjonijiet tal-aluminju jew il-profili tal-aluminju. Tali prodotti jużaw l-istess materja prima ewlenija (l-aluminju), li tirrappreżenta l-parti ewlenija tal-kost tal-produzzjoni ta' tali prodotti. Barra minn hekk, il-proċessi ta' produzzjoni differenti jinvolvu t-tidwib jew it-tisħin tal-aluminju sabiex dan jiġi fformat f'forma mixtieqa. Il-profitt medju ponderat miksub mis-seba' produtturi tal-Marokk ta' tali prodotti tal-aluminju, li għalihom kienet disponibbli *data* finanzjarja għall-2020, kien ta' 4,16 %. Dan il-perċentwal intuża bħala limitu massimu għall-profitt tal-produtturi Brażiljani tal-ARW.

(65) Imbagħad, il-valur normali nħadem billi mal-kost tal-produzzjoni ta' Hands ġew miżjuda l-kost tal-produzzjoni tal-SG&A u l-profitt tal-Brażil imsemmija fil-premessa (62), iżda b'limitu massimu ta' 4,16 %.

### 3.1.3. *Prezz tal-esportazzjoni*

(66) Il-produttur esportatur li kkoopera esporta lejn l-Unjoni jew direttament lil klijenti indipendenti jew permezz ta' kumpanija relatata li taġixxi bħala importatur.

(67) Għall-bejgħ li sar direttament lil klijenti indipendenti fl-Unjoni, il-prezz tal-esportazzjoni kien il-prezz li effetivament tħallas jew dak pagabbli għall-prodott ikkonċernat meta nbiegħ għall-esportazzjoni lejn l-Unjoni, f'konformità mal-Artikolu 2(8) tar-Regolament bażiku.

(68) Għall-bejgħ esportat lejn l-Unjoni permezz ta' kumpanija relatata li taġixxi bħala importatur, il-prezz tal-esportazzjoni ġie stabbilit abbażi tal-prezz li bih il-prodott importat reġa' nbiegħ għall-ewwel darba lil klijenti indipendenti fl-Unjoni, f'konformità mal-Artikolu 2(9) tar-Regolament bażiku. F'dan il-każ, l-aġġustamenti tal-prezz saru għall-kostijiet kollha mġarrba bejn l-importazzjoni u l-bejgħ mill-ġdid, inkluż għall-ispejjeż SG&A, u għall-profitti dovuti. Il-profitti kienu bbażati fuq dawk li normalment jinkisbu minn importaturi mhux relatati, peress li l-profitt reali tal-importatur relatat ma kienx ikkunsidrat affidabbli minħabba r-relazzjoni bejn il-produttur esportatur li kkoopera u l-importatur relatat. Minħabba li l-ebda importatur mhux relatat ma kkoopera mal-Kummissjoni f'din l-investigazzjoni, il-Kummissjoni użat il-profitt stabbilit fl-aħħar investigazzjoni tar-rieżami ta' skadenza dwar l-ARW miċ-Ċina ([17]).

### 3.1.4. *Tqabbil*

(69) Il-Kummissjoni qabblet il-valur normali u l-prezz tal-esportazzjoni tal-produttur esportatur li kkoopera fuq bażi ta' kif joħroġ mill-fabbrika.

([16]) In-Notifika ta' bidu ta' rieżami ta' skadenza tal-miżuri anti-dumping applikabbli għall-importazzjonijiet ta' ċerti roti tal-aluminju għall-użu fit-triq li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina (ĠU C 29, 20.1.2022, p. 34).

([17]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/109 tat-23 ta' Jannar 2017 li jimponi dazju anti-dumping definittiv fuq importazzjonijiet ta' ċerti roti tal-aluminju għall-użu fit-triq li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina wara rieżami ta' skadenza skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament (UE) 2016/1036 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 18, 24.1.2017, p. 1).

(70) Fejn iġġustifikat mill-ħtieġa li jiġi żgurat tqabbil ġust, il-Kummissjoni aġġustat il-valur normali u/jew il-prezz tal-esportazzjoni għad-differenzi li jaffettwaw il-prezzijiet u l-komparabbiltà tal-prezzijiet, f'konformità mal-Artikolu 2(10) tar-Regolament bażiku. Saru aġġustamenti għat-trasport, l-assigurazzjoni, l-immaniġġjar u t-tagħbija, l-ispejjeż tal-ippakkjar, il-kostijiet tal-krediti, ir-ribassi u allowances oħrajn.

3.1.5. *Marġni tad-dumping*

(71) Għall-produttur esportatur li kkoopera, il-Kummissjoni qabblet il-valur normali medju ponderat ta' kull tip ta' prodott simili mal-medja ponderata tal-prezz tal-esportazzjoni tat-tip korrispondenti tal-prodott ikkonċernat, f'konformità mal-Artikolu 2(11) u (12) tar-Regolament bażiku.

(72) Għall-produtturi esportaturi l-oħrajn kollha fil-Marokk, il-Kummissjoni stabbiliet il-marġni tad-dumping abbażi tal-fatti disponibbli, f'konformità mal-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku. Għal dan il-għan, il-Kummissjoni ddeterminat il-livell ta' kooperazzjoni tal-produtturi esportaturi. Il-livell ta' kooperazzjoni huwa l-kwantità ta' esportazzjonijiet tal-produtturi esportaturi li kkooperaw lejn l-Unjoni espressa bħala proporzjon tal-importazzjonijiet totali mill-pajjiż ikkonċernat lejn l-Unjoni fil-perjodu ta' investigazzjoni, li ġew stabbiliti abbażi tal-bażi tad-*data* Comext tal-Eurostat.

(73) Kif spjegat fit-Taqsima 3.1.1 hawn fuq, kien hemm produttur esportatur Marokkin wieħed biss li kkoopera. Billi l-esportazzjonijiet tal-ARW ta' din il-kumpanija kienu jikkostitwixxu anqas minn 50 % tal-importazzjonijiet totali tal-Unjoni tal-ARW matul il-perjodu ta' investigazzjoni, il-livell ta' kooperazzjoni f'dan il-każ kien ikkunsidrat baxx. Abbażi ta' dan, il-Kummissjoni ddeċidiet li kien xieraq li tistabbilixxi l-marġni tad-dumping residwu fil-livell tal-ogħla marġni ta' dumping misjub għat-tipi ta' prodotti mibjugħin fi kwantitajiet rappreżentattivi mill-produttur esportatur li kkoopera. Il-bejgħ ta' esportazzjoni ta' dawn it-tipi ta' prodotti kien jirrappreżenta madwar 50 % tal-esportazzjonijiet kollha lejn l-Unjoni mill-produttur esportatur li kkoopera.

(74) Il-marġnijiet tad-dumping provviżorji, espressi bħala perċentwal tal-prezz CIF fil-fruntiera tal-Unjoni, bid-dazju mhux imħallas, huma kif ġej:

| Kumpanija | Marġni tad-dumping provviżorju |
|---|---|
| HANDS 8 S.A. | 8,0 % |
| Il-kumpaniji l-oħrajn kollha | 16,5 % |

4. **DANNU**

4.1. **Definizzjoni tal-industrija tal-Unjoni u tal-produzzjoni tal-Unjoni**

(75) Il-prodott simili kien immanifatturat minn madwar tletin produttur fl-Unjoni matul il-perjodu ta' investigazzjoni. Dawn jikkostitwixxu l-"industrija tal-Unjoni" skont it-tifsira tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament bażiku.

(76) Il-produzzjoni totali tal-Unjoni matul il-perjodu ta' investigazzjoni ġiet stmata għal madwar 64,3 miljun oġġett. Il-Kummissjoni stabbiliet iċ-ċifra abbażi tal-informazzjoni kollha disponibbli dwar l-industrija tal-Unjoni, bħat-tweġibiet għall-kwestjonarju makroekonomiku pprovdut mill-ilmentatur. Kif indikat fil-premessa (30), il-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun kienu jirrappreżentaw kważi 20 % tal-kwantità tal-produzzjoni totali tal-produtturi magħrufa tal-Unjoni tal-prodott simili.

### 4.2. **Konsum tal-Unjoni**

(77) Il-konsum tal-Unjoni żviluppa kif ġej:

*Tabella 1*

**Konsum tal-Unjoni (oġġetti)**

| | 2018 | 2019 | 2020 | Perjodu ta' investigazzjoni |
|---|---|---|---|---|
| Konsum totali (f'000 ta' oġġetti) | 77 873 | 73 797 | 59 530 | 64 311 |
| *Indiċi (2018 =100)* | *100* | *95* | *76* | *83* |

*Sors*: Il-bażi tad-*data* Comext tal-Eurostat, l-EUWA u t-tweġibiet ivverifikati għall-kwestjonarju

(78) Il-Kummissjoni stabbiliet il-konsum tal-Unjoni abbażi tal-volum ta' bejgħ totali tal-industrija tal-Unjoni fl-Unjoni, flimkien mal-importazzjonijiet totali minn pajjiżi terzi lejn l-Unjoni. Il-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni fis-suq tal-Unjoni nkiseb mill-ilment u ġie aġġustat abbażi tad-*data* pprovduta fit-tweġibiet tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun għall-perjodu ta' investigazzjoni. Għall-importazzjonijiet, il-Kummissjoni bbażat ruħha fuq il-bażi tad-*data* Comext tal-Eurostat. Madankollu, peress li l-bażi tad-*data* Comext tal-Eurostat tipprovdi biss il-piż tal-importazzjonijiet u mhux in-numru ta' oġġetti tal-ARW importati, kien meħtieġ li l-piż jiġi kkonvertit f'oġġetti. Fl-ilment, l-ilmentatur applika l-proporzjon ta' konverżjoni użat fl-aħħar investigazzjoni dwar l-istess prodott ([18]) (jiġifieri 10,9 kg għal kull oġġett). Il-validità ta' dan il-proporzjon ta' konverżjoni ġiet ivverifikata abbażi tat-tweġibiet tal-kwestjonarji tal-produtturi tal-Marokk u tal-Unjoni inklużi fil-kampjun. L-investigazzjoni żvelat li l-piż medju ponderat għal kull oġġett kurrentament applikabbli huwa ta' 11,3 kg għal kull oġġett peress li x-xejra tas-suq miexja lejn dijametru akbar tar-roti li jirriżulta f'żieda fil-piż għal kull rota. Għalhekk, dan il-proporzjon intuża meta ġie stabbilit il-konsum tal-Unjoni għal kull oġġett..

(79) Kif imsemmi fil-premessa (16) ta' hawn fuq, is-suq tal-Unjoni huwa diviż inugwalment bejn żewġ mezzi ta' distribuzzjoni, jiġifieri l-OEM u l-AM. Il-biċċa l-kbira tal-bejgħ tirrigwarda il-mezz tal-OEM b'90 % tas-sehem mis-suq. Għaldaqstant, il-mezz tal-AM li għandu madwar 10 % tal-bejgħ għandu impatt limitat fuq il-valutazzjoni kumplessiva tas-suq tal-Unjoni. L-impatt tiegħu huwa ulterjorment limitat minħabba l-fatt li l-produtturi Marokkini kienu qed ibigħu b'mod esklużiv permezz tal-mezz tal-OEM, li kien ukoll il-każ għat-tliet produtturi tal-Unjoni fil-kampjun. Dawn tal-aħħar biegħu kważi esklużivament permezz tal-mezz tal-OEM (madwar 99,6 % tal-bejgħ tagħhom). B'riżultat ta' dan, dan ma kellux impatt fuq l-analiżi tat-tqabbil tal-prezzijiet fil-każ inkwistjoni li jitwettaq fuq livell mikroekonomiku abbażi tad-*data* provduta mill-produtturi esportaturi u l-produtturi tal-Unjoni fil-kamppjun. Konsegwentament, il-Kummissjoni ddeċidiet, b'mod proviżorju, li ma taqsamx il-konsum bejn iż-żewġ mezzi ta' bejgħ għall-iskop tal-investigazzjoni.

(80) Il-konsum tal-Unjoni naqas b'5 % bejn l-2018 u l-2019, u b'19 % bejn l-2019 u l-2020. Fl-2020, il-produzzjoni tal-industrija tal-karozzi naqset b'madwar 4,2 miljun vettura minħabba l-pandemija tal-COVID-19 u b'hekk b'impatt dirett fuq il-fornituri upstream hekk kif il-bejgħ tal-ARW naqas b'14-il miljun fl-2020 meta mqabbel mal-2019. It-tnaqqis fil-produzzjoni kien partikolarment sinifikanti fit-tieni kwart tal-2020 iżda s-suq irkupra fix-xhur ta' wara. Is-suq irkupra 5 miljun rota: minn 59 miljun fl-2020 għal 64 miljun matul il-perjodu ta' investigazzjoni. Madankollu, il-konsum ma laħaqx il-livell tal-2019 minħabba n-nuqqas ta' semikondutturi użati mill-manifatturi tal-karozzi.

### 4.3. **Importazzjonijiet mill-pajjiż ikkonċernat**

#### 4.3.1. *Kwantità u sehem mis-suq tal-importazzjonijiet mill-pajjiż ikkonċernat*

(81) Il-Kummissjoni stabbiliet il-kwantitajiet tal-importazzjonijiet abbażi tal-bażi tad-*data* Comext tal-Eurostat. Is-sehem mis-suq tal-importazzjonijiet ġie stabbilit abbażi tas-sehem li dawn l-importazzjonijiet irrappreżentaw mill-konsum totali tal-Unjoni.

([18]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/109.

(82) L-importazzjonijiet lejn l-Unjoni mill-pajjiż ikkonċernat żviluppaw kif ġej:

*Tabella 2*

**Kwantità tal-importazzjoni (oġġetti) u sehem mis-suq**

| | 2018 | 2019 | 2020 | Perjodu ta' investigazzjoni |
|---|---|---|---|---|
| Kwantità ta' importazzjonijiet mill-Marokk (f'000 ta' oġġetti) | 0 | 15,7 | 1 038 | 2 516 |
| *Indiċi (2019 = 100)* | - | *100* | *6 611* | *16 025* |
| Sehem mis-suq (%) | - | 0,0 | 1,7 | 3,9 |
| *Indiċi (2019 = 100)* | - | *100* | *8 196* | *18 389* |

*Sors*: Bażi tad-*data* Comext tal-Eurostat

(83) Filwaqt li fl-2019, il-Marokk esporta ftit eluf ta' oġġetti, l-esportazzjonijiet aċċelleraw matul l-2020 u l-perjodu ta' investigazzjoni, minn miljun għal 2,5 miljun oġġett. Ir-Regolament dwar ir-reġistrazzjoni indika li fix-xhur ta' wara t-tmiem tal-perjodu ta' investigazzjoni, it-tkabbir baqa' bl-istess rata bħal fil-perjodu ta' investigazzjoni. Kif imsemmi fil-premessa (79) hawn fuq, dan il-bejgħ kien jikkonċerna esklużivament il-mezz tal-bejgħ tal-OEM.

4.3.2. *Il-prezzijiet tal-importazzjonijiet mill-pajjiż ikkonċernat: twaqqigħ tal-prezz u soppressjoni tal-prezz*

(84) Il-Kummissjoni stabbiliet il-prezzijiet tal-importazzjonijiet abbażi tal-bażi tad-*data* Comext tal-Eurostat. It-twaqqigħ tal-prezz tal-importazzjonijiet ġie stabbilit abbażi tad-*data* mill-produtturi esportaturi li kkooperaw u mill-produtturi tal-Unjoni li kkooperaw.

(85) Il-prezz medju ponderat tal-importazzjonijiet mill-pajjiż ikkonċernat lejn l-Unjoni żviluppa kif ġej:

*Tabella 3*

**Prezzijiet medji tal-importazzjonijiet mill-Marokk**

| | 2018 | 2019 | 2020 | Perjodu ta' investigazzjoni |
|---|---|---|---|---|
| F'EUR/oġġett | - | 39,2 | 42,6 | 44,7 |
| *Indiċi (2019 = 100)* | - | *100* | *109* | *114* |

*Sors:* Bażi tad-*data* Comext tal-Eurostat

(86) Il-prezz medju tal-importazzjoni mill-Marokk żdied b'madwar EUR 2 għal kull oġġett bejn l-2020 u l-perjodu ta' investigazzjoni. Madankollu, parti mill-prezz tal-bejgħ hija indiċjata mal-prezz tal-aluminju fil-Borża tal-Metall ta' Londra ("LME"), li żdied b'mod sinifikanti, jiġifieri b'madwar 25 %, matul dan il-perjodu.

(87) Il-Kummissjoni ddeterminat it-twaqqigħ tal-prezz matul il-perjodu ta' investigazzjoni billi qabblet:

(88) il-prezzijiet tal-bejgħ medji ponderati għal kull tip ta' prodott tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun imposti fuq il-klijenti mhux relatati fis-suq tal-Unjoni, aġġustati fuq livell ta' kif joħroġ mill-fabbrika; u

(89) l-prezzijiet medji ponderati korrispondenti għal kull tip ta' prodott tal-importazzjonijiet minn Hands biss lejn l-ewwel klijent indipendenti fis-suq tal-Unjoni, stabbiliti fuq bażi ta' kost, assigurazzjoni u nol (Cost, Insurance, Freight, "CIF"), b'aġġustamenti xierqa għad-dazji doganali u għall-kostijiet ta' wara l-importazzjoni.

(90) It-tqabbil tal-prezzijiet sar fuq bażi ta’ tip b’tip għat-tranżazzjonijiet fl-istess livell ta’ kummerċ, b’aġġustament dovut fejn meħtieġ, u wara tnaqqis tar-rifużjonijiet u tal-iskontijiet. Ir-riżultat tat-tqabbil kien espress bħala perċentwal tal-fatturat teoretiku tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun matul il-perjodu ta’ investigazzjoni. Dan wera marġni medju ponderat tat-twaqqigħ tal-prezz ta’ 26,9 % mill-importazzjonijiet fis-suq tal-Unjoni.

(91) Addizzjonalment, il-Kummissjoni stabbiliet l-eżistenza ta’ soppressjoni tal-prezz Fil-fatt, kif muri fit-tabella 7, l-industrija tal-Unjoni kienet qiegħda tbigħ bil-kostijiet fl-2020 u taħt il-kostijiet tal-produzzjoni matul il-perjodu ta’ investigazzjoni. Dawk huma s-snin b’penetrazzjoni maġġuri tal-importazzjonijiet oġġett ta’ dumping u meta l-industrija tal-Unjoni tilfet is-sehem mis-suq. Għaldaqstant, il-prezzijiet baxxi ta’ importazzjoni tal-importazzjonijiet oġġett ta’ dumping ipprevenew l-industrija tal-Unjoni mill-iżżid il-prezzijiet tal-bejgħ tagħha, li rriżultaw f’telf matul il-perjodu ta’ investigazzjoni.

## 4.4. **Sitwazzjoni ekonomika tal-industrija tal-Unjoni**

### 4.4.1. *Kummenti ġenerali*

(92) F’konformità mal-Artikolu 3(5) tar-Regolament bażiku, l-eżaminazzjoni tal-impatt tal-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta’ dumping fuq l-industrija tal-Unjoni kienet tinkludi evalwazzjoni tal-indikaturi ekonomiċi kollha li kellhom effett fuq l-istat tal-industrija tal-Unjoni matul il-perjodu kkunsidrat.

(93) Kif imsemmi fil-premessa (30), intuża l-kampjunar għad-determinazzjoni tad-dannu possibbli li ġarrbet l-industrija tal-Unjoni.

(94) Sabiex tiddetermina d-dannu, il-Kummissjoni għamlet distinzjoni bejn l-indikaturi tad-dannu makroekonomiċi u dawk mikroekonomiċi. Il-Kummissjoni evalwat l-indikaturi makroekonomiċi abbażi ta’ *data* inkluża fit-tweġibiet għall-kwestjonarju makroekonomiku. Id-*data* kienet relatata mal-produtturi kollha tal-Unjoni. Il-Kummissjoni evalwat l-indikaturi mikroekonomiċi abbażi tad-*data* inkluża fit-tweġibiet għall-kwestjonarju mill-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun. Id-*data* kienet relatata mal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun. Iż-żewġ settijiet ta’ *data* nstabu li kienu rappreżentattivi tas-sitwazzjoni ekonomika tal-industrija tal-Unjoni.

(95) L-indikaturi makroekonomiċi huma: il-produzzjoni, il-kapaċità tal-produzzjoni, l-użu tal-kapaċità, il-kwantità ta’ bejgħ, is-sehem mis-suq, it-tkabbir, l-impjiegi, il-produttività, id-daqs tal-marġni tad-dumping u l-irkupru minn dumping tal-passat.

(96) L-indikaturi mikroekonomiċi huma: il-prezzijiet unitarji medji, il-kost unitarju, il-kostijiet lavorattivi, l-inventarji, il-profittabbiltà, il-fluss ta’ flus, l-investimenti, ir-redditu fuq l-investimenti u l-kapaċità li jiġi ġġenerat il-kapital.

### 4.4.2. *Indikaturi makroekonomiċi*

#### 4.4.2.1. Produzzjoni, kapaċità tal-produzzjoni u użu tal-kapaċità

(97) Il-produzzjoni totali tal-Unjoni, il-kapaċità tal-produzzjoni u l-użu tal-kapaċità żviluppaw kif ġej matul il-perjodu kkunsidrat:

*Tabella 4*

**Il-produzzjoni, il-kapaċità tal-produzzjoni u l-użu tal-kapaċità**

| | 2018 | 2019 | 2020 | Perjodu ta’ investigazzjoni |
|---|---|---|---|---|
| Kwantità tal-produzzjoni (f’000 ta’ oġġetti) | 59 182 | 57 097 | 44 718 | 48 752 |
| *Indiċi (2018 = 100)* | *100* | *96* | *76* | *82* |
| Kapaċità tal-produzzjoni (f’000 ta’ oġġetti) | 62 614 | 62 475 | 61 619 | 61 294 |
| *Indiċi (2018 = 100)* | *100* | *100* | *98* | *98* |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| Użu tal-kapaċità (%) | 95 | 91 | 73 | 80 |
| *Indiċi (2018 = 100)* | *100* | *97* | *77* | *84* |
| *Sors*: EUWA u l-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun | | | | |

(98) B'mod ġenerali, tul il-perjodu kkunsidrat, il-kwantità tal-produzzjoni tal-industrija tal-Unjoni naqset bi 18 %. Naqas bi ftit b'4 % bejn l-2018 u l-2019. Bil-pandemija tal-COVID-19, il-produzzjoni naqset bi 12,3-il miljun oġġett fl-2020 u reġgħet irkuprat fil-perjodu ta' investigazzjoni b'4 miljun oġġett.

(99) Filwaqt li l-kapaċità tal-produzzjoni tal-industrija tal-Unjoni naqset bi 2 %, l-użu tal-kapaċità segwa l-istess xejra negattiva bħall-produzzjoni u naqas bi 15 % matul il-perjodu kkunsidrat.

4.4.2.2. Kwantità tal-bejgħ u sehem mis-suq

(100) Il-kwantità tal-bejgħ u s-sehem mis-suq tal-industrija tal-Unjoni żviluppaw kif ġej matul il-perjodu kkunsidrat:

*Tabella 5*

**Kwantità tal-bejgħ u sehem mis-suq**

| | 2018 | 2019 | 2020 | Perjodu ta' investigazzjoni |
|---|---|---|---|---|
| Kwantità tal-bejgħ fis-suq tal-Unjoni (f'000 ta' oġġetti) | 57 501 | 55 502 | 43 110 | 45 391 |
| *Indiċi (2018 = 100)* | *100* | *97* | *75* | *79* |
| Sehem mis-suq (%) | 73,8 | 75,2 | 72,4 | 70,6 |
| *Indiċi (2018 = 100)* | *100* | *102* | *98* | *96* |
| *Sors:* EUWA u l-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun | | | | |

(101) Il-kwantità tal-bejgħ totali tal-industrija tal-Unjoni fis-suq tal-Unjoni naqset b'21 % matul il-perjodu kkunsidrat. Dan naqas bi 3 % bejn l-2018 u l-2019 u mbagħad naqas bi 12-il miljun oġġett fl-2020. Matul il-perjodu ta' investigazzjoni, il-bejgħ irkupra b'2,2 miljun oġġett.

(102) Is-sehem mis-suq tal-industrija tal-Unjoni żdied bi ftit bejn l-2018 u l-2019 u kompla jonqos fil-perjodu ta' investigazzjoni tal-2020.

4.4.2.3. Impjiegi u produttività

(103) L-impjiegi u l-produttività żviluppaw kif ġej matul il-perjodu kkunsidrat:

*Tabella 6*

**Impjiegi u produttività**

| | 2018 | 2019 | 2020 | Perjodu ta' investigazzjoni |
|---|---|---|---|---|
| Għadd ta' impjegati | 17 816 | 17 866 | 16 963 | 16 790 |
| *Indiċi (2018 = 100)* | *100* | *100* | *95* | *94* |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| Produttività (oġġett/ impjegat) | 3 322 | 3 196 | 2 636 | 2 904 |
| *Indiċi (2018 = 100)* | *100* | *96* | *79* | *87* |

*Sors:* EUWA u produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun

(104) Filwaqt li n-numru ta' impjegati naqas b'6 % matul il-perjodu kkunsidrat, il-produttività naqset bi 13 %. It-tnaqqis fil-produttività huwa prinċipalment dovut għat-tnaqqis fil-kwantità tal-produzzjoni matul il-perjodu kkunsidrat. Tnaqqis fil-produttività jindika żieda fil-kost lavorattiv għal kull oġġett ta' ARW prodott.

4.4.2.4. Tkabbir

(105) Kif spjegat fit-Taqsimiet 4.4.2.1 sa 4.4.2.3 hawn fuq, il-kwantità tal-produzzjoni u l-użu tal-kapaċità tal-industrija tal-Unjoni naqsu bi 18 % u b'16 % rispettivament matul il-perjodu kkunsidrat, li rriżulta f'kostijiet fissi ogħla għal kull oġġett ta' produzzjoni u fi produttività aktar baxxa. Il-kostijiet totali tal-industrija żdiedu b'EUR 1,7/oġġett (+ 3,4 %) matul il-perjodu kkunsidrat. Madankollu, il-prezz medju tal-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni naqas bi EUR 3,3/oġġett (-6,1 %).

(106) Barra minn hekk, il-kwantità tal-bejgħ fis-suq tal-Unjoni naqset b'21 % u s-sehem mis-suq naqas b'5 %, bejn l-2018 u l-perjodu ta' investigazzjoni. Għalhekk, l-industrija tal-Unjoni esperjenzat deterjorament tal-prestazzjoni finanzjarja tagħha. Kif spjegat fit-Taqsima 4.4.3.1 hawn taħt, hija ħabtet wiċċha ma' kost ogħla tal-produzzjoni filwaqt li ma setgħetx taġġusta l-prezzijiet tal-bejgħ tagħha kif xieraq.

(107) Għalhekk, il-perspettivi tat-tkabbir tal-industrija tal-Unjoni ġew ipperikolati.

4.4.2.5. Il-kobor tal-marġni tad-dumping u l-irkupru minn dumping fil-passat

(108) Il-marġnijiet kollha tad-dumping kienu ogħla b'mod sinifikanti mil-livell *de minimis*. L-impatt tal-kobor tal-marġnijiet reali tad-dumping fuq l-industrija tal-Unjoni kien sostanzjali, meta jitqiesu l-kwantità u l-prezzijiet tal-importazzjonijiet mill-pajjiż ikkonċernat.

(109) L-ARW huma soġġetti għal miżuri anti-dumping kontra ċ-Ċina li ġew imposti fl-2010 ([19]). Fl-aħħar rieżami ta' skadenza ([20]), il-Kummissjoni kkonkludiet li l-industrija tal-Unjoni ma baqgħetx iġġarrab dannu materjali u għalhekk kienet irkuprat mid-dumping tal-passat. Dan huwa kkonfermat fl-2018 u fl-2019, qabel ma bdew ġejjin l-importazzjonijiet mill-Marokk u sussegwentement żdiedu sostanzjalment, meta s-sitwazzjoni finanzjarja tal-industrija tal-Unjoni tjiebet sostanzjalment.

(110) Konsegwentement, il-Kummissjoni kkonfermat li l-industrija tal-Unjoni rkuprat mid-dumping tal-passat minn importazzjonijiet miċ-Ċina qabel ma l-importazzjonijiet oġġett ta' dumping mill-Marokk daħlu fis-suq tal-Unjoni.

4.4.3. *Indikaturi mikroekonomiċi*

4.4.3.1. Prezzijiet u fatturi li jaffettwaw il-prezzijiet

(111) Il-prezzijiet medji ponderati tal-bejgħ għal kull oġġett tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun lil klijenti mhux relatati fl-Unjoni żviluppaw kif ġej matul il-perjodu kkunsidrat:

([19]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 964/2010 tal-25 ta' Ottubru 2010 li jimponi dazju anti-dumping definittiv u jiġbor b'mod definittiv id-dazju proviżorju impost fuq l-importazzjoni ta' ċerti roti tal-aluminju għall-użu fit-triq li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina (ĠU L 282, 28.10.2010, p. 1).

([20]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/109, premessa (169).

*Tabella 7*

**Prezzijiet tal-bejgħ fl-Unjoni**

| | 2018 | 2019 | 2020 | Perjodu ta' investigazzjoni |
|---|---|---|---|---|
| Prezz medju tal-bejgħ għal kull oġġett fl-Unjoni fis-suq (EUR/oġġett) | 53,9 | 52,3 | 49,3 | 50,6 |
| *Indiċi (2018 = 100)* | *100* | *97* | *92* | *94* |
| Kost tal-produzzjoni għal kull oġġett (EUR/oġġett) | 49,9 | 48,2 | 49,3 | 51,6 |
| *Indiċi (2018 = 100)* | *100* | *97* | *99* | *104* |

*Sors*: Produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun

(112) Il-prezzijiet medji tal-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni naqsu b'6 % matul il-perjodu kkunsidrat għalkemm il-kost medju tal-produzzjoni żdied b'4 % bejn l-2018 u l-perjodu ta' investigazzjoni. L-industrija tal-Unjoni ma setgħetx iżżid il-prezzijiet tal-bejgħ sabiex tkopri ż-żieda fil-kost tal-produzzjoni.

(113) Il-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni tal-prodott simili fis-suq tal-Unjoni kien ibbażat fuq kuntratti ta' diversi snin mal-klijenti tal-manifatturi tal-karozzi li stabbilew il-kwantitajiet u l-prezzijiet. Il-manifatturi tal-karozzi jorganizzaw kompetizzjoni ħarxa bejn il-fornituri permezz ta' offerti u se jagħżlu ż-żewġ fornituri li joffru l-aħjar kundizzjonijiet, wara diversi ċikli ta' kompetizzjoni, li matulhom il-produtturi tal-UE jridu jallinjaw ruħhom, fost l-oħrajn, mal-produtturi tal-Marokk li joffru prezzijiet baxxi. B'riżultat ta' dan, l-industrija tal-Unjoni ma setgħetx tgħaddi ż-żieda fil-kostijiet tal-produzzjoni. Filwaqt li l-industrija tal-Unjoni għandha marġni minimu sabiex iżżid il-prezzijiet tal-bejgħ fil-kuntest taż-żieda fil-prezzijiet tal-materja prima matul l-applikazzjoni tal-kuntratt annwali, fil-prinċipju jenħtieġ li tkun tista' żżid il-prezzijiet tal-bejgħ tagħha meta tinnegozja l-kuntratti għas-sena ta' wara. Madankollu, l-industrija tal-Unjoni ma rnexxilhiex tagħmel dan waqt il-perjodu kkunsidrat minħabba l-pressjoni fuq il-prezzijiet mill-importazzjonijiet. Dan wassal għal tnaqqis fil-profittabbiltà tal-industrija tal-Unjoni, kif spjegat fit-Taqsima 4.4.3.4 hawn taħt.

4.4.3.2. Kostijiet lavorattivi

(114) Il-kostijiet lavorattivi medji tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun żviluppaw kif ġej matul il-perjodu kkunsidrat:

*Tabella 8*

**Kostijiet lavorattivi medji għal kull impjegat**

| | 2018 | 2019 | 2020 | Perjodu ta' investigazzjoni |
|---|---|---|---|---|
| Kostijiet lavorattivi medji għal kull impjegat (EUR) | 35 216 | 35 700 | 33 084 | 35 951 |
| *Indiċi (2018 = 100)* | *100* | *101* | *94* | *102* |

*Sors*: Produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun

(115) Il-kost lavorattiv medju għal kull impjegat tal-industrija tal-Unjoni żdied ftit bi 2 % matul il-perjodu kkunsidrat b'żieda żgħira fl-2019 u tnaqqis ta' 6 % fl-2020, l-aktar minħabba l-waqfien tal-produzzjoni minħabba l-pandemija tal-COVID-19.

4.4.3.3. Inventarji

(116) Il-livelli tal-istokks tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun żviluppaw kif ġej matul il-perjodu kkunsidrat:

*Tabella 9*

**Inventarji**

| | 2018 | 2019 | 2020 | Perjodu ta' investigazzjoni |
|---|---|---|---|---|
| Stokks tal-għeluq (f'000 ta' oġġetti) | 556 | 439 | 492 | 776 |
| *Indiċi (2018 = 100)* | *100* | *79* | *88* | *140* |
| Stokkijiet tal-għeluq bħala perċentwal tal-produzzjoni (%) | 0,9 | 0,8 | 1,1 | 1,6 |
| *Indiċi (2018 = 100)* | *100* | *89* | *122* | *177* |
| *Sors:* Produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun | | | | |

(117) L-inventarji żdiedu b'40 % matul il-perjodu kkunsidrat. Dawn naqsu b'21 % fl-2019, bi 12 % fl-2020 u reġgħu żdiedu matul il-perjodu ta' investigazzjoni b'+57 %. Kif spjegat fil-premessa (113), l-industrija tal-ARW fl-Unjoni hija kkaratterizzata minn kuntratti qafas ta' diversi snin bejn il-produtturi u l-klijenti li jiffissaw il-kwantitajiet u l-prezzijiet. Dawn il-kuntratti qafas jiġu implimentati permezz ta' ordnijiet ta' xiri skont il-ħtiġijiet tal-klijent. B'riżultat ta' dan, l-industrija tal-Unjoni tista' tippjana l-produzzjoni u l-inventarji tagħha. Għalhekk, l-inventarji ma humiex indikatur ewlieni għall-valutazzjoni tal-prestazzjoni tal-industrija tal-Unjoni.

4.4.3.4. Il-profittabbiltà, il-fluss ta' flus, l-investimenti, ir-redditu fuq l-investimenti u l-kapaċità li jiġi ġġenerat kapital

(118) Il-profittabbiltà, il-fluss ta' flus, l-investimenti u r-redditu fuq l-investimenti tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun żviluppaw kif ġej matul il-perjodu kkunsidrat:

*Tabella 10*

**Profittabbiltà, fluss ta' flus, investimenti u redditu fuq l-investimenti**

| | 2018 | 2019 | 2020 | Perjodu ta' investigazzjoni |
|---|---|---|---|---|
| Profittabbiltà tal-bejgħ fl-Unjoni lil klijenti mhux relatati (% tal-fatturat mill-bejgħ) | 7,5 | 8,2 | 0,4 | - 1,6 |
| *Indiċi (2018 = 100)* | *100* | *109* | *5* | *- 21* |
| Fluss ta' flus (f'000 EUR) | 81 153 | 82 495 | 31 805 | 22 956 |
| *Indiċi (2018 = 100)* | *100* | *102* | *39* | *28* |
| Investimenti (f'000 EUR) | 37 788 | 30 757 | 19 848 | 21 845 |
| *Indiċi (2018 = 100)* | *100* | *81* | *53* | *58* |
| Redditu fuq l-investimenti | 12,0 | 9,1 | 0,3 | - 0,5 |
| *Indiċi (2018 = 100)* | *100* | *76* | *3* | *- 4* |
| *Sors*: Produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun | | | | |

(119) Il-Kummissjoni stabbiliet il-profittabbiltà tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun billi esprimiet il-profitt nett qabel it-taxxa tal-bejgħ tal-prodott simili lil klijenti mhux relatati fl-Unjoni bħala perċentwal tal-fatturat ta' dak il-bejgħ.

(120) Il-profittabbiltà tal-industrija tal-Unjoni żdiedet bejn l-2018 u l-2019 minn 7,5 % għal 8,2 % iżda mbagħad naqset drastikament fil-perjodu ta' investigazzjoni tal-2020 fejn ġie rrapportat telf (-1,6 %). L-industrija tal-Unjoni ma setgħetx iżżid il-prezzijiet tal-bejgħ sabiex tkopri ż-żieda fil-kost tal-produzzjoni u għalhekk bdiet tagħmel it-telf.

(121) Il-fluss ta' flus nett huwa l-kapaċità tal-produtturi tal-Unjoni li jiffinanzjaw l-attivitajiet tagħhom stess. Ix-xejra fil-fluss ta' flus nett żviluppat 'l isfel bi tnaqqis sinifikanti ta' 72 % matul il-perjodu kkunsidrat. Għalhekk, l-industrija tal-Unjoni esperjenzat diffikultajiet sabiex tiffinanzja hija stess l-attivitajiet tagħha, li hija indikazzjoni ulterjuri tas-sitwazzjoni finanzjarja deterjorata tagħha.

(122) Ir-redditu fuq l-investimenti huwa l-profitt f'perċentwal tal-valur kontabilistiku nett tal-investimenti. Dan segwa xejra negattiva simili bħall-profittabbiltà u l-fluss ta' flus nett. Ir-redditu fuq l-investiment naqas b'mod sinifikanti bejn l-2018 u l-perjodu ta' investigazzjoni u sar negattiv fil-perjodu ta' investigazzjoni. Għalhekk, l-industrija tal-Unjoni ma setgħetx tiġġenera biżżejjed profitti sabiex tkopri l-investimenti tagħha. Tabilħaqq, l-industrija tal-Unjoni żammet l-investimenti tagħha matul il-perjodu kkunsidrat, l-aktar minħabba l-ħtieġa li tikkonforma mar-rekwiżiti legali u mal-ħtiġijiet tas-suq u ma setax ikollha redditu fuq dawn l-investimenti. L-iżvilupp negattiv tar-redditu fuq l-investiment matul il-perjodu kkunsidrat indika ulterjorment li s-sitwazzjoni finanzjarja ġenerali tal-industrija tal-Unjoni marret għall-agħar b'mod sinifikanti.

(123) Il-kapaċità tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun li jżidu l-kapital ġiet affettwata mis-sitwazzjoni finanzjarja deterjorata tagħhom. It-tnaqqis konsiderevoli tal-profittabbiltà u l-fluss ta' flus nett indikaw tħassib serju fir-rigward tas-sitwazzjoni tal-likwidità tal-industrija tal-Unjoni u l-kapaċità tagħha li tiġbor il-kapital sabiex tiffinanzja l-attività operatorja tagħha u l-investimenti meħtieġa.

#### 4.4.4. *Konklużjoni dwar id-dannu*

(124) L-indikaturi ekonomiċi kemm fil-livell makro kif ukoll f'dak mikro ddeterjoraw b'mod ġenerali matul il-perjodu kkunsidrat.

(125) Filwaqt li l-kapaċità tal-produzzjoni tal-industrija tal-Unjoni baqgħet stabbli, l-użu tal-kapaċità naqas b'16 % bejn l-2018 u l-perjodu ta' investigazzjoni, li rriżulta f'kost fiss ogħla għal kull tunnellata tal-ARW. Il-kwantità tal-bejgħ u s-sehem mis-suq tal-industrija tal-Unjoni segwew l-istess xejra fil-perjodu kkunsidrat u naqsu.

(126) Is-sitwazzjoni finanzjarja tal-industrija tal-Unjoni marret għall-agħar l-aktar minħabba ż-żieda fil-kost tal-produzzjoni, li ma setgħetx tiġi koperta minn żieda korrispondenti fil-prezzijiet tal-bejgħ tagħha.

(127) Il-prezzijiet medji tal-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni naqsu b'6 % matul il-perjodu kkunsidrat għalkemm il-kost medju tal-produzzjoni żdied b'9 % fl-istess perjodu. Il-pressjoni tal-prezzijiet mill-importazzjonijiet oġġett ta' dumping bi prezzijiet irħas wasslet għal telf mill-2020, li żdied ulterjorment fil-perjodu ta' investigazzjoni. Filwaqt li l-investimenti netti naqsu bi 42 %, ir-redditu fuq l-investiment sar negattiv matul il-perjodu kkunsidrat. Ix-xejra tal-fluss ta' flus kienet negattiva wkoll, li affettwat l-kapaċità tal-industrija tal-Unjoni li tiffinanzja waħedha l-operazzjonijiet tagħha. In-numru ta' impjegati naqas matul l-istess perjodu b'6 %; madankollu, il-produttività naqset bi 13 %, u dan irriżulta f'kost tax-xogħol ogħla għal kull oġġett tal-ARW.

(128) Kif stabbilit hawn fuq, l-indikaturi ekonomiċi bħall-profittabbiltà, il-fluss ta' flus u r-redditu fuq l-investiment iddeterjoraw b'mod sinifikanti matul il-perjodu kkunsidrat. Dan affettwa b'mod negattiv il-kapaċità tal-industrija tal-Unjoni li tiffinanzja lilha nnifisha, li tagħmel l-investimenti meħtieġa u li żżid il-kapital, u b'hekk impedixxa t-tkabbir tagħha u saħansitra hedded is-sopravivenza tagħha.

(129) Abbażi ta' dak li ntqal hawn fuq, il-Kummissjoni kkonkludiet b'mod provviżorju li l-industrija tal-Unjoni sofriet dannu materjali fis-sens tal-Artikolu 3(5) tar-Regolament bażiku.

## 5. KAWŻALITÀ

(130) F'konformità mal-Artikolu 3(6) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni eżaminat jekk l-importazzjonijiet oġġett ta' dumping mill-pajjiż ikkonċernat ikkawżawx dannu materjali lill-industrija tal-Unjoni. F'konformità mal-Artikolu 3(7) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni eżaminat ukoll jekk fatturi oħrajn magħrufin setgħux fl-istess ħin ikkawżaw dannu lill-industrija tal-Unjoni. Il-Kummissjoni żgurat li kull dannu possibbli kkawżat minn fatturi għajr l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping mill-pajjiż ikkonċernat ma kienx attribwit għall-importazzjonijiet oġġett ta' dumping. Dawn il-fatturi huma: l-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi oħrajn, il-pandemija tal-COVID-19, l-evoluzzjoni tal-kost tal-produzzjoni, il-prestazzjoni tal-esportazzjoni tal-industrija tal-Unjoni u l-effett ta' kuntratti ta' diversi snin.

### 5.1. L-effetti tal-importazzjonijiet oġġett ta' dumping

#### 5.1.1. *Kwantità u sehem mis-suq tal-importazzjonijiet li huma oġġett ta' dumping mill-pajjiż ikkonċernatef*

(131) Il-Kummissjoni eżaminat l-evoluzzjoni tal-kwantità tal-importazzjonijiet mill-pajjiżi kkonċernati u l-impatt tagħhom fuq l-industrija tal-Unjoni kif meħtieġ mill-Artikolu 3(2) tar-Regolament bażiku.

(132) Il-kwantità ta' importazzjoni mill-pajjiż ikkonċernat komplew jiżdiedu matul il-perjodu kkunsidrat, volumi minn 16 376 oġġett fl-2019 għal 1 miljun oġġett fl-2020 u għal 2,5 miljun oġġett fil-perjodu ta' investigazzjoni. Din iż-żieda sinifikanti kompliet anke matul il-pandemija tal-COVID-19.

(133) Is-sehem mis-suq tal-importazzjonijiet mill-Marokk żdied minn 0,0 % fl-2018 għal 3,9 % fil-perjodu ta' investigazzjoni. Konsegwentement, kien hemm żieda sinifikanti fl-importazzjonijiet li huma oġġett ta' dumping skont it-tifsira tal-Artikolu 3(3) tar-Regolament bażiku.

#### 5.1.2. *Il-prezzijiet tal-importazzjonijiet li huma oġġett ta' dumping mill-pajjiż ikkonċernat u l-effett fuq il-prezzijiet*

(134) Il-prezzijiet medji tal-importazzjonijiet mill-Marokk żdiedu b'14 % bejn l-2019 u l-perjodu ta' investigazzjoni. Madankollu, din iż-żieda tista' tirrifletti biss parzjalment iż-żieda fil-prezz tal-aluminju tal-LME matul l-istess perjodu, li huwa l-materja prima ewlenija tal-ARW. Kif spjegat fil-premessa (90), l-importazzjonijiet mill-Marokk waqqgħu l-prezzijiet tal-industrija tal-Unjoni bi 8,0 %. Il-kwantitajiet sinifikanti ta' importazzjonijiet bi prezzijiet baxxi naqqsu l-prezzijiet tal-industrija tal-Unjoni peress li dawn kienu mġiegħla jbaxxu l-prezzijiet tagħhom sabiex jibqgħu kompetittivi, kif spjegat fil-premessa (113) hawn fuq, sal-punt li l-prezzijiet ma baqgħux ikopru l-kostijiet tal-produzzjoni.

#### 5.1.3. *Rabta kawżali bejn l-importazzjonijiet li huma oġġett ta' dumping mill-Marokk u d-dannu materjali tal-industrija tal-Unjoni*

(135) Il-kwantitajiet miżjuda ta' importazzjonijiet mill-Marokk flimkien mal-prezzijiet medji baxxi tal-bejgħ tagħhom kellhom impatt negattiv fuq is-sitwazzjoni finanzjarja tal-industrija tal-Unjoni. Barra minn hekk, il-parteċipazzjoni tal-produtturi tal-Marokk fis-sejħiet għall-offerti organizzati mill-manifatturi tal-karozzi naqqset il-prezzijiet ġenerali tas-suq. L-industrija tal-Unjoni ma setgħetx iżżid il-prezzijiet tal-bejgħ tagħha sabiex lill-klijenti tgħaddilhom il-kost dejjem akbar tal-materja prima minħabba li kienet qiegħda tħabbat wiċċha ma' kompetizzjoni inġusta minn importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat. L-istrateġija tal-industrija tal-Unjoni kienet li żżomm il-volumi tal-produzzjoni u s-sehem mis-suq sabiex tkopri l-kostijiet fissi għoljin għad-detriment tal-profittabbiltà tagħha. Għalhekk, l-importazzjonijiet bi prezz baxx mill-Marokk impedixxew iż-żidiet fil-prezzijiet min-naħa tal-industrija tal-Unjoni skont it-tifsira tal-Artikolu 3(3) tar-Regolament bażiku u għalhekk ikkawżaw soppressjoni tal-prezzijiet.

(136) Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet ta' hawn fuq, il-Kummissjoni stabbiliet b'mod provviżorju li d-dannu materjali mġarrab mill-industrija tal-Unjoni kien ikkawżat mill-importazzjonijiet li huma oġġett ta' dumping mill-pajjiż ikkonċernat skont it-tifsira tal-Artikolu 3(6) tar-Regolament bażiku.

### 5.2. Effetti ta' fatturi oħrajn

#### 5.2.1. *Importazzjonijiet minn pajjiżi terzi*

(137) Il-kwantità tal-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi oħrajn żviluppat kif ġej matul il-perjodu kkunsidrat:

*Tabella 11*

**Importazzjonijiet minn pajjiżi terzi**

| Pajjiż | | 2018 | 2019 | 2020 | Perjodu ta' investigazzjoni |
|---|---|---|---|---|---|
| It-Turkija | Kwantità (f'000 ta' oġġetti) | 7 983 | 7 632 | 7 010 | 8 364 |
| | *Indiċi (2018 = 100)* | *100* | *96* | *88* | *105* |
| | Sehem mis-suq (%) | 10,3 | 10,3 | 11,8 | 13,0 |
| | *Indiċi (2018 = 100)* | *100* | *101* | *115* | *126* |
| | Prezz medju (EUR/oġġett) | 53,6 | 51,9 | 49,7 | 51,1 |
| | *Indiċi (2018 = 100)* | *100* | *97* | *93* | *95* |
| Iċ-Ċina | Kwantità (f'000 ta' oġġetti) | 3 734 | 3 493 | 2 230 | 2 205 |
| | *Indiċi (2018 = 100)* | *100* | *94* | *60* | *59* |
| | Sehem mis-suq (%) | 4,8 | 4,7 | 3,7 | 3,4 |
| | *Indiċi (2018 = 100)* | *100* | *98* | *77* | *71* |
| | Prezz medju (EUR/oġġett) | 50,1 | 50,3 | 49,3 | 53,9 |
| | *Indiċi (2018 = 100)* | *100* | *100* | *98* | *108* |
| It-Tajlandja | Kwantità (f'000 ta' oġġetti) | 2 228 | 1 911 | 1 527 | 1 487 |
| | *Indiċi (2018 = 100)* | *100* | *86* | *69* | *67* |
| | Sehem mis-suq (%) | 2,9 | 2,6 | 2,6 | 2,3 |
| | *Indiċi (2018 = 100)* | *100* | *90* | *90* | *79* |
| | Prezz medju (EUR/oġġett) | 52,3 | 50,8 | 49,0 | 50,3 |
| | *Indiċi (2018 = 100)* | *100* | *97* | *94* | *96* |
| Il-Korea t'Isfel | Kwantità (f'000 ta' oġġetti) | 1 813 | 1 577 | 1 460 | 1 065 |
| | *Indiċi (2018 = 100)* | *100* | *87* | *81* | *59* |
| | Sehem mis-suq (%) | 2,3 | 2,1 | 2,5 | 1,7 |
| | *Indiċi (2018 = 100)* | *100* | *91* | *109* | *74* |
| | Prezz medju (EUR/oġġett) | 52,2 | 52,9 | 50,9 | 53,5 |
| | *Indiċi (2018 = 100)* | *100* | *101* | *97* | *102* |
| Pajjiżi terzi oħrajn | Kwantità (f'000 ta' oġġetti) | 4 612 | 3 663 | 3 151 | 3 279 |
| | *Indiċi (2018 = 100)* | *100* | *79* | *68* | *71* |
| | Sehem mis-suq (%) | 5,9 | 5,0 | 5,3 | 5,1 |
| | *Indiċi (2018 = 100)* | *100* | *85* | *90* | *86* |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| | Prezz medju (EUR/oġġett) | 69,1 | 74,9 | 71,1 | 75,9 |
| | *Indiċi (2018 = 100)* | *100* | *108* | *103* | *110* |
| Total tal-pajjiżi terzi kollha minbarra l-Marokk | Kwantità (f'000 ta' oġġetti) | 20 372 | 18 278 | 15 380 | 16 402 |
| | *Indiċi (2018 = 100)* | *100* | *90* | *75* | *81* |
| | Sehem mis-suq (%) | 26,2 | 24,8 | 25,8 | 25,5 |
| | *Indiċi (2018 = 100)* | *100* | *95* | *98* | *97* |
| | Prezz medju (EUR/oġġett) | 56,2 | 56,1 | 54,1 | 56,5 |
| | *Indiċi (2018 = 100)* | *100* | *100* | *96* | *101* |

*Sors:* Bażi tad-*data* Comext tal-Eurostat

(138) Il-kwantitajiet tal-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi oħrajn kellhom sehem mis-suq ta' 26,2 % fl-2018 u ta' 25,5 % fil-perjodu ta' investigazzjoni. Il-kwantità ta' dawn l-importazzjonijiet naqas matul il-perjodu kkunsidrat bi 19 % u s-sehem mis-suq tagħhom segwa parzjalment l-istess xejra bi tnaqqis ta' 3 %. Il-prezz medju tal-importazzjoni ta' dawn l-importazzjonijiet żdied b'1 % u kien ogħla meta mqabbel mal-prezz medju tal-industrija tal-Unjoni (+ 12 %) u ogħla b'mod sinifikanti meta mqabbel mal-prezz medju tal-importazzjoni mill-pajjiż ikkonċernat (+ 26 %). L-uniku pajjiż li żied is-sehem mis-suq tiegħu fil-perjodu kkunsidrat minn 10,3 % għal 13,0 % kien it-Turkija. Madankollu, il-prezzijiet medji Torok kienu kemxejn ogħla meta mqabbla mal-prezzijiet tal-industrija tal-Unjoni (+ 1,0 %) u ogħla b'mod sinifikanti meta mqabbla mal-prezzijiet tal-importazzjoni mill-pajjiż ikkonċernat (+ 14 %).

(139) Għalhekk, il-Kummissjoni kkonkludiet b'mod provviżorju li l-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi oħrajn ma kkontribwewx għad-dannu li ġarrbet l-industrija tal-Unjoni.

5.2.2. *Il-pandemija tal-COVID-19*

(140) Fl-2020, il-produzzjoni tal-industrija tal-karozzi naqset b'madwar 4,2 miljun vettura minħabba l-pandemija tal-COVID-19 u b'hekk b'impatt dirett fuq il-fornituri upstream. Għaldaqstant, il-bejgħ tal-ARW naqas b'14-il miljun fl-2020 meta mqabbel mal-2019. It-tnaqqis fil-produzzjoni kien partikolarment importanti fit-tieni kwart tal-2020 iżda s-suq irkupra fix-xhur ta' wara. Is-suq irkupra 5 miljun rota: minn 60 miljun fl-2020 għal 65 miljun matul il-perjodu ta' investigazzjoni. Madankollu, il-konsum, ma laħaqx il-livell tal-2019, l-aktar minħabba n-nuqqas ta' semikondutturi użati mill-produtturi tal-karozzi. Iż-żieda fid-domanda fil-perjodu ta' investigazzjoni ma kinitx ta' benefiċċju għall-industrija tal-Unjoni, iżda kienet ta' benefiċċju l-aktar għall-importazzjonijiet tal-Marokk (2,6 miljuni ta' importazzjonijiet fil-perjodu ta' investigazzjoni u 4 % tas-sehem mis-suq). Barra li ħadu l-kwantitajiet tal-bejgħ, l-importazzjonijiet Marokkini għamlu pressjoni 'l isfel fuq il-prezzijiet u żammew lill-produtturi tal-Unjoni milli jgħaddu ż-żieda tal-kostijiet tagħhom lill-klijenti tagħhom, biex b'hekk wasslu għal fatturat sostanzjalment imnaqqas u saħansitra aktar telf meta mqabbel mal-2020.

(141) F'dan ir-rigward il-pandemija tal-COVID-19 kellha, tabilħaqq, impatt negattiv fuq l-industrija tal-Unjoni, speċjalment fl-2020 meta s-siti ta' produzzjoni tal-industrija tal-Unjoni kellhom jagħlqu temporanjament. Madankollu, meta s-suq reġa' rkupra wara l-COVID, l-industrija tal-Unjoni ma bbenefikatx minħabba ż-żieda fl-importazzjonijiet mill-pajjiż ikkonċernat bi prezzijiet oġġett ta' dumping.

(142) Għalhekk, il-Kummissjoni kkonkludiet b'mod provviżorju li l-pandemija tal-COVID-19 ma kinitx biżżejjed sabiex tnaqqas ir-rabta kawżali bejn l-importazzjonijiet li huma oġġett ta' dumping mill-pajjiż kkonċernat u d-dannu materjali mġarrab mill-industrija tal-Unjoni.

5.2.3. *Prestazzjoni tal-esportazzjoni tal-industrija tal-Unjoni*

(143) Matul il-perjodu kkunsidrat il-kwantità tal-esportazzjonijiet tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun żviluppat kif ġej:

*Tabella 12*

**Prestazzjoni tal-esportazzjoni tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun**

| | 2018 | 2019 | 2020 | Perjodu ta' investigazzjoni |
|---|---|---|---|---|
| Kwantità tal-esportazzjoni (f'000 ta' oġġetti) | 3 454 | 2 892 | 2 138 | 2 719 |
| *Indiċi (2018 = 100)* | *100* | *84* | *62* | *79* |
| Prezz medju (EUR/oġġett) | 67,3 | 68,7 | 60,6 | 66,5 |
| *Indiċi (2018 = 100)* | *100* | *102* | *90* | *99* |

*Sors*: L-EUWA għall-kwantitajiet tal-esportazzjoni u l-prezz medju mit-tweġibiet ivverifikati tal-kwestjonarju

(144) Il-bejgħ għall-esportazzjonijiet lil klijenti mhux relatati kien jirrappreżenta 5,6 % tal-produzzjoni totali tal-industrija tal-Unjoni fil-perjodu ta' investigazzjoni. Matul il-perjodu kkunsidrat, il-kwantitajiet tal-esportazzjoni varjaw – l-ewwel naqsu bejn l-2018 u l-2020 bi 38 % u mbagħad żdiedu fil-perjodu ta' investigazzjoni. B'mod ġenerali, il-bejgħ għall-esportazzjoni naqas fil-perjodu kkunsidrat b'21 %. Il-prezz tal-esportazzjoni għal kull oġġett kien ogħla b'mod sinifikanti meta mqabbel mal-prezzijiet tal-Unjoni matul il-perjodu kkunsidrat.

(145) Fil-perjodu ta' investigazzjoni, l-industrija tal-Unjoni biegħet aktar minn 95 % tal-produzzjoni tagħha fis-suq tal-Unjoni. Għalhekk, għalkemm it-tnaqqis fil-prestazzjoni tal-esportazzjoni seta' kkontribwixxa għad-dannu mġarrab mill-industrija tal-Unjoni, il-Kummissjoni kkonkludiet b'mod provviżorju li, meta jitqies is-sehem għoli tal-bejgħ tal-Unjoni meta mqabbel mal-bejgħ għall-esportazzjoni, din l-evoluzzjoni ma naqqsitx ir-rabta kawżali bejn l-importazzjonijiet li huma oġġett ta' dumping mill-pajjiż ikkonċernat u d-dannu mġarrab mill-industrija tal-Unjoni.

5.2.4. *Effett tal-kuntratti ta' diversi snin u l-evoluzzjoni tal-kost tal-produzzjoni*

(146) Il-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni tal-prodott simili fis-suq tal-Unjoni kien ibbażat fuq kuntratti ta' diversi snin mal-klijenti tal-manifatturi tal-karozzi li jiffissaw il-prezzijiet għad-durata tal-produzzjoni ta' ċertu tip ta' karozza. L-industrija tal-Unjoni għandha marġni minimu sabiex iżżid il-prezzijiet tal-bejgħ fil-kuntest taż-żieda fil-prezzijiet tal-materja prima matul l-applikazzjoni tal-kuntratt annwali. Madankollu, fil-prinċipju, l-industrija tal-Unjoni jenħtieġ li tkun tista' żżid il-prezzijiet tal-bejgħ tagħha meta tinnegozja l-kuntratti għas-sena ta' wara. Kif spjegat fit-Taqsima 4.4.3.1 hawn fuq, filwaqt li l-kost medju tal-produzzjoni tal-industrija tal-Unjoni żdied b'9 % bejn l-2018 u l-perjodu ta' investigazzjoni, il-prezz medju tal-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni fis-suq tal-Unjoni baqa' stabbli.

(147) Kif muri fit-Tabella 7 hawn fuq, l-industrija tal-Unjoni ma kellhiex diffikultajiet, minkejja l-kuntratti annwali, sabiex tbigħ bi prezzijiet li koprew il-kost tal-produzzjoni tagħha fl-2018 u fl-2019 meta l-importazzjonijiet mill-Marokk ma kinux jeżistu. Madankollu, meta l-importazzjonijiet bdew jidħlu fl-2020 u żdiedu b'mod sinifikanti fil-perjodu ta' investigazzjoni, minħabba l-pressjoni fuq il-prezzijiet li dawn eżerċitaw, l-industrija tal-Unjoni ma baqgħetx kapaċi tadatta biżżejjed il-prezzijiet tal-bejgħ tagħha fl-aħħar kuntratti annwali sabiex tkopri l-kostijiet tal-produzzjoni li kienu qegħdin jiżdiedu. B'riżultat ta' dan, l-industrija tal-Unjoni kisbet biss profitti baxxi ħafna fl-2020 u bdiet tagħmel it-telf matul il-perjodu ta' investigazzjoni.

(148) Għalhekk, id-distakk ta' żmien bejn iż-żieda fil-kost tal-materja prima u ż-żieda fil-prezzijiet tal-bejgħ minħabba l-kuntratti annwali ma jidhirx li jimpedixxi lill-industrija tal-Unjoni milli tadatta l-prezzijiet tal-bejgħ tagħha għall-kost tal-produzzjoni dejjem jiżdied matul il-perjodu kkunsidrat. B'riżultat ta' dan, il-Kummissjoni kkonkludiet b'mod provviżorju li l-iffissar tal-prezzijiet tal-bejgħ f'kuntratti annwali ma naqqasx ir-rabta kawżali bejn l-importazzjonijiet li huma oġġett ta' dumping u d-dannu li nstab.

5.2.5. *Konsum*

(149) L-utenti sostnew li t-tnaqqis tas-suq tal-ARW tal-Unjoni kkawża dannu lill-industrija tal-Unjoni.

(150) Kif imsemmi fil-premessa (139), il-konsum tal-Unjoni naqas bi 13-il miljun oġġett, jiġifieri bi 17 % fil-perjodu kkunsidrat. Iċ-ċifri tal-bejgħ tal-Unjoni kienu jirriflettu x-xejra tal-konsum tal-Unjoni. Madankollu, meta l-konsum reġa' rkupra fil-perjodu ta' investigazzjoni u żdied bi 8 % meta mqabbel mal-2020, l-industrija tal-Unjoni ma setgħetx tibbenefika minnha minħabba l-importazzjonijiet mill-Marokk. Tabilħaqq, is-sehem mis-suq tal-industrija tal-Unjoni naqas bi 2,9 punti perċentwali, minn 71,7 % fl-2020 għal 68,8 % fil-perjodu ta' investigazzjoni, filwaqt li s-sehem mis-suq tal-importazzjonijiet mill-Marokk żdied b'129 %, minn 1,7 % fl-2020 għal 3,9 % fil-perjodu ta' investigazzjoni. Għaldaqstant, id-dannu għall-industrija tal-Unjoni kien ikkawżat aktar mis-soppressjoni tal-prezzijiet minħabba l-importazzjonijiet oġġett ta' dumping bi prezz baxx milli minn telf ta' volumi minħabba tnaqqis fil-konsum.

(151) Għalhekk, il-Kummissjoni kkonkludiet b'mod provviżorju li t-tnaqqis fid-domanda tas-suq bi 17 % ma setax jitqies bħala kawża ta' dannu li jnaqqas ir-rabta kawżali bejn l-importazzjonijiet li huma oġġett ta' dumping u d-dannu li nstab.

### 5.3. **Konklużjoni dwar il-kawżalità**

(152) Id-deterjorament tas-sitwazzjoni finanzjarja tal-industrija tal-Unjoni kkoinċida fiż-żmien mal-volumi dejjem jiżdiedu ta' importazzjonijiet tal-ARWs mill-pajjiż ikkonċernat, li saru bi prezzijiet oġġett ta' dumping.

(153) Il-Kummissjoni ddistingwiet u sseparat l-effetti tal-fatturi kollha magħrufin fuq is-sitwazzjoni tal-industrija tal-Unjoni mill-effetti dannużi tal-importazzjonijiet oġġett ta' dumping. L-effett tal-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi oħrajn, il-pandemija tal-COVID-19 u t-tnaqqis fid-domanda, l-evoluzzjoni tal-kost tal-produzzjoni, il-prestazzjoni tal-esportazzjoni tal-industrija tal-Unjoni u l-kuntratti ta' diversi snin ġew ikkunsidrati.

(154) Abbażi ta' dak li ntqal hawn fuq, il-Kummissjoni kkonkludiet b'mod provviżorju li l-importazzjonijiet li huma oġġett ta' dumping mill-pajjiż ikkonċernat ikkawżaw dannu materjali lill-industrija tal-Unjoni u li l-fatturi l-oħrajn, ikkunsidrati individwalment jew b'mod kollettiv, ma naqqsux ir-rabta kawżali bejn l-importazzjonijiet li huma oġġett ta' dumping u d-dannu materjali.

## 6. **LIVELL TAL-MIŻURI**

(155) Sabiex tiddetermina l-livell tal-miżuri, il-Kummissjoni eżaminat jekk dazju aktar baxx mill-marġni tad-dumping ikunx suffiċjenti sabiex jitneħħa d-dannu kkawżat mill-importazzjonijiet li huma oġġett ta' dumping għall-industrija tal-Unjoni.

### 6.1. **Marġni tad-dannu**

(156) Id-dannu jitneħħa jekk l-industrija tal-Unjoni tkun tista' tikseb profitt fil-mira billi tbigħ bi prezz fil-mira fis-sens tal-Artikolu 7(2c) u l-Artikolu 7(2d) tar-Regolament bażiku.

(157) F'konformità mal-Artikolu 7(2c) tar-Regolament bażiku, sabiex tistabbilixxi l-profitt fil-mira, il-Kummissjoni qieset il-fatturi li ġejjin: il-livell ta' profittabbiltà qabel iż-żieda fl-importazzjonijiet mill-pajjiż ikkonċernat, il-livell ta' profittabbiltà meħtieġ sabiex ikopri l-kostijiet u l-investimenti kollha, ir-riċerka u l-iżvilupp (R&Ż) u l-innovazzjoni, u l-livell ta' profittabbiltà li wieħed għandu jistenna f'kundizzjonijiet normali ta' kompetizzjoni. Marġni ta' profitt bħal dan jenħtieġ li ma jkunx anqas minn 6 %.

(158) Bħala l-ewwel pass, il-Kummissjoni stabbiliet profitt bażiku li jkopri l-kostijiet sħaħ f'kundizzjonijiet normali ta' kompetizzjoni. Il-Kummissjoni ħadet il-profitti miksuba mill-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun qabel ma l-importazzjonijiet inġusti mill-Marokk aċċelleraw u bdew jagħmlu dannu lill-industrija tal-Unjoni. Marġni ta' profitt bħal dan ġie stabbilit għal 7,9 %, li jikkorrispondi għall-medja tal-profitt miksub mill-industrija tal-Unjoni fl-2018 u l-2019.

(159) L-industrija tal-Unjoni pprovdiet evidenza li l-livell tagħha ta' investimenti, riċerka u żvilupp (R&Ż) u innovazzjoni matul il-perjodu kkunsidrat kienu jkunu ogħla f'kundizzjonijiet normali ta' kompetizzjoni. Tabilħaqq, l-affermazzjonijiet tal-industrija tal-Unjoni nstabu li kienu ġġustifikati. Sabiex tirrifletti dan fil-profitt fil-mira, il-Kummissjoni kkalkolat id-differenza bejn l-ispejjeż tal-investimenti, tar-R&Ż u tal-innovazzjoni ("IRI") f'kundizzjonijiet normali ta' kompetizzjoni kif ipprovduti mill-industrija tal-Unjoni u vverifikati mill-Kummissjoni u l-ispejjeż reali tal-IRI matul il-perjodu kkunsidrat. Din id-differenza, espressa bħala perċentwal tal-fatturat, kienet ta' 0,4 %.

(160) Tali perċentwal ta' 0,4 % żdied mal-profitt bażiku ta' 7,9 % imsemmi fil-premessa (158), li wassal għal profitt fil-mira ta' 8,3 %.

(161) F'konformità mal-Artikolu 7(2d) tar-Regolament bażiku, bħala pass finali, il-Kummissjoni vvalutat il-kostijiet futuri li jirriżultaw mill-Ftehimiet Ambjentali Multilaterali, u l-protokolli tagħhom, li l-Unjoni hija parti minnhom, u tal-Konvenzjonijiet tal-ILO elenkati fl-Anness Ia li l-industrija tal-Unjoni se ġġarrab matul il-perjodu tal-applikazzjoni tal-miżura skont l-Artikolu 11(2). Abbażi tal-evidenza disponibbli, il-Kummissjoni stabbiliet kost addizzjonali ta' 0,5 EUR/oġġett. Dan il-kost addizzjonali żdied mal-prezz mhux dannuż imsemmi fil-premessa ta' hawn fuq.

(162) Fuq din il-bażi, il-Kummissjoni kkalkolat prezz medju ponderat mhux dannuż ta' EUR 55,9/oġġett għall-prodott simili tal-industrija tal-Unjoni billi applikat il-marġni ta' profitt fil-mira msemmi hawn fuq għall-kost tal-produzzjoni tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun matul il-perjodu ta' investigazzjoni u mbagħad żiedet l-aġġustamenti skont l-Artikolu 7(2d) fuq bażi ta' tip b'tip.

(163) Il-Kummissjoni mbagħad iddeterminat il-livell ta' marġni tad-dannu abbażi ta' tqabbil tal-prezz medju ponderat tal-importazzjoni tal-produtturi esportaturi li kkooperaw fil-Marokk inklużi fil-kampjun, kif stabbilit għall-kalkoli ta' twaqqigħ tal-prezz, mal-prezz medju ponderat mhux dannuż tal-prodott simili mibjugħ mill-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun fis-suq tal-Unjoni matul il-perjodu ta' investigazzjoni. Kwalunkwe differenza li tirriżulta minn dan it-tqabbil ġiet espressa bħala perċentwal tal-valur CIF medju ponderat tal-importazzjonijiet.

(164) Il-livell ta' eliminazzjoni tad-dannu għall-"kumpaniji l-oħrajn kollha" huwa stabbilit bl-istess mod bħall-marġini tad-dumping għal dawn il-kumpaniji (ara l-premessa (73)).

| Pajjiż | Kumpanija | Marġni tad-dumping (%) | Marġni tad-dannu (%) |
|---|---|---|---|
| Il-Marokk | Hands | 8,0 | 44,0 |
| | Il-kumpaniji l-oħrajn kollha | 16,5 | 51,6 |

## 7. INTERESS TAL-UNJONI

### 7.1. L-interess tal-industrija tal-Unjoni

(165) L-effett tal-miżuri kontra d-dumping se jkun pożittiv għall-produtturi tal-Unjoni, peress li l-miżuri se jippermettu lill-industrija tal-Unjoni tadatta l-prezzijiet tal-bejgħ tagħha sabiex tkopri ż-żieda fil-kost tal-produzzjoni. Għalhekk, l-industrija tal-Unjoni terġa' lura għal sitwazzjoni sostenibbli, li tippermettilha tagħmel investimenti futuri, b'mod partikolari sabiex tikkonforma mar-rekwiżiti ambjentali u soċjali.

(166) Fin-nuqqas ta' miżuri, l-industrija tal-Unjoni se tkompli ġġarrab dannu materjali u s-sitwazzjoni finanzjarja tagħha, b'mod partikolari f'termini ta' profittabbiltà, redditu fuq l-investimenti u fluss ta' flus, hija mistennija li tkompli tmur għall-agħar, b'mod partikolari fid-dawl taż-żieda fl-importazzjonijiet oġġett ta' dumping mill-pajjiż ikkonċernat li kompliet wara l-perjodu ta' investigazzjoni, u b'hekk thedded il-vijabbiltà tagħha.

### 7.2. L-interess ta' importaturi u ta' utenti mhux relatati

(167) Mal-bidu, l-importaturi ġew ikkuntattjati. Madankollu, l-ebda wieħed ma kkoopera mal-investigazzjoni.

(168) Fir-rigward tal-utenti, ikkooperaw żewġ manifatturi tal-karozzi u l-assoċjazzjoni tagħhom, jiġifieri l-manifatturi tal-karozzi ("ACEA").

(169) Il-manifatturi tal-karozzi huma l-klijenti tal-industrija tal-ARW tal-Unjoni. Dawn diġà jakkwistaw madwar 70 % tal-ħtiġijiet tal-ARW tagħhom mill-industrija tal-Unjoni. L-importazzjonijiet mill-pajjiż ikkonċernat kellhom sehem mis-suq ta' 3,9 % fis-suq tal-Unjoni fil-perjodu ta' investigazzjoni u l-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi oħrajn kellhom sehem mis-suq ta' 25,5 % b'livelli tal-prezzijiet ogħla minn dawk tal-industrija tal-Unjoni. Għaldaqstant, il-manifatturi tal-karozzi, minbarra l-industrija tal-Unjoni u l-Marokk, għandhom ukoll sorsi oħrajn ta' provvista. Dan ġie kkonfermat ukoll mill-fatt li x-xiri ta' ARW mill-Marokk kien jirrappreżenta madwar 30 % tax-xiri totali tal-ARW taż-żewġ utenti matul il-perjodu ta' investigazzjoni. Barra minn hekk, abbażi tad-*data* taż-żewġ utenti li pprovdew tweġibiet għall-kwestjonarju, l-ARW kien jirrappreżenta madwar 0,5 % tal-kost tal-produzzjoni tagħhom. Konsegwentement, il-Kummissjoni kkonkludiet b'mod provviżorju li l-impatt tal-miżuri fuq l-ARW huwa limitat għall-manifatturi tal-karozzi.

(170) L-ACEA sostniet l-argument li l-importazzjonijiet mill-Marokk indirizzaw il-ħtiġijiet strateġiċi tal-manifatturi tal-karozzi tal-Unjoni li l-produtturi tal-ARW tal-Unjoni ma jistgħux jissodisfaw peress li dawn tal-aħħar jagħżlu deliberatament li ma jżidux il-kapaċitajiet ta' produzzjoni tagħhom. Għalhekk, il-manifatturi tal-karozzi ma għandhom l-ebda għażla ħlief li jiddiversifikaw il-provvista tagħhom, anki billi jiddependu fuq diversi sorsi ta' importazzjonijiet.

(171) Kif imsemmi fil-premessa (40), l-industrija tal-ARW tal-Unjoni hija fornitur tal-manifatturi tal-karozzi u l-attività tagħhom tiddependi fuq l-offerti mogħtija minn dawn il-kumpaniji l-kbar. In-nomina tal-fornituri tal-ARW u għalhekk il-konsenji reali tar-roti sseħħ snin qabel il-produzzjoni tal-karozzi u dan għandu jagħti żmien lill-industrija tal-ARW sabiex taġġusta l-output industrijali tagħha. Jekk ikun meħtieġ, l-industrija tal-ARW tal-Unjoni tista' żżid il-kapaċità tagħha b'avviż relattivament qasir peress li l-investiment mitlub ma jikkonċernax il-fran jew il-kabini taż-żebgħa, iżda pjuttost il-magni tal-ikkastjar li jistgħu jiġu installati faċilment. Għalhekk, jekk il-produtturi tal-ARW tal-Unjoni ma nvestewx f'kapaċità ta' produzzjoni addizzjonali, dan kien pjuttost minħabba nuqqas ta' kuntratti futuri suffiċjenti mill-manifatturi tal-karozzi. Għalhekk, l-industrija tal-Unjoni ma kellhiex biżżejjed inċentiv biex tinvesti f'kapaċità addizzjonali fin-nuqqas ta' żieda prevedibbli fid-domanda tal-produzzjoni tagħha. Barra minn hekk, il-konsum tal-Unjoni kien ta' 64,31 miljun oġġett fil-perjodu ta' investigazzjoni. Il-kapaċità totali tal-industrija tal-Unjoni kienet ta' 61,29 miljun oġġett, filwaqt li l-produzzjoni totali tal-Unjoni kienet ta' 48,75 miljun oġġett fil-perjodu ta' investigazzjoni u l-esportazzjonijiet tal-industrija tal-Unjoni kienu ta' 2,71 miljun oġġett. Konsegwentement, l-industrija tal-Unjoni diġà għandha kapaċità ta' produzzjoni suffiċjenti sabiex tkopri kważi d-domanda totali tal-Unjoni tal-ARW. Konsegwentement, l-affermazzjoni ġiet miċħuda.

(172) L-ACEA sostniet li l-industrija tal-ARW tal-Unjoni ma ssodisfatx ir-rekwiżiti tal-kapaċità ta' riżerva stabbiliti mill-manifatturi tal-karozzi (l-industrija tal-Unjoni rrapportat livell għoli ta' użu tal-kapaċità ta' aktar minn 95 %) u obbligat lill-manifatturi tal-karozzi jiddiversifikaw il-provvista tagħhom, b'mod partikolari mill-Marokk.

(173) Il-Kummissjoni nnotat li ma ġiet ipprovduta l-ebda evidenza li turi li l-industrija tal-ARW tal-Unjoni tilfet offerti minħabba kwistjoni dwar il-kapaċità tal-produzzjoni tagħha jew li l-industrija tal-ARW tal-Unjoni naqset milli tikkonsenja l-ARW wara ordnijiet kummerċjali tal-manifatturi tal-karozzi. Barra minn hekk, l-użu tal-kapaċità stabbilit għall-perjodu ta' investigazzjoni kien ta' 80 %. Għalhekk, l-affermazzjoni ġiet miċħuda.

(174) L-ACEA sostniet li l-effetti tal-pandemija tal-COVID-19 fixklu l-ktajjen tal-provvista u l-manifatturi tal-karozzi ntlaqtu bis-sħiħ mill-pandemija tal-COVID-19 b'telf totali ta' 4,2 miljun vettura, li jirrappreżenta 22,9 % tal-produzzjoni tal-Unjoni fl-2019. Il-profittabbiltà tal-manifatturi tal-karozzi tnaqqset. Dan affettwa bl-istess mod lill-fornituri tal-karozzi.

(175) Il-Kummissjoni nnotat li l-biċċa l-kbira tal-manifatturi tal-karozzi rrapportaw profitti għas-sena finanzjarja 2021li qabżu l-perċentwal tas-soltu rrapportat matul is-snin preċedenti ([21]).

(176) Ma hemm l-ebda informazzjoni oħra fil-fajl li turi li l-miżuri jkollhom impatt negattiv sinifikanti fuq l-utenti li jegħleb l-impatt pożittiv tal-miżuri fuq l-industrija tal-Unjoni.

([21]) Nota għall-fajl dwar r-rapporti annwali għas-sena 2021 ippubblikati minn xi manifatturi tal-karozzi

### 7.3. **Konklużjoni dwar l-interess tal-Unjoni**

(177) Abbażi ta' dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni kkonkludiet b'mod provviżorju li ma kienx hemm raġunijiet persważivi li ma kienx fl-interess tal-Unjoni li timponi miżuri fuq l-importazzjonijiet ta' roti tal-aluminju għall-użu fit-triq li joriġinaw mill-Marokk f'dan l-istadju tal-investigazzjoni.

## 8. **MIŻURI PROVVIŻORJI ANTI-DUMPING**

(178) Abbażi tal-konklużjonijiet li waslet għalihom il-Kummissjoni fir-rigward tad-dumping, tad-dannu, tal-kawżalità, tal-livell tal-miżuri u tal-interess tal-Unjoni, jenħtieġ li jiġu imposti miżuri provviżorji sabiex jiġi evitat dannu ulterjuri lill-industrija tal-Unjoni mill-importazzjonijiet li huma oġġett ta' dumping.

(179) Abbażi ta' dan ta' hawn fuq, ir-rati tad-dazju anti-dumping provviżorji, espressi skont il-prezz CIF fil-fruntiera tal-Unjoni, bid-dazju doganali mhux imħallas, jenħtieġ li jkunu kif ġej:

| Pajjiż | Kumpanija | Dazju anti-dumping provviżorju |
|---|---|---|
| Il-Marokk | HANDS 8 S.A. | 8,0 % |
| | Il-kumpaniji l-oħrajn kollha | 16,5 % |

(180) Ir-rata tad-dazju anti-dumping tal-kumpaniji individwali speċifikata f'dan ir-Regolament ġiet stabbilita abbażi tas-sejbiet ta' din l-investigazzjoni. Għaldaqstant, din tirrifletti s-sitwazzjoni li nstabet matul din l-investigazzjoni fir-rigward ta' din il-kumpanija. Din ir-rata tad-dazju hija applikabbli esklużivament għall-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat li joriġina mill-pajjiż ikkonċernat u li huwa magħmul mill-entità legali msemmija. L-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat immanifatturat minn kwalunkwe kumpanija oħra mhux imsemmija speċifikament fil-parti operattiva ta' dan ir-Regolament, inklużi entitajiet relatati ma' dawk imsemmija speċifikament, jenħtieġ li jkunu soġġetti għar-rata tad-dazju applikabbli għall-"kumpaniji l-oħrajn kollha". Jenħtieġ li ma jkunu soġġetti għall-ebda waħda mir-rati tad-dazju anti-dumping individwali.

(181) Sabiex ikun żgurat infurzar xieraq tad-dazji anti-dumping, id-dazju anti-dumping għall-kumpaniji l-oħrajn kollha jenħtieġ li japplika mhux biss għall-produtturi esportaturi li ma kkooperawx f'din l-investigazzjoni, iżda anke għall-produtturi li ma kellhomx esportazzjonijiet lejn l-Unjoni matul il-perjodu ta' investigazzjoni.

(182) Sabiex jiġu mminimizzati r-riskji ta' ċirkomvenzjoni minħabba d-differenza fir-rati tad-dazju, huma meħtieġa miżuri speċjali sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni tad-dazji anti-dumping individwali. Il-kumpaniji b'dazji anti-dumping individwali jridu jippreżentaw fattura kummerċjali valida lill-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri. Il-fattura trid tkun konformi mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 1(3) ta' dan ir-Regolament. L-importazzjonijiet li ma jkunux akkumpanjati minn dik il-fattura jenħtieġ li jkunu soġġetti għad-dazju anti-dumping applikabbli għall-"kumpaniji l-oħrajn kollha".

(183) Filwaqt li l-preżentazzjoni ta' din il-fattura hija meħtieġa sabiex l-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri jkunu jistgħu japplikaw ir-rati tad-dazju anti-dumping individwali fuq l-importazzjonijiet, ma hijiex l-uniku element li għandu jitqies mill-awtoritajiet doganali. Tabilħaqq, anke jekk jiġu ppreżentati b'fattura li tissodisfa r-rekwiżiti kollha stabbiliti fl-Artikolu 1(3) ta' dan ir-Regolament, l-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri jridu jwettqu l-iċċekkjar tas-soltu tagħhom u jistgħu, bħal fil-każijiet l-oħrajn kollha, jirrikjedu dokumenti addizzjonali (dokumenti tat-trasport, eċċ.) sabiex ikunu jistgħu jivverifikaw l-akkuratezza tad-dettalji li jkun hemm fid-dikjarazzjoni u jiżguraw li l-applikazzjoni sussegwenti tar-rata tad-dazju aktar baxxa tkun ġustifikata, f'konformità mal-liġi doganali.

(184) Jekk l-esportazzjonijiet minn waħda mill-kumpaniji li jibbenefikaw minn rati tad-dazju individwali aktar baxxi jiżdiedu b'mod sinifikanti fil-kwantità wara l-impożizzjoni tal-miżuri kkonċernati, tali żieda fil-kwantità tista' tiġi kkunsidrata bħala waħda li minnha nnifisha tikkostitwixxi bidla fix-xejra tal-kummerċ minħabba l-impożizzjoni ta' miżuri fis-sens tal-Artikolu 13(1) tar-Regolament bażiku. F'ċirkostanzi bħal dawn u diment li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet, tista' tinbeda investigazzjoni antiċirkomvenzjoni. Din l-investigazzjoni tista', fost l-oħrajn, teżamina l-ħtieġa tat-tneħħija ta' rata/i tad-dazju individwali u l-impożizzjoni konsegwenti ta' dazju għall-pajjiż kollu.

(185) L-istatistika rigward ir-roti tal-aluminju għall-użu fit-triq ta' spiss hija espressa fin-numru ta' oġġetti. Madankollu, l-ebda unità supplimentari bħal din ma hija definita għar-roti tal-aluminju għall-użu fit-triq fin-Nomenklatura Magħquda stabbilita fl-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 ([22]) dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni. Għalhekk hemm bżonn li fid-dikjarazzjoni għal rilaxx għal ċirkolazzjoni libera ma jingħatax biss il-piż f'kilogrammi jew f'tunnellati iżda anke n-numru ta' oġġetti għall-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat.

## 9. REĠISTRAZZJONI

(186) Kif imsemmi fil-premessa (3), il-Kummissjoni għamlet l-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat soġġetti għal reġistrazzjoni. Ir-reġistrazzjoni saret bil-għan li possibbilment jinġabru d-dazji b'mod retroattiv skont l-Artikolu 10(4) tar-Regolament bażiku.

(187) Fid-dawl tas-sejbiet fl-istadju provviżorju, jenħtieġ li r-reġistrazzjoni tal-importazzjonijiet ma titkompliex.

(188) F'dan l-istadju tal-proċediment ma ttieħdet l-ebda deċiżjoni dwar l-applikazzjoni retroattiva possibbli ta' miżuri anti-dumping.

## 10. INFORMAZZJONI FL-ISTADJU PROVVIŻORJU

(189) F'konformità mal-Artikolu 19a tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni informat lill-partijiet interessati dwar l-impożizzjoni pjanata ta' dazji provviżorji. Din l-informazzjoni ġiet magħmula disponibbli wkoll għall-pubbliku ġenerali fuq is-sit web tad-DĠ TRADE. Il-partijiet interessati ngħataw tlett ijiem ta' xogħol sabiex jipprovdu kummenti dwar l-akkuratezza tal-kalkoli ddivulgati b'mod speċifiku lilhom. Ma waslu l-ebda tali kummenti. Kummenti b'segwitu tad-divulgazzjoni minn qabel fir-rigward ta' aspetti oħra tal-investigazzjoni, mhux relatata mal-akkuratezza tal-kalkoli, se jkunu kkunsidrati fl-istadju definittiv tal-investigazzjoni.

## 11. DISPOŻIZZJONI FINALI

(190) Fl-interessi ta' amministrazzjoni tajba, il-Kummissjoni se tistieden lill-partijiet interessati jressqu kummenti bil-miktub u/jew jitolbu seduta ta' smigħ mal-Kummissjoni fi żmien skadenza fissa. Il-partijiet interessati jistgħu jitolbu wkoll seduta mal-Uffiċjal tas-Smigħ fi proċedimenti kummerċjali.

(191) Is-sejbiet li jikkonċernaw l-impożizzjoni ta' dazji provviżorji huma provviżorji u jistgħu jiġu emendati fl-istadju definittiv tal-investigazzjoni,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

1. Qiegħed jiġi impost dazju anti-dumping provviżorju fuq l-importazzjonijiet ta' roti tal-aluminju għall-użu fit-triq tal-vetturi bil-mutur tal-intestaturi minn 8701 sa 8705, bl-aċċessorji tagħhom jew mingħajrhom u kemm bit-tajers jew mingħajrhom, li bħalissa jaqgħu taħt il-kodiċijiet NM ex 8708 70 10 u ex 8708 70 50 (il-kodiċijiet TARIC: 8708 70 10 15, 8708 70 10 50, 8708 70 50 15 u 8708 70 50 50) u li joriġinaw mill-Marokk.

2. Ir-rati tad-dazju anti-dumping provviżorju applikabbli għall-prezz nett, liberu fil-fruntiera tal-Unjoni, qabel id-dazju, tal-prodott deskritt fil-paragrafu 1 u mmanifatturat mill-kumpaniji elenkati hawn taħt, għandhom ikunu kif ġej:

| Pajjiż | Kumpanija | Dazju anti-dumping provviżorju | Kodiċi addizzjonali TARIC |
|---|---|---|---|
| Il-Marokk | HANDS 8 S.A. | 8,0 % | C873 |
| | Il-kumpaniji l-oħrajn kollha | 16,5 % | C999 |

([22]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tat-23 ta' Lulju 1987 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni (ĠU L 256, 7.9.1987, p. 1).

3. L-applikazzjoni tar-rati tad-dazju individwali speċifikata għall-kumpanija msemmija fil-paragrafu 2 għandha ssir bil-kundizzjoni li tiġi ppreżentata fattura kummerċjali valida lill-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri, li fuqha għandha tidher dikjarazzjoni datata u ffirmata minn uffiċjal tal-entità li toħroġ tali fattura, identifikat b'ismu u l-kariga tiegħu, abbozzata kif ġej: *"Jien, is-sottoskritt, niċċertifika li l-(volum) tal-(prodott ikkonċernat) mibjugħ sabiex jiġi esportat lejn l-Unjoni Ewropea kopert minn din il-fattura ġie mmanifatturat minn (l-isem u l-indirizz tal-kumpanija) (il-kodiċi addizzjonali TARIC) fil-Marokk. Jiena niddikjara li l-informazzjoni mogħtija f'din il-fattura hija sħiħa u korretta."* Jekk ma tiġix ippreżentata fattura bħal din, għandu japplika d-dazju applikabbli għall-kumpaniji l-oħrajn kollha.

4. Ir-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera fl-Unjoni tal-prodott imsemmi fil-paragrafu 1 għandu jkun soġġett għall-għoti ta' depożitu ta' garanzija ekwivalenti għall-ammont tad-dazju provviżorju.

5. Fejn tiġi ppreżentata dikjarazzjoni għar-rilaxx għal ċirkolazzjoni libera fir-rigward tal-prodott imsemmi fil-paragrafu 1, in-numru ta' oġġetti tal-prodotti importati għandu jiddaħħal fil-parti rilevanti ta' dik id-dikjarazzjoni, mingħajr preġudizzju għall-unità supplimentari definita fin-Nomenklatura Magħquda.

6. Sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor, għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet fis-seħħ dwar id-dazji doganali.

*Artikolu 2*

1. Il-partijiet interessati għandhom jippreżentaw il-kummenti tagħhom dwar dan ir-regolament bil-miktub lill-Kummissjoni fi żmien 15-il jum kalendarju mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

2. Il-partijiet interessati li jixtiequ jitolbu seduta ta' smigħ mal-Kummissjoni għandhom jagħmlu dan fi żmien 5 ijiem kalendarji mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

3. Il-partijiet interessati li jkunu jixtiequ jitolbu seduta ta' smigħ mal-Uffiċjal tas-Smigħ fil-proċedimenti kummerċjali għandhom jagħmlu dan fi żmien 5 ijiem kalendarji mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament. L-Uffiċjal tas-Smigħ għandu jeżamina t-talbiet li jiġu ppreżentati wara din l-iskadenza u jista' jiddeċiedi jekk jaċċettax dawn it-talbiet jekk ikun xieraq.

*Artikolu 3*

1. L-awtoritajiet doganali huma b'dan ordnati li ma jkomplux jirreġistraw l-importazzjonijiet stabbiliti f'konformità mal-Artikolu 1 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/934.

2. Id-*data* miġbura fir-rigward ta' prodotti li daħlu fl-UE għall-konsum mhux aktar minn 90 jum qabel id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-regolament għandha tinżamm sad-dħul fis-seħħ ta' miżuri definittivi possibbli, jew sakemm jintemm dan il-proċediment.

*Artikolu 4*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

L-Artikolu 1 għandu japplika għal perjodu ta' sitt xhur.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-14 ta' Lulju 2022.

*Għall-Kummissjoni*
*Il-President*
Ursula VON DER LEYEN

# DEĊIŻJONIJIET

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2022/1222

**tat-12 ta' Lulju 2022**

**dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fl-Assemblea tal-Unjoni Speċjali ta' Liżbona**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 207, flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) L-Unjoni Ewropea ('l-Unjoni') hija Parti Kontraenti tal-Att ta' Ġinevra tal-Ftehim ta' Liżbona dwar id-Denominazzjonijiet ta' Oriġini u l-Indikazzjonijiet Ġeografiċi ([1]) (l-"Att ta' Ġinevra"), li daħal fis-seħħ fis-26 ta' Frar 2020. Skont l-Artikolu 21 tal-Att ta' Ġinevra, il-Partijiet Kontraenti tiegħu huma membri tal-Unjoni Speċjali ('l-Unjoni ta' Liżbona') maħluqa bil-Ftehim ta' Liżbona għall-Protezzjoni tad-Denominazzjonijiet tal-Oriġini u r-Reġistrazzjoni Internazzjonali tagħhom. Skont l-Artikolu 22(2)(a)(iii) tal-Att ta' Ġinevra, l-Assemblea tal-Unjoni ta' Liżbona għanda temenda r-Regolamenti skont l-Att ta' Ġinevra.

(2) Id-dħul fis-seħħ tal-Att ta' Ġinevra kixef il-ħtieġa li jiġu kkunsidrati emendi għar-Regolamenti Komuni skont il-Ftehim ta' Liżbona u l-Att ta' Ġinevra ('ir-Regolamenti Komuni') sabiex jiġu simplifikati u razzjonalizzati l-proċeduri skont is-Sistema ta' Liżbona għar-Reġistrazzjoni Internazzjonali tad-Denominazzjonijiet ta' Oriġini u l-Indikazzjonijiet Ġeografiċi (is-'Sistema ta' Liżbona'), inkluż bil-għan li tingħata aktar ċarezza lill-utenti tas-Sistema ta' Liżbona.

(3) Waqt l-Assemblej Ġenerali tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Proprjetà Intellettwali (WIPO) mill-14 sat-22 ta' Lulju 2022, l-Assemblea tal-Unjoni ta' Liżbona ser tiġi mistiedna tadotta emendi għar-Regolamenti Komuni.

(4) Fir-raba' sessjoni tiegħu, li saret f'Ġinevra mill-14 sas-16 ta' Ġunju 2022, il-Grupp ta' Ħidma dwar l-Iżvilupp tas-Sistema ta' Liżbona (il-"Grupp ta' Ħidma ta' Liżbona") irrakkomanda lill-Assemblea tal-Unjoni ta' Liżbona l-adozzjoni ta' diversi emendi għar-Regolamenti Komuni, kif proposti mis-Segretarjat tad-WIPO u modifikati mill-Grupp ta' Ħidma ta' Liżbona.

(5) Emenda proposta għar-Regola 7(4)(a) tar-Regolamenti Komuni tiżgura li l-modifiki li jikkonċernaw ir-Regola 5(2) biss għandhom ikunu soġġetti għall-ħlas tat-tariffa speċifikata fir-Regola 8(1)(ii) fir-rigward tat-trasferiment ta' denominazzjoni ta' oriġini mill-Ftehim ta' Liżbona għall-Att ta' Ġinevra. Dak l-adattament jiffaċilita l-adeżjoni tal-Istati li huma parti għall-Ftehim ta' Liżbona għall-Att ta' Ġinevra.

(6) Emenda proposta għar-Regola 8(1)(ii) tar-Regolamenti Komuni tillimita t-tariffi għal diversi modifiki mressqa fl-istess talba għal CHF 800. Dak jagħmel is-Sistema ta' Liżbona aktar attraenti, filwaqt li jippreserva s-sostenibbiltà finanzjarja tagħha.

(7) Emenda proposta għar-Regola 9(1)(c) tar-Regolamenti Komuni tiċċara li l-prinċipju ġenerali stabbilit fihom japplika għar-rifjuti kollha li jingħataw f'konformità mar-Regola 9(1)(b), li jenħtieġ li tinqara flimkien mar-Regola 9(1)(c).

([1]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/1754 tas-7 ta' Ottubru 2019 dwar l-adeżjoni tal-Unjoni Ewropea mal-Att ta' Ġinevra tal-Ftehim ta' Liżbona dwar id-Denominazzjonijiet ta' Oriġini u l-Indikazzjonijiet Ġeografiċi (ĠU L 271, 24.10.2019, p. 12).

(8) L-emendi proposti għar-Regola 15(1)(i) u (ii) tar-Regolamenti Komuni jissimplifikaw il-proċedura li tikkonċerna t-talba għad-dħul ta' modifika ppreżentata lill-Uffiċċju Internazzjonali tal-WIPO.

(9) It-tħassir propost tar-Regola 15(1)(vi) u l-emenda proposta għar-Regola 16(2) tar-Regolamenti Komuni jiżguraw li, f'każ ta' rtirar ta' rinunzja marbuta mar-Regola 6(1)(d), li tikkonċerna irregolarità fir-rigward ta' rekwiżit ibbażat fuq notifika magħmula skont r-Regola 5(3) jew (4), jew fuq dikjarazzjoni magħmula skont l-Artikolu 7(4) tal-Att ta' Ġinevra, il-ħlas tat-tariffa għal modifika ma jibqax meħtieġ. Fil-każ ta' rinunzja skont ir-Regola 6(1)(d), l-irtirar tar-rinunzja ser ikun soġġett għall-korrezzjoni tal-irregolarità.

(10) L-emendi proposti għar-Regolamenti Komuni jenħtieġ li jidħlu fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2023, u jenħtieġ li jissimplifikaw u jirrazzjonalizzaw il-proċeduri skont is-Sistema ta' Liżbona u jipprovdu aktar ċarezza lill-utenti tagħha, li huwa fl-interess tal-utenti, tal-benefiċjarji u tal-partijiet interessati tas-sistema ta' Liżbona fl-Unjoni.

(11) Għaldaqstant, jenħtieġ li l-Unjoni tappoġġa l-adozzjoni ta' dawk l-emendi.

(12) Barra minn hekk, filwaqt li ħa nota tal-pożizzjonijiet espressi mid-delegazzjonijiet fir-raba' sessjoni tal-Grupp ta' Ħidma ta' Liżbona fir-rigward tar-Regola 5(4) tar-Regolamenti Komuni, u bħala parti mill-konklużjonijiet tal-laqgħa tal-Grupp ta' Ħidma, il-Presidenza stiednet lid-delegazzjoni tal-Unjoni tippreżenta proposta bil-miktub fi żmien debitu għal konsiderazzjoni ulterjuri fis-sessjoni li jmiss tal-Grupp ta' Ħidma.

(13) Jixraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fl-Assemblea tal-Unjoni ta' Liżbona,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-laqgħa tal-Assemblea tal-Unjoni ta' Liżbona fil-qafas tal-Assemblej Ġenerali tad-WIPO mill-14 sat-22 ta' Lulju 2022 għandha tkun ta' appoġġ tal-adozzjoni ta' emendi għar-Regolamenti Komuni kif jinsabu fit-taqsima 1 tal-Anness għal din id-Deċiżjoni.

Ir-rappreżentanti tal-Unjoni jistgħu jaqblu wkoll dwar modifiki għall-emendi proposti, dment li dawn ma jibdlux is-sustanza b'mod sinifikanti.

Bi tħejjija għas-sessjoni li jmiss tal-Grupp ta' Ħidma ta' Liżbona, l-Unjoni għandha tippreżenta proposta bil-miktub lis-Segretarjat tad-WIPO li tissuġġerixxi emendi għar-Regola 5 tar-Regolamenti Komuni, kif tinsab fit-taqsima 2 tal-Anness għal din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, it-12 ta' Lulju 2022.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

Z. STANJURA

*ANNESS*

**Taqsima 1:**

EMENDI PROPOSTI għar-Regolamenti Komuni skont il-Ftehim ta' Liżbona għall-Protezzjoni tad-Denominazzjonijiet ta' Oriġini u r-Reġistrazzjoni Internazzjonali tagħhom u għall-Att ta' Ġinevra tal-Ftehim ta' Liżbona dwar id-Denominazzjonijiet ta' Oriġini u l-Indikazzjonijiet Ġeografiċi

kif irrakkomandati mill-Grupp ta' Ħidma tad-WIPO dwar l-Iżvilupp tas-Sistema ta' Liżbona għall-adozzjoni mill-Unjoni ta' Liżbona fil-qafas tal-Assemblej Ġenerali tad-WIPO 2022:

Fl-intestatura, "kif huma fis-seħħ fit-8 ta' Diċembru 2021" huwa ssostitwit bi "kif huma fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2023".

**Kapitolu II**

**Applikazzjoni u Reġistrazzjoni Internazzjonali**

**Regola 7**

Dħul fir-Reġistru Internazzjonali

*Implimentazzjoni tal-Artikoli 29(4) u 31(1) tal-Att ta' Ġinevra*

Fir-Regola 7(4), is-subparagrafu (a) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(a) Jekk Stat li jkun parti għall-Att tal-1967 jirratifika l-Att ta' Ġinevra, jew jaderixxi miegħu, għandhom japplikaw ir-Regoli 5(2) sa (4) *mutatis mutandis* fir-rigward ta' reġistrazzjonijiet internazzjonali jew denominazzjonijiet ta' oriġini effettivi skont l-Att tal-1967 fir-rigward ta' dak l-Istat. Il-Bureau Internazzjonali għandu jivverifika mal-Awtorità Kompetenti kkonċernata kwalunkwe modifika li trid issir, fid-dawl tar-rekwiżiti tar-Regoli 3(1) u 5(2) sa (4), għall-fini tar-reġistrazzjoni tagħhom skont l-Att ta' Ġinevra, u għandu jinnotifika lill-Partijiet Kontraenti l-oħra kollha li huma parti għall-Att ta' Ġinevra bir-reġistrazzjonijiet internazzjonali li jkunu saru. Il-modifiki li jikkonċernaw ir-Regola 5(2) għandhom ikunu soġġetti għall-ħlas tat-tariffa speċifikata fir-Regola 8(1)(ii).".

**Regola 8**

Tariffi

*Ammont tat-tariffi*

Fir-Regola 8(1), il-punt (ii) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(ii) tariffa għal modifika waħda ta' reġistrazzjoni internazzjonali[3] - 500

tariffa komplementari għal modifika/i addizzjonali ppreżentata/i fl-istess talba 300"

In-nota 3 f'qiegħ il-paġna hija sostitwita b'dan li ġej:

"[3] Għal reġistrazzjoni internazzjonali li tirreferi għal żona ġeografika li tinsab f'pajjiż l-anqas żviluppat (LDC), f'konformità mal-listi stabbiliti min-Nazzjonijiet Uniti, it-tariffa titnaqqas għal 50 fil-mija tal-ammont preskritt (ittondjat għall-eqreb ċifra sħiħa). F'każ bħal dan, it-tariffa tammonta għal 500 frank Żvizzeru għal reġistrazzjoni internazzjonali li tirreferi għal żona ġeografika ta' oriġini li tinsab f'LDC, għal 250 frank Żvizzeru għal modifika waħda ta' reġistrazzjoni internazzjonali li tirreferi għal żona ġeografika ta' oriġini li tinsab f'LDC, u għal 150 frank Żvizzeru għal tariffa komplementari għal modifika/i addizzjonali ppreżentata/i fl-istess talba. Dan it-tnaqqis fit-tariffi ser japplika tliet snin wara d-dħul fis-seħħ tal-Att ta' Ġinevra.".

## Kapitolu III

## Rifjut u Azzjonijiet Oħra fir-Rigward tar-Reġistrazzjoni Internazzjonali

### Regola 9

Rifjut

*Notifika lill-Bureau Internazzjonali*

Fir-Regola 9(1), is-subparagrafu (c) huwa ssostitwit b'dan li ġej:

"(c) Sakemm l-Awtorità Kompetenti msemmija fis-subparagrafu (a) ma turix il-kuntrarju, in-notifika ta' reġistrazzjoni internazzjonali msemmija fis-subparagrafu (b) għandha titqies li tkun waslet għand l-Awtorità Kompetenti 20 jum wara d-data indikata fin-notifika.".

### Regola 15

Modifiki

*Modifiki Permissibbli*

Ir-Regola 15(1) hija emendata kif ġej:

1. Il-punt (i) huwa sostitwit b'dan li ġej:

   "(i) modifika tal-benefiċjarji li tikkonsisti miż-żieda jew mit-tħassir ta' benefiċjarju wieħed jew iżjed, jew modifika tal-ismijiet jew tal-indirizzi tal-benefiċjarji jew tal-persuna fiżika jew tal-entità ġuridika msemmija fl-Artikolu 5(2)(ii) tal-Att ta' Ġinevra";

2. Jitħassar il-punt (ii).

3. Jitħassar il-punt (vi).

### Regola 16

Rinunzja tal-Protezzjoni

*L-irtirar ta' Rinunzja*

Ir-Regola 16(2) hija emendata kif ġej:

Is-subparagrafu (a) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(a) L-Awtorità Kompetenti tal-Parti Kontraenti tal-Oriġini jew, fil-każ tal-Artikolu 5(3) tal-Att ta' Ġinevra, il-benefiċjarji jew il-persuna fiżika jew l-entità ġuridika msemmija fl-Artikolu 5(2)(ii) ta' dak l-Att jew l-Awtorità Kompetenti tal-Parti Kontraenti tal-Oriġini, tista' tirtira kwalunkwe rinunzja, inkluż rinunzja skont ir-Regola 6(1)(d), kollha kemm hi jew parti minnha, fi kwalunkwe ħin, soġġett għall-korrezzjoni tal-irregolarità fil-każ ta' rinunzja skont ir-Regola 6(1)(d)."

### Taqsima 2:

Linja gwida li għandha tittieħed fil-proposta bil-miktub li tissuġġerixxi emendi għar-Regola 5 tar-Regolamenti Komuni:

## Kapitolu II

## Applikazzjoni u Reġistrazzjoni Internazzjonali

### Regola 5

Ir-Rekwiżiti li jikkonċernaw l-Applikazzjoni

Fir-Regola 5, jitħassar il-paragrafu (4).

Ġustifikazzjoni:

It-tħassir propost tar-Regola 5(4) tar-Regolamenti Komuni (Applikazzjoni Regolata mill-Att ta' Ġinevra – Firma u/jew Intenzjoni għall-Użu) huwa ġġustifikat peress li r-rekwiżit tal-firma huwa diġà ssodisfat u vverifikat fiż-żmien tal-applikazzjoni inizjali għar-reġistrazzjoni. Ir-rekwiżiti biex tiġi ddikjarata l-intenzjoni li tintuża u li jiġi eżerċitat kontroll fuq l-użu jiksru l-elementi kostitwenti tad-denominazzjonijiet ta' oriġini jew tal-indikazzjonijiet ġeografiċi. Id-denominazzjonijiet ta' oriġini u l-Indikazzjonijiet ġeografiċi huma protetti kontra kwalunkwe użu li jikser l-ispeċifikazzjonijiet rikonoxxuti, anki jekk il-prodotti kkonċernati ma jiġux kummerċjalizzati fil-pajjiż fejn jinqabad l-użu frawdolenti. Barra minn hekk, ir-reġistrazzjoni internazzjonali tagħhom neċessarjament tippresupponi l-kontroll tal-użu tagħhom fil-Parti Kontraenti li minnha joriġinaw.

# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2022/1223

## tat-12 ta' Lulju 2022

## dwar l-allokazzjoni ta' fondi diżimpenjati minn proġetti taħt l-10 u l-11-il Fond Ewropew għall-Iżvilupp bil-għan li jiġu ffinanzjati azzjonijiet li jindirizzaw il-kriżi tas-sigurtà tal-ikel u x-xokk ekonomiku fil-pajjiżi Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku (AKP) wara l-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-Ftehim Intern bejn ir-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri, imlaqqgħin fil-Kunsill, dwar il-finanzjament tal-għajnuna Komunitarja taħt il-qafas finanzjarju pluriennali għall-perjodu 2008 sal-2013 f'konformità mal-Ftehim ta' Sħubija AKP-KE u dwar l-allokazzjoni ta' assistenza finanzjarja għall-Pajjiżi u Territorji Ekstra-Ewropej li għalihom tapplika l-Parti Erbgħa tat-Trattat tal-KE ([1]) (il-Ftehim Intern dwar l-10 FEŻ), u b'mod partikolari l-Artikolu 1(5) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Ftehim Intern bejn ir-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea, imlaqqgħin fi ħdan il-Kunsill, dwar il-finanzjament tal-għajnuna mill-Unjoni Ewropea taħt il-qafas finanzjarju pluriennali għall-perjodu mill-2014 sal-2020, f'konformità mal-Ftehim ta' Sħubija AKP-UE, u dwar l-allokazzjoni ta' assistenza finanzjarja għall-Pajjiżi u t-Territorji Ekstra-Ewropej li għalihom tapplika l-Parti Erbgħa tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea ([2]) (il-Ftehim Intern dwar il-11-il FEŻ), u b'mod partikolari l-Artikolu 1(4) u (5) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Wara l-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, is-sitwazzjoni tas-sigurtà tal-ikel fid-dinja qed tiddeterjora malajr, u ħafna mill-pajjiżi affettwati huma pajjiżi l-anqas żviluppati jew pajjiżi b'introjtu baxx u b'defiċit alimentari.

(2) EUR 3 biljun huma diġà pprogrammati skont il-pilastru ġeografiku tal-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali - Ewropa Globali stabbilit bir-Regolament (UE) 2021/947 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]). Minn dak l-ammont, EUR 2,3 biljun ġew ipprogrammati fil-pajjiżi Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku (AKP) biex jiffinanzjaw l-azzjonijiet tal-agrikoltura, in-nutrizzjoni, l-ilma u s-sanità bejn l-2021 u l-2024. Minħabba l-firxa tal-ħtiġijiet u l-konsegwenzi mistennija, jenħtieġ li jiġu mobilizzati mezzi addizzjonali biex jappoġġaw il-pajjiżi sħab l-aktar milquta.

(3) L-Unjoni hija qrib l-implimentazzjoni sħiħa tal-baġit inizjali tal-Għajnuna Umanitarja għas-sigurtà tal-ikel u l-ħtiġijiet relatati fil-pajjiżi tal-AKP identifikati qabel il-bidu tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja fl-Ukrajna. Minħabba s-sitwazzjoni eċċezzjonalment mwiegħra tas-sigurtà tal-ikel fil-pajjiżi AKP, dawk il-fondi jeħtieġ li jiġu kkumplimentati b'riżorsi xierqa biex jirrispondu għall-aggravar ulterjuri tal-ħtiġijiet umanitarji u biex tiġi żgurata l-kontinwità tal-kooperazzjoni minn kriżi għal kundizzjonijiet stabbli għall-iżvilupp.

(4) Il-Kunsill Ewropew, fil-Konklużjonijiet tiegħu tal-24 u l-25 ta' Marzu 2022, stieden lill-Kummissjoni biex tagħti prijorità lill-ħidma dwar is-sigurtà u l-affordabbiltà globali tal-ikel, b'mod partikolari billi tappoġġa s-sigurtà tal-ikel u l-agrikoltura fl-Ukrajna u l-pajjiżi terzi l-aktar vulnerabbli u esposti.

([1]) ĠU L 247, 9.9.2006, p. 32.
([2]) ĠU L 210, 6.8.2013, p. 1.
([3]) Ir-Regolament (UE) 2021/947 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Ġunju 2021 li jistabbilixxi l-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali — Ewropa Globali, li jemenda u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 466/2014/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar ir-Regolament (UE) 2017/1601 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 480/2009 (ĠU L 209, 14.6.2021, p. 1).

(5) Fil-Konklużjonijiet tiegħu tat-30 u l-31 ta’ Mejju 2022, il-Kunsill Ewropew stieden lill-Kummissjoni biex tesplora l-possibbiltà li jiġu mobilizzati riżervi mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp (FEŻ) biex jiġu appoġġati l-pajjiżi sħab l-aktar milquta.

(6) Il-Kunsill, fil-Konklużjonijiet tiegħu tal-20 ta’ Ġunju 2022, appoġġa r-rispons ta’ Tim Ewropa għall-insigurtà globali tal-ikel u appella lill-Kummissjoni, lis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE) u lill-Istati Membri biex jagħtu prijorità lill-appoġġ finanzjarju tagħhom biex jindirizzaw is-sigurtà globali tal-ikel inkluż il-ħtiġijiet umanitarji immedjati, li jinkludu assistenza finanzjarja u teknika għall-pajjiżi li jimportaw l-ikel fejn meħtieġ, kif ukoll sistemi tal-ikel sostenibbli fuq perjodu medju u fit-tul u produzzjoni lokali mtejba għal reżiljenza aħjar, filwaqt li jiġu esplorati s-sorsi kollha ta’ finanzjament disponibbli, inkluż il-mobilizzazzjoni ta’ riżervi mill-FEŻ.

(7) Barra minn hekk, il-Kunsill enfasizza l-importanza li l-Unjoni turi solidarjetà qawwija permezz ta’ rispons rapidu u komprensiv ibbażat fuq multilateraliżmu effettiv, li jibni fuq il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-23 ta’ Marzu 2022 dwar “Is-salvagwardja tas-sigurtà tal-ikel u t-tisħiħ tar-reżiljenza tas-sistemi tal-ikel” u li jibni fuq it-tliet pilastri — il-kummerċ, is-solidarjetà u l-produzzjoni — tal-Missjoni ta’ Reżiljenza Alimentari u Agrikola (FARM), kif milqugħa mill-Kunsill Ewropew u f’allinjament sħiħ mal-Grupp tan-Nazzjonijiet Uniti ta’ Rispons għall-Kriżijiet Globali (GCRG) u inizjattivi internazzjonali rilevanti oħra, b’mod partikolari l-Alleanza Globali għas-Sigurtà tal-Ikel mibdija mill-G7.

(8) Minħabba l-impatt sinifikanti f’diversi pajjiżi tal-AKP, jenħtieġ li l-mobilizzazzjoni eċċezzjonali ta’ fondi diżimpenjati minn proġetti taħt l-10 u l-11-il FEŻ tippermetti lill-Unjoni u lill-Istati Membri tagħha jżidu r-rispons tagħhom għall-kriżi, b’attenzjoni partikolari għall-pajjiżi tal-AKP l-aktar vulnerabbli u esposti.

(9) Jenħtieġ li dawk il-fondi jiffinanzjaw azzjonijiet bil-ħsieb li jipprovdu appoġġ għall-produzzjoni tal-ikel u r-reżiljenza tas-sistemi tal-ikel, l-assistenza umanitarja, u l-appoġġ makroekonomiku biex tkun żgurata l-istabbiltà makroekonomika, jgħinu biex jerġa’ jinkiseb l-ispazju fiskali u jiżdiedu r-riżervi internazzjonali, b’mod partikolari permezz ta’ korpi multilaterali. Jenħtieġ li l-fondi jinkludu n-nefqa ta’ appoġġ imsemmija fl-Artikolu 6 tal-Ftehim Intern dwar il-11-il FEŻ.

(10) Skont l-Artikolu 153 tal-Ftehim dwar il-Ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta’ Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika ([4]), is-sehem tar-Renju Unit ta’ dawk il-fondi mhux ser jerġa’ jintuża.

(11) Peress li l-Artikolu 14(3) tal-Ftehim Intern dwar il-11-il FEŻ jipprevedi li dan il-Ftehim għandu jibqa’ fis-seħħ sakemm ikun meħtieġ biex l-operazzjonijiet kollha ffinanzjati taħt il-Ftehim ta’ Sħubija AKP-UE jiġu eżegwiti bis-sħiħ, dan huwa interpretat fis-sens li jinkludi l-mobilizzazzjoni eċċezzjonali attwali ta’ fondi diżimpenjati mill-10 u l-11-il FE Ż bil-għan li jiġu ffinanzjati azzjonijiet li jindirizzaw il-kriżi tas-sigurtà tal-ikel u x-xokk ekonomiku fil-pajjiżi tal-AKP wara l-gwerra ta’ aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna.

(12) Jenħtieġ li l-fondi jintużaw f’konformità mar-regoli u l-proċeduri applikabbli għall-11-il FEŻ, kif stabbilit fir-Regolamenti tal-Kunsill (UE) 2015/322 ([5]) u (UE) 2018/1877 ([6]).

(13) Il-fondi tal-10 FEŻ użati mill-ġdid, li qabel ma kinux impenjati skont l-Artikolu 1(3) tal-Ftehim Intern dwar il-11-il FEŻ jew diżimpenjati skont l-Artikolu 1(4) ta’ dak il-Ftehim, għandhom jibqgħu riżorsa tal-10 FEŻ skont il-punt (a) tal-Artikolu 1(2) tal-Ftehim Intern dwar l-10 FEŻ.

(14) Il-fondi tal-11-il FEŻ użati mill-ġdid, li qabel ma kinux impenjati jew kienu diżimpenjati f’konformità mal-Artikolu 24(5) tar-Regolament (UE) 2018/1877, għandhom jibqgħu riżorsa tal-11-il FEŻ skont il-punt (a) tal-Artikolu 1(2) tal-Ftehim Intern dwar il-11-il FEŻ,

([4]) ĠU L 29, 31.1.2020, p. 7.
([5]) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2015/322 tat-2 ta’ Marzu 2015 dwar l-implimentazzjoni tal-11-il Fond Ewropew għall-Iżvilupp (ĠU L 58, 3.3.2015 p. 1).
([6]) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2018/1877 tas-26 ta’ Novembru 2018 dwar ir-regolament finanzjarju applikabbli għall-11-il Fond Ewropew għall-Iżvilupp, u li jħassar ir-Regolament (UE) 2015/323 (ĠU L 307, 3.12.2018, p. 1).

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

1. Ammont sa massimu ta’ EUR 600 000 000 mill-fondi diżimpenjati minn proġetti taħt l-10 u l-11-il FEŻ għandu jiġi allokat b’mod eċċezzjonali bil-għan li jiġu ffinanzjati azzjonijiet li jindirizzaw il-kriżi tas-sigurtà tal-ikel u x-xokk ekonomiku fil-pajjiżi tal-AKP wara l-gwerra ta’ aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna.

2. Il-fondi msemmija fil-paragrafu 1 jenħtieġ li jiffinanzjaw azzjonijiet bil-għan li jipprovdu appoġġ kif ġej:

— sa EUR 350 000 000 għall-produzzjoni tal-ikel u r-reżiljenza tas-sistemi tal-ikel,

— sa EUR 150 000 000 għall-assistenza umanitarja, u

— sa EUR 100 000 000 għall-appoġġ makroekonomiku.

3. Mill-ammont imsemmi fil-paragrafu 1, sa EUR 488 000 000 għandhom jiġu allokati mill-10 FEŻ u sa EUR 112 000 000 għandhom jiġu allokati mill-11-il FEŻ. Minn dawk il-fondi, sa massimu ta’ EUR 18 000 000 għandhom jiġu allokati għan-nefqa ta’ appoġġ imġarrba mill-Kummissjoni.

4. Il-fondi msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jintużaw għal impenji finanzjarji f’konformità mar-regoli u l-proċeduri applikabbli għall-11-il FEŻ, kif stabbilit fir-Regolamenti (UE) 2015/322 u (UE) 2018/1877.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, it-12 ta’ Lulju 2022.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

Z. STANJURA

# DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT POLITIKU U TA’ SIGURTÀ (PESK) 2022/1224

## tat-13 ta’ Lulju 2022

## dwar il-ħatra tal-Kmandant tal-Forza tal-UE għall-operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea bil-ħsieb ta’ kontribut għad-deterrenza, il-prevenzjoni u t-trażżin tal-atti ta’ piraterija u ta’ serq bl-użu tal-armi ’l barra mix-xtut tas-Somalja (Atalanta), u li tħassar id-Deċiżjoni (PESK) 2022/1179 (ATALANTA/5/2022)

IL-KUMITAT POLITIKU U TA’ SIGURTÀ,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b’mod partikolari l-Artikolu 38 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Azzjoni Konġunta tal-Kunsill 2008/851/PESK tal-10 ta’ Novembru 2008 dwar l-operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea bil-ħsieb ta’ kontribut għad-deterrenza, il-prevenzjoni u t-trażżin tal-atti ta’ piraterija u ta’ serq bl-użu tal-armi ’l barra mix-xtut tas-Somalja ([1]), u b’mod partikolari l-Artikolu 6(1) tagħha,

Billi:

(1) Skont l-Artikolu 6(1) tal-Azzjoni Konġunta 2008/851/PESK, il-Kunsill awtorizza lill-Kumitat Politiku u ta’ Sigurtà (KPS) sabiex jieħu d-deċiżjonijiet rilevanti dwar il-ħatra tal-Kmandant tal-Forza tal-UE għall-operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea bil-ħsieb ta’ kontribut għad-deterrenza, il-prevenzjoni u t-trażżin tal-atti ta’ piraterija u ta’ serq bl-użu tal-armi ’l barra mix-xtut tas-Somalja (Atalanta) (il-’Kmandant tal-Forza tal-UE’).

(2) Fis-7 ta’ Lulju 2022, il-KPS adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2022/1179 ([2]), li taħtar lill-Kontrammirall Riccardo MARCHIÓ bħala l-Kmandant tal-Forza tal-UE.

(3) Fit-2 ta’ Ġunju 2022, il-Kmandant tal-Operazzjoni tal-UE rrakkomanda l-ħatra tal-Kaptan (Forza Navali) Rui Miguel Marcelo CORREIA bħala l-Kmandant tal-Forza tal-UE l-ġdid mill-4 ta’ Awwissu 2022. L-awtoritajiet Portugiżi indikaw li l-Kaptan (Forza Navali) Rui Miguel Marcelo CORREIA ser jiġi promoss għal Komodor mal-ħatra tiegħu bħala Kmandant tal-Forza tal-UE.

(4) Fid-9 ta’ Ġunju 2022, il-Kumitat Militari tal-UE qabel ma’ dik ir-rakkomandazzjoni.

(5) Għaldaqstant, jenħtieġ li d-Deċiżjoni (PESK) 2022/1179 titħassar,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-Komodor Rui Miguel Marcelo CORREIA huwa b’dan maħtur Kmandant tal-Forza tal-UE għall-operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea bil-ħsieb ta’ kontribut għad-deterrenza, il-prevenzjoni u t-trażżin tal-atti ta’ piraterija u ta’ serq bl-użu tal-armi ’l barra mix-xtut tas-Somalja (Atalanta) mill-4 ta’ Awwissu 2022.

*Artikolu 2*

Id-Deċiżjoni (PESK) 2022/1179 hija b’dan imħassra.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-4 ta’ Awwissu 2022.

([1]) ĠU L 301, 12.11.2008, p. 33.
([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kumitat Politiku u ta’ Sigurtà (PESK) 2022/1179 tas-7 ta’ Lulju 2022 dwar il-ħatra tal-Kmandant tal-Forza tal-UE għall-operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea bil-ħsieb ta’ kontribut għad-deterrenza, il-prevenzjoni u t-trażżin tal-atti ta’ piraterija u ta’ serq bl-użu tal-armi ’l barra mix-xtut tas-Somalja (Atalanta) u li tħassar id-Deċiżjoni (PESK) 2022/217 (ATALANTA/4/2022) (ĠU L 183, 8.7.2022, p. 83).

Magħmul fi Brussell, it-13 ta' Lulju 2022.

*Għall-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà*
*Il-President*
D. PRONK

## RETTIFIKA

**Rettifika tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/913 tat-30 ta' Mejju 2022 li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1793 dwar iż-żieda temporanja fil-kontrolli uffiċjali u miżuri ta' emerġenza li jirregolaw id-dħul fl-Unjoni ta' ċerti oġġetti minn ċerti pajjiżi terzi, u li jimplimenta r-Regolamenti (UE) 2017/625 u (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kummissjoni**

*(Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea L 158 tat-13 ta' Ġunju 2022)*

F'paġna 13, l-Anness, Anness I għar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1793, it-tabella, l-entrata 18 tinbidel kif ġej:

F'paġna 18, l-Anness, Anness II għar-Regolament ta' Implementazzjoni (UE) 2019/1793, it-tabella, l-entrata 6 tinbidel kif ġej:

F'paġna 19, l-Anness, Anness II għar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1793, it-tabella, l-entrata 10 tinbidel kif ġej:

F'paġna 22, l-Anness, Anness II għar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1793, it-tabella, l-entrata 13 tinbidel kif ġej:

F'paġna 25, l-Anness, Anness II għar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1793, it-tabella, l-entrata 19 tinbidel kif ġej:

ISSN 1977-074X (edizzjoni elettronika)
ISSN 1725-5104 (edizzjoni stampata)

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet
tal-Unjoni Ewropea
L-2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT